ISSN 1830-1932

CVRIA

# CVRIA

Il-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

# Rapport annwali 2008

Il-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

# RAPPORT ANNWALI 2008

Ħarsa lejn ix-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej,
tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej
u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea

Il-Lussemburgu 2009

www.curia.europa.eu

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej
L-2925 Il-Lussemburgu
Telefon +352 4303-1

Il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej
L-2925 Il-Lussemburgu
Telefon +352 4303-1

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea
L-2925 Il-Lussemburgu
Telefon +352 4303-1

Il-Qorti fuq l-Internet: http://www.curia.europa.eu

Ir-Rapport Annwali huwa wkoll disponibbli fuq CD-ROM
mid-Dipartiment Stampa u Informazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja
Telefon +352 4303-2035

Data meta tlesta: 31 ta' Diċembru 2008

Riproduzzjoni awtorizzata sakemm jiġi indikat is-sors. Ir-ritratti jistgħu jiġu riprodotti biss fil-kuntest ta' din il-pubblikazzjoni. Għal kull użu ieħor, għandha tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Iktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet
fl-indirizz http://europa.eu

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2009

ISBN 978-92-829-0903-4

doi: 10.2862/33482

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2009

*Stampat fil-Lussemburgu*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA MINGĦAJR KLORU

# Werrej

Paġna

Daħla President tal-Qorti tal-Ġustizzja,
Vassilios Skouris ..... 5

**Kapitolu I**

*Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej*

A – Żvilupp u attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2008 ..... 9

B – Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 57

1. Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 59

2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2008 ..... 73

3. Ordnijiet Protokollari ..... 75

4. Membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 77

C – Statistika tal-Attività Ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja ..... 81

**Kapitolu II**

*Il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej*

A – Attività tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-2008 ..... 113

B – Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza ..... 157

1. Membri tal-Qorti tal-Prim'Istanza ..... 159

2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-2008 ..... 169

3. Ordnijiet protokollari ..... 171

4. Membri preċedenti tal-Qorti tal-Prim'Istanza ..... 173

C – Statistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Prim'Istanza ..... 175

## Kapitolu III

*It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea*

A – Attività tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2008 ..... 199

B – Kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ..... 211

1. Membri tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ..... 213

2. Ordnijiet protokollari ..... 217

C – Statistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ..... 219

## Kapitolu IV

*Laqgħat u Żjarat*

A – Żjarat uffiċjali u avvenimenti fil-Qorti tal-Ġustizzja, fil-Qorti tal-Prim'Istanza u fit Tribunal għas-Servizz Pubbliku ..... 233

B – Żjarat ta' studju (2008) ..... 237

C – Żjarat jew parteċipazzjoni f'avvenimenti uffiċjali ..... 241

D – Żjarat jew parteċipazzjoni f'avvenimenti uffiċjali ..... 243

*Organigramma tal-Qorti* ..... 250

*Dettalji tal-Qorti tal-Gustizzia* ..... 253

# Daħla

Il-Qorti tal-Ġustizzja qiegħda taqleb il-paġna tas-sena 2008 b'avveniment simboliku: bit-teħid tal-pussess tal-kumpless ta' bini ġdid tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja issa għandha infrastruttura ċentralizzata li tirrifletti t-tkabbir tagħha stess, iż-żieda kontinwa fil-kawżi mressqa quddiemha, l-introduzzjoni ta' proċeduri ġodda u t-tkabbir reċenti tal-Unjoni Ewropea, sitwazzjoni din li hija ideali anki fl-epoka elettronika.

L-importanza storika tal-inawgurazzjoni tal-kumpless ta' bini ġdid tal-Qorti tal-Ġustizzja, avveniment li s-sinjifikat tiegħu kien enfasizzat bil-preżenza ta' personalitajiet importanti, ma għandhiex ittellef mill-importanza tal-avvenimenti l-oħra li seħħew matul is-sena li għaddiet. Daqstant ieħor importanti kienet fil-fatt l-introduzzjoni ta' proċedura ġdida, il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tittratta f'termini qosra ħafna l-ewwel kawżi dwar l-ispazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja li huma suġġetti għal dan it-trattament.

Is-sena 2008 se titniżżel fl-annali tal-istorja bħala sena kkaratterizzata mill-effikaċja u mir-ritmu partikolarment għoli tal-attività ġudizzjarja tal-Istituzzjoni. F'dan ir-rigward wieħed isemmi t-tnaqqis globali fit-tul tal-proċeduri, tnaqqis sinjifikattiv ħafna speċjalment għall-kawżi għal deċiżjoni preliminari. Min-naħa tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza kellha waħda mis-snin l-iktar produttivi tal-istorja tagħha.

Fl-aħħar nett, matul is-sena li għaddiet tressqu 1,332 kawża quddiem it-tliet qrati li jikkomponu l-Qorti tal-Ġustizzja, ċifra li, għat-tieni sena konsekuttiva, hija l-ogħla waħda fl-istorja tal-Istituzzjoni u tikkostitwixxi l-prova taż-żieda kostanti fin-numru tal-kawżi Komunitarji.

Ir-Rapport Annwali jagħti lill-qarrej l-opportunità li jsir jaf dwar l-iżvilupp u dwar l-aspetti essenzjali tal-attività tat-tliet qrati li jikkomponu l-Istituzzjoni: il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Prim'Istanza u t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Statistika ġudizzjarja speċifika għal kull qorti tikkompleta u turi l-analiżi tal-attività ġudizzjarja għas-sena li għaddiet.



V. Skouris
President tal-Qorti tal-Ġustizzja



# Kapitolu I

## Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

# A – Żvilupp u attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2008

Minn Vassilios Skouris, President tal-Qorti tal-Ġustizzja

L-istruttura tar-Rapport Annwali tkompli fuq dik tas-snin preċedenti. L-ewwel parti tagħti deskrizzjoni fil-qosor tal-attivitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej matul is-sena 2008. Hija l-ewwel tagħti ħarsa lejn l-iżvilupp tal-Istituzzjoni matul din is-sena b'enfażi fuq it-tibdiliet istituzzjonali li affettwaw il-Qorti tal-Ġustizzja u l-iżviluppi li jirrigwardaw l-organizzazzjoni interna u l-metodi tax-xogħol tagħha (Taqsima 1). It-tieni nett, hija tinkludi analiżi statistika tal-iżvilupp tal-volum tax-xogħol tal-Istituzzjoni kif ukoll tat-tul medju tal-proċeduri (Taqsima 2). It-tielet nett, bħal kull sena, hija tesponi l-iżviluppi prinċipali fil-ġurisprudenza kklassifikati skont is-suġġett (Taqsima 3).

**1.** Għall-Qorti tal-Ġustizzja, l-iktar avveniment notevoli għas-sena 2008 kien l-inawgurazzjoni tal-Palazz il-ġdid tagħha, li jikkonsolida u jestendi l-bini eżistenti. B'disinn arkitettoniku innovattiv, il-Palazz il-ġdid inbena b'rispett lejn u b'kontinwità mal-istruttura eżistenti tal-Palazz oriġinali. Il-Palazz il-ġdid huwa kompost mill-<u>Palazz l-Antik</u>, li ġie rristrutturat sabiex jilqa' fih l-awli fejn jinżammu s-seduti, mill-<u>Anell</u>, bini ta' żewġ sulari li, minkejja l-forma rettangolari tiegħu, huwa msejjaħ hekk minħabba l-fatt li nbena madwar il-Palazz, u li jilqa' fih l-uffiċċji tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-kollaboraturi diretti tagħhom, minn żewġ <u>Torrijiet</u> maħsuba għad-dipartimenti tat-traduzzjoni, u mill-<u>Gallerija</u>, passaġġ twil imdawwal li, bħal aspett arkitettoniku komuni, jgħaqqad flimkien mhux biss il-bini l-qadim u dak ġdid iżda anki l-attivitajiet differenti tal-Istituzzjoni.

Matul is-seduta solenni tal-inawgurazzjoni tal-Palazz il-Ġdid, li nżammet fl-4 ta' Diċembru 2008 fil-preżenza tal-Altezza Rjali Tagħhom il-Gran Duka u l-Gran Dukessa tal-Lussemburgu, saru diskorsi b'mod partikolari minn Diana Wallis, Viċi President tal-Parlament Ewropew, minn Rachida Dati, Kuratriċi tas-Siġilli u Ministru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Franċiża, minn José Manuel Barroso, President tal-Kummissjoni Ewropea u minn Jean-Claude Juncker, Prim Ministru tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Fir-rigward tat-testi li jirregolaw il-funzjonament istituzzjonali, l-emenda tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Lulju 2008 introduċiet it-Titolu IVa, li d-dispożizzjonijiet tiegħu jistabbilixxu l-proċedura, prevista fl-Artikolu 62 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-eżami mill-ġdid tad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza mogħtija f'appell. L-iktar bidla notevoli introdotta minn dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda (l-Artikoli 123a sa 123e) hija l-ħolqien ta' awla speċjali li l-kompitu tagħha huwa li tiddeċiedi, fuq proposta mill-Avukat Ġenerali Prinċipali, jekk hemmx lok għal eżami mill-ġdid ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Din l-awla hija komposta mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja u minn erba' Presidenti ta' Awla b'ħames Imħallfin.

**2.** L-istatistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sena 2008 turi, minn naħa, tnaqqis sinjifikattiv ħafna fit-tul tal-proċeduri għal deċiżjoni preliminari meta mqabbla mas-snin preċedenti u, min-naħa l-oħra, tendenza kontinwa ta' żieda fin-numru tal-kawżi.

Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet 495 kawża fl-2008 (ċifra netta, inklużi l-kawżi magħquda). Minn dawn il-kawżi, 333 inqatgħu permezz ta' sentenza u 161 permezz ta' digriet. In-numru ta' sentenzi u ta' digrieti mogħtija huwa inqas minn dak tas-sena

preċedenti (379 sentenza u 172 digriet). Madankollu, għandu jiġi rrilevat li n-numru ta' kawżi għal deċiżjoni preliminari maqtugħa fl-2008 (238 kawża bħala ċifra netta, 301 kawża bħala ċifra grossa) huwa ħafna ogħla milli fl-2007 (218 kawża bħala ċifra netta, 235 bħala ċifra grossa).

Tressqu 592 kawża ġdida quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ċifra li taqbeż saħansitra ċ-ċifra tal-2007 li kienet l-iktar ċifra għolja fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja [1]. Madankollu, in-numru ta' kawżi pendenti fl-aħħar tas-sena 2008 ma żdiedx b'mod kunsiderevoli (767 kawża, ċifra grossa) meta mqabbel man-numru fl-aħħar tas-sena 2007 (741 kawża, ċifra grossa).

Barra minn hekk, fl-2008 kien hemm żvilupp kunsiderevoli fir-rigward tat-tul tal-proċeduri. Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda r-rinviji għal deċiżjoni preliminari, dan it-tul, bħala medja, kien ta' 16.8 xhur filwaqt li fl-2007 kien ta' 19.3 xhur u fl-2006 kien ta' 19.8 xhur. Minn analiżi komparattiva jirriżulta li, għall-perijodu kollu li għalih il-Qorti tal-Ġustizzja għandha informazzjoni affidabbli, it-tul medju tal-proċeduri fil-kawżi għal deċiżjoni preliminari laħaq l-iktar livell baxx tiegħu fl-2008. F'dak li jirrigwarda r-rikorsi diretti u l-appelli, it-tul medju tal-proċeduri kien ta' 16.9 xhur u ta' 18.4 xhur rispettivament (18.2 xhur u 17.8 xhur fl-2007).

It-titjib fl-effikaċja li biha l-Istituzzjoni tagħna tittratta l-kawżi huwa dovut kemm għar-riformi fil-metodi tax-xogħol tagħha mnedija f'dawn l-aħħar snin, u kif ukoll għall-użu iktar estiż tad-diversi strumenti proċedurali li hija għandha għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tħaffef ċerti kawżi, b'mod partikolari l-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-prijorità tad-deċiżjonijiet, il-proċedura mħaffa, il-proċedura ssemplifikata u l-possibbiltà li tagħti sentenza mingħajr konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali.

Din is-sena, il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari ntalbet f'6 kawżi u l-Awla magħżula kkunsidrat li l-kundizzjonijiet mitluba fl-Artikolu 104b tar-Regoli tal-Proċedura kienu sodisfatti fi 3 minn dawn il-kawżi. Dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari taw lill-Qorti tal-Ġustizzja l-possibbiltà li taqta' dawn il-kawżi fl-2008 b'tul medju ta' 2.1 xhur.

Tressqu 8 talbiet għal proċedura mħaffa, iżda l-kundizzjonijiet mitluba mir-Regoli tal-Proċedura kienu sodisfatti biss f'2 kawżi. Dawn il-kawżi nqatgħu f'tul medju ta' 4.5 xhur. Skont prassi stabbilita fl-2004, it-talbiet għal proċedura mħaffa jiġu milqugħa jew miċħuda permezz ta' digriet motivat tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, f'kawża waħda ġie aċċettat li din tingħata prijorità fuq il-kawżi l-oħra.

Minbarra dan, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tuża l-proċedura ssemplifikata prevista fl-Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura sabiex tirrispondi għal ċerti domandi magħmula lilha permezz ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari. Fil-fatt, inqatgħu b'kollox 39 kawża permezz ta' digriet abbażi ta' din id-dispożizzjoni, jiġifieri d-doppju tal-kawżi maqtugħa b'dan il-mod fis-sena 2007.

[1] B'eċċezzjoni tal-1,324 kawża mressqa fl-1979. Madankollu, din iċ-ċifra eċċezzjonalment għolja hija dovuta għall-fatt li kienu tressqu kotra kbira ta' rikorsi għal annullament li kellhom l-istess suġġett.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet użu iktar frekwenti mis-setgħa mogħtija lilha bl-Artikolu 20 tal-Istatut tagħha li tagħti sentenza mingħajr konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali meta l-kawża ma tqajjem ebda kwistjoni ġdida ta' dritt. Fil-fatt, nistgħu nsemmu li madwar 41 % tas-sentenzi mogħtija fl-2008 kienu mingħajr konklużjonijiet (43 % fl-2007).

Fir-rigward tat-tqassim tal-kawżi bejn id-diversi kulleġġi ġudikanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, ta' min isemmi li l-Awla Manja ddeċidiet madwar 14 %, l-Awli b'ħames Imħallfin madwar 58 % u l-Awli bi tliet Imħallfin ftit iktar minn 26 % tal-kawżi maqtugħa fl-2008. Meta mqabbla mas-sena l-oħra, wieħed jara żieda żgħira fin-numru tal-kawżi maqtugħa mill-Awla Manja (11 % fl-2007) u mill-Awli b'ħames Imħallfin (55 % fl-2007) filwaqt li n-numru tal-kawżi maqtugħa mill-Awli bi tliet Imħallfin naqas (33 % fl-2007).

Għal informazzjoni iktar iddettaljata dwar l-istatistika tas-sena ġudizzjarja 2008, il-qarrej huwa mitlub jara l-punt Ċ ta' dan il-kapitolu.

*Kwistjonijiet kostituzzjonali jew istituzzjonali*

Fir-rigward tal-prinċipji essenzjali li abbażi tagħhom hija mibnija l-Komunità, il-prinċipju tal-ugwaljanza reġa' kien preżenti ħafna fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Wieħed jista' jsemmi tliet sentenzi li jisiltu l-implikazzjonijiet ta' dan il-prinċipju għal oqsma differenti.

Fil-kawża *Feryn* (sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, C-54/07), tqajmet il-kwistjoni ta' jekk il-fatt li persuna li timpjega tiddikjara pubblikament li mhijiex se tirrekluta ħaddiema li għandhom ċerta oriġini etnika jew razzjali jikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta fir-rigward tar-reklutaġġ fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2000/43 [2].
Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan kien il-każ sa fejn tali dikjarazzjonijiet huma ta' natura li jiddiswadu b'mod serju lil ċerti kandidati milli japplikaw u, għaldaqstant, li jostakolaw l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol. L-eżistenza ta' tali diskriminazzjoni diretta ma tiddependix mill-identifikazzjoni ta' persuna li tilmenta li ssostni li kienet vittma ta' tali diskriminazzjoni.
Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ddeċidiet dwar il-kwistjoni tal-prova tad-diskriminazzjoni. Hija kkonstatat li d-dikjarazzjonijiet pubbliċi inkwistjoni huma biżżejjed sabiex tiġi preżunta, fis-sens tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2000/43, l-eżistenza ta' politika ta' reklutaġġ direttament diskriminatorja. Għaldaqstant, hija din il-persuna li timpjega li għandha turi li ma kienx hemm ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali, ħaġa din li hija tista' tagħmel billi turi li l-prattika reali ta' reklutaġġ tal-impriża ma tikkorrispondix ma' dawn id-dikjarazzjonijiet. Hija mbagħad il-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika li l-fatti allegati huma stabbiliti u li għandha tevalwa jekk il-provi prodotti insostenn tal-affermazzjonijiet ta' din il-persuna li timpjega, li jgħidu li ma kisritx il-prinċipju ta' trattament ugwali, humiex suffiċjenti.
Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fir-rigward tas-sanzjonijiet adegwati għad-diskriminazzjoni fir-rigward tar-reklutaġġ inkwistjoni f'din il-kawża, l-Artikolu 15

[2] Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE, tad-29 ta' Ġunju 2000, li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità [mir-razza jew mill-oriġini etnika] (ĠU L 180, p. 22).

tad-Direttiva 2000/43 jeħtieġ li, anke meta m'hemmx vittma identifikabbli, ir-regoli dwar is-sanzjonijiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati sabiex tiġi trasposta din id-direttiva għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

It-trattament ugwali, sa fejn huwa rifless fil-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, kien is-suġġett tal-kawża *Bartsch* (sentenza tat-23 ta' Settembru 2008, C-427/06). F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt Komunitarju ma fihx projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq l-età li l-qrati tal-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-applikazzjoni tagħha meta t-trattament allegatament diskriminatorju ma jkollux rabta mad-dritt Komunitarju. Tali rabta la toħroġ mill-Artikolu 13 KE u lanqas, fil-każ ta' skema ta' pensjoni professjonali li teskludi d-dritt għall-pensjoni ta' rtirar għas-superstiti tal-konjuġi, ħmistax-il sena iżgħar mill-ex impjegat illum mejjet, mid-Direttiva 2000/78 [3] qabel l-iskadenza tat-terminu mogħti lill-Istat Membru inkwistjoni għat-traspożizzjoni tagħha.

Fil-kawża *Wood* (sentenza tal-5 ta' Ġunju 2008, C-164/07), il-Qorti tal-Ġustizzja saritilha domanda preliminari dwar il-kompatibbiltà, fid-dawl tal-prinċipju ġenerali ta' non-diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, ta' leġiżlazzjoni Franċiża li l-effett tagħha huwa li teskludi mill-benefiċċju ta' kumpens mogħti mill-Fonds de garantie des victimes des actes de terrorisme et d'autres infractions (Fond ta' garanzija għall-vittmi ta' atti ta' terroriżmu u ta' reati oħra), unikament minħabba ċ-ċittadinanza tiegħu, ċittadin tal-Komunità li jkun residenti fi Franza u li jkun il-missier ta' wild ta' nazzjonalità Franċiża li miet kawża ta' reat li ma jkunx twettaq fit-territorju ta' dan l-Istat. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-dritt Komunitarju jipprekludi tali leġiżlazzjoni.

Fir-rigward tal-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju u tal-osservanza tagħhom mill-awtoritajiet nazzjonali meta jimplementaw dan id-dritt, ta' min isemmi l-kawża *Heemskerk u Schaap* (sentenza tal-25 ta' Novembru 2008, C-455/06), dwar ir-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-protezzjoni tal-annimali tal-ifrat matul it-trasport, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tiddeċiedi dwar ir-regola nazzjonali tar-*reformatio in pejus*. Hija ddeċidiet li d-dritt Komunitarju ma jobbligax lill-qorti nazzjonali tapplika *ex officio* dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju meta tali applikazzjoni twassalha sabiex teskludi l-prinċipju, stabbilit fid-dritt nazzjonali rilevanti, tal-projbizzjoni ta' *reformatio in pejus*. Fil-fatt, tali obbligu mhux biss imur kontra l-prinċipji tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, li fuqhom hija bbażata l-imsemmija projbizzjoni, iżda jesponi lill-persuna li tkun ippreżentat rikors kontra att li jikkawżalha preġudizzju għar-riskju li tali rikors ipoġġiha f'pożizzjoni iktar sfavorevoli minn dik li fiha hija kienet issib ruħha li kieku ma kinitx ippreżentat dan ir-rikors.

Fil-qasam tal-kawżi mressqa quddiem il-qrati Komunitarji, diversi sentenzi huma ta' interess tabilħaqq partikolari. Waħda minn dawn is-sentenzi tikkonċerna l-ġurisdizzjoni stess tal-qorti Komunitarja.

Fil-fatt, fil-kawżi magħquda *Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni* (sentenza tat-3 ta' Settembru 2008, C-402/05 P u C-415/05 P), għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat is-sentenzi appellati tal-Qorti tal-Prim'Istanza (sentenzi

[3] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, p. 16).

tal-21 ta' Settembru 2005, T-315/01, Ġabra p. II-3649, u T-306/01, Ġabra p. II-3533) fir-rigward tal-kompetenza tal-Kunsill li jadotta r-Regolament li jordna l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi finanzjarji oħra ta' persuni u entitajiet li isimhom jinsab f'lista annessa ma' dan ir-regolament [4], adottat sabiex jiġu implementati, fil-Komunità Ewropea, ir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li l-qrati Komunitarji, bħala prinċipju, ma għandhom ebda ġurisdizzjoni sabiex jistħarrġu l-legalità interna ta' dan ir-regolament. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-istħarriġ tal-validità ta' kull att Komunitarju fid-dawl tad-drittijiet fundamentali għandu jiġi kkunsidrat bħala l-espressjoni, f'Komunità tad-dritt, ta' garanzija kostituzzjonali li tirriżulta mit-Trattat KE bħala sistema ġuridika awtonoma li ma tistax tkun ippreġudikata minn ftehim internazzjonali. L-istħarriġ ta' legalità mwettaq mill-qorti Komunitarja għandu jikkonċerna l-att Komunitarju intiż sabiex jimplementa l-ftehim internazzjonali inkwistjoni, u mhux dan tal-aħħar fih innifsu. Il-qrati Komunitarji għandhom jiggarantixxu stħarriġ, bħala regola ġenerali, komplet, tal-legalità tal-atti Komunitarji kollha fid-dawl tad-drittijiet fundamentali, li huma parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, inkluż tal-atti Komunitarji li, bħar-Regolament inkwistjoni, ikunu initżi sabiex jimplementaw riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà.
Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti li fihom l-ismijiet ta' Y. Kadi u ta' Al Barakaat ġew inklużi fil-lista ta' persuni u ta' entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi, kellu jiġi deċiż li ma kien hemm ebda dubju li d-drittijiet tad-difiża, b'mod partikolari d-dritt għal smigħ u d-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv tagħhom, ma kinux ġew irrispettati. Fir-rigward ta' dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-effikaċja tal-istħarriġ ġudizzjarju timplika li l-awtorità Komunitarja hija obbligata tikkomunika l-motivi li fuqhom tkun ibbażata l-miżura inkwistjoni lill-persuna jew lill-entità kkonċernata, sa fejn ikun possibbli, jew fil-mument li fih din il-miżura tiġi deċiża, jew, għall-inqas, malajr kemm jista' jkun wara din id-deċiżjoni, sabiex b'hekk dawn id-destinatarji jkunu jistgħu jeżerċitaw, fit-termini previsti, id-dritt ta' rikors tagħhom.
Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja annullat dan ir-regolament tal-Kunsill sa fejn jiffriża l-fondi ta' Y. Kadi u ta' Al Barakaat, hija rrikonoxxiet li l-annullament ta' dan ir-regolament b'effett immedjat jista' jippreġudika b'mod serju u irriversibbli l-effikaċja tal-miżuri restrittivi peress li, fl-intervall li jippreċedi s-sostituzzjoni eventwali tiegħu, il-persuna u l-entità msemmija jistgħu jieħdu miżuri sabiex jevitaw li miżuri ta' ffriżar ta' fondi jkunu jistgħu jerġgħu jiġu applikati fir-rigward tagħhom, speċjalment fid-dawl tal-fatt li, fuq il-mertu, ma jistax jiġi eskluż li l-impożizzjoni ta' tali miżuri fuq Y. Kadi u Al Barakkat tista' xorta waħda tirriżulta ġġustifikata. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti tal-Ġustizzja żammet l-effetti ta' dan ir-regolament għal perijodu li ma jistax jeċċedi tliet xhur mid-data li fiha ngħatat is-sentenza, b'tali mod li l-Kunsill ikun jista' jirrimedja għall-ksur ikkonstatat.

Sentenza oħra, fil-kawża *Masdar (UK) vs Il-Kummissjoni* (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, C-47/07 P), tikkonċerna r-rimedji proċedurali li għandhom jiġu segwiti sabiex tiġi adita l-qorti Komunitarja.

Din il-kawża kienet tikkonċerna l-arrikkiment indebitu. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont il-prinċipji komuni għad-drittijiet tal-Istati Membri, persuna li sofriet telf li jtejjeb

[4] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, tas-27 ta' Mejju 2002, li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk tal-Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 467/2001 (ĠU L 193, p. 9)

l-assi ta' persuna oħra mingħajr l-eżistenza ta' bażi ġuridika għal dan l-arrikkiment, għandha, bħala regola ġenerali, dritt għal restituzzjoni, f'ammont ugwali għal dan it-telf, mill-persuna arrikkita. L-azzjoni bbażata fuq l-arrikkiment indebitu, kif prevista fil-biċċa l-kbira tas-sistemi legali nazzjonali, ma tinkludix kundizzjoni marbuta ma' illegalità jew tort fl-aġir tal-konvenuta. Bil-kontra, huwa essenzjali li l-arrikkiment ma jkollu ebda bażi legali valida. Peress li l-arrikkiment indebitu jikkostitwixxi sors ta' obbligu mhux kuntrattwali komuni għas-sistemi legali tal-Istati Membri, il-Komunità ma tistax tevita l-applikazzjoni ta' dawn l-istess prinċipji fir-rigward tagħha meta persuna fiżika jew ġuridika tallega li l-istess Komunità ġiet arrikkita indebitament għad-detriment tagħha.
Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li r-rikors ibbażat fuq arrikkiment indebitu ma jaqax taħt is-sistema ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali fis-sens strett tagħha, li l-involviment tagħha jiddependi mis-sodisfazzjoni ta' kundizzjonijiet marbuta mal-illegalità tal-aġir attribwit lill-Kummissjoni, mar-realtà tad-dannu u mal-eżistenza ta' rabta kawżali bejn dan l-aġir u d-dannu allegat. Dan ir-rikors huwa differenti minn rikorsi ppreżentati skont l-imsemmija sistema sa fejn huwa ma jeżiġix il-prova ta' aġir illegali tal-konvenut, u lanqas is-sempliċi eżistenza ta' aġir, iżda biss il-prova ta' arrikkiment mingħajr bażi legali valida tal-konvenut u l-ftaqir tar-rikorrent minħabba l-imsemmi arrikkiment. Madankollu, minkejja dawn il-karatteristiċi, il-possibbiltà li jiġi ppreżentat rikors kontra l-Komunità bbażat fuq l-arrikkiment indebitu ma tistax tiġi miċħuda lil individwu għas-sempliċi raġuni li t-Trattat KE ma jipprevedix b'mod espliċitu rimedju legali għal din it-tip ta' azzjoni. Interpretazzjoni tal-Artikolu 235 KE u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE li teskludi din il-possibbiltà twassal għal riżultat li jmur kontra l-prinċipju ta' protezzjoni legali effettiva, stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u affermat mill-ġdid fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

F'dan l-istess qasam tal-azzjoni għal responsabbiltà mhux kuntrattwali għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-kawżi magħquda *FIAMM u FIAMM Technologies vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni* (sentenza tad-9 ta' Settembru 2008, C-120/06 P u C-121/06 P) li jikkonċernaw il-problema tar-responsabbiltà tal-Komunità minħabba att leġiżlattiv. Il-Korp ta' Risoluzzjoni ta' Tilwim (DSB) tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) iddeċieda li s-sistema Komunitarja tal-importazzjoni tal-banana kienet inkompatibbli mal-Ftehim tad-WTO u awtorizza lill-Istati Uniti tal-Amerika japplikaw taxxa doganali supplimentari fuq ċerti importazzjonijiet Komunitarji. Sitt kumpanniji stabbiliti fl-Unjoni Ewropea talbu li l-Kummissjoni u l-Kunsill jiġu kkundannati jħallsu kumpens għad-dannu li huma allegatament ġarrbu minħabba l-applikazzjoni tal-miżuri ta' ritaljazzjoni Amerikani fuq l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Istati Uniti.
Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li r-responsabbiltà tal-Komunità minħabba att leġiżlattiv li jimplika għażliet ta' politika ekonomika tista' teżisti biss fil-każ ta' ksur suffiċjentement serju ta' regola legali superjuri li tipproteġi lill-individwi u li tagħtihom drittijiet. Hija tosserva wkoll li, għalkemm il-prinċipju ta' responsabbiltà tal-Komunità minħabba att illegali tal-istituzzjonijiet jikkostitwixxi espressjoni tal-prinċipju ġenerali, rikonoxxut mis-sistemi legali tal-Istati Membri, li azzjoni illegali timplika l-obbligu li jingħata kumpens għad-dannu kkaġunat, tali konverġenza bejn is-sistemi legali tal-Istati Membri mhijiex stabbilita f'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' prinċipju ta' responsabbiltà fil-każ ta' att legali tal-awtorità pubblika, b'mod partikolari meta tali att ikun ta' natura leġiżlattiva. Il-Qorti tikkonkludi li, fl-istat attwali tiegħu, id-dritt Komunitarju ma jipprovdix għal sistema li tippermetti l-invokazzjoni tar-responsabbiltà tal-Komunità minħabba att leġiżlattiv ta' din tal-aħħar f'sitwazzjoni fejn l-eventwali non-konformità ta' tali att mal-Ftehim tad-WTO ma tkunx tista'

tiġi invokata quddiem il-Qorti Komunitarja. Hija tispeċifika, barra minn hekk, li att leġiżlattiv Komunitarju li l-implementazzjoni tiegħu twassal għal restrizzjonijiet tad-dritt tal-proprjetà u tal-eżerċizzju liberu ta' attività professjonali, jista' jwassal għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità meta joħloq preġudizzju sproporzjonat u intollerabbli għas-sustanza stess ta' dawn id-drittijiet, jekk ikun il-każ minħabba li dan l-att ma jkunx ipprovda għal kumpens xieraq ta' natura li jevita jew jirrimedja dan il-preġudizzju.

Sentenzi oħra, b'mod iktar klassiku, komplew ikattru l-ġurisprudenza abbundanti tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament.

B'hekk, fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Infront WM* (sentenza tat-13 ta' Marzu 2008, C-125/06 P), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova miżuri intiżi li jirregolaw l-eżerċizzju ta' drittijiet esklużivi għat-trażmissjoni mill-ġdid ta' xandiriet televiżivi ta' avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà, meħuda minn Stat Membru skont l-Artikolu 3a tad-Direttiva 89/552 [5], taffettwa direttament, fis-sens tal-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament, is-sitwazzjoni legali tad-detentur ta' dawn id-drittijiet. Fil-fatt, sa fejn il-limiti imposti minn dawn il-miżuri huma marbuta mal-kundizzjonijiet li fihom dawn ix-xandara jakkwistaw id-drittijiet għat-trażmissjoni mill-ġdid ta' xandiriet televiżivi tal-avvenimenti magħżula mingħand id-detentur tad-drittijiet esklużivi għat-trażmissjoni mill-ġdid ta' xandiriet televiżivi, il-miżuri meħuda minn dan l-Istat Membru u d-deċiżjoni li tapprovahom għandhom il-konsegwenza li mad-drittijiet miżmuma minn kumpannija li tkun akkwistat id-drittijiet ta' trażmissjoni mill-ġdid ta' xandiriet televiżivi jżidu restrizzjonijiet ġodda li ma kinux jeżistu fil-mument meta din akkwistat l-imsemmija drittijiet u li jagħmlu iktar diffiċli l-eżerċizzju tagħhom. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-ħsara kkawżata lis-sitwazzjoni tal-imsemmi detentur hija dovuta biss għall-ħtieġa li jintlaħaq ir-riżultat stabbilit minn dawn il-miżuri u mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni, u dan mingħajr ma l-awtoritajiet nazzjonali jgawdu minn marġni ta' diskrezzjoni fl-implementazzjoni tagħha li jista' jaffettwa din is-sitwazzjoni.
Fir-rigward tal-kundizzjoni marbuta mal-interess individwali tar-rikorrent, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta d-deċiżjoni taffettwa grupp ta' persuni li kienu identifikati jew identifikabbli fil-mument meta ġie adottat dan l-att u minħabba kriterji li huma speċifiċi għall-membri tal-grupp, dawn il-persuni jistgħu jkunu individwalment ikkonċernati minn dan l-att sa fejn jagħmlu parti minn ċirku ristrett ta' operaturi ekonomiċi. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari meta d-deċiżjoni tbiddel id-drittijiet miksuba mill-individwu qabel l-adozzjoni tagħha.

Fil-kawża *Athinaïki Techniki vs Il-Kummissjoni* (sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, C-521/06 P), kien il-kunċett ta' "att li jista' jiġi kkontestat" fis-sens tal-Artikolu 230 KE li kellu jiġi ppreċiżat.

Adita b'appell minn digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza li ċaħad bħala inammissibbli rikors għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma titteħidx azzjoni fir-rigward ta' lment dwar allegata għajnuna mill-Istat mogħtija fil-kuntest ta' kuntratt pubbliku u li r-rikorrenti

[5] Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE, tat-3 ta' Ottubru 1989, dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni (ĠU L 298, p. 23), kif emendata bid-Direttiva 97/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Ġunju 1997 (ĠU L 202, p. 60).

saret taf biha permezz ta' ittra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex jiġi ddeterminat jekk att fi kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat jikkostitwixxix deċiżjoni fis-sens tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 659/1999 [6], għandu jiġi vverifikat jekk, meta jitqiesu s-sustanza tiegħu u l-intenzjoni tal-Kummissjoni, din l-istituzzjoni stabbilixxietx b'mod definittiv permezz tal-att ineżami, fi tmiem il-fażi ta' eżami preliminari, il-pożizzjoni tagħha fuq il-miżura li dwarha sar l-ilment u, għaldaqstant, jekk hija kkonkludietx li din tikkostitwixxi għajnuna jew le, u li din il-miżura ma tqajjimx dubji f'dak li jirrigwarda l-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni jew li hija tqajjem tali dubji.
Ittra li permezz tagħha l-Kummissjoni tinforma lill-awtur tal-ilment intiż li jiġi kkonstatat ksur tal-Artikoli 87 KE u 88 KE li, "fin-nuqqas ta' informazzjoni supplimentari li tiġġustifika t-tkomplija tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni għalqet amministrattivament il-każ [...]", tindika li l-Kummissjoni kienet effettivament adottat att amministrattiv li għalaq il-każ. Mis-sustanza ta' dan l-att u mill-intenzjoni tal-Kummissjoni jirriżulta li din kienet b'hekk iddeċidiet li ġġib fi tmiem il-proċedura ta' eżami preliminari mibdija mill-awtur tal-ilment. Permezz ta' dan l-att, il-Kummissjoni kkonstatat li l-eżami mwettaq ma kienx ippermetta li jiġi konkluż li teżisti għajnuna fis-sens tal-Artikolu 87 KE u hija rrifjutat b'mod impliċitu li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali prevista fl-Artikolu 88(2) KE. F'sitwazzjoni bħal din, il-benefiċjarji tal-garanziji proċedurali previsti f'din id-dispożizzjoni jistgħu jiżguraw li dawn jiġu osservati biss jekk ikollhom il-possibbiltà jikkontestaw din id-deċiżjoni quddiem il-qrati Komunitarji skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE. Dan il-prinċipju japplika kemm fil-każ fejn id-deċiżjoni tittieħed minħabba li l-Kummissjoni tqis li l-għajnuna hija kompatibbli mas-suq komuni kif ukoll meta hija tkun tal-opinjoni li l-eżistenza stess ta' għajnuna għandha tkun eskluża.
Fid-dawl ta' dan, tali att ma jistax jiġi kkwalifikat bħala att preliminari jew preparatorju, billi dan mhux ser jiġi segwit, fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva mibdija, minn xi att ieħor li jista' jagħti lok għal rikors għal annullament. Mhuwiex rilevanti f'dan ir-rigward li l-parti interessata tkun għadha tista' tipprovdi lill-Kummissjoni informazzjoni supplimentari li tista' tobbligaha tirrevedi l-pożizzjoni tagħha dwar il-miżura tal-Istat inkwistjoni peress li l-legalità ta' deċiżjoni meħuda fi tmiem il-fażi ta' eżami preliminari għandha tiġi evalwata biss fuq il-bażi tal-elementi ta' informazzjoni li l-Kummissjoni seta' jkollha fil-mument meta ħadet id-deċiżjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, fil-mument meta ngħalaq il-każ. Jekk parti interessata tipprovdi informazzjoni supplimentari wara li l-każ ikun ingħalaq, jista' jiġri li l-Kummissjoni jkollha tiftaħ, jekk ikun hemm bżonn, proċedura amministrattiva ġdida. Min-naħa l-oħra, din l-informazzjoni ma għandhiex impatt fuq il-fatt li l-ewwel proċedura ta' eżami preliminari hija diġà magħluqa. Minn dan jirriżulta li, permezz ta' dan l-att, il-Kummissjoni adottat pożizzjoni definittiva fuq it-talba tal-awtur tal-ilment. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li tali att, billi jostakola lill-awtur tal-ilment milli jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu fil-kuntest ta' proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 88(2) KE, ipproduċa effetti legali vinkolanti li setgħu jaffettwaw l-interessi tiegħu u għalhekk jikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat fis-sens tal-Artikolu 230 KE.

Kien hemm ukoll żieda fil-ġurisprudenza, inqas klassika peress li hija iktar reċenti, dwar il-konsegwenzi għal Stat Membru jekk ma jieħu ebda azzjoni wara sentenza li tkun ikkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu min-naħa tiegħu.

[6] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88] tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, p. 1).

B'hekk, fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Franza* (sentenza tad-9 ta' Diċembru 2008, C-121/07, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li fakkret li l-ħtieġa ta' applikazzjoni immedjata u uniformi tad-dritt Komunitarju teżiġi li l-eżekuzzjoni ta' sentenza li tikkonstata nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq obbligu tinbeda immedjatament u tintemm fl-iqsar żmien possibbli, iddeċidiet li għalkemm, fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 228(2) KE, l-impożizzjoni ta' penalità tidher li hija partikolarment xierqa sabiex tħeġġeġ lil Stat Membru jtemm, fl-iqsar żmien possibbli, nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li, fin-nuqqas ta' tali miżura x'aktarx jibqa' jippersisti, l-impożizzjoni tal-ħlas ta' somma f'daqqa tistrieħ iktar fuq l-evalwazzjoni tal-konsegwenzi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligi tal-Istat Membru kkonċernat fuq l-interessi privati u pubbliċi, b'mod partikolari meta n-nuqqas ikun kompla għal żmien twil wara s-sentenza li kienet inizjalment ikkonstatatu.
F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet li huwa kompitu tagħha li, f'kull kawża u skont iċ-ċirkustanzi tal-każ li jkollha quddiemha kif ukoll skont il-livell ta' persważjoni u ta' dissważjoni li jidhrilha li jkun meħtieġ, tadotta s-sanzjonijiet pekunjarji xierqa sabiex jiggarantixxu l-eżekuzzjoni l-iktar malajr possibbli tas-sentenza li preċedentement ikkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u sabiex jipprevjenu r-ripetizzjoni ta' ksur simili tad-dritt Komunitarju.
Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-fatt li l-ħlas ta' somma f'daqqa, s'issa, ma ġiex impost f'sitwazzjonijiet fejn eżekuzzjoni sħiħa tas-sentenza inizjali seħħet qabel ma ntemmew il-proċeduri mibdija abbażi tal-Artikolu 228 KE, ma jistax jikkostitwixxi ostakolu għal tali impożizzjoni fil-kuntest ta' kawża oħra, jekk dan jirriżulta li jkun neċessarju fid-dawl tal-karatteristiċi tal-każ u tal-livell ta' persważjoni u ta' dissważjoni meħtieġ.
Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, anki jekk il-linji gwida li jinsabu fil-komunikazzjonijiet ippubblikati mill-Kummissjoni jistgħu effettivament jikkontribwixxu sabiex tiġi ggarantita t-trasparenza, il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali tal-azzjoni ta' din tal-aħħar, jibqa' xorta waħda l-fatt li tali regoli ma jistgħux jorbtuha fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa mogħtija lilha mill-Artikolu 228(2) KE.

Dejjem fil-kuntest tal-litigazzjoni, ta' min ifakkar li fis-sena 2008 l-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tinawgura proċedura ġdida, il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, li kienet stabbilita b'effett mill-1 ta' Marzu 2008. Tliet kawżi taw lok għal tali proċedura: il-kawża *Santesteban Goicoechea* (sentenza tat-12 ta' Awwissu 2008, C-296/08 PPU), il-kawża *Leymann u Pustovarov* (sentenza tal-1 ta' Diċembru 2008, C-388/08 PPU), dwar l-interpretazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment [konsenja] bejn l-Istati Membri [7], kif ukoll il-kawża *Rinau* (sentenza tal-11 ta' Lulju 2008, C-195/08 PPU), li kienet tikkonċerna r-regoli Komunitarji dwar ir-ritorn ta' minuri miżmum illegalment fi Stat Membru ieħor.

Fil-kawża *Rinau*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tippreċiża l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tkun tista' tintuża l-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-talba ta' qorti tar-rinviju li rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003, dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta'

7 Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 190, p. 1).

responsabbiltà tal-ġenituri u li jirrevoka r-Regolament Nru 1347/2000 [8], jinstema' bil-proċedura b'urġenza prevista fl-Artikolu 104b tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija ġġustifikata meta tkun ibbażata fuq il-ħtieġa li tittieħed azzjoni b'urġenza. Dan ikun il-każ meta kull dewmien ikun ta' dannu għar-relazzjonijiet bejn il-minuri u l-ġenitur li ma jgħix miegħu u meta d-degradazzjoni ta' dawn ir-relazzjonijiet tista' tkun permanenti. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali ħtieġa tirriżulta kemm mill-premessa 17 ta' dan ir-regolament, li tipprevedi r-ritorn mingħajr dewmien ta' minuri meħud, u kemm mill-Artikolu 11(3) tal-istess regolament, li jiffissa terminu ta' sitt ġimgħat għall-qorti li quddiemha tiġi ppreżentata talba għal ritorn sabiex tagħti s-sentenza tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-ħtieġa li l-minuri jiġi protett minn dannu eventwali possibbli u n-neċessità li jiġi assigurat bilanċ ġust bejn l-interessi tal-minuri u dawk tal-ġenituri tiegħu huma wkoll ta' natura li jiġġustifikaw l-użu tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari.

Fir-rigward tal-prinċipji li jirregolaw it-tressiq ta' rinviju quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tinkiseb deċiżjoni dwar deċiżjoni preliminari, il-kawża *Cartesio* (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, C-210/06) serviet ta' opportunità għall-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tanalizza l-problema tas-setgħa ta' qorti tal-appell nazzjonali li tbiddel id-deċiżjoni ta' qorti inferjuri li tordna rinviju għal deċiżjoni preliminari. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta japplikaw regoli nazzjonali dwar id-dritt ta' appell minn deċiżjoni li tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari u meta, taħt dawn ir-regoli, il-kawża prinċipali kollha tibqa' pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju filwaqt li d-deċiżjoni tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari biss tkun suġġetta għal appell limitat, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 234 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kompetenza li din id-dispożizzjoni tat-Trattat tagħti lil kull qorti nazzjonali sabiex tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax titqiegħed inkwistjoni bl-applikazzjoni ta' tali regoli, li jippermettu lill-qorti li quddiemha jitressaq l-appell tbiddel id-deċiżjoni tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, tirrendi inoperattiv dan ir-rinviju u tordna lill-qorti li tkun ħadet din id-deċiżjoni sabiex tkompli bil-proċeduri legali nazzjonali li jkunu ġew sospiżi. Huwa minnu li l-Artikolu 234 KE ma jipprekludix li d-deċiżjonijiet ta' qorti nazzjonali, li kontra d-deċiżjonijiet tagħha jkun hemm rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali, li jirrinvijaw domanda għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja jibqgħu suġġetti għar-rimedji normali previsti mil-liġi nazzjonali. Madankollu, l-eżitu ta' dan l-appell ma jistax jillimita l-kompetenza li l-Artikolu 234 KE jagħti lil din il-qorti sabiex tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk hija tikkunsidra li l-kawża quddiema tirrigwarda kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju li jeħtieġu deċiżjoni minn din tal-aħħar.

Ġew ippreċiżati wkoll l-effetti tad-dritt Komunitarju fis-sistemi legali nazzjonali.

Fil-kawżi magħquda *Viamex Agrar Handel* (sentenza tas-17 ta' Jannar 2008, C-37/06 u C-58/06, Ġabra p. I-69), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm huwa minnu li direttiva ma tistax, minnha nfisha, toħloq obbligi għall-individiwi, ma jistax jiġi eskluż, bħala

[8] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u li jirrevoka r-Regolament Nru 1347/2000, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 2116/2004, tat-2 ta' Diċembru 2004 (ĠU L 367, p. 1).

prinċipju, li d-dispożizzjonijiet ta' direttiva jistgħu jiġu applikati permezz ta' riferiment speċifiku minn regolament għad-dispożizzjonijiet tagħha, bla ħsara għall-osservanza tal-prinċipji ġenerali tad-dritt u, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

Fil-kawża *Kempter* (sentenza tat-12 ta' Frar 2008, C-2/06), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi dwar il-kwistjoni ta' jekk l-eżami mill-ġdid u r-revoka ta' deċiżjoni amministrattiva finali, intiżi sabiex tiġi kkunsidrata l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni Komunitarja rilevanti adottata sa dan iż-żmien mill-Qorti tal-Ġustizzja, jeħtiġux li l-persuna kkonċernata tkun ikkontestat din id-deċiżjoni quddiem qorti billi invokat id-dritt Komunitarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma qablitx ma' din il-kundizzjoni.
Fil-fatt, hija ddeċidiet li, għalkemm id-dritt Komunitarju ma jeħtieġx li korp amministrattiv ikun, bħala prinċipju, obbligat li jmur lura fuq deċiżjoni amministrattiva li tkun kisbet natura finali, ċirkustanzi partikolari madankollu jistgħu, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni li joħroġ mill-Artikolu 10 KE, jagħmluha neċessarja li tali korp jeżamina mill-ġdid deċiżjoni amministrattiva li tkun saret finali sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni ta' dritt Komunitarju rilevanti adottata sussegwentement mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fost il-kundizzjonijiet li jistgħu jistabbilixxu tali obbligu ta' eżami mill-ġdid, il-kundizzjoni li s-sentenza tal-qorti li tiddeċiedi fl-aħħar istanza, li permezz tagħha d-deċiżjoni amministrattiva kkontestata saret finali, kienet, fid-dawl ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sussegwenti għaliha, ibbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tad-dritt Komunitarju adottata mingħajr ma sar rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ma tistax tiġi interpretata b'mod li jiġi impost fuq il-partijiet l-obbligu li jqajmu quddiem il-qorti nazzjonali l-punt tad-dritt Komunitarju inkwistjoni. Huwa biżżejjed f'dan ir-rigward li, jew dan il-punt tad-dritt Komunitarju, li l-interpretazzjoni tiegħu rriżultat li hija żbaljata fid-dawl ta' sentenza sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, kien ġie eżaminat mill-qorti nazzjonali li ddeċidiet fl-aħħar istanza, jew li seta' jiġi mqajjem minnha *ex officio*. Fil-fatt, għalkemm id-dritt Komunitarju ma jimponix fuq il-qrati nazzjonali li jqajmu *ex officio* motiv ibbażat fuq il-ksur ta' dispożizzjonijiet Komunitarji, meta l-eżami ta' dan il-motiv jobbligahom joħorġu mil-limiti tal-kwistjoni hekk kif iddefinita mill-partijiet, dawn il-qrati huma obbligati jqajmu *ex officio* l-motivi ta' dritt ibbażati fuq regola Komunitarja vinkolanti meta, skont id-dritt nazzjonali, dawn għandhom l-obbligu jew il-fakultà li jagħmlu dan fir-rigward ta' regola vinkolanti tad-dritt nazzjonali.
Għalkemm din il-possibbiltà li jintalab l-eżami mill-ġdid u r-revoka ta' deċiżjoni amministrattiva li saret finali u li hija kontra d-dritt Komunitarju mhija suġġetta għal ebda limitu fiż-żmien, l-Istati Membri madankollu jibqgħu ħielsa li jiffissaw termini raġonevoli għall-preżentata ta' rikors, skont il-prinċipji Komunitarji ta' effettività u ta' ekwivalenza.

Fir-rigward tal-kawżi dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet, ma hemm ebda ħjiel ta' tnaqqis fin-numru tal-kawżi marbuta ma' dan il-qasam. Kien għalhekk li, fil-kawżi magħquda *L-Iżvezja u Turco vs Il-Kunsill* (sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, C-39/05 P u C-52/05 P), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat l-eżami li l-Kunsill għandu jwettaq qabel ma jwieġeb għal talba għall-iżvelar ta' dokument.

Ir-Regolament Komunitarju dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti [9] jipprevedi li kull ċittadin tal-Unjoni u kull persuna residenti fi Stat Membru għandhom dritt ta' aċċess għad-

[9] Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, p. 43).

dokumenti tal-istituzzjonijiet. Dan ir-regolament jipprevedi numru ta' eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju ġenerali, b'mod partikolari fil-każ fejn l-iżvelar ta' dokument jippreġudika l-protezzjoni ta' proċedimenti fil-qrati u ta' pariri legali, sakemm ma jkunx hemm interess pubbliku ikbar fl-iżvelar tiegħu.

Fir-rigward preċiżament tal-eċċezzjoni relatata mal-pariri legali, l-istituzzjoni li tintalab tiżvela dokument għandha tiżgura ruħha li dan id-dokument jikkonċerna tabilħaqq parir legali u, fl-affermattiv, għandha tiddetermina liema huma l-partijiet effettivament ikkonċernati u, b'hekk, li jistgħu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni. Fil-fatt, mhuwiex minħabba li dokument ġie intitolat "parir legali" li għandu awtomatikament jibbenefika mill-protezzjoni tal-pariri legali ggarantita mir-regolament imsemmi. Lil hinn mid-denominazzjoni tiegħu, huwa l-obbligu tal-istituzzjoni li tiżgura li dan id-dokument jikkonċerna tabilħaqq tali parir. Wara dan l-istadju, il-Kunsill għandu jeżamina jekk l-iżvelar tal-partijiet mid-dokumenti inkwistjoni jippreġudikax il-protezzjoni tal-pariri legali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-eċċezzjoni dwar il-pariri legali bħala intiża sabiex tħares l-interessi ta' istituzzjoni li titlob pariri sinċieri, oġġettivi u kompluti. Ir-riskju li jkun ippreġudikat dan l-interess għandu, sabiex ikun jista' jiġi invokat, ikun raġonevolament prevedibbli, u mhux purament ipotetiku.

F'dan ir-rigward, li jiġi invokat b'mod ġenerali u astratt ir-riskju li l-iżvelar tal-pariri legali dwar il-proċessi leġiżlattivi jista' joħloq dubji dwar il-legalità ta' atti leġiżlattivi ma jistax ikun biżżejjed sabiex jikkaratterizza preġudizzju għall-protezzjoni tal-pariri legali fis-sens ta' din id-dispożizzjoni u, konsegwentement, ma jistax isostni rifjut ta' żvelar ta' dawn il-pariri. Fil-fatt, hija preċiżament it-trasparenza f'dan ir-rigward li, billi tippermetti li d-diverġenzi bejn diversi fehmiet jiġu diskussi fil-miftuħ, tikkontribwixxi sabiex tagħti lill-istituzzjonijiet leġittimità akbar f'għajnejn iċ-ċittadini Ewropej u sabiex iżżid il-fiduċja tagħhom.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li huwa l-Kunsill li għandu l-obbligu li jivverifika li ma jeżistix interess pubbliku akbar li jiġġustifika l-iżvelar. F'dan il-kuntest, il-Kunsill għandu l-obbligu li jwieżen l-interess speċifiku li għandu jiġi protett permezz tan-nuqqas ta' żvelar tad-dokument ikkonċernat u, b'mod partikolari, l-interess ġenerali li dan id-dokument isir aċċessibbli, fid-dawl tal-vantaġġi li jirriżultaw minn trasparenza addizzjonali, jiġifieri, sehem aħjar miċ-ċittadini fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, kif ukoll amministrazzjoni li tgawdi iktar leġittimità u tkun iktar effettiva u responsabbli fil-konfront taċ-ċittadini f'sistema demokratika.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li tali kunsiderazzjonijiet huma ta' rilevanza li hija għal kollox partikolari meta l-Kunsill jaġixxi bħala leġiżlatur. It-trasparenza f'dan ir-rigward tikkontribwixxi sabiex issaħħaħ id-demokrazija billi tippermetti liċ-ċittadini jikkontrollaw l-informazzjoni kollha li tkun ikkostitwixxiet il-bażi ta' att leġiżlattiv. Fil-fatt, il-possibbiltà, għaċ-ċittadini, li jsiru jafu l-bażi tal-azzjonijiet leġiżlattivi hija kundizzjoni tal-eżerċizzju effettiv, minn dawn tal-aħħar, tad-drittijiet demokratiċi tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-Regolament Nru 1049/2001 jimponi, bħala prinċipju, obbligu ta' żvelar tal-pariri tas-servizz legali tal-Kunsill dwar proċess leġiżlattiv, filwaqt li ammettiet, madankollu, li l-iżvelar ta' parir legali speċifiku, mogħti fil-kuntest ta' proċess leġiżlattiv, iżda li għandu natura partikolarment sensittiva jew portata partikolarment wiesgħa li tmur lil hinn mill-kuntest tal-proċess leġiżlattiv inkwistjoni, jista' jiġi rrifjutat fid-dawl tal-protezzjoni tal-pariri legali. F'każ bħal dan, hija l-istituzzjoni kkonċernata li għandha timmotiva r-rifjut b'mod iddettaljat.

Fuq il-bażi ta' din il-motivazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza sa fejn tikkonċerna r-rifjut li jingħata aċċess għall-parir legali inkwistjoni f'din il-kawża.

Għall-kuntrarju, kien kompletament mingħajr preċedent l-eżami mill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kawżi magħquda *Marra* (sentenza tal-21 ta' Ottubru 2008, C-200/07 u C-201/07), tal-kwistjoni tal-immunità li jgawdu minnha, f'ċerti każijiet u f'ċerti kundizzjonijiet, il-Membri tal-Parlament Ewropew, u b'mod iktar speċifiku, tal-modalitajiet ta' implementazzjoni tal-immunità ta' Membru tal-Parlament Ewropew li tressqet kawża kontrih minħabba li qassam fuljett b'kummenti inġurjużi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi fakkret li l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej [10] jistabbilixxi l-prinċipju tal-immunità tal-Membri tal-Parlament Ewropew għall-opinjonijiet espressi u l-voti mitfugħin fil-qadi ta' dmirijiethom. Tali immunità għandha tiġi kkunsidrata, sa fejn tipproteġi l-espressjoni libera u l-indipendenza tal-Membri tal-Parlament Ewropew, bħala immunità assoluta li ma tippermettix li jitressqu proċeduri legali kontrihom. Għaldaqstant, f'kawża mressqa kontra Membru tal-Parlament Ewropew minħabba opinjonijiet espressi minnu, il-qorti nazzjonali għandha tiċħad il-kawża mressqa kontra l-Membru tal-Parlament Ewropew ikkonċernat meta tikkunsidra li dan tal-aħħar igawdi mill-immunità Parlamentari. Fil-fatt, kemm dik il-qorti kif ukoll il-Parlament Ewropew għandhom jirrispettaw din id-dispożizzjoni. Din l-immunità ma tistax titneħħa minn dan tal-aħħar u, konsegwentement, l-imsemmija qorti għandha tiċħad il-kawża inkwistjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi rrikonoxxiet li l-qorti nazzjonali għandha ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tivverifika jekk il-kundizzjonijiet ta' implementazzjoni ta' din l-immunità humiex sodisfatti, mingħajr ma tkun obbligata tistaqsi din id-domanda lill-Parlament Ewropew li ma għandux ġurisdizzjoni f'dan ir-rigward. Jekk, għall-kuntrarju, il-Parlament Ewropew, wara t-talba tal-Membru tal-Parlament Ewropew ikkonċernat, jadotta deċiżjoni ta' difiża tal-immunità, din tikkostitwixxi opinjoni li ma jkollhiex effetti vinkolanti fir-rigward ta' qrati nazzjonali.

Meta l-Membru jressaq talba għal difiża tal-immunità quddiem il-Parlament Ewoprew u meta l-qorti nazzjonali tkun informata b'dan, hija għandha, fid-dawl tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u l-awtoritajiet nazzjonali [11], tissospendi l-proċeduri legali quddiemha u titlob lill-Parlament jagħti l-opinjoni tiegħu mill-iktar fis possibbli. Dan l-obbligu ta' kooperazzjoni japplika sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll.

Sabiex nagħlqu din il-ħarsa lejn il-ġurisprudenza dwar kwistjonijiet kostituzzjonali u istituzzjonali, ta' min isemmi l-kawża *Payir et* (sentenza tal-24 ta' Jannar 2008, C-294/06), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar ir-rikonoxximent, bis-saħħa tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, tal-kwalità ta' ħaddiem għal ċittadini ta' nazzjonalità Torka li daħlu fit-territorju ta' Stat Membru bħala au pair jew studenti u li jagħmlu parti mis-suq legali tax-xogħol. B'hekk, fid-dawl tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KEE-Turkija, tad-19 ta' Settembru 1980, dwar l-iżvilupp tal-Assoċjazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li sitwazzjoni fejn ċittadin Tork ġie awtorizzat jidħol fi Stat Membru bħala persuna au pair jew student ma tistax iċċaħħdu mill-kwalità ta' "ħaddiem" u twaqqfu milli jirreġistra fis-"suq legali tax-xogħol" ta' dan l-Istat Membru fis-sens tal-imsemmi artikolu. Konsegwentement, din is-sitwazzjoni ma tistax twaqqfu milli jibbaża

[10] Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta' April 1965 (ĠU 1967, 152, p. 13).

[11] Stabbilit fl-Artikolu 10 KE.

ruħu fuq din id-dispożizzjoni sabiex jikseb it-tiġdid tal-permess tax-xogħol tiegħu u milli jibbenefika mid-dritt ta' residenza marbut miegħu.

### *Ċittadinanza Ewropea*

F'diversi kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat dispożizzjonijiet nazzjonali li setgħu jillimitaw indebitament il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni.

Il-kawża *Grunkin u Paul* (sentenza tal-14 ta' Ottubru 2008, C-353/06) kienet tikkonċerna r-rikonoxximent tal-kunjom ta' wild ta' nazzjonalità Ġermaniża, imwieled u residenti fid-Danimarka, li mat-twelid ġie rreġistrat b'kunjom doppju, kompost mill-kunjom tal-missier u dak tal-omm. Il-ġenituri tal-wild talbu r-reġistrazzjoni ta' dan il-kunjom doppju fid-dokument tal-istat ċivili tal-familja maħruġ fil-Ġermanja iżda din it-talba ġiet irrifjutata għar-raġuni li l-kunjom taċ-ċittadini Ġermaniżi huwa rregolat mid-dritt Ġermaniż li ma jippermettix li wild ikollu kunjom doppju. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, minkejja li d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kunjom ta' persuna jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istat Membri, dawn għandhom, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, josservaw id-dritt Komunitarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li l-fatt li individwu jkun obbligat juża, fl-Istat Membru li jkun ċittadin tiegħu, kunjom differenti minn dak diġà mogħti lilu u rreġistrat fl-Istat Membru fejn twieled u fejn jirrisjedi jista' jostakola l-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni. Jekk individwu jkollu kunjomijiet differenti f'dokumenti Ġermaniżi u Daniżi differenti, dan jista' jikkawżalu inkonvenjenti serji fil-livell kemm professjonali kif ukoll f'dak privat. Peress li d-dispożizzjonijiet restrittivi Ġermaniżi ma ġewx debitament iġġustifikati, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li d-dritt taċ-ċittadini Ewropej li jmorru minn post għal ieħor u li joqogħdu liberament fit-territorju tal-Istati Membru jipprekludi l-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

Ta' min isemmi wkoll il-kawżi *Metock et* (sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, C-127/08) u *Jipa* (sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, C-33/07), dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri [12].

Fil-kawża *Metock e*t, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2004/38 tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta lil ċittadin ta' pajjiż terz, konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni li jgħix f'dan l-Istat Membru u li tiegħu huwa ma għandux iċ-ċittadinanza, għall-kundizzjoni li jkun għex legalment fi Stat Membru ieħor qabel il-wasla tiegħu fl-Istat Membru ospitanti sabiex jibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva. Fir-rigward tal-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, ebda dispożizzjoni tal-istess direttiva ma tissuġġetta l-applikazzjoni tagħha għall-imsemmija kundizzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li hemm lok li tikkunsidra mill-ġdid il-konklużjoni tas-sentenza tagħha *Akrich* [13], fejn kienet imposta tali kundizzjoni għat-tgawdija tad-drittijiet ta' dħul u ta' residenza previsti

[12] Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri (ĠU L 158, p. 77).

[13] Sentenza tat-23 ta' Settembru 2003, C-109/01, Ġabra p. I-9607.

fir-Regolament (KEE) Nru 1612/68 [14]. Fil-fatt, l-impossibbiltà għaċ-ċittadin tal-Unjoni li jkun akkumpanjat mill-familja tiegħu jew li din tingħaqad miegħu fl-Istat Membru ospitanti tista' tiskorraġġih milli jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' dħul u ta' residenza f'dan l-istess Stat Membru. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża wkoll li konjuġi mhux Komunitarju ta' ċittadin tal-Unjoni li jakkumpanja jew jingħaqad ma' dan iċ-ċittadin jista' jgawdi mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva irrispettivament mill-post u d-data taż-żwieġ tagħhom kif ukoll mill-mod kif dan il-konjuġi daħal fl-Istat Membru ospitanti, u li mhuwiex meħtieġ li ċ-ċittadin ikun diġà beda familja fil-mument li huwa jiċċaqlaq sabiex il-membri tal-familja tiegħu, li huma ċittadini ta' pajjiż terz, ikunu jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet mogħtija mill-istess direttiva. Fl-aħħar nett, il-kliem "il-membri tal-familja [ta' ċittadini tal-Unjoni] li jakkumpanjawhom" [15] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jirreferu kemm għall-membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni li daħlu ma' dan tal-aħħar fl-Istat Membru ospitanti kif ukoll dawk li jgħixu miegħu f'dan l-Istat Membru, mingħajr, f'dan it-tieni każ, ma hemm bżonn li ssir distinzjoni abbażi ta' jekk daħlux fl-imsemmi Stat Membru qabel jew wara ċ-ċittadin tal-Unjoni, jew abbażi ta' jekk daħlux qabel jew wara li saru membri tal-familja tiegħu.

Fil-kawża *Jipa*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi dwar il-kwistjoni ta' jekk id-dritt Komunitarju, u b'mod partikolari d-Direttiva 2004/38, jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li d-dritt ta' ċittadin ta' Stat Membru li jidħol fit-territorju ta' Stat Membru jiġi limitat, b'mod partikolari għar-raġuni li kien ġie preċedentement imkeċċi minn dan l-Istat Membru minħabba l-fatt li kien f'"sitwazzjoni illegali" hemmhekk. Il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li tali ċittadin għandu l-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni u għalhekk jista' jinvoka d-dritt għall-moviment liberu u residenza fit-territorju tal-Istati Membri, inkluż fir-rigward tal-Istat Membru ta' oriġini tiegħu, li jinkludi kemm id-dritt għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jidħlu fi Stat Membru differenti minn dak li minnu joriġinaw kif ukoll id-dritt li joħorġu minn dan tal-aħħar. Madankollu, dan id-dritt jista' jiġi suġġett għal limitazzjonijiet u kundizzjonijiet previsti mit-Trattat, b'mod partikolari minħabba rekwiżiti ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika li d-determinazzjoni tagħhom taqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri. Fil-kuntest Komunitarju, madankollu, dawn għandhom jiġu mifhuma b'mod strett. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiżat li tali limitazzjoni timplika b'mod partikolari li, sabiex ikunu ġġustifikati, miżuri meħuda minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika għandhom ikunu bbażati esklużivament fuq il-kondotta personali tal-individwu kkonċernat u mhux fuq raġunijiet ta' prevenzjoni ġenerali. Miżura li tillimita l-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu għandha tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet speċifiċi għall-protezzjoni tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà pubblika tal-Istat Membru li jadotta din il-miżura: għalkemm mhuwiex eskluż li l-awtoritajiet tal-imsemmi Stat Membru jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni l-motivi mqajma minn Stat Membru ieħor sabiex jiġġustifika deċiżjoni ta' tkeċċija ta' ċittadin Komunitarju mit-territorju ta' dan l-aħħar Stat, il-miżura restrittiva ma tistax tkun ibbażata esklużivament fuq l-imsemmija motivi. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li d-dritt Komunitarju ma jipprekludix il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni sakemm ikunu sodisfatti ċerti rekwiżiti. Minn naħa, il-kondotta personali ta' dan iċ-ċittadin għandha tikkostitwixxi periklu reali, attwali u suffiċjentement gravi li jaffettwa

14 Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU L 257, p. 2), emendata bid-Direttiva 2004/38.

15 Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38.

interess fundamentali tas-soċjetà. Min-naħa l-oħra, il-miżura restrittiva prevista għandha tkun neċessarja u proporzjonata fid-dawl tal-għan li tixtieq tilħaq.

Fil-kawża *Nerkowska* (sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, C-499/06), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt ta' kull ċittadin tal-Unjoni li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li abbażi tagħha dan tal-aħħar jiċħad, b'mod ġenerali u f'kull ċirkustanza, il-ħlas, liċ-ċittadini tiegħu, ta' benefiċċju mogħti lill-vittmi ċivili tal-gwerra jew tar-repressjoni minħabba s-sempliċi fatt li dawn ma jkunux joqogħdu matul il-perijodu kollu tal-ħlas ta' dan il-benefiċċju fit-territorju ta' dan l-Istat, iżda fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li dan il-benefiċċju jaqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri iżda tfakkar ukoll li, madankollu, dawn tal-aħħar għandhom jeżerċitaw din il-kompetenza filwaqt li jirrispettaw id-dritt Komunitarju, b'mod partikolari d-dritt għal moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni. Il-kundizzjoni ta' residenza fit-territorju nazzjonali għall-għoti ta' dan il-benefiċċju hija restrizzjoni għall-eżerċizzju ta' din il-libertà. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li kemm ir-rieda li tiġi ggarantita l-eżistenza ta' element ta' rabta bejn is-soċjetà tal-Istat Membru kkonċernat u min jieħu l-benefiċċju u kif ukoll il-ħtieġa li jiġi vverifikat li dan tal-aħħar ikun għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-għoti ta' dan il-benefiċċju jikkostitwixxu kunsiderazzjonijiet oġġettivi ta' interess ġenerali ta' natura li jiġġustifikaw din ir-restrizzjoni. Madankollu, il-fatt, minn naħa, li wieħed ikollu n-nazzjonalità tal-Istat Membru li jagħti l-benefiċċju kkonċernat u, min-naħa l-oħra, li jkun għex f'dan l-Istat għal iktar minn għoxrin sena, jista' jkun biżżejjed sabiex ikunu stabbiliti dawn l-elementi ta' rabta. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kundizzjoni ta' residenza, matul il-perijodu kollu tal-ħlas tal-imsemmi benefiċċju, għandha tiġi kkunsidrata li hija sproporzjonata. Barra minn hekk, jeżistu mezzi oħra li, filwaqt li jkunu inqas restrittivi, ikunu daqstant ieħor effiċjenti sabiex jiġi vverifikat li l-benefiċjarju jkun għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-għoti tal-benefiċċju.

### *Moviment liberu tal-merkanzija*

Fil-qasam tal-moviment liberu tal-merkanzija, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi sentenzi dwar il-kompatibbiltà mal-leġiżlazzjoni Komunitarja ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkostitwixxu miżuri li għandhom effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi.

L-ewwel nett, fil-kawża *Dynamic Medien* (sentenza tal-14 ta' Frar 2008, C-244/06, Ġabra p. I-505), il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat leġiżlazzjoni Ġermaniża li tipprojbixxi l-bejgħ u t-trasferiment b'korrispondenza ta' vidjogrammi li ma ġewx suġġetti, minn awtorità nazzjonali kompetenti jew minn organizzazzjoni nazzjonali ta' awtoregolamentazzjoni volontarja, għal kontroll kif ukoll għal klassifikazzjoni għall-finijiet tal-protezzjoni tal-minuri u li ma jinkludux indikazzjoni, li toriġina minn din l-awtorità jew minn din l-organizzazzjoni, tal-età minn meta wieħed jista' jara dawn il-vidjogrammi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali leġiżlazzjoni ma tikkostitwixxix modalità ta' bejgħ li tista' tostakola direttament jew indirettament, attwalment jew potenzjalment, il-kummerċ bejn l-Istati Membri iżda tikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi fis-sens tal-Artikolu 28 KE u li, fil-prinċipju, hija inkompatibbli mal-obbligi li jirriżultaw minn dan tal-aħħar. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali leġiżlazzjoni tista', madankollu, tkun iġġustifikata mill-għan ta' protezzjoni tat-tfal sakemm tkun proporzjonata għalih, kif ikun il-każ meta din il-leġiżlazzjoni ma tipprekludix kull forma ta' kummerċjalizzazzjoni ta' vidjogrammi mhux ikkontrollati u meta huwa leċitu li jiġu importati u mibjugħa lill-adulti tali vidjogrammi,

filwaqt li jiġi żgurat li t-tfal ma jkollhomx aċċess għalihom. Jista' jkun mod ieħor biss jekk jirriżulta li l-proċedura ta' kontroll, ta' klassifikazzjoni u ta' tikkettar stabbilita minn din il-leġiżlazzjoni mhijiex faċilment aċċessibbli jew ma tistax tiġi kompluta fi żmien raġonevoli jew inkella li d-deċiżjoni tar-rifjut ma tistax tkun is-suġġett ta' rikors ġudizzjarju.

It-tieni nett, fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* (sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, C-141/07), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha leġiżlazzjoni Ġermaniża dwar ir-rekwiżiti li għandhom jissodisfaw l-ispiżeriji esterni sabiex ikunu jistgħu jipprovdu prodotti mediċinali lil sptarijiet li jinsabu fit-territorju nazzjonali, rekwiżiti li kienu jimplikaw, *de facto*, ċerta viċinanza ġeografika bejn l-ispiżerija li tipprovdi l-prodotti mediċinali u l-isptar. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm tali dispożizzjonijiet, sa fejn ma jikkonċernawx il-karatteristiċi tal-prodotti mediċinali iżda jikkonċernaw biss il-modalitajiet li skonthom dawn jistgħu jinbiegħu, għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jikkonċernaw modalitajiet ta' bejgħ, dawn id-dispożizzjonijiet, madankollu, jistgħu jfixklu l-kummerċ intra-Komunitarju u, għaldaqstant, jikkostitwixxu miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-importazzjoni pprojbita, bħala prinċipju, mill-Artikolu 28 KE. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn id-dispożizzjonijiet huma madankollu ġġustifikati minn raġunijiet relatati mal-ħarsien tas-saħħa pubblika. Fil-fatt, tali leġiżlazzjoni hija ta' natura li tilħaq l-għan intiż li tiġi ggarantita provvista ċerta u ta' kwalità tal-isptarijiet tal-Istat Membru kkonċernat u tittrasponi, fir-realtà, fis-sistema ta' provvista esterna tal-isptarijiet, rekwiżiti simili għal dawk li jikkaratterizzaw is-sistema ta' provvista interna, jiġifieri r-rekwiżit ta' spiżjar li jkun, minn naħa, responsabbli għall-provvista ta' prodotti mediċinali u, min-naħa l-oħra, faċilment u rapidament disponibbli fuq il-post. B'hekk, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tiżgura l-ekwivalenza u l-kompatibbiltà bejn l-elementi kollha tas-sistema ta' provvista ta' prodotti mediċinali lill-isptarijiet tal-Istat Membru kkonċernat u tiggarantixxi l-unità u l-ekwilibriju ta' din is-sistema.

Fl-aħħar nett, ta' min isemmi l-kawża *Gysbrechts u Santurel Inter* (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, C-205/07), dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Belġjana dwar kuntratti ta' bejgħ mill-bogħod mat-Trattat KE. Din il-leġiżlazzjoni kienet tipprojbixxi lill-bejjiegħ milli jitlob ħlas akkont tal-prezz jew kwalunkwe ħlas ieħor mingħand il-konsumatur jew inkella, skont l-awtoritajiet Belġjani, in-numru tal-karta ta' kreditu tiegħu, qabel l-iskadenza tat-terminu obbligatorju ta' sebat ijiem tax-xogħol li fih jista' jiġi rtirat il-kuntratt. Wara li kkunsidrat li tali projbizzjonijiet jikkostitwixxu miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fuq l-esportazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm il-projbizzjoni li jintalab ħlas akkont tal-prezz jew kwalunkwe ħlas ieħor mingħand il-konsumatur hija ġġustifikata mill-ħtieġa li jiġi protett dan tal-aħħar, il-projbizzjoni imposta fuq il-fornitur li jitlob in-numru tal-karta ta' kreditu tal-konsumatur tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jiġi ggarantit l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' rtirar tal-konsumatur. Fil-fatt, l-uniku effett ta' tali projbizzjoni huwa li jiġi evitat ir-riskju li l-fornitur jiddebita l-prezz qabel l-iskadenza tat-terminu ta' rtirar. Issa, jekk dan ir-riskju jimmaterjalizza, l-aġir tal-fornitur fih innifsu jikser il-projbizzjoni li jitlob ħlas akkont tal-prezz jew kwalunkwe ħlas ieħor mingħand il-konsumatur, li hija miżura xierqa u proporzjonata sabiex jintlaħaq l-għan tagħha. Għaldaqstant, l-Artikolu 29 KE ma jipprekludix li fornitur, fil-kuntest ta' bejgħ mill-bogħod transkonfinali, jiġi pprojbit milli jitlob ħlas akkont tal-prezz jew kwalunkwe ħlas ieħor mingħand il-konsumatur qabel l-iskadenza tat-terminu ta' rtirar, iżda jipprekludi li dan ikun ipprojbit, qabel l-iskadenza tal-imsemmi terminu, milli jitlob in-numru tal-karta ta' kreditu tal-konsumatur.

## *Agrikoltura*

Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja* (sentenza tas-26 ta' Frar 2008, C-132/05, Ġabra p. I-957), il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tiddeċiedi jekk Stat Membru jonqosx milli jwettaq l-obbligi tiegħu meta jirrifjuta li jissanzjona, fit-territorju tiegħu, l-użu tad-denominazzjoni "parmesan" fuq it-tikkettjar ta' prodotti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tad-denominazzjoni protetta ta' oriġini (iktar 'il quddiem id-"DPO") "Parmigiano Reggiano", b'tali mod li jinkoraġġixxi l-użu ħażin tar-reputazzjoni li jibbenefika minnha prodott awtentiku protett fuq livell Komunitarju [16].
Filwaqt li tosserva, qabel kollox, li mhijiex biss il-forma eżatta tar-reġistrazzjoni ta' DPO li tgawdi minn protezzjoni taħt id-dritt Komunitarju, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li fid-dawl tax-xebh fonetiku u viżiv bejn id-denominazzjonijiet inkwistjoni u tal-apparenza esterna analoga tal-prodotti, l-użu tad-denominazzjoni "parmesan" għandu jiġi kkwalifikat bħala evokazzjoni tad-DPO "Parmigiano Reggiano". Jekk ma jipprovax li d-denominazzjoni "parmesan" għandha natura ġenerika, Stat ma jistax jinvoka din l-eċċezzjoni stabbilita fir-Regolament Nru 2081/92.
Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-obbligu tal-Istat li jissanzjona l-aġir li jippreġudika d-DPO, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li s-sempliċi possibbiltà li jinvokaw id-dispożizzjonijiet ta' regolament quddiem il-qrati nazzjonali ma teżentax lill-Istati Membri milli jadottaw il-miżuri nazzjonali li jippermettu li tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa tagħhom meta dan jirriżulta neċessarju u tikkonstata li s-sistema legali inkwistjoni għandha strumenti li jistgħu jiggarantixxu l-protezzjoni kemm tal-interessi tal-produtturi u kemm tal-interessi tal-konsumaturi. Madankollu, Stat Membru mhuwiex obbligat jieħu *ex officio* l-miżuri neċessarji sabiex jissanzjona, fit-territorju tiegħu, aġir li jippreġudika d-DPO u li joriġina minn Stat Membru ieħor. L-istrutturi ta' spezzjoni li fuqhom huwa bbażat l-obbligu li tiġi żgurata l-osservanza tad-DPO huma dawk tal-Istat Membru ta' provenjenza tad-DPO u b'hekk ma jaqgħux taħt l-awtoritajiet ta' spezzjoni tal-Istat inkwistjoni.

## *Moviment liberu tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital*

Fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment, il-kawża *Cartesio* (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, C-210/06) tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità tippreċiża l-ġurisprudenza tagħha dwar id-dritt tal-kumpanniji li jċaqilqu l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi ħdan l-Unjoni. Id-domanda preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja kienet tikkonċerna l-kompatibbiltà mal-Artikoli 43 KE u 48 KE tal-leġiżlazzjoni Ungeriża li tipprekludi lil kumpannija inkorporata skont il-liġi nazzjonali milli tittrasferixxi l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat Membru ieħor filwaqt li żżomm l-istatus tagħha ta' kumpannija skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn ġiet inkorporata. Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja kienet li, fl-istat attwali tad-dritt Komunitarju, l-artikoli msemmija ma jipprekludux tali leġiżlazzjoni. Fil-fatt, skont l-Artikolu 48 KE, fin-nuqqas ta' definizzjoni uniformi mogħtija mid-dritt Komunitarju tal-kumpanniji li jistgħu jibbenefikaw mid-dritt ta' stabbiliment skont kriterju wieħed ta' rabta li jiddetermina l-liġi nazzjonali applikabbli għal kumpannija, il-kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 43 KE japplikax għal kumpannija li tinvoka l-libertà fundamentali stabbilita minn dan l-artikolu tikkostitwixxi kwistjoni preliminari li, fl-istat attwali tad-dritt Komunitarju, tista' tingħata risposta biss mil-liġi nazzjonali applikabbli. Għalhekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa biss jekk

[16] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92, tal-14 ta' Lulju 1992, dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni tal-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel (ĠU L 208, p. 1).

jiġi vverifikat li din il-kumpannija tibbenefika effettivament mil-libertà ta' stabbiliment fid-dawl tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 48 KE li tqum il-kwistjoni ta' jekk din il-kumpannija għandhiex quddiemha restrizzjoni għal din il-libertà fis-sens tal-Artikolu 43 KE. Għalhekk, Stat Membru għandu l-fakultà li jiddefinixxi kemm l-element ta' rabta mitlub minn kumpannija sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata bħala inkorporata skont il-liġi nazzjonali tiegħu u bħala li tista', minħabba f'hekk, tibbenefika mid-dritt ta' stabbiliment, kif ukoll dak mitlub sabiex iżżomm dan l-istatus sussegwentement. Din il-fakultà tinkludi l-possibbiltà, għal dan l-Istat Membru, li ma jippermettix lil kumpannija rregolata mil-liġi nazzjonali tiegħu li żżomm dan l-istatus meta hija jkollha l-intenzjoni torganizza ruħha mill-ġdid fi Stat Membru ieħor billi ċċaqlaq l-uffiċċju rreġistrat tagħha fit-territorju ta' dan tal-aħħar, b'tali mod li tikser l-element ta' rabta previst mil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn ġiet inkorporata.

Dejjem fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment, għandha tissemma wkoll il-kawża *Lidl Belgium* (sentenza tal-15 ta' Mejju 2008, C-414/06), imressqa permezz ta' talba għal deċiżjoni preliminari dwar il-kompatibbiltà mal-Artikolu 43 KE tas-sistema fiskali Ġermaniża li teskludi t-tnaqqis għal kumpannija residenti tat-telf marbut ma' stabbiliment permenti tagħha li mhuwiex residenti. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43 KE jkopri kemm il-ħolqien u ż-żamma totali minn persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru ta' stabbiliment permanenti li ma għandux personalità ġuridika distinta u li jinsab fi Stat Membru ieħor, u kif ukoll l-attività ta' kumpannija fi Stat Membru ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti, kif iddefinit fi ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja rilevanti, li jikkostitwixxi, fid-dawl tad-dritt fiskali li jirriżulta minn dan il-ftehim, entità awtonoma. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 43 KE ma jipprekludix li kumpannija stabbilita fi Stat Membru ma tkunx tista' tnaqqas mill-bażi taxxabbli tagħha t-telf ta' stabbiliment permanenti tagħha li jinsab fi Stat Membru ieħor, sa fejn, skont ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, id-dħul ta' dan l-istabbiliment huwa taxxabbli f'dan l-aħħar Stat Membru fejn l-imsemmi telf jista' jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tat-tassazzjoni tad-dħul ta' dan l-istabbiliment permanenti fi snin finanzjarji sussegwenti. Huwa minnu li tali sistema fiskali tistabbilixxi differenza fit-trattament fiskali li minħabba fiha kumpannija residenti tista' tiġi dissważa milli teżerċita l-attivitajiet tagħha permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab fi Stat Membru ieħor. Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali sistema tista' tiġi ġġustifikata fid-dawl tal-bżonn li jiġi ppreżervat it-tqassim tas-setgħa tat-tassazzjoni bejn l-Istati Membri u ta' dak li jiġi evitat ir-riskju li t-telf jittieħed inkunsiderazzjoni darbtejn, li, meħuda flimkien, ifittxu għanijiet leġittimi kompatibbli mat-Trattat u li għalhekk jikkostitwixxu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, sakemm din is-sistema tkun proporzjonata mal-imsemmija għanijiet.

Fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, l-attenzjoni għandha tmur fuq tliet kawżi partikolari.

Fl-ewwel lok, il-kawża *Centro Europa 7* (sentenza tal-31 ta' Jannar 2008, C-380/05, Ġabra p. I-349), li kienet tikkonċerna operatur Taljan li jopera fis-settur tax-xandir televiżiv u li, għalkemm kellu liċenzja li kienet tagħtih awtorizzazzjoni sabiex jittrażmetti, kien impossibbli għalih li jagħmel dan minħabba li ma kinux ġew allokati frekwenzi tar-radju

għax-xandir. Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju [17] dwar il-kriterji għall-għoti ta' dawn il-frekwenzi tar-radju. Hija osservat li l-applikazzjoni suċċessiva ta' sistemi tranżitorji stabbiliti mil-leġiżlazzjoni Taljana għall-benefiċċju ta' stazzjonijiet eżistenti kellha bħala effett li tostakola l-aċċess għas-suq għall-operaturi li ma kellhomx frekwenzi tar-radju għax-xandir. L-awtorizzazzjoni ġenerali sabiex operatur ikun jista' jopera fis-suq tas-servizzi ta' xandir televiżiv li minnha jgawdu biss l-istazzjonijiet eżistenti kkonsolidat dan l-effett restrittiv. Il-konsegwenza ta' dan kienet li nżammu l-istrutturi tas-suq nazzjonali u li ġiet protetta l-pożizzjoni tal-istazzjonijiet imsemmija. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li sistema li tillimita n-numru ta' operaturi fit-territorju nazzjonali tista' tkun iġġustifikata minn għanijiet ta' interess ġenerali iżda, f'dan il-każ, għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, trasparenti, non-diskriminatorji u proporzjonati. Dan ma jkunx il-każ meta jkun hemm sistema li tattribwixxi l-frekwenzi tar-radju għax-xandir b'mod esklużiv u mingħajr limitu ta' żmien lil numru limitat ta' operaturi eżistenti, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kriterji msemmija. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li leġiżlazzjoni nazzjonali li l-applikazzjoni tagħha twassal sabiex operatur li jkollu liċenzja jinsab f'sitwazzjoni li jkun impossibbli għalih li jxandar minħabba li ma jkollux frekwenzi tar-radju għax-xandir allokati fuq il-bażi tal-imsemmija kriterji hija kuntrarja għall-prinċipji tat-Trattat dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll għall-prinċipji stabbiliti mill-qafas regolatorju ġdid komuni għan-netwerks u għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi [18].

Fit-tieni lok, il-kawża *Rüffert* (sentenza tat-3 ta' April 2008, C-346/06), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ttrattat il-kwistjoni ta' jekk il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li l-appaltatur ta' kuntratt pubbliku għal xogħlijiet għandu jintrabat bil-miktub li jħallas lill-ħaddiema tiegħu tal-inqas il-paga stabbilita fil-ftehim kollettiv applikabbli u li jgħaddi dan l-obbligu lis-subappaltaturi tranżnazzjonali li jimpjegaw ħaddiema permezz ta' kollokament fl-imsemmi Stat Membru, fejn in-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-impenn iwassal għall-ħlas ta' penali kuntrattwali. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, minkejja li skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/71 [19] dwar l-impjieg [il-kollokament] ta' ħaddiema fil-kuntest ta' prestazzjoni ta' servizzi, Stat Membru għandu l-possibbiltà jimponi rata minima ta' ħlas fuq l-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra fil-kuntest ta' prestazzjoni ta' servizzi tranżnazzjonali, dan l-Istat Membru ma għandux dritt li jimponi fuq l-imsemmija impriżi rata ta' ħlas stabbilita fi ftehim kollettiv applikabbli fil-post fejn jiġu pprovduti s-servizzi kkonċernati u mhux iddikjarat bħala ta' applikazzjoni ġenerali, u dan anki jekk, barra minn hekk, din ir-rata teċċedi r-rata applikabbli skont il-liġi, billi jistabbilixxi liġi li tobbliga lill-awtorità kontraenti tagħżel, bħala appaltaturi ta' kuntratti

[17] Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi [networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi] (Direttiva Kwadru [Qafas]) (ĠU L 108, p. 33). Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) (ĠU L 108, p. 21), u Direttiva tal-Kummissjoni 2002/77/KE, tas-16 ta' Settembru 2002, dwar kompetizzjoni fis-swieq tan-networks u s-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU L 249, p. 21).

[18] Magħruf bħala "NCRC", dan il-qafas huwa kkostitwit mid-Direttiva Qafas u minn erba' direttivi partikolari, fosthom id-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni, li ġew ikkompletati permezz tad-Direttiva 2002/77.

[19] Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 1996, dwar l-impjieg [il-kollokament] ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, p. 1).

pubbliċi għal xogħlijiet, dawk l-impriżi biss li meta jagħmlu l-offerti tagħhom jintrabtu bil-miktub li, bħala korrispettiv għall-prestazzjoni tas-servizzi kkonċernati, iħallsu lill-ħaddiema tagħhom tal-inqas il-paga stabbilita fl-imsemmi ftehim kollettiv. Liġi bħal din tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-sens tal-Artikolu 49 KE minħabba li tista' timponi fuq il-fornituri ta' servizzi stabbiliti fi Stat Membru ieħor, fejn ir-rati minimi ta' ħlas ikunu iktar baxxi, piż ekonomiku addizzjonali li jista' jipprojbixxi, ifixkel jew jirrendi inqas attraenti l-prestazzjoni tas-servizzi tagħhom fl-Istat Membru ospitanti.

Fit-tielet u l-aħħar lok, il-kawża *Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu* (sentenza tad-19 ta' Ġunju 2008, C-319/06), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71 dwar l-impjieg [il-kollokament] ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi jikkostitwixxi deroga mill-prinċipju li l-kwistjonijiet li fir-rigward tagħhom l-Istat Membru ospitanti jista' jimponi l-leġiżlazzjoni tiegħu fuq l-impriżi li jikkollokaw ħaddiema fit-territorju tiegħu huma elenkati b'mod eżawrjenti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva. Il-possibbiltà rikonoxxuta minn dan l-artikolu lill-Istat Membru ospitanti li jimponi, b'mod mhux diskriminatorju, fuq l-imsemmija impriżi, termini u kundizzjonijiet tal-impjieg fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra minbarra dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tal-istess direttiva, bil-kundizzjoni li dawn ikunu dispożizzjonijiet ta' ordni pubbliku, tikkostitwixxi eċċezzjoni għas-sistema stabbilita minn din id-direttiva, kif ukoll deroga mill-prinċipju fundamentali tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u għandha tiġi interpretata b'mod strett. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li Stat Membru jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-ewwel inċiż tal-Artikolu 3(1) ta' din l-istess direttiva meta jiddikjara li jikkostitwixxu dispożizzjonijiet imperattivi ta' ordni pubbliku nazzjonali, fl-ewwel lok, id-dispożizzjonijiet li jirriżultaw, b'mod partikolari, minn ftehim kollettivi ddikjarati li huma ta' applikazzjoni ġenerali u, fit-tieni lok, id-dispożizzjonijiet li jittrasponu d-Direttiva 96/71 u li jobbligaw lill-impriżi kkonċernati sabiex, minn naħa, jikkollokaw biss persunal marbut mal-impriża b'kuntratt ta' impjieg bil-miktub jew b'dokument ieħor ikkunsidrat analogu skont id-Direttiva 91/533 [20], u, min-naħa l-oħra, josservaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-impjieg part-time u għal żmien fiss. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li Stat Membru jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 49 KE, minn naħa, meta jobbliga lill-impriżi li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom barra mit-territorju nazzjonali u li jikkollokaw ħaddiema fih sabiex, qabel il-kollokament, jippreżentaw quddiem mandatarju *ad hoc* residenti fit-territorju nazzjonali d-dokumenti neċessarji għall-kontroll tal-obbligi tagħhom skont il-liġi nazzjonali u sabiex iħalluhom għandu għal perijodu indeterminat wara t-tmiem tal-prestazzjoni u, min-naħa l-oħra, meta jistabbilixxi, f'regolament ta' dritt intern li jistabbilixxi proċedura ta' dikjarazzjoni preliminari fil-każ ta' kollokament ta' ħaddiema, il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-indikazzjonijiet essenzjali indispensabbli għal kontroll mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' kwistjoni li ma jkollhiex iċ-ċarezza meħtieġa sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali tal-impriżi li jkunu jixtiequ jikkollokaw ħaddiema fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru.

Fil-qasam tal-libertà ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi kien hemm il-kawża *ASM Brescia* (sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, C-347/06), li tikkonċerna l-leġiżlazzjoni Taljana adottata fid-dawl tal-waqfien antiċipat, fit-tmiem ta' perijodu tranżitorju, ta'

[20] Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE, tal-14 ta' Ottubru 1991, dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjieg (ĠU L 288, p. 32).

konċessjonijiet għad-distribuzzjoni ta' gass naturali mogħtija mingħajr proċedura ta' sejħa għal offerti, kif prevista fid-Direttiva 2003/55, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30 [21]. Id-domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja kienu jikkonċernaw b'mod iktar preċiż il-kompatibbiltà tal-proroga, taħt ċerti kundizzjonijiet, tat-tul tal-perijodu tranżitorju inkwistjoni mal-imsemmija direttiva u mal-Artikoli 43 KE, 49 KE u 86(1) KE. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li la d-Direttiva 2003/55 u lanqas l-Artikoli 43 KE, 49 KE u 86(1) KE ma jipprekludu tali leġiżlazzjoni sa fejn, fir-rigward tal-kompatibbiltà mal-artikoli tat-Trattat KE msemmija, tali proroga tista' tiġi kkunsidrata bħala neċessarja sabiex tippermetti lill-kontraenti jħollu r-relazzjoni kuntrattwali tagħhom f'kundizzjonijiet aċċettabbli kemm mill-aspett tar-rekwiżiti tas-servizz pubbliku kif ukoll mill-aspett ekonomiku. Fir-rigward ta' dan l-aħħar punt, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, għalkemm il-leġiżlazzjoni Taljana tintroduċi differenza fit-trattament li tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta bbażata fuq iċ-ċittadinanza, din id-differenza fit-trattament tista' madankollu tkun iġġustifikata min-neċessità li jiġi osservat il-prinċipju ta' ċertezza legali li jeżiġi, b'mod partikolari, li r-regoli ta' dritt ikunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effetti tagħhom. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-prinċipju mhux biss jippermetti iżda anki jimponi li t-terminazzjoni ta' tali konċessjoni jkollha perijodu tranżitorju li jippermetti lill-kontraenti jħollu r-relazzjonijiet kuntrattwali tagħhom f'kundizzjonijiet aċċettabbli kemm mill-aspett tar-rekwiżiti tas-servizz pubbliku kif ukoll mill-aspett ekonomiku.

Fir-rigward tal-moviment liberu tal-kapital, ta' min isemmi l-kawża *Arens-Sikken* (sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, C-43/07), li kienet tikkonċerna leġiżlazzjoni dwar il-kalkolu tat-taxxa tas-suċċessjoni u tat-taxxa fuq it-trasferiment dovuti fir-rigward ta' proprjetà immobbli li tinsab fi Stat Membru li, meta jsir il-kalkolu tat-taxxi msemmija, ma kinitx tipprevedi t-tnaqqis tad-debiti marbuta ma' ddotar żejjed li jirriżulta minn qsim testamentarju parentali *inter vivos*, meta l-persuna li nfetħet is-suċċessjoni tagħha ma kinitx, fil-mument tal-mewt tagħha, residenti f'dan l-Istat, iżda fi Stat Membru ieħor. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital jipprekludu tali leġiżlazzjoni sa fejn din tapplika rata ta' tassazzjoni progressiva u peress li n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tad-debiti msemmija, flimkien ma' tali tassazzjoni progressiva, jista' jwassal għal piż fiskali ogħla għall-eredi li ma jistgħux jibbenifikaw minn tali tnaqqis. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argument li d-differenza fit-trattament maħluqa kienet tikkonċerna sitwazzjonijiet li ma kinux oġġettivament paragunabbli, sa fejn il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tittratta b'mod identiku, ħlief fir-rigward tat-tnaqqis tad-debiti, is-suċċessjonijiet ta' residenti u ta' persuni mhux residenti għall-finijiet tat-taxxa tas-suċċessjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li, fin-nuqqas ta' ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, l-Istat Membru li fih tinsab il-proprjetà immobbli ma jistax, sabiex jiġġustifika restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni tiegħu, jinvoka l-eżistenza ta' possibbiltà, indipendenti mir-rieda tiegħu, li jingħata kreditu fiskali mill-Istat Membru fejn il-persuna li nfetħet is-suċċessjoni tagħha kienet residenti fil-mument tal-mewt tagħha, li jista' jikkumpensa, kompletament jew parzjalment, il-preġudizzju mġarrab mill-eredi ta' din tal-aħħar minħabba li fl-Istat Membru fejn tinsab l-imsemmija proprjetà immobbli, meta jsir il-kalkolu tat-taxxa fuq it-trasferiment, ma jittiħdux inkunsiderazzjoni

[21] Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU L 176, p. 57).

d-debiti marbuta ma' ddotar żejjed li jirriżulta minn qsim testamentarju parentali *inter vivos*.

Għandha tissemma wkoll il-kawża *Truck Center* (sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, C-282/07), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tat risposta għal domanda dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital fid-dawl tal-leġiżlazzjoni Belġjana fil-qasam tat-taxxa tal-kumpanniji. Skont din il-leġiżlazzjoni, l-imgħaxijiet imħallsa minn kumpannija residenti lil kumpannija benefiċjarja residenti fi Stat Membru ieħor kienu suġġetti għal taxxa f'ras il-għajn (imsejħa "précompte mobilier", taxxa f'ras il-għajn fuq beni mobbli), filwaqt li l-imgħaxijiet imħallsa lil kumpannija benefiċjarja residenti kienu eżentati minn din it-taxxa. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment u dwar il-moviment liberu tal-kapital ma jipprekludux tali leġiżlazzjoni fiskali. Wara li fakkret li, fir-rigward ta' taxxi diretti, is-sitwazzjoni tar-residenti u dik tal-persuni li mhumiex residenti mhumiex, bħala regola ġenerali, paragunabbli, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-differenza fit-trattament inkwistjoni, li tikkonsisti fl-applikazzjoni ta' metodi differenti ta' tassazzjoni skont jekk il-kumpanniji kkonċernati jkunux stabbiliti fil-Belġju jew fi Stat Membru ieħor, tikkonċerna sitwazzjonijiet li mhumiex oġġettivament paragunabbli. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-pożizzjoni tal-Istat Belġjan, it-tipi ta' tassazzjoni tal-imgħaxijiet, ibbażati fuq bażijiet legali differenti, kif ukoll is-sitwazzjonijiet li fihom jinsabu l-kumpanniji benefiċjarji tal-imgħaxijiet fir-rigward tal-irkupru tat-taxxa, ivarjaw skont jekk il-kumpanniji benefiċjarji ta' dawn l-imgħaxijiet ikunux residenti jew le. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li d-differenza fit-trattament li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma tagħtix neċessarjament vantaġġ lill-kumpanniji benefiċjarji residenti, minn naħa, peress li dawn għandhom iħallsu bil-quddiem it-taxxa fuq il-kumpanniji u, min-naħa l-oħra, peress li r-rata tat-taxxa f'ras il-għajn fuq dħul minn beni mobbli imposta fuq l-imgħaxijiet imħallsa lil kumpannija mhux residenti hija ħafna inqas minn dik tat-taxxa fuq il-kumpanniji, imposta fuq id-dħul tal-kumpanniji residenti benefiċjarji tal-imgħaxijiet. F'dawn il-kundizzjonijiet, id-differenza fit-trattament li tirriżulta minn din is-sitwazzjoni ma tikkostitwixxix restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u għall-moviment liberu tal-kapital.

Fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki miksuba wara taħriġ mogħti fil-kuntest ta' "ftehim ta' rikonoxximent".

Fil-kawża *Il-Kummissjoni vs Il-Greċja* (sentenza tat-23 ta' Ottubru 2008, C-274/05), il-Kummissjoni kkritikat lir-Repubblika Ellenika talli ma kinitx tirrikonoxxi l-kwalifiki mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra wara taħriġ mogħti fil-kuntest ta' ftehim li jipprevedi r-rikonoxximent mill-imsemmija awtoritajiet ta' taħriġ mogħti minn korp privat fil-Greċja u talli kienet tagħti lill-Kunsill inkarigat mir-rikonoxximent tal-ekwivalenza professjonali tal-kwalifiki ta' studji ogħla l-kompetenza sabiex jivverifika l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għoti tal-kwalifika u n-natura tal-istabbiliment li fih il-persuna li tirċievi l-kwalifika tkun segwiet it-taħriġ tagħha. Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva

89/48 [22] kif emendata bid-Direttiva 2001/19 [23], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fl-ewwel lok, li mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(a) ta' din id-direttiva jirriżulta li l-espressjoni "prinċipalment fil-Komunità" tkopri kemm it-taħriġ miksub kompletament fl-Istat Membru li joħroġ il-kwalifika ta' taħriġ inkwistjoni u kemm it-taħriġ parzjalment jew kompletament miksub fi Stat Membru ieħor. Fit-tieni lok, minkejja li l-metodu ta' rikonoxximent tal-kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla previst fl-imsemmija direttiva ma jwassalx għal rikonoxximent awtomatiku u mingħajr kundizzjonijiet tad-diplomi u tal-kwalifki professjonali kkonċernati, b'mod partikolari fir-rigward tal-possibbiltà prevista fl-Artikolu 4 tal-istess direttiva għall-Istati Membri li jimponu miżuri ta' kumpens, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-għażla tat-tip ta' miżuri ta' kumpens tappartjeni lill-persuna li titlob ir-rikonoxximent ta' kwalifika, mhux biss fir-rigward tal-professjonijiet li jimplikaw għarfien tad-dritt nazzjonali, iżda wkoll fir-rigward tal-professjonijiet l-oħra kollha li huma suġġetti għal dispożizzjonijiet speċifiċi differenti. Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, skont l-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva, huma biss l-awtoritajiet li jagħtu l-kwalifiki li għandhom jivverifikaw, fid-dawl tar-regoli applikabbli fil-kuntest tas-sistemi ta' taħriġ professjonali tagħhom, il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-għoti u n-natura tal-istabbiliment li fih il-persuna li tirċievi l-kwalifika tkun segwiet it-taħriġ tagħha. Bil-kontra, l-Istat Membru ospitanti ma jistax jeżamina l-bażi li fuqha jkunu ngħataw dawn il-kwalifiki. Fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont l-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, l-Istat Membru ospitanti għandu jippermetti, fis-settur pubbliku, ir-riklassifikazzjoni għal grad ogħla ta' persuni li jkunu ġew impjegati f'livell inferjuri għal dak li setgħu jistennew li kieku l-kwalifiki tagħhom kienu rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tespandi l-ġurisprudenza tagħha fil-qasam tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti fil-kuntest ta' żewġ kawżi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1408/71[24]. Il-kawża *Il-Gvern tal-Komunità Franċiża u Il-Gvern tal-Vallonja* (sentenza tal-1 ta' April 2008, C-212/06) kienet tikkonċerna skema ta' assigurazzjoni għall-kura stabbilita mill-Gvern Fjamming tar-Renju tal-Belġju fir-reġjun fejn tiġi mitkellma l-lingwa Olandiża u fir-reġjun bilingwi ta' Bruxelles-Capitale. Din l-iskema kienet tipprovdi, taħt ċerti kundizzjonijiet u sa ammont massimu, għall-ħlas lura minn fond ta' assigurazzjoni ta' ċerti spejjeż li jkunu saru minħabba stat ta' dipendenza għal raġunijiet ta' saħħa. F'din l-iskema setgħu jissieħbu biss il-persuni residenti fiż-żewġ reġjuni msemmija u l-persuni li jaħdmu fit-territorju tal-imsemmija reġjuni u li jkunu residenti fi Stat Membru differenti mill-Belġju. Il-persuni li, minkejja li jaħdmu fir-reġjun fejn tiġi mitkellma l-lingwa Olandiża jew fir-reġjun bilingwi ta' Bruxelles-Capitale, kienu residenti f'parti oħra tat-territorju nazzjonali kienu għalhekk esklużi minn din l-iskema.

22 Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-[ik]kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin (ĠU L 19, p. 16).

23 Direttiva 2001/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Mejju 2001, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/48/KEE u 92/51/KEE dwar is-sistema ġenerali ta' rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u d-Direttivi tal-Kunsill 77/452/KEE, 77/453/KEE, 78/686/KEE, 78/687/KEE, 78/1026/KEE, 78/1027/KEE, 80/154/KEE, 80/155/KEE, 85/384/KEE, 85/432/KEE, 85/433/KEE u 93/16/KEE li jikkonċernaw il-professjonijiet tal-infermier responsabbli mill-kura ġenerali, tad-dentist, tal-kirurgu veterinarju, tal-qabla, tal-arkitett, tal-farmaċista u tat-tabib (ĠU L 206, p. 1).

24 Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 149, p. 2).

Wara li kkonfermat li l-benefiċċji mħallsa taħt skema bħal dik tal-assigurazzjoni għall-kura inkwistjoni jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tar-Regolament Nru 1408/71, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikoli 39 KE u 43 KE jipprekludu kull miżura nazzjonali li, anki jekk applikabbli mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza, tista' tfixkel jew tagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju, miċ-ċittadini Komunitarji, tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat. Għaldaqstant, l-Artikoli 39 KE u 43 KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' entità federali ta' Stat Membru, bħal dik li tirregola assigurazzjoni għall-kura li tillimita l-affiljazzjoni fi skema ta' sigurtà soċjali u l-vantaġġ tal-benefiċċji previsti minnha għall-persuni li jew huma residenti fit-territorju li jaqa' taħt il-kompetenza ta' din l-entità, jew li jeżerċitaw attività professjonali fuq dan l-istess territorju filwaqt li jkunu residenti fi Stat Membru ieħor, sa fejn tali limitazzjoni tolqot lil ċittadini ta' Stati Membri oħra jew lil ċittadini nazzjonali li għamlu użu mid-dritt ta' moviment liberu tagħhom ġewwa l-Komunità Ewropea.

L-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71, kif emendat bir-Regolament Nru 647/2005 [25], jipprovdi li l-persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru hija suġġetta għal-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat, anki jekk tkun residenti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Fil-kawża *Bosmann* (sentenza tal-20 ta' Mejju 2008, C-352/06), il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat is-sitwazzjoni ta' ħaddiem li ġie mċaħħad mill-allowances tal-familja mill-Istat Membru ta' residenza tiegħu minħabba li kien impjegat fi Stat Membru ieħor. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Artikolu 13(2)(a) għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 42 KE li huwa intiż li jiffaċilita l-moviment liberu tal-ħaddiema u b'mod partikolari jimplika li l-ħaddiema migranti la għandhom jitilfu d-drittijiet għall-allowances ta' sigurtà soċjali u lanqas ma għandhom ibatu tnaqqis tal-ammont tagħhom minħabba li dawn eżerċitaw id-dritt għall-moviment liberu mogħti lilhom mit-Trattat. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Istat Membru ta' residenza ma jistax jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jagħti allowances tal-familja lill-persuni residenti fit-territorju tiegħu u li l-imsemmija dispożizzjoni tar-regolament ma tipprekludix li ħaddiem migrant, li huwa suġġett għall-iskema ta' sigurtà soċjali tal-Istat Membru fejn huwa impjegat, jirċievi, b'applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru ta' residenza, allowances tal-familja f'dan l-aħħar Stat. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina jekk iċ-ċirkustanzi tal-kawża ineżami humiex rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk il-ħaddiem jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' tali allowance tal-familja skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru inkwistjoni.

## *Trasport*

Fil-qasam tat-trasport għandhom jissemmew, b'mod partikolari, erba' kawżi.

Fir-rigward tat-trasport bit-triq, fil-kuntest ta' sewwieqa li ma ġietx rikonoxxuta l-liċenzja tas-sewqan tagħhom, miksuba fir-Repubblika Ċeka wara l-irtirar amministrattiv tal-liċenzja tas-sewqan Ġermaniża tagħhom minħabba konsum ta' droga jew alkoħol, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, fil-kawżi magħquda *Wiedemann u Funk* (sentenza tat-28 ta' Mejju 2008,

[25] Regolament (KE) Nru 647/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' April 2005, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqalqu ġewwa l-Komunità u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru. 1408/71 (ĠU L 117, p. 1).

C-329/06 u C-343/06), li d-Direttiva 91/439, dwar il-liċenzji tas-sewqan [26], għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi lil Stat Membru milli jirrifjuta li jirrikonoxxi, fit-territorju tiegħu, il-validità ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa iktar tard minn Stat Membru ieħor jekk il-possessur tagħha ma jkunx qagħad għall-kundizzjonijiet rikjesti f'dan l-ewwel Stat Membru għall-ħruġ ta' liċenzja ġdida wara l-irtirar ta' liċenzja preċedenti, li jinkludu l-eżami tal-kapaċità għas-sewqan li jiċċertifika li ma jkunx għad hemm ir-raġunijiet li kienu ġġustifikaw l-imsemmi rtirar. Madankollu, din id-direttiva ma tipprekludix lil Stat Membru milli jirrifjuta li jirrikonoxxi, fit-territorju tiegħu, id-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja tas-sewqan maħruġa iktar tard minn Stat Membru ieħor jekk ikun stabbilit, fuq il-bażi tal-informazzjoni li jkun hemm fuq din l-istess liċenzja jew ta' informazzjoni inkontestabbli oħra li toriġina mill-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja, li, meta nħarġet l-istess liċenzja, il-possessur tagħha, li kien suġġett, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, għal miżura ta' rtirar ta' liċenzja preċedenti, ma kellux ir-residenza normali tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru li joħroġ il-liċenzja. Barra minn hekk, l-imsemmija direttiva tipprekludi lil Stat Membru milli jissospendi provviżorjament id-dritt tas-sewqan li jirriżulta minn liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor meta dan l-aħħar Stat Membru jivverifika l-modalitajiet tal-ħruġ ta' din il-liċenzja.

Fir-rigward tat-trasport bl-ajru, fil-kuntest ta' kawża bejn passiġġier u kumpannija tal-ajru li kienet qiegħda tirrifjuta li tħallsu kumpens minħabba l-kanċellazzjoni ta' titjira minn Manila (il-Filippini), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, fil-kawża *Emirates Airlines* (sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, C-173/07), li vjaġġ bir-ritorn ma jistax jiġi kkunsidrat bħala "titjira" waħda fis-sens tar-Regolament Nru 261/2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri [27]. Għaldaqstant, l-Artikolu 3(1)(a) tal-imsemmi regolament, li jipprovdi għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament għall-passiġġieri li jitilqu minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru suġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma japplikax għas-sitwazzjoni ta' vjaġġ bir-ritorn fejn il-passiġġieri li inizjalment telqu minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru suġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat jerġgħu lura f'dan l-ajruport fuq titjira li tkun telqet minn ajruport li jinstab f'pajjiż terz. Il-fatt li t-titjira 'l barra u dik lura kienu saru b'reżervazzjoni waħda huwa irrilevanti għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

Dejjem fil-qasam tat-trasport bl-ajru, fil-kawża *Wallentin-Hermann* (tat-22 ta' Diċembru 2008, C-549/07), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tinterpreta l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004 li jikkonċerna l-ħlas ta' kumpens lill-passiġġieri fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira u l-kunċett ta' "ċirkostanzi staordinarji". Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li problema teknika li taffettwa ajruplan u li tagħti lok għall-kanċellazzjoni ta' titjira ma taqax taħt il-kunċett ta' "ċirkostanzi straordinarji" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, ħlief fil-każ fejn din il-problema tirriżulta minn avvenimenti li, minħabba n-natura tagħhom jew l-oriġini tagħhom, mhumiex inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur tal-ajru kkonċernat u jaħarbu mill-kontroll effettiv tiegħu. Anki jekk problema teknika li taffettwa

26 Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar il-liċenzji tas-sewqan (ĠU L 237, p. 1), kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settembru 2003 (ĠU L 284, p. 1).

27 Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU L 46, p. 1).

ajruplan tista' tingħadd man-nuqqasijiet mhux mistennija li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tat-titjira, dawn iċ-ċirkustanzi, madankollu, ma jistgħux jiġu kkwalifikati bħala straordinarji sa fejn problema teknika dovuta għal nuqqas ta' manutenzjoni ta' apparat għandha titqies bħala inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur tal-ajru. Hija ppreċiżat li l-Konvenzjoni ta' Montreal mhijiex determinanti għall-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-frekwenza tal-problemi tekniċi kkonstatata fi ħdan transportatur tal-ajru mhijiex fiha nnifisha element ta' natura li jwassal għal konklużjoni dwar il-preżenza jew l-assenza ta' "ċirkostanzi straordinarji" fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li trasportatur tal-ajru jkun osserva r-regoli minimi ta' manutenzjoni ta' ajruplan ma jistax fih innifsu jkun biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li dan it-trasportatur ħa "l-miżuri raġonevoli kollha" fis-sens ta' dan l-artikolu u, għaldaqstant, sabiex jeħles lill-imsemmi trasportatur mill-obbligu ta' kumpens tiegħu previst fl-Artikoli 5(1)(ċ) u 7(1) ta' dan ir-regolament. Għaldaqstant, peress li mhux iċ-ċirkustanzi straordinarji kollha jagħtu lok għal eżenzjoni, iżda biss dawk li ma setgħux jiġu evitati anki li kieku ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha, hija l-parti li tixtieq tinvoka din id-difiża li għandha l-oneru li tistabbilixxi li dawn iċ-ċirkustanzi ma setgħux jiġi evitati permezz ta' miżuri adegwati għas-sitwazzjoni, mingħajr ma tbati sagrifiċċji insopportabbli fid-dawl tal-kapaċitajiet tal-impriża tagħha.

Fir-rigward tat-trasport marittimu, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, fil-kawża *The International Association of Independent Tanker Owners et* (sentenza tat-3 ta' Ġunju 2008, C-308/06), li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2005/35, dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri [28], moqri flimkien mal-Artikolu 8 ta' din tal-aħħar, billi jobbliga lill-Istati Membri jissanzjonaw ir-rimi ta' sustanzi li jniġġsu minn vapuri jekk dan isir "b'intenzjoni, b'mod imprudenti jew b'negliġenza serja", mingħajr madankollu ma jiddefinixxi dawn il-kunċetti, ma jiksirx il-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali sa fejn jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jissanzjonaw ir-rimi ta' sustanzi li jniġġsu minn vapuri li jsir "b'negliġenza serja". Fil-fatt, dawn id-diversi kunċetti, b'mod partikolari dak tan-"negliġenza serja", jikkorrispondu għal kriterji li jirregolaw ir-responsabbiltà u li huma intiżi sabiex japplikaw għal numru indefinit ta' sitwazzjonijiet li huwa impossibbli li jiġi kkontemplat bil-quddiem, u mhux għal komportamenti speċifiċi li jistgħu jiġu indikati bid-dettall f'att leġiżlattiv tad-dritt Komunitarju jew tad-dritt nazzjonali. Barra minn hekk, dawn il-kunċetti huma kompletament integrati u użati fis-sistemi legali rispettivi tal-Istati Membri. F'dan id-dawl, il-kunċett ta' "negliġenza serja" fis-sens tal-imsemmi Artikolu 4, għandu jinftiehem li jimplika azzjoni jew ommissjoni involontarja li biha l-persuna responsabbli tikser, b'mod serju, l-obbligu ta' diliġenza li hija kien imissha u setgħet tirrispetta fid-dawl tal-istatus tagħha, tal-għarfien tagħha, tal-kapaċitajiet tagħha u tas-sitwazzjoni individwali tagħha. Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 249 KE, id-Direttiva 2005/35 għandha tiġi trasposta mill-Istati Membri fis-sistemi legali rispettivi tagħhom. Għaldaqstant, id-definizzjoni nfisha tar-reati li għalihom jirreferi l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva u l-pieni applikabbli huma dawk li jirriżultaw mir-regoli stabbiliti mill-Istati Membri.

28 Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għal ksur (ĠU L 255, p. 11).

## *Regoli tal-kompetizzjoni*

Erba' sentenzi għandhom jingħataw attenzjoni partikolari fir-rigward tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi.

Fir-rigward tal-kunċetti ta' impriża u ta' attività ekonomika, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-kawża *MOTOE* (sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, C-49/07), li persuna ġuridika li l-attivitajiet tagħha jikkonsistu fl-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet sportivi u fil-konklużjoni, f'dan il-kuntest, ta' kuntratti ta' sponsorizzazzjoni, ta' reklamar u ta' assigurazzjoni, intiżi sabiex dawn il-kompetizzjonijiet jiġu sfruttati kummerċjalment u li jikkostitwixxu sors ta' dħul għal din l-entità, għandha tiġi kklassifikata bħala impriża fis-sens tad-dritt Komunitarju tal-kompetizzjoni. Din il-klassifikazzjoni mhijiex affettwata mill-fatt li tali entità ma għandhiex skop ta' lukru, u lanqas mill-fatt li għandha l-poter tagħti l-kunsens tagħha għal applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ppreżentati lill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jiġu organizzati dawn il-kompetizzjonijiet, sa fejn il-parteċipazzjoni ta' din l-entità fil-proċess deċiżjonali tal-awtoritajiet pubbliċi għandha tiġi distinta mill-attivitajiet ekonomiċi mwettqa minnha, bħall-organizzazzjoni u l-isfruttament kummerċjali tal-kompetizzjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li l-fatt li attività ekonomika tkun marbuta mal-isport mhuwiex ta' ostakolu għall-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat. Fl-aħħar nett, permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 82 KE u 86 KE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lil persuna ġuridika, li torganizza kompetizzjonijiet sportivi u li tikkonkludi f'dan il-kuntest kuntratti ta' sponsorizzazzjoni, ta' reklamar kif ukoll ta' assigurazzjoni, il-poter li tagħti l-kunsens tagħha għal applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ppreżentati għall-organizzazzjoni ta' tali kompetizzjonijiet, mingħajr ma dan il-poter huwa suġġett għal limiti, obbligi jew stħarriġ.

Fil-kawża *CEPSA* (sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, C-279/06), il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni ta' kuntratti ta' provvista esklużiva ta' prodotti petroliferi (ara wkoll is-sentenza tal-14 ta' Diċembru 2006, *Confederación Española de Empresarios de Estaciones de Servicio*, C-217/05, Ġabra p. I-11987). Tali kuntratt jista' jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81(1) KE meta l-operatur ta' stazzjon tal-petrol jassumi, fi proporzjon mhux negliġibbli, riskji finanzjarji u kummerċjali marbuta mal-bejgħ ta' dawn il-prodotti petroliferi lil terzi u meta dan il-kuntratt ikun jinkludi klawżoli li jistgħu jiksru r-regoli tal-kompetizzjoni. Jekk l-operatur ma jassumix tali riskji, jaqgħu biss fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 81(1) KE l-obbligi imposti fuq l-operatur fil-kuntest tas-servizzi ta' intermedjarju offruti minnu lill-prinċipal, bħalma huma l-klawżoli ta' esklużività u ta' non-kompetizzjoni. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għal eżenzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali kuntratt jista' jibbenefika minn eżenzjoni skont il-kategorija b'applikazzjoni tar-Regolament Nru 1984/83 [29] jekk josserva t-terminu massimu ta' għaxar snin u jekk il-fornitur jagħti lill-operatur tal-istazzjon tal-petrol, bħala korrispettiv għall-esklużività, vantaġġi ekonomiċi importanti li jikkontribwixxu għal titjib fid-distribuzzjoni, jiffaċilitaw l-installazzjoni jew l-immodernizzar tal-istazzjon tal-petrol u jnaqqsu l-ispejjeż ta' distribuzzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll ir-regoli li japplikaw għall-akkordji konklużi taħt ir-Regolament Nru 1984/83 li l-eżekuzzjoni tagħhom testendi wara d-data

[29] Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1984/83, tat-22 ta' Ġunju 1983, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' akkordji ta' xiri esklużiv (ĠU L 173, p. 5) kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1582/97, tat-30 ta' Lulju 1997 (ĠU L 214, p. 27).

tal-iskadenza ta' dan ir-regolament. Barra minn hekk, fir-rigward tal-kuntratti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 2790/1999 [30], peress li l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 2 ma tapplikax għall-ftehim vertikali li għandhom bħala għan ir-restrizzjoni tal-kapaċità tax-xerrej li jiddetermina l-prezz tal-bejgħ tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk il-bejjiegħ mill-ġdid għandux il-possibbiltà reali li jnaqqas dan il-prezz. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li n-nullità *ipso jure* prevista fl-Artikolu 81(2) KE taffettwa l-intier tal-kuntratt biss fil-każ li l-klawżoli li huma inkompatibbli mal-Artikolu 81(1) ma jistgħux jiġu mifruda mill-kuntratt innifsu. Fil-każ kuntrarju, il-konsegwenzi tan-nullità fir-rigward tal-elementi l-oħra kollha tal-kuntratt ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju.

Fis-suġġett ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti, għandha tissemma l-kawża *Sot. Lélos kai Sia* (sentenza tas-16 ta' Settembru 2008, C-468/06 sa C-478/06) li segwiet mill-kawża *Syfait et* (sentenza tal-31 ta' Mejju 2005, C-53/03). F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rifjut ta' impriża farmaċewtika li għandha pożizzjoni dominanti fis-suq ta' ċerti prodotti mediċinali li tonora l-ordnijiet "normali" li jsirulha minn grossisti, sabiex twaqqafhom milli jesportaw dawn il-prodotti mediċinali minn Stat Membru lejn Stati Membri oħra, jikkostitwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti. Sabiex waslet għal din il-konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk fis-settur tal-prodotti farmaċewtiċi kinux jeżistu ċirkustanzi partikolari li setgħu jeskludu n-natura abbużiva tar-rifjut. Hija l-ewwel nett ikkunsidrat li impriża farmaċewtika li għandha pożizzjoni dominanti ma tistax tibbaża ruħha fuq il-fatt li l-esportazzjonijiet paralleli ta' prodotti mediċinali minn Stat Membru, fejn il-prezzijiet tagħhom ikunu baxxi, lejn Stati Membri oħra, fejn il-prezzijiet ikunu iktar għoljin, għandhom biss utilità minima għall-konsumatur finali. Fil-fatt, dawn l-esportazzjonijiet jikkostitwixxu sors ieħor ta' provvista, li jwassal neċessarjament għal ċerti vantaġġi għall-konsumatur finali. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-eżistenza ta' regolamentazzjoni, min-naħa tal-Istat, tal-prezzijiet ta' prodotti mediċinali lanqas ma teskludi n-natura abbużiva tar-rifjut. Hija fakkret, madankollu, li impriża f'pożizzjoni dominanti tista' tieħu miżuri raġonevoli u proporzjonati għall-bżonn li tieħu ħsieb l-interessi kummerċjali tagħha. Għaldaqstant, sabiex jiġi evalwat jekk ir-rifjut ta' impriża farmaċewtika li għandha pożizzjoni dominanti li tipprovdi prodotti mediċinali lil grossisti attivi fl-esportazzjonijiet paralleli jikkostitwixxix miżura raġonevoli u proporzjonata meta mqabbla mat-theddida li dawn l-esportazzjonijiet jikkostitwixxu għall-interessi kummerċjali leġittimi tagħha, jeħtieġ li jiġi ddeterminat jekk l-ordnijiet li saru minn dawn il-grossisti humiex ta' natura mhux normali fid-dawl tar-relazzjonijiet kummerċjali preċedenti li kienu jeżistu bejn l-impriża u l-grossisti kkonċernati kif ukoll id-daqs tal-ordnijiet meta mqabbla mal-bżonnijiet tas-suq tal-Istat Membru kkonċernat. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li hija l-qorti nazzjonali tar-rinviju li għandha tiddetermina n-natura "normali" tal-ordnijiet fid-dawl ta' dawn iż-żewġ kriterji.

Fl-aħħar nett, għandha tinġibed l-attenzjoni għas-sentenza *Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala* (sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, C-413/06 P) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza *Impala vs Il-Kummissjoni* (sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, T-464/04, Ġabra p. II-2289) u għamlet diversi preċiżjonijiet dwar ir-rekwiżiti fir-rigward tal-provi u dwar il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma teżistix

[30] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999, tat-22 ta' Diċembru 1999, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftiehma (ĠU L 336, p. 21).

preżunzjoni ġenerali ta' kompatibbiltà mas-suq komuni ta' konċentrazzjoni nnotifikata u li d-deċiżjonijiet li jawtorizzaw konċentrazzjonijiet mhumiex suġġetti għal rekwiżiti ta' prova differenti minn dawk li japplikaw għad-deċiżjonijiet li jipprojbixxu tali operazzjonijiet. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Kummissjoni tista' tirrevedi, fid-deċiżjoni tagħha, konklużjonijiet provviżorji magħmula fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Għalkemm il-Qorti tal-Prim'Istanza tista', għalhekk, tivverifika n-natura korretta, kompleta u affidabbli tal-fatti li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, hija ma għandhiex tikkunsidra l-konklużjonijiet magħmula f'din id-dikjarazzjoni bħala stabbiliti. Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-partijiet li qed jinnotifikaw ma jistgħux ikunu kkritikati talli ressqu ċerti elementi biss fir-risposta tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u li tali elementi mhumiex suġġetti għal rekwiżiti ta' prova iktar għoljin minn dawk stabbiliti fir-rigward tal-argumenti ta' terzi jew ta' elementi oħra mressqa mill-impriżi li qed jinnotifikaw. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta l-Kummissjoni teżamina, fid-deċiżjoni tagħha, l-argumenti mressqa b'risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, hija tista' tirrevedi l-konklużjonijiet provviżorji li jidhru f'din id-dikjarazzjoni mingħajr ma tagħmel talba għal informazzjoni u mingħajr ma twettaq investigazzjoni tas-suq supplimentari. Fir-raba' lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kriterji legali applikabbli fir-rigward ta' pożizzjoni dominanti kollettiva li tirriżulta minn koordinazzjoni taċita u ddeċidiet li l-evalwazzjoni ta' dawn il-kriterji, inkluż tat-trasparenza tas-suq ikkonċernat, ma għandhiex issir b'mod iżolat u astratt iżda għandha ssir bl-użu tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni taċita ipotetika bħala bażi. Fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza operazzjoni ta' konċentrazzjoni tista' tiġi annullata minħabba motivazzjoni insuffiċjenti.

Fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żewġ sentenzi. Waħda minnhom tikkonċerna l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, u b'mod iktar preċiż il-kundizzjoni ta' selettività tal-miżura, filwaqt li l-oħra tikkonċerna l-kwistjoni ta' għajnuna illegali li iżda tkun kompatibbli.

F'dan is-sens, fil-kawżi magħquda *Unión General de Trabajadores de La Rioja* (sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, C-428/06 sa C-434/06), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha l-kwistjoni ta' jekk miżuri fiskali adottati minn entitajiet infrastatali li jiffissaw rata ta' taxxa iktar baxxa mir-rata ġenerali stabbilita mil-liġi tal-Istat Spanjol u li jistabbilixxu tnaqqis fiskali li ma jeżistix fl-ordni ġuridiku fiskali Statali għandhomx jiġu kkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni għas-sempliċi raġuni li huma japplikaw biss għat-territorju kollu ta' dawn l-entitajiet. Hija indikat li hija l-qorti tar-rinviju, li hija biss għandha ġurisdizzjoni sabiex tidentifika d-dritt nazzjonali applikabbli u sabiex tinterpretah, kif ukoll sabiex tapplika d-dritt Komunitarju għall-kawżi li hija adita bihom, li għandha tivverifika, inkonformità mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall vs Il-Kummissjoni* (C-88/03, Ġabra p. I-7115), jekk l-entitajiet infrastatatli kkonċernati, f'dan il-każ it-Territorios Históricos u l-Komunità Awtonoma tal-Pajjiż Bask igawdux minn awtonomija istituzzjonali, proċedurali u ekonomika, f'liema każ il-konsegwenza tkun li r-regoli adottati fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lil dawn l-entitajiet infrastatali mill-Kostituzzjoni Spanjola tal-1978 u mid-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt Spanjol ma jkunux ta' natura selettiva fis-sens tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif stabbilit fl-Artikolu 87(1) KE. B'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tippreċiża, fid-dawl tas-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, li din l-awtonomija teżiġi li l-entitajiet infrastatali jassumu l-konsegwenzi politiċi u finanzjarji għal miżura ta' tnaqqis tat-taxxa. Dan ma jistax ikun il-każ meta dawn l-entitajiet ma jassumux il-

ġestjoni ta' baġit, jiġifieri meta ma jkollhomx kontroll fuq id-dħul u l-infiq. Barra minn hekk, il-konsegwenzi finanzjarji ta' tnaqqis tar-rata tat-taxxa nazzjonali ma għandhomx ikunu kkumpensati permezz ta' għajnuna jew ta' sussidji, iddikjarati jew li jirriżultaw minn eżami konkret tal-flussi finanzjarji, provenjenti minn reġjuni oħra jew mill-gvern ċentrali.

Fil-kawża *Centre d'exploitation du livre français* (sentenza tat-12 ta' Frar 2008, C-199/06, Ġabra p. I-469), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm id-dritt Komunitarju jobbliga lill-qorti nazzjonali tordna miżuri xierqa bħala rimedju effettiv għall-effetti tal-illegalità, dan id-dritt ma jobbligahiex, anki fin-nuqqas ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, tordna rkupru totali tal-għajnuna illegali. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-aħħar sentenza tal-Artikolu 88(3) KE hija bbażata fuq l-għan ta' konservazzjoni li jiġi ggarantit li tkun biss l-għajnuna kompatibbli li tiġi implementata. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-implementazzjoni ta' pjan ta' għajnuna għandha tiġi sospiża sakemm ma jitneħħew id-dubji fuq il-kompatibbiltà tiegħu permezz tad-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni. Meta l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni pożittiva, joħroġ b'mod ċar li dan l-għan ma kienx ġie kontradett mill-għoti qabel iż-żmien tal-għajnuna. Madankollu, f'dan il-każ, mill-perspettiva tal-operaturi l-oħra minbarra l-benefiċjarju ta' tali għajnuna, l-illegalità tal-għajnuna fil-mument meta tingħata jkollha bħala effett, minn naħa, li tesponihom għar-riskju, li fil-fatt ma seħħx, ta' implementazzjoni ta' għajnuna li mhijiex kompatibbli, u min-naħa l-oħra, li ġġiegħelhom ibatu jekk ikun il-każ, iktar kmieni milli kellu jkun il-każ, fir-rigward tal-kompetizzjoni, l-effetti ta' għajnuna kompatibbli. Mill-perspettiva tal-benefiċjarju tal-għajnuna, il-vantaġġ indebitu jikkonsisti, minn naħa, fin-nuqqas ta' ħlas tal-interessi li huwa kien ikollu jħallas fuq l-ammont inkwistjoni tal-għajnuna kompatibbli li kieku kellu jissellef dan l-ammont fis-suq sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, u, min-naħa l-oħra, fit-titjib tal-pożizzjoni kompetittiva tiegħu fil-konfront tal-operaturi l-oħra fis-suq sakemm damet fis-seħħ l-illegalità. Huwa għalhekk li l-qorti nazzjonali hija marbuta, b'applikazzjoni tad-dritt Komunitarju, tordna lill-benefiċjarju tal-għajnuna jħallas l-interessi għall-perijodu ta' illegalità. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li, fil-kuntest tad-dritt nazzjonali tagħha, il-qorti nazzjonali tista', jekk ikun il-każ, tordna wkoll l-irkupru tal-għajnuna illegali, bla ħsara għad-dritt tal-Istat Membru li jerġa' jimplementaha sussegwentement. Hija tista' anki tilqa' talba għall-kumpens tad-dannu kkawżat minħabba n-natura illegali tal-għajnuna.

Barra minn hekk, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, meta l-qorti Komunitarja tannulla deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-kompatibbiltà mas-suq komuni ta' għajnuna li, bi ksur tal-projbizzjoni prevista fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 88(3) KE, ġiet implementata mingħajr ma tkun ingħatat qabel id-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni, il-preżunzjoni ta' legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet Komunitarji u r-regola tar-retroattività tal-annullament japplikaw suċċessivament. Huwa preżunt li l-għajnuna implementata wara d-deċiżjoni pożittiva tal-Kummissjoni hija legali sad-deċiżjoni ta' annullament tal-qorti Komunitarja u, imbagħad, fid-data ta' din id-deċiżjoni tal-aħħar, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 231 KE, jiġi preżunt li l-għajnuna inkwistjoni ma ġietx iddikjarata kompatibbli mid-deċiżjoni annullata, b'tali mod li l-implementazzjoni tagħha għandha tiġi kkunsidrata bħala illegali. F'dan il-każ, ir-regola li tirriżulta mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 231 KE ttemm, b'mod retroattiv, l-applikazzjoni tal-preżunzjoni ta' legalità. B'hekk, l-obbligu, li jirriżulta mill-aħħar sentenza tal-Artikolu 88(3) KE, li jiġu rrimedjati l-effetti tal-illegalità jestendi, għall-finijiet tal-kalkolu tas-somom li għandhom jitħallsu mill-benefiċjarju, u bl-eċċezzjoni ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, għall-perijodu ta' żmien li jkun għadda bejn

l-adozzjoni tad-deċiżjoni pożittiva tal-Kummissjoni u l-annullament ta' din id-deċiżjoni mill-qorti Komunitarja.

## *Tassazzjoni*

Fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, għandha tissemma l-kawża *Isle of Wight Council et* (sentenza tas-16 ta' Settembru 2008, C-288/07), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata ta' diversi termini li jinsabu fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 77/388 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ [31]. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-distorsjonijiet sinjifikattivi tal-kompetizzjoni li għalihom twassal l-eżenzjoni tal-korpi rregolati mid-dritt pubbliku li jaġixxu bħala awtoritajiet pubbliċi għandhom jiġu evalwati fir-rigward tal-attività inkwistjoni, bħala tali, mingħajr ma din l-evalwazzjoni tirrigwarda suq lokali b'mod partikolari. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-espressjoni "iwassal għal", fis-sens tal-artikolu msemmi, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tiħux inkunsiderazzjoni biss il-kompetizzjoni attwali, iżda anki l-kompetizzjoni potenzjali, sa fejn il-possibbiltà għal operatur privat li jidħol fis-suq rilevanti tkun reali u mhux purament teoretika. Fir-rigward tal-espressjoni "sinjifikanti", fis-sens ta' dan l-istess artikolu, din għandha tinftiehem fis-sens li d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni attwali jew potenzjali għandhom ikunu akbar minn distorsjonijiet negliġibbli.

## *Approssimazzjoni tal-liġijiet u liġijiet uniformi*

Għal darb'oħra, il-ġurisprudenza kienet partikolarment sostanzjali f'dan il-qasam, qasam li fih l-Unjoni Ewropea teżerċita attività intensa. Se jissemmew, l-ewwel nett, sensiela ta' sentenzi li jikkompletaw il-ġurisprudenza diġà abbundanti fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi.

Fil-kawża *Michaniki* (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, C-213/07), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-kwistjoni ta' jekk l-Istati Membri għandhomx il-possibbiltà li fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom jinkludu kawżi ta' esklużjoni ta' offerent li mhumiex previsti mid-direttivi Komunitarji rilevanti. Il-Qorti ddeċidiet li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24 tad-Direttiva 93/37 [32] għandu jiġi interpretat fis-sens li jelenka, b'mod eżawrjenti, il-kawżi bbażati fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi ta' kwalità professjonali, li jistgħu jiġġustifikaw l-esklużjoni ta' imprenditur milli jipparteċipa f'kuntratt pubbliku għal xogħlijiet iżda ma jipprekludix lil Stat Membru milli jipprovdi għal miżuri ta' esklużjoni oħra intiżi sabiex jiggarantixxu l-osservanza tal-prinċipji ta' trattament ugwali tal-offerenti u ta' trasparenza, sakemm tali miżuri ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan il-għan. Peress li l-Istati Membri għandhom ċertu marġni ta' diskrezzjoni, isegwi li d-dritt Komunitarju ma jipprekludix l-adozzjoni ta' miżuri nazzjonali intiżi sabiex jeliminaw ir-riskju li jkun hemm prattiki li jistgħu jippreġudikaw it-trasparenza u li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni, riskju li jista' jinħoloq mill-preżenza, fost l-offerenti, ta' imprenditur li jeżerċita attività fis-settur tal-mezzi ta' informazzjoni jew li jkollu rabtiet ma' persuna involuta f'dan is-settur,

31 Direttiva tal-Kunsill 77/388, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1).

32 Direttiva tal-Kunsill 93/37/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet] (ĠU L 199, p. 54).

u sabiex b'hekk jimpedixxu jew irażżnu l-frodi u l-korruzzjoni. Madankollu, dispożizzjoni nazzjonali li tistabbilixxi inkompatibbiltà ġenerali bejn is-settur tax-xogħlijiet pubbliċi u dak tal-mezzi ta' informazzjoni għandha bħala konsegwenza l-esklużjoni mill-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' imprendituri ta' xogħlijiet pubbliċi li jkunu involuti wkoll fis-settur tal-mezzi ta' informazzjoni minħabba konnessjoni bħala proprjetarji, azzjonisti prinċipali, soċji jew diriġenti, mingħajr ma tagħtihom il-possibbiltà juru li ma hemmx riskju reali ta' dan it-tip. B'hekk, meta teskludi kategorija sħiħa ta' imprendituri ta' xogħlijiet pubbliċi fuq il-bażi tal-imsemmija preżunzjoni inkonfutabbli, tali dispożizzjoni tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet iċċitati.

Fil-kawża *Coditel Brabant* (sentenza tat-13 ta' Novembru 2008, C-324/07), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 43 KE u 49 KE, il-prinċipji tal-ugwaljanza u ta' non-diskriminazzjoni minħabba ċ-ċittadinanza kif ukoll l-obbligu ta' trasparenza li jirriżulta minnhom ma jipprekludux li awtorità pubblika tassenja, mingħajr sejħa għal offerti, konċessjoni ta' servizzi pubbliċi lil kooperattiva interkomunali li s-soċji kollha tagħha huma awtoritajiet pubbliċi, meta dawn l-awtoritajiet pubbliċi jeżerċitaw fuq din il-kooperattiva kontroll analogu għal dak li jeżerċitaw fid-dipartimenti tagħhom stess u meta l-imsemmija kooperattiva teżerċita l-parti l-kbira tal-attivitajiet tagħha ma' dawn l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ li jkun hemm possibbiltà ta' influwenza determinanti kemm fuq l-għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti tal-entità konċessjonarja. Minn dan jirriżulta li, f'ċirkustanzi fejn id-deċiżjonijiet relatati mal-attivitajiet tal-imsemmija kooperattiva interkomunali miżmuma esklużivament mill-awtoritajiet pubbliċi jittieħdu mill-entitajiet statutorji ta' din il-kooperattiva komposti minn rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi assoċjati, il-kontroll eżerċitat jista' jiġi kkunsidrat bħala li jippermetti l-eżerċizzju ta' kontroll fuqha li jkun analogu għal dak li huma jeżerċitaw fid-dipartimenti tagħhom stess.
Fil-każ fejn awtorità pubblika tassoċja ruħha ma' kooperattiva interkomunali li s-soċji kollha tagħha huma awtoritajiet pubbliċi, bil-għan li tittrasferixxi lilha t-tmexxija ta' servizz pubbliku, il-kontroll, sabiex jitqies bħala analogu għall-kontroll eżerċitat minn persuna pubblika fuq id-dipartimenti tagħha stess, jista' jiġi eżerċitat konġuntement, jekk ikun il-każ, bl-applikazzjoni tar-regola tal-maġġoranza. Fil-fatt, il-kontroll eżerċitat minn awtorità pubblika konċedenti għandu jkun analogu għal dak eżerċitat fuq id-dipartimenti tagħha stess, iżda ma għandux ikun identiku għalih f'kull aspett. Huwa meħtieġ li l-kontroll eżerċitat fuq l-entità konċessjonarja jkun effettiv, imma mhuwiex indispensabbli li jkun individwali. B'hekk, għandu jingħad li, fil-każ fejn diversi awtoritajiet pubbliċi jikkontrollaw entità konċessjonarja li jafdawha bit-twettiq ta' waħda mill-attivitajiet ta' servizzi pubbliċi tagħhom, il-kontroll li dawn l-awtoritajiet pubbliċi jeżerċitaw fuq din l-entità jista' jiġi eżerċitat konġuntament minn dawn tal-aħħar. Fir-rigward ta' entità kolleġjali, il-proċedura użata għat-teħid ta' deċiżjonijiet, b'mod partikolari b'maġġoranza, mhijiex rilevanti.

F'kawża *Il-Kummissjoni vs L-Italja* (sentenza tal-21 ta' Frar 2008, C-412/04), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru li jissuġġetta għal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet il-kuntratti mħallta għal xogħlijiet, provvisti u servizzi kif ukoll il-kuntratti għal provvisti jew għal servizzi li jinkludu xogħlijiet anċillari, jekk il-valur tagħhom ikun ta' iktar minn 50 % tal-valur totali tal-kuntratt ikkonċernat, jonqos

milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-Direttivi 92/50 [33], 93/36 [34] u 93/37 [35]. Fil-fatt, meta kuntratt jinkludi kemm elementi li jirrigwardaw kuntratt pubbliku għal xogħlijiet kif ukoll elementi li jirrigwardaw tip ieħor ta' kuntratt pubbliku, huwa l-għan prinċipali tal-kuntratt li jiddetermina liema direttiva Komunitarja dwar kuntratti pubbliċi għandha tkun applikabbli. Din id-determinazzjoni għandha ssir fid-dawl tal-obbligi essenzjali li jipprevalu u li, bħala tali, jikkaratterizzaw dan il-kuntratt, bil-kontra ta' dawk li huma biss ta' natura anċillari jew komplementari u li huma imposti mill-għan stess tal-kuntratt, filwaqt li l-ammont rispettiv tad-diversi servizzi preżenti huwa biss, f'dan ir-rigward, kriterju wieħed fost oħrajn li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex issir l-imsemmija determinazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li, meta l-ftehim konkluż bejn individwu, proprjetarju ta' artijiet li ser jiġu żviluppati, u l-amministrazzjoni komunali jissodisfa l-kriterji ta' definizzjoni tal-kunċett ta' "kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet]" fis-sens tal-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 93/37, il-valur stmat li fil-prinċipju għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk il-limitu stabbilit permezz ta' din id-direttiva jintlaħaqx u jekk, għalhekk, l-għoti tal-kuntratt għandux iħares ir-regoli ta' pubbliċità li hija tistabbilixxi jista' jinfitiehem biss fid-dawl tal-valur globali ta' xogħlijiet differenti, billi jingħaddu flimkien il-valuri tal-lottijiet differenti. L-uniċi eċċezzjonijiet permessi mill-applikazzjoni tad-Direttivi 92/50 u 93/38 [36] huma dawk li huma msemmija espressament u b'mod eżawrjenti fihom.

F'kawża oħra *Il-Kummissjoni vs L-Italja* (sentenza tat-8 ta' April 2008, C-337/05) qamet il-kwistjoni ta' jekk Stat Membru jistax jagħti direttament, mingħajr ma josserva l-proċeduri previsti mid-Direttiva 93/36 [37], kuntratti lil impriża għax-xiri ta' ħelikopters intiżi sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' numru ta' korpi militari u ċivili. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li prattika bħal din ma tistax tiġi ġġustifikata mill-eżistenza ta' relazzjoni "in-house" meta impriża privata jkollha parteċipazzjoni, anki jekk minoritarja, fil-kapital tal-kumpannija li tipproduċi l-imsemmija ħelikopters u li fiha jkollha parteċipazzjoni wkoll l-awtorità kontraenti inkwistjoni, b'mod li din l-awtorità ma tistax teżerċita fuq din il-kumpannija kontroll analogu għal dak li hija teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess.

Barra minn hekk, għal dak li jikkonċerna l-invokazzjoni tal-kundizzjonijiet leġittimi ta' interess nazzjonali previsti fl-Artikoli 296 KE u 2(1)(b) tad-Direttiva 93/36, peress li dawn il-ħelikopters huma oġġetti b'użu doppju, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li kull Stat Membru jista' jieħu l-miżuri li huwa jikkunsidra neċessarji għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu u li jirrigwardaw il-manifattura jew il-kummerċ tal-armi, tal-munizzjon u tal-materjal tal-gwerra, bil-kundizzjoni madankollu li dawn il-miżuri ma jfixklux il-

[33] Direttiva tal-Kunsill, 92/50/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizz pubbliku [kuntratti pubbliċi għal servizzi] (ĠU L 209, p. 1).

[34] Direttiva tal-Kunsill 93/36/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkoordina l-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista [kuntratti pubbliċi għal provvisti] (ĠU L 199, p. 1).

[35] Direttiva tal-Kunsill 93/37/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet] (ĠU L 199, p. 54).

[36] Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwist pubbliku [l-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti] għal entitajiet li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, ta' l-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni (ĠU L 199, p. 84).

[37] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 35.

kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq komuni għal dak li jirrigwarda l-prodotti li ma jkunux intiżi għal skopijiet speċifikament militari. Konsegwentement, ix-xiri ta' tagħmir, li l-użu tiegħu għal finijiet militari mhuwiex ċert ħafna, għandu neċessarjament josserva r-regoli dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi. Dan ikun il-każ ta' provvista ta' ħelikopters lil korpi militari għal użu ċivili u lanqas obbligu ta' kunfidenzjalità ma jista' jostakola l-osservanza ta' dawn ir-regoli. Għaldaqstant, il-proċedura nnegozjata hija ta' natura eċċezzjonali u tista' tiġi applikata biss f'każijiet elenkati b'mod eżawrjenti. Peress li d-Direttiva 93/36 għandha tiġi interpretata b'mod strett, għaliex inkella tiġi pprivata mill-effettività tagħha, l-Istati Membri ma jistgħux jipprovdu għal sitwazzjonijiet li fihom tista' tintuża l-proċedura nnegozjata li mhumiex previsti minn din id-direttiva u lanqas ma jistgħu jżidu, mas-sitwazzjonijiet espressament previsti, kundizzjonijiet ġodda li jkollhom bħala effett li jagħmlu l-użu tal-imsemmija proċedura iktar faċli. Barra minn hekk, huwa dak li jkollu l-intenzjoni jagħmel użu minn eċċezzjoni li għandu jressaq il-prova li ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw din l-eċċezzjoni effettivament jeżistu.

It-tieni nett, għandhom jissemmew, forsi b'mod li jista' jidher mingħajr ordni, sentenzi oħra li huma ta' interess partikolari.

Fil-kawża *Synthon* (sentenza tas-16 ta' Ottubru 2008, C-452/06), il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tinterpreta l-Artikolu 28 tad-Direttiva 2001/83 [38] u ddeċidiet li dan l-artikolu jipprekludi lil Stat Membru, li jkollu quddiemu applikazzjoni għar-rikonoxximent reċiproku ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' prodott mediċinali għall-użu mill-bniedem mogħtija minn Stat Membru ieħor fil-kuntest tal-proċedura mqassra prevista fl-Artikolu 10(1)(a)(iii) ta' din id-direttiva, milli jiċħad din l-applikazzjoni minħabba li l-prodott mediċinali inkwistjoni mhuwiex essenzjalment simili għall-prodott mediċinali ta' referenza. Fil-fatt, l-eżistenza ta' riskju għas-saħħa pubblika tikkostitwixxi l-unika raġuni li Stat Membru huwa fid-dritt li jinvoka sabiex jeskludi r-rikonoxximent ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq mogħtija minn Stat Membru ieħor. Barra minn dan, l-Istat Membru li jixtieq jagħmel użu minn raġuni tali għandu jikkonforma ruħu ma' proċedura ta' informazzjoni, ta' ftehim u ta' arbitraġġ prevista speċifikament.
Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, fil-każ li l-Istat Membru ma kellux quddiemu għażliet leġiżlattivi u kellu marġni ta' diskrezzjoni kunsiderevolment imnaqqas, jekk mhux ineżistenti, is-sempliċi ksur tad-dritt Komunitarju jista' jkun biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju tad-dritt Komunitarju. Għaldaqstant, peress li l-Artikolu 28 tal-imsemmija direttiva jagħti biss, lill-Istat Membru li jkollu quddiemu applikazzjoni għar-rikonoxximent reċiproku, marġni diskrezzjonali ristrett ħafna fir-rigward tar-raġunijiet li abbażi tagħhom dan l-Istat jista' ma jirrikonoxxix l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq inkwistjoni, in-nuqqas, min-naħa ta' Stat Membru, li jirrikonoxxi din l-awtorizzazzjoni għar-raġuni li l-prodott mediċinali kkonċernat ma jkunx essenzjalment simili għall-prodott mediċinali ta' referenza, jew jappartjeni għal kategorija ta' prodotti mediċinali li fir-rigward tagħhom prassi ġenerali tal-Istat Membru kkonċernat teskludi li dan il-prodott jista' jitqies bħala essenzjalment simili għall-prodott mediċinali ta' referenza, jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju tad-dritt Komunitarju, li jista' jwassal għar-responsabbiltà ta' dan l-Istat Membru.

[38] Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2001, dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, p. 67).

Fil-kawża *Arcor* (sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, C-152/07 sa C-154/07), dwar is-settur tat-telekomunikazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 12(7) tad-Direttiva 97/33 [39] u l-Artikolu 4c tad-Direttiva 90/388 [40] għandhom jiġu interpretati fis-sens li awtorità regolatorja nazzjonali ma tistax tobbliga lil operatur ta' netwerk ta' konnessjoni interkonness ma' netwerk lokali pubbliku jħallas lill-operatur tan-netwerk lokali li jinsab f'pożizzjoni dominanti, kontribuzzjoni għall-konnessjoni b'mod addizzjonali għal kontribuzzjoni għall-interkonnessjoni, sabiex jiġi kkumpensat it-telf ikkawżat lil dan l-operatur tal-aħħar minħabba t-tqegħid għad-dispożizzjoni tan-netwerk lokali. Fil-fatt, l-Artikolu 12(7) tad-Direttiva 97/33 ma jippermettix lil awtorità regolatorja nazzjonali tawtorizza kontribuzzjoni għall-konnessjoni li l-ammont tagħha ma jkunx iddeterminat skont l-ispejjeż meta din ikollha l-istess karatteristiċi bħal kontribuzzjoni għall-interkonnessjoni u tinġabar b'mod addizzjonali għal din il-kontribuzzjoni. Barra minn hekk, l-effett ta' tali kontribuzzjoni huwa biss li tipproteġi lill-operatur tan-netwerk lokali li jinsab f'pożizzjoni dominanti fis-suq u twassal sabiex it-telf tiegħu jiġi ffinanzjat mill-abbonati tal-operaturi tan-netwerks interkonnessi l-oħra, liema finanzjament huwa separat mill-finanzjament tal-obbligi ta' servizz universali u jmur kontra l-prinċipju ta' kompetizzjoni libera. L-imsemmija artikoli għandhom effett dirett u jistgħu jiġu invokati direttament quddiem qorti nazzjonali minn individwi sabiex jikkontestaw deċiżjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali.

Fil-kawża *Tele2 Telecommunication* (sentenza tal-21 ta' Frar 2008, C-426/05, Ġabra p. I-685), dwar in-netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi koperti mid-Direttiva 2002/21/KE [41], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-kunċett ta' utent jew ta' impriża "milquta" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva [42], kif ukoll dwar il-kunċett ta' parti "affettwata" fis-sens tal-Artikolu 16(3) ta' din id-direttiva [43]. Dawn il-kunċetti għandhom jiġu interpretati bħala li jistgħu jkopru mhux biss impriża (preċedentement) b'saħħitha fis-suq rilevanti li tkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' awtorità nazzjonali regolatorja meħuda fil-kuntest ta' proċedura ta' analiżi tas-suq u li tkun id-destinatarja tagħha, iżda wkoll l-utenti u l-impriżi li jikkompetu ma' impriża bħal din li ma jkunux huma stess id-destinatarji ta' din id-deċiżjoni, iżda li d-drittijiet tagħhom ikunu milquta b'mod sfavorevoli minnha. Fil-kuntest ta' tali proċedura, dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tirrikonoxxi l-istatus ta' parti fil-konfront biss ta' impriżi (preċedentement) b'saħħithom fis-suq rilevanti li fir-rigward tagħhom jiġu imposti, mibdula jew irtirati xi obbligi legali speċifiċi, ma tmurx, bħala regola, kontra l-Artikolu 4 msemmi iktar 'il fuq. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika li d-dritt proċedurali

39 Direttiva 97/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Ġunju 1997, dwar interkonnessjoni fit-telekomunikazzjonijiet fir-rigward tal-assigurazzjoni ta' servizz universali u interoperabbiltà permezz tal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' provvista ta' netwerk miftuħ (ONP) (ĠU L 199, p. 32), kif emendata bid-Direttiva 98/61/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 1998 (ĠU L 268, p. 37).

40 Direttiva tal-Kummissjoni 90/388/KEE, tat-28 ta' Ġunju 1990, dwar il-kompetizzjoni fis-swieq tas-servizzi ta' telekomunikazzjoni (ĠU L 192, p. 10), kif emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 96/19/KE, tat-13 ta' Marzu 1996 (ĠU L 74, p. 13).

41 Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi [networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi] (Direttiva Kwadru [Qafas]) (ĠU L 108, p. 33).

42 Li jagħti lil kull utent jew lil kull impriża li tipprovdi netwerks u/jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi dritt ta' appell minn deċiżjoni meħuda minn awtorità regolatorja nazzjonali li tolqothom.

43 Li jagħti lil din tal-aħħar id-dritt li tiġi avżata f'termini xieraq dwar deċiżjoni li tirtira obbligi legali speċifiċi għal settur partikolari.

intern jiggarantixxi d-drittijiet li jitnisslu mill-ordinament ġuridiku Komunitarju favur l-imsemmija utenti u l-imsemmija impriżi kompetituri, b'mod li ma jkunx inqas favorevoli minn dak li bih jiġu ggarantiti d-drittijiet paragunabbli ta' natura domestika u b'mod li ma jippreġudikax l-effettività tal-protezzjoni ġuridika tal-persuna kkonċernati ggarantita mill-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva.

Fil-kawża *Sabatauskas et* (sentenza tad-9 ta' Ottubru 2008, C-239/07) dwar is-suq intern tal-elettriku, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/54 [44] għandu jiġi interpretat fis-sens li jiddefinixxi l-obbligi tal-Istati Membri biss f'dak li jirrigwarda l-aċċess u mhux il-konnessjoni ta' terzi man-netwerks ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni tal-enerġija elettrika u li ma jipprovdix li s-sistema ta' aċċess għan-netwerks li l-Istati Membri huma obbligati li jistabbilixxu għandha tkun tippermetti li l-klijenti eliġibbli jkunu jistgħu, b'mod diskrezzjonali, jagħżlu t-tip ta' netwerk li miegħu jixtiequ jistabbilixxu konnessjoni. L-imsemmi artikolu ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li t-tagħmir ta' klijent eliġibbli jista' jiġi mqabbad ma' netwerk ta' trażmissjoni biss jekk l-amministratur ta' netwerk ta' distribuzzjoni jirrifjuta, minħabba rekwiżiti tekniċi jew ta' tħaddim stabbiliti, li jqabbad man-netwerk ta' distribuzzjoni tiegħu t-tagħmir ta' klijent eliġibbli li jkun jinsab fiż-żona ta' attività ddefinita fil-liċenzja tiegħu. Madankollu hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika li l-implementazzjoni u l-applikazzjoni ta' din is-sistema jsiru skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji bejn l-utenti tan-netwerks.

Fil-qasam tal-protezzjoni ta' data personali, għandha tissemma l-kawża *Huber* (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, C-524/06), li kienet tikkonċerna s-sistema Ġermaniża għall-ipproċessar ta' data personali dwar iċ-ċittadini tal-Unjoni li mhumiex ċittadini Ġermaniżi, sistema li kienet tipprovdi għall-ipproċessar u għaż-żamma ta' data dwar dawn iċ-ċittadini barranin f'reġistru partikolari b'informazzjoni iktar dettaljata minn dik miżmuma, fir-rigward taċ-ċittadini Ġermaniżi, fir-reġistri tal-komun. Għal domanda dwar il-kompatibbiltà ta' tali sistema mal-Artikolu 7(e) tad-Direttiva 95/46 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [45], il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet li tali sistema, li jkollha bħala għan is-sostenn tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar id-dritt ta' residenza, ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' neċessità previst mill-imsemmi artikolu, interpretat fid-dawl tal-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq iċ-ċittadinanza ħlief jekk tinkludi biss id-data neċessarja għall-applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni mill-imsemmija awtoritajiet u jekk in-natura ċentralizzata tagħha tippermetti applikazzjoni iktar effettiva ta' din il-leġiżlazzjoni fir-rigward tad-dritt ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni li mhumiex ċittadini ta' dan l-Istat Membru, kundizzjonijiet dawn li għandhom jiġu vverifikati mill-qorti tar-rinviju. F'kull każ, iż-żamma u l-ipproċessar ta' data personali marbuta ma' ismijiet fil-kuntest ta' tali reġistru għal finijiet ta' statistika ma jistgħux jitqiesu bħala neċessarji fis-sens tal-Artikolu 7(e) tad-Direttiva 95/46, iċċitata iktar 'il fuq. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 12 KE jipprekludi l-istabbiliment minn Stat Membru ta' tali sistema ta' pproċessar ta' data personali speċifika għaċ-ċittadini tal-Unjoni li mhumiex

44 Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE (ĠU L 176, p. 37).

45 Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, p. 31).

ċittadini ta' dan l-Istat Membru bil-għan li tiġi miġġielda l-kriminalità, sa fejn, fir-rigward ta' dan l-għan, is-sitwazzjoni taċ-ċittadini ta' Stat Membru mhijiex differenti minn dik taċ-ċittadini tal-Unjoni li mhumiex ċittadini ta' dan l-Istat Membru u li jirrisjedu fit-territorju tiegħu.

Fil-kawża *Promusicae* (sentenza tad-29 ta' Jannar 2008, C-275/06, Ġabra p. I-271), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt Komunitarju ma jimponix fuq l-Istati Membri l-obbligu li, bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-awtur, data personali tiġi żvelata fil-kuntest ta' proċeduri ċivili. Fil-fatt, f'sitwazzjoni fejn assoċjazzjoni mingħajr skop ta' lukru li tiġbor fi ħdanha produtturi u edituri ta' reġistrazzjonijiet mużikali u awdjoviżivi tressaq talba sabiex fornitur ta' servizzi ta' aċċess għall-Internet jiġi ordnat jiżvelala l-identità u l-indirizz tad-dar ta' ċerti abbonati sabiex hija tkun tista' tressaq proċeduri ċivili kontrihom għall-ksur tad-drittijiet tal-awtur, la d-direttivi dwar is-soċjetà tal-informazzjoni u dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari tad-drittijiet tal-awtur [46], u lanqas dawk dwar il-protezzjoni tad-data personali [47], ma jobbligaw lill-Istati Membri jistabbilixxu l-obbligu li data personali tiġi kkomunikata bil-għan li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-awtur fil-kuntest ta' proċeduri ċivili. Il-Ftehim dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (Ftehim TRIPs) ma jinkludix dispożizzjonijiet li minnhom jirriżulta li d-direttivi msemmija iktar 'il fuq għandhom jiġu interpretati fis-sens li huwa obbligatorju għall-Istati Membri li jistabbilixxu tali obbligu. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li d-dritt Komunitarju jeżiġi li, fit-traspożizzjoni ta' dawn id-direttivi, l-Istati Membri jaraw li jibbażaw ruħhom fuq interpretazzjoni tagħhom li tippermetti li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn id-diversi drittijiet fundamentali protetti mis-sistema legali Komunitarja. Meta jiġu implementati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' dawn id-direttivi, l-awtoritajiet u l-qrati tal-Istati Membri mhux biss għandhom jinterpretaw id-dritt nazzjonali tagħhom b'mod konformi ma' dawn id-direttivi, iżda għandhom jaraw ukoll li ma jibbażawx ruħhom fuq interpretazzjoni tagħhom li tkun kunfliġġenti mad-drittijiet fundamentali jew mal-prinċipji ġenerali l-oħra tad-dritt Komunitarju, bħall-prinċipju ta' proporzjonalità.

Żewġ kawżi wasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex teżamina d-Direttiva 2000/35 dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tardivi fi tranżazzjonijiet kummerċjali [48].

Fil-kawża *01051 Telecom* (sentenza tat-3 ta' April 2008, C-306/06), fil-kuntest ta' kawża dwar il-ħlas ta' interessi moratorji mitluba fuq il-bażi ta' ħlas allegatament tardiv ta' fatturi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 3(1)(ċ)(ii) tal-imsemmija direttiva għandu jiġi

46 Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-8 ta' Ġunju 2000, dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (ĠU L 178, p. 1). Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU L 167, p. 10), u Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 157, p. 45).

47 Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, p. 31), u Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Lulju 2002, dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU L 201, p. 37).

48 Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni, tad-29 ta' Ġunju 2000, dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 200, p. 35).

interpretat fis-sens li jeżiġi li, sabiex ħlas permezz ta' trasferiment bankarju jeskludi jew iwaqqaf l-applikazzjoni tal-interessi moratorji, is-somma dovuta għandha tiddaħħal fil-ħin fil-kont tal-kreditur.

Fil-kawża *Caffaro* (sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, C-265/07), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-imsemmija direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix dispożizzjoni nazzjonali li tipprovdi li kreditur, li jkollu titolu eżekuttiv relatat ma' talba mhux ikkontestata miżmuma fil-konfront ta' awtorità pubblika bħala remunerazzjoni għal tranżazzjoni kummerċjali, ma jistax iwettaq eżekuzzjoni furzata kontra din l-awtorità qabel l-iskadenza ta' terminu ta' 120 ġurnata li jibda jiddekorri min-notifika tat-titolu eżekuttiv lil din l-awtorità. Fil-fatt, din id-direttiva, fir-rigward tal-proċeduri għall-irkupru ta' talbiet mhux ikkontestati, tarmonizza biss it-terminu għall-kisba tal-imsemmi titolu eżekuttiv, mingħajr ma tirregola l-proċeduri ta' eżekuzzjoni furzata li jibqgħu suġġetti għad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri.

Fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumaturi, jistgħu jissemmew ukoll żewġ kawżi.

Fil-kawża *Hamilton* (sentenza tal-10 ta' April 2008, C-412/06), il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li d-Direttiva 85/577, dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi fil-każ ta' kuntratti nnegozjati barra mil-lok tan-negozju [49], għandha tiġi interpretata fis-sens li l-leġiżlatur nazzjonali jista' jipprovdi li d-dritt ta' revoka msemmi fl-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva, li jipprevedi l-possibbiltà għall-konsumatur li jirrinunzja għall-effetti tal-ftehim tiegħu billi jibgħat avviż f'terminu ta' sebat ijiem minn meta n-negozjant jinformah b'dan id-dritt, jista' jiġi eżerċitat mhux iktar tard minn xahar wara l-eżekuzzjoni kompluta mill-partijiet kontraenti tal-obbligi li jirriżultaw minn kuntratt ta' kreditu għal perijodu twil, meta l-konsumatur ikun irċieva informazzjoni żbaljata fuq il-modalitajiet tal-eżerċizzju ta' dan l-imsemmi dritt.

Fil-kawża *Quelle* (sentenza tas-17 ta' April 2008, C-404/06), il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha rinviju għal deċiżjoni preliminari magħmul mill-Bundesgerichtshof dwar kawża bejn assoċjazzjoni ta' konsumaturi u l-impriża Quelle, li kienet talbet u kisbet mingħand konsumatriċi l-ħlas għall-użu ta' apparat difettuż, mibdul b'apparat ġdid, inkonformità mal-leġiżlazzjoni Ġermaniża. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-Direttiva 1999/44 dwar il-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum [50] tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-bejjiegħ, li jkun biegħ oġġett ta' konsum difettuż, jeżiġi mingħand il-konsumatur kumpens għall-użu li dan il-konsumatur ikun għamel mill-oġġett difettuż sakemm dan ġie mibdul ma' oġġett ġdid. Fil-fatt, it-tqegħid f'konformità mill-bejjiegħ, mingħajr ħlas, huwa intiż sabiex jipproteġi lill-konsumatur mir-riskju ta' spejjeż li jistgħu jiddiswaduh milli jinvoka d-drittijiet tiegħu fin-nuqqas ta' protezzjoni bħal din. Barra minn hekk, it-tqegħid f'konformità mingħajr ħlas jikkorrispondi mal-għan ta' din id-direttiva, li huwa dak li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi. Il-bejjiegħ, li, għall-kuntrarju tal-konsumatur li jkun diġà ħallas il-prezz tal-bejgħ, ma jeżegwixxix b'mod korrett l-obbligu kuntrattwali tiegħu meta jikkunsinna oġġett difettuż, għandu jinkorri l-konsegwenzi ta' din l-eżekuzzjoni żbaljata. Minkejja dan, l-interessi finanzjarji tiegħu huma protetti, minn naħa, mit-terminu

[49] Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE, tal-20 ta' Diċembru 1985, biex tħares lill-konsumatur rigward kuntratti nnegozjati barra mil-lok tan-negozju (ĠU L 372, p. 31).

[50] Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom (ĠU L 171, p. 12).

ta' preskrizzjoni ta' sentejn u, min-naħa l-oħra, mill-possibbiltà li jirrifjuta t-tibdil tal-oġġett fil-każ li dan il-metodu ta' kumpens jirriżulta li huwa spoporzjonat peress li jinvolvi spejjeż mhux raġonevoli.

## *Trade marks*

Fil-ġurisprudenza dwar it-trade marks, għandha tingħata attenzjoni partikolari lil żewġ kawżi li kienu jikkonċernaw il-possibbiltà, kif tirriżulta mill-Artikoli 5(1)(b) u 6(1)(b) tad-Direttiva 89/104 [51], għall-proprjetarju ta' trade mark li jipprojbixxi l-użu ta' sinjal li jixbah lit-trade mark tiegħu.

Fil-kawża *O2 Holdings u O2 (UK)* (sentenza tat-12 ta' Ġunju 2008, C-533/06), 02, proprjetarja ta' żewġ trade marks Brittanniċi komposti minn stampa statika ta' bżieżaq, użat din l-istampa, kemm b'mod statiku u kemm b'mod li jiċċaqlaq, sabiex tirreklama s-servizzi tagħha. F'reklamar li jqabbel is-servizzi tagħha ma' dawk ta' O2, Hutchison 3G użat stampi ta' bżieżaq suwed u bojod jiċċaqilqu. Fil-kuntest ta' kawża għal vjolazzjoni ta' trade mark imressqa minn 02 u miċħuda fl-ewwel istanza mill-High Court, il-Court of Appeal essenzjalment staqsiet jekk kienx possibbli għall-proprjetarju ta' trade mark li jipprojbixxi l-użu, f'reklamar komparattiv, ta' sinjal identiku għal jew li jixbah lit-trade mark tiegħu. Wara li fakkret il-kundizzjonijiet ta' legalità stabbiliti fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 84/450 [52], kif emendata bid-Direttiva 97/55 [53], li jippermetti lill-proprjetarju ta' trade mark jipprojbixxi l-imsemmi użu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 89/104 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-proprjetarju ta' trade mark irreġistrata ma jistax jipprojbixxi l-użu minn terzi, f'reklamar komparattiv, ta' sinjal li jixbah lil din it-trade mark fir-rigward ta' prodotti jew servizzi identiċi għal jew li jixbhu lil dawk li għalihom l-istess trade mark hija rreġistrata, meta dan l-użu ma joħloqx probabbiltà ta' konfużjoni f'moħħ il-pubbliku, u dan indipendentement mill-fatt jekk l-imsemmi reklamar komparattiv jissodisfax jew le l-kundizzjonijiet kollha ta' legalità.

Fil-kawża *adidas u adidas Benelux* (sentenza tal-10 ta' April 2008, C-102/07), adidas AG, proprjetarja ta' trade marks figurattivi komposti minn tliet strixxi vertikali paralleli, tal-istess wisa', li jitwaħħlu lateralment fuq ħwejjeġ sportivi u informali u li l-kulur tagħhom jikkuntrasta mal-kulur prinċipali, kienet qiegħda topponi l-użu, mill-kumpanniji Marca Mode, C&A, H&M u Vendex, ta' sinjal simili kompost minn żewġ strixxi. Dawn il-kumpanniji invokaw il-ħtieġa ta' disponibbiltà ta' dawn l-istrixxi sabiex jużawhom mingħajr il-kunsens ta' adidas. Wara rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-Hoge Raad der Nederlanden, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ħtieġa ta' disponibbiltà f'ebda każ ma tista' tikkostitwixxi limitazzjoni awtonoma tal-effetti tat-trade mark li tiżdied ma' dawk espressament ipprovduti fl-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva 89/104. Madankollu, il-proprjetarju ta' trade mark ma jistax jipprojbixxi lil terzi milli jużaw b'mod onest indikazzjonijiet deskrittivi. Sabiex terza persuna tkun tista' tinvoka l-limitazzjonijiet tal-effetti ta' trade mark li jinsabu fl-imsemmija direttiva dwar it-

[51] L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 40, p. 1).

[52] Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, tal-10 ta' Settembru 1984, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar reklamar qarrieqi (ĠU L 250, p. 17).

[53] Direttiva 97/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Ottubru 1997, li temenda d-Direttiva tal-KEE 84/450 dwar reklamar qarrieqi sabiex tinkludi reklamar komparattiv (ĠU L 290, p. 18).

trade marks u sabiex tkun tista' tinvoka l-ħtieġa ta' disponibbiltà, jeħtieġ li l-indikazzjoni użata minnha tkun relatata ma' waħda mill-karatteristiċi tal-prodott.

## *Politika soċjali*

Fost il-ġurisprudenza fil-qasam tal-politika soċjali, għandhom jissemmew diversi kawżi dwar l-implementazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali, dwar id-dispożizzjonijiet intiżi li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħaddiema, kif ukoll kawża ta' interess partikolari minħabba l-aspetti istituzzjonali tagħha.

L-ewwel nett, fil-kuntest ta' żewġ domandi għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja approfondiet il-ġurisprudenza tagħha dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2000/78/KE [54] dwar trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol. Fil-kawża *Coleman* (sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, C-303/06), il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-prinċipju ta' trattament ugwali stabbilit fl-imsemmija direttiva ma japplikax għal kategorija ta' persuni partikolari iżda abbażi tar-raġunijiet ta' diskriminazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-direttiva u li għalhekk il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni diretta mhijiex limitata biss għall-persuni li huma stess għandhom diżabbiltà. B'hekk, meta min iħaddem jittratta impjegat li huwa stess ma għandux diżabbiltà b'mod inqas favorevoli minn impjegat ieħor f'sitwazzjoni komparabbli u meta jiġi pprovat li t-trattament sfavorevoli li tiegħu dan l-impjegat ikun vittma jkun ibbażat fuq id-diżabbiltà tat-tifel tiegħu, li lilu huwa jagħti l-parti l-kbira tal-kura li dan tal-aħħar għandu bżonn, tali trattament imur kontra l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni diretta prevista fl-Artikolu 2 tal-istess direttiva. Kwalunkwe interpretazzjoni oħra tista' ċċaħħad lil din id-direttiva minn parti sinjifikattiva mill-effett utli tagħha u tnaqqas il-protezzjoni li hija intiża li tiggarantixxi. L-istess raġunament japplika għall-fastidju, li huwa kkunsidrat bħala forma ta' diskriminazzjoni fis-sens ta' din id-direttiva. Għalhekk, il-projbizzjoni tal-fastidju ma tistax tiġi limitata biss għall-persuni li huma stess għandhom diżabbiltà iżda tapplika għall-persuni li jkunu vittmi ta' mġiba li tikkostitwixxi fastidju marbut mad-diżabbiltà li minnha jsofri t-tifel tagħhom.

Fil-kawża *Maruko* (sentenza tal-1 ta' April 2008, C-267/06), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li benefiċċju tas-superstiti mogħti fil-kuntest ta' skema ta' sigurtà soċjali professjonali amministrata minn fond ta' sigurtà soċjali għal kategorija partikolari ta' ħaddiema jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78/KE. Fil-fatt, tali benefiċċju għandu jiġi kklassifikat bħala "paga" fis-sens tal-Artikolu 141 KE minħabba, b'mod partikolari, il-fatt li dan il-benefiċċju jiddependi mir-relazzjoni ta' impjieg tal-persuna li ġiet nieqsa. Barra minn hekk, l-Artikoli 1 u 2 tal-imsemmija direttiva jipprekludu leġiżlazzjoni li permezz tagħha, wara l-mewt tas-sieħeb tul il-ħajja tiegħu, is-sieħeb superstiti ma jirċevix benefiċċju tas-superstiti ekwivalenti għal dak mogħti lil konjuġi superstiti, minkejja li, skont il-liġi nazzjonali, l-unjoni tul il-ħajja tpoġġi lill-persuni tal-istess sess f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-miżżewġin f'dak li jirrigwarda dan il-benefiċċju tas-superstiti. Ir-rifjut li jingħata dan il-benefiċċju tas-superstiti lil sieħeb tul il-ħajja superstiti jikkostitwixxi, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, diskriminazzjoni diretta bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk sieħeb tul il-ħajja superstiti huwiex f'sitwazzjoni

[54] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, p. 16).

paragunabbli għal dik ta' konjuġi superstiti li jirċievi l-benefiċċju tas-superstiti previst mill-iskema ta' sigurtà soċjali professjonali amministrata mill-fond inkwistjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja espandiet il-ġurisprudenza tagħha fil-qasam tal-protezzjoni ta' nisa tqal u fil-qasam tat-trattament ugwali għal irġiel u nisa fil-kuntest tal-kawża *Mayr* (sentenza tas-26 ta' Frar 2008, C-506/06, Ġabra p. I-1017) dwar ħaddiema mara li kienet għamlet trattament ta' fekondazzjoni *in vitro*. Din is-sentenza tippreċiża li d-Direttiva 92/85/KEE [55], li tistabbilixxi b'mod partikolari protezzjoni mit-tkeċċija għall-ħaddiema nisa tqal, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tapplikax għal ħaddiema mara li tissottometti ruħha għal fekondazzjoni *in vitro* meta, fid-data li fiha titħabbar it-tkeċċija tagħha, il-fekondazzjoni tal-ovuli ta' din il-ħaddiema bl-isperma tas-sieħeb tagħha tkun diġà seħħet, b'tali mod li jeżistu ovuli ffekondati *in vitro* li iżda jkunu għadhom ma ġewx ittrasferiti fl-utru tagħha. Fil-fatt, il-protezzjoni stabbilita fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 92/58 ma tistax, minħabba raġunijiet relatati mal-osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali u fid-dawl tat-tul ta' żmien li matulu l-ovuli ffekondati jistgħu potenzjalment jiġu kkonservati, tiġi estiża għal tali ħaddiema. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 76/207 [56] dwar l-implementazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa jipprekludu t-tkeċċija ta' ħaddiema mara li tinsab fi stadju avvanzat ta' trattament ta' fekondazzjoni *in vitro*, jiġifieri bejn it-titqiba follikulari u t-trasferiment immedjat tal-ovuli ffekondati *in vitro* fl-utru ta' din il-ħaddiema, sakemm jintwera li din it-tkeċċija hija essenzjalment dovuta għall-fatt li l-persuna interessata għamlet tali trattament. Fil-fatt, peress li tali trattament mediku jikkonċerna direttament lin-nisa biss, it-tkeċċija ta' ħaddiema mara essenzjalment minħabba l-fatt li hija tissottometti ruħha għal dan l-istadju importanti ta' trattament ta' fekondazzjoni *in vitro* tikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sess.

Il-kawża *Juuri* (sentenza tas-27 ta' Novembru 2008, C-396/07) tat l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tippreċiża l-portata tal-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva 2001/23 dwar id-drittijiet tal-ħaddiema fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi [57]. L-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva jipprovdi li, meta l-kuntratt ta' impjieg jintemm minħabba bidla sostanzjali fil-kundizzjonijiet tal-impjieg li tirriżulta mit-trasferiment ta' impriża, il-persuna li timpjega għandha tinżamm responsabbli għat-tmiem ta' dan il-kuntratt. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta l-persuna li lilha jsir it-trasferiment ma tonqosx milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din l-istess direttiva, din id-dispożizzjoni ma tobbligax lill-Istati Membri sabiex jiggarantixxu lill-ħaddiem dritt għal kumpens finanzjarju mingħand il-persuna li lilha jsir it-trasferiment f'kundizzjonijiet identiċi għad-dritt li ħaddiem jista' jinvoka meta l-persuna li tħaddmu ttemm illegalment il-kuntratt ta' impjieg jew ir-relazzjoni ta' impjieg. Madankollu, f'sitwazzjoni bħal din, il-qorti nazzjonali għandha, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha, tiggarantixxi li l-persuna li

55 Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (ĠU L 348, p. 1).

56 Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE, tad-9 ta' Frar 1976, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol (ĠU L 39, p. 40).

57 Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU L 82, p. 16).

lilha jsir it-trasferiment tbati, minn tal-inqas, il-konsegwenzi li d-dritt nazzjonali applikabbli jorbot mat-tmiem tal-kuntratt ta' impjieg jew tar-relazzjoni ta' impjieg fil-konfront ta' min iħaddem, bħall-ħlas tal-paga u ta' vantaġġi oħra li jikkorrispondu għall-perijodu ta' notifika minn qabel. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2001/23, li jipprovdi li l-persuna li lilha jsir it-trasferiment għandha, wara t-trasferiment, tibqa' tosserva l-kundizzjonijiet tal-impjieg miftiehma fi ftehim kollettiv sad-data li fiha dan il-ftehim jintemm jew jiskadi, ma jobbligax lill-persuna li lilha jsir it-trasferiment tiggarantixxi ż-żamma tal-kundizzjonijiet tal-impjieg wara dan id-data, anki jekk din id-data tikkoinċidi mal-mument tat-trasferiment tal-impriża.

Fil-kawża *Impact* (sentenza tal-15 ta' April 2008, C-268/06), il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat il-kwistjoni tal-awtonomija proċedurali tal-Istati u tal-effett dirett tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fil-qasam tal-impjieg għal żmien fiss fis-servizz pubbliku.

Hija ddeċidiet li d-dritt Komunitarju, b'mod partikolari l-prinċipju ta' effettività, jeżiġi li qorti speċjalizzata, inkarigata, fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni li ġiet ikkonferita lilha, anki b'mod volontarju, mil-leġiżlazzjoni li tassigura t-traspożizzjoni tad-Direttiva 1999/70 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP, sabiex tisma' talba bbażata fuq ksur ta' din il-leġiżlazzjoni, tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni sabiex tisma' wkoll pretensjonijiet tar-rikorrent ibbażati direttament fuq din id-direttiva stess għall-perijodu inkluż bejn id-data ta' meta skada t-terminu għat-traspożizzjoni tagħha u d-data tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni msemmija, jekk jirriżulta li l-obbligu li dan ir-rikorrent għandu li jressaq, b'mod parallel, quddiem qorti ordinarja, talba separata direttament ibbażata fuq l-imsemmija direttiva jwassal għal inkonvenjenti proċedurali ta' natura tali li jagħmlu eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lilu mis-sistema legali Komunitarja. F'dan ir-rigward, il-Klawżola 4(1) tal-imsemmi ftehim qafas, li tipprojbixxi kull differenza fit-trattament li ma tkunx oġġettivament iġġustifikata fir-rigward tal-ħaddiema għal żmien fiss f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-impjieg, hija mingħajr kundizzjoni u preċiża biżżejjed sabiex tkun tista' tiġi invokata minn individwu quddiem qorti nazzjonali, kuntrarjament għall-Klawżola 5(1), li tassenja lill-Istati Membri għan ġenerali li jikkonsisti fil-prevenzjoni tal-użu abbużiv tal-kuntratti għal żmien fiss suċċessivi filwaqt li tħallilhom l-għażla tal-metodi sabiex jintlaħaq dan il-għan.
Huwa għalhekk li awtorità ta' Stat Membru li taġixxi fil-kwalità ta' persuna pubblika li tħaddem mhijiex awtorizzata tadotta miżuri li jikkonsistu fit-tiġdid ta' kuntratti għal żmien fiss għal terminu insolitament twil matul il-perijodu ta' bejn id-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva u dik tad-dħul fis-seħħ tal-liġi li tiżgura din it-traspożizzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, sa fejn il-liġi nazzjonali applikabbli tinkludi fiha regola li teskludi l-applikazzjoni retroattiva ta' liġi fin-nuqqas ta' indikazzjoni ċara u mhux ambigwa li tgħid mod ieħor, qorti nazzjonali, li jkollha quddiema talba bbażata fuq ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva 1999/70, mhijiex marbuta, skont id-dritt Komunitarju, li tikkonferixxi effett retroattiv lid-dispożizzjoni msemmija b'effett mid-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva ħlief jekk teżisti, f'din il-liġi nazzjonali, indikazzjoni ta' din in-natura, li tkun ta' natura tali li tikkonferixxi tali effett retroattiv lil din id-dispożizzjoni.

## *Ambjent*

Fil-kawża *Commune de Mesquer* (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2008, C-188/07), li rriżultat minnawfraġju, mal-kosta Atlantika Franċiża, tat-tanker taż-żejt Erika, li kien innoleġġat minn Total International Ltd, il-Komun ta' Mesquer ressaq kawża, abbażi tad-Direttiva dwar l-"iskart" [58], kontra l-kumpanniji tal-grupp Total sabiex dawn jinżammu responsabbli għall-ħlas lura tal-ispejjeż li kienu saru għat-tindif u għat-tneħħija tat-tniġġis minn mal-kosta tiegħu. Mitluba tinterpreta d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva mill-Cour de cassation Franċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li ż-żejt karburant tqil ittrasportat fuq bastiment ma jikkostitwixxix "skart" meta jintuża jew jinbiegħ f'kundizzjonijiet ekonomikament vantaġġużi u meta jista' effettivament jintuża bħala kombustibbli mingħajr operazzjoni ta' trasformazzjoni minn qabel. Madankollu, tali idrokarburi, imxerrda fiċ-ċirkustanzi ta' nawfraġju, li jitħalltu mal-ilma kif ukoll mas-sedimenti u li jinfirxu ma' tul il-kosta ta' Stat Membru sakemm jaslu sax-xtut, għandhom jiġu kkunsidrati bħala sustanzi li d-detentur tagħhom ma kellux l-intenzjoni jipproduċi u li huwa "jarmi", minkejja li involontarjament, fl-okkażjoni tat-trasport tagħhom u għalhekk għandhom jitqiesu bħala skart fis-sens tal-istess direttiva. Barra minn hekk, sabiex jiġi ddeterminat min għandu jbati l-ispejjeż marbuta mat-tneħħija tal-iskart li kellu jagħmel il-Komun ta' Mesquer, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, minn naħa, li s-sid tal-bastiment li kien qed jittrasporta idrokarburi u li kien fil-pussess tagħhom immedjatament qabel ma saru skart jista' jitqies bħala li pproduċa dan l-iskart u jista' jitqies bħala "detentur" fis-sens ta' din id-direttiva, u, min-naħa l-oħra, li l-bejjiegħ tal-idrokarburi u noleġġatur tat-tanker li kien qed jittrasportahom "ipproduċa l-iskart", jekk il-qorti nazzjonali tikkonstata li dan il-bejjiegħ noleġġatur ikkontribwixxa għar-riskju li jkun hemm it-tniġġis ikkawżat minn dan in-nawfraġju, b'mod partikolari jekk naqas milli jieħu l-miżuri sabiex jiġi evitat avveniment bħal dan, bħal pereżempju dawk li jikkonċernaw l-għażla tat-tanker. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, jekk l-ispejjeż marbuta mat-tneħħija tal-iskart mhumiex jew ma jistgħux ikunu koperti mill-Fond Internazzjonali għal Kumpens għal Danni mit-Tniġġis biż-Żejt (FIPOL) u jekk, skont il-limiti ta' u/jew ħelsien minn responsabbiltà previsti, id-dritt nazzjonali ta' Stat Membru, inkluż dak li joħroġ minn konvenzjonijiet internazzjonali, ma jippermettix li dawn l-ispejjeż jistgħu jkunu sostnuti minn sid it-tanker u n-noleġġatur ta' dan tal-aħħar, minkejja li dawn għandhom jitqiesu bħala detenturi, tali dritt nazzjonali għandu għalhekk jippermetti li l-ispejjeż tat-tneħħija tal-iskart jiġu sostnuti mill-"produttur tal-prodott li jiġġenera l-iskart" imxerred. Madankollu, skont il-prinċipju li min iniġġes iħallas, tali produttur jista' jkun meħtieġ isostni dawn l-ispejjeż fil-każ biss li, bl-attività tiegħu, huwa jkun ikkontribwixxa għar-riskju li jkun hemm it-tniġġis ikkawżat min-nawfraġju tat-tanker.

F'żewġ kawżi dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 85/337 [59], kif emendata bid-Direttiva 97/11 [60], ġie ppreċiżat il-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

[58] Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE, tal-15 ta' Lulju 1975, dwar l-iskart (ĠU L 194, p. 39), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/350/KE, tal-24 ta' Mejju 1996, li taddatta l-Annessi IIA u IIB tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart (ĠU L 135, p. 32).

[59] Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175, p. 40).

[60] Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE, tat-3 ta' Marzu 1997, li temenda d-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 73, p. 5).

F'dan is-sens, filwaqt li fil-kawża *Ecologistas en Acción-CODA* (sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, C-142/07), l-assoċjazzjoni Ecologistas en Acción-CODA kienet qiegħda tikkontesta l-istima magħmula mill-Kunsill Muniċipali ta' Madrid tal-effetti fuq l-ambjent ta' proġetti ta' trasformazzjoni u ta' titjib tat-triq li tgħaqqad bliet direttament u bil-ħeffa li ddur ma' Madrid bi ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 85/337 kif emendata, fil-kawża *Abraham et* (sentenza tat-28 ta' Frar 2008, C-2/07), fil-kuntest ta' rikors għal responsabbiltà, l-individwi li jgħixu qrib l-ajruport ta' Liège-Bierset kienu qed jilmentaw quddiem il-Cour de cassation Belġjana dwar storbju kkawżat mir-ristrutturazzjoni ta' dan l-ex ajruport militari. Fiż-żewġ kawżi qamet il-kwistjoni ta' jekk il-kunċett ta' proġetti fis-sens ta' din id-direttiva setax ikopri l-proġetti ta' bidla, ta' trasformazzjoni, ta' titjib jew ta' estensjoni tal-infrastrutturi inkwistjoni. Fil-kawża *Ecologistas en Acción-CODA*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-direttiva, kif emendata, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tipprovdi għall-istima tal-effetti fuq l-ambjent tal-proġetti ta' trasformazzjoni u ta' titjib ta' toroq urbani meta dawn ikunu proġetti previsti fil-punt 7(b) jew (ċ) tal-Anness I ta' din id-direttiva, jiġifieri, b'mod partikolari proġetti ta' "bini ta' toroq prinċipali għall-vetturi bil-mutur ('motorways') u toroq li jgħaqqdu bliet direttament u bil-ħeffa ('express')", jew meta dawn ikunu proġetti previsti fil-punt 10(e) jew fl-ewwel inċiż tal-punt 13 tal-Anness II tal-imsemmija direttiva, li x'aktarx ikun ser ikollhom impatt sinjifikattiv fuq l-ambjent minħabba n-natura, id-daqs jew il-lokalizzazzjoni tagħhom u, jekk ikun il-każ, fid-dawl tal-interazzjoni tagħhom ma' proġetti oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, minn naħa, li proġett li jirrigwarda t-trasformazzjoni ta' triq li, minħabba d-daqs tiegħu u l-mod kif jitwettaq, jekwivali għal bini jista' jiġi kkunsidrat li jirrigwarda bini fis-sens tal-imsemmi anness u, min-naħa l-oħra, li jkun kuntrarju għall-għan innifsu tad-Direttiva kif emendata li kull proġett li jirrigwarda triq urbana jitħalla jaħrab mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha għas-sempliċi raġuni li din id-direttiva ma ssemmix espressament il-proġetti li jirrigwardaw dan it-tip ta' triq fost il-proġetti mniżżla fl-Annessi I u II tagħha. Fil-kawża *Abraham et*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tal-punt 12 tal-Anness II moqrija flimkien ma' dawk tal-punt 7 tal-Anness I tad-Direttiva 85/337, fil-verżjoni oriġinali tagħhom, jinkludu wkoll ix-xogħlijiet ta' bidla mwettqa lill-infrastruttura ta' ajruport eżistenti mingħajr ma tiġi mtawla r-runway sakemm dawn jistgħu jitqiesu, b'mod partikolari minħabba n-natura, l-importanza u l-karatteristiċi tagħhom, bħala bidla tal-ajruport stess. Hija ppreċiżat li jkun kuntrarju għall-għan innifsu ta' din id-direttiva li xogħlijiet ta' titjib jew ta' estensjoni tal-infrastruttura ta' ajruport diġà eżistenti jitħallew jaħarbu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness II tagħha għar-raġuni li l-Anness I tal-imsemmija direttiva jirreferi għall-"bini ta' ajruporti" u mhux għall-"ajruporti" bħala tali.

Fil-kawża *Janecek* (sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, C-237/07), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 96/62 [61] dwar l-istima u l-immaniġġjar tal-kwalità tal-arja ċirkostanti, kif emendata bir-Regolament Nru 1882/2003 [62], għandha tiġi interpretata fis-sens li, fil-każ ta' riskju li jinqabżu l-valuri limitu jew il-limiti ta' twissija, l-individwi direttament ikkonċernati għandhom ikunu jistgħu jeħtieġu lill-awtoritajiet nazzjonali

[61] Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE, tas-27 ta' Settembru 1996, dwar l-istima u l-immaniġġar tal-kwalità tal-arja ċirkostanti (ĠU L 296, p. 55).

[62] Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settembru 2003, li jadatta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE d-dispożizzjonijiet dwar kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha stabbiliti fi strumenti suġġetti għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 284, p. 1).

kompetenti jfasslu pjan ta' azzjoni, anki jekk huma jkollhom, bis-saħħa tal-liġi nazzjonali, mezzi ta' azzjoni oħra sabiex jeħtieġu lil dawn l-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri sabiex jiġi miġġieled it-tniġġis atmosferiku. L-Istati Membri huma obbligati biss, suġġett għall-istħarriġ tal-qorti nazzjonali, li, fil-kuntest ta' pjan ta' azzjoni u fuq medda qasira ta' żmien, jieħdu l-miżuri xierqa sabiex inaqqsu kemm jista' jkun ir-riskju li jinqabżu l-valuri limitu jew il-limiti ta' twissija u sabiex iseħħ ritorn progressiv għal livell iktar baxx minn dawn il-valuri jew limiti, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi fattwali u l-interessi konfliġġenti kollha.

## *Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili*

Fost il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, għandha tissemma l-kawża *Rinau* (sentenza tal-11 ta' Lulju 2008, C-195/08 PPU), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tat l-ewwel sentenza bil-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2008. Adita b'talba li ma tiġix irrikonoxxuta, fil-Litwanja, sentenza mogħtija minn qorti Ġermaniża li kienet tagħti l-kustodja ta' minuri lill-missier li kien residenti fil-Ġermanja u li kienet tobbliga lill-omm, li kienet resident fil-Litwanja, tirritorna l-minuri lill-missier, il-Qorti Suprema tal-Litwanja xtaqet tkun taf sa fejn is-saħħa eżekuttiva tad-deċiżjoni li tordna r-ritorn mogħtija mill-qrati Ġermaniżi, li tirriżulta miċ-ċertifikat maħruġ skont ir-Regolament Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri [63], setgħet tiġi affettwata mill-fatt li l-qrati tal-Litwanja kienu fl-aħħar ordnaw ir-ritorn tal-wild fil-Ġermanja. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, ladarba deċiżjoni li ma jsirx ir-ritorn ta' minuri tkun ittieħdet u nġiebet għall-konoxxenza tal-qorti tal-oriġini, ikun irrilevanti, għall-finijiet tal-ħruġ taċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 42 tar-Regolament Nru 2201/2003, li din is-sentenza tkun ġiet sospiża, mibdula, annullata jew, jekk ikun il-każ, saret *res judicata* jew ġiet issostitwita minn deċiżjoni li tordna r-ritorn, sakemm ir-ritorn tal-minuri jkun għadu ma seħħx effettivament. Peress li l-awtentiċità tal-imsemmi ċertifikat ma kinitx ikkontestata u peress li dan inħareġ skont il-formularju li l-mudell tiegħu jinsab fl-Anness IV tar-Regolament, l-oppożizzjoni għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni li tordna r-ritorn hija pprojbita u l-qorti mitluba tista' biss tikkonstata s-saħħa eżekuttiva tad-deċiżjoni ċċertifikata u tordna r-ritorn immedjat tal-minuri. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk dan ma jkunx il-każ, ikun hemm ir-riskju li r-Regolament Nru 2201/2003 jitlef l-effett utli tiegħu peress li l-għan tar-ritorn ta' minuri jibqa' sottomess għall-kundizzjoni tal-eżawriment tar-rimedji proċedurali disponibbli taħt id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru li fih il-minuri jkun miżmum illegalment.

## *Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali u l-ġlieda kontra t-terroriżmu*

Fil-kawża *Kozlowski* (sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, C-66/08), dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 [64], li jippermetti lill-awtorità ġudizzjarja li teżegwixxi tirrifjuta li teżegwixxi tali

[63] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU L 367, p. 1).

[64] Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment [konsenja] bejn l-Istati Membri (ĠU L 190, p. 1).

mandat meta l-persuna mfittxija "qed toqgħod fi, jew hi ċittadina jew residenta ta' l-Istat Membru li jesegwixxi", u meta dan l-Istat jintrabat li jeżegwixxi din is-sentenza skont il-liġi domestika tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li persuna mfittxija "tirrisjedi" fl-Istat Membru li jeżegwixxi meta tkun stabbilixxiet ir-residenza reali tagħha f'dan tal-aħħar. Hija tkun "toqgħod" hemm meta, wara perijodu stabbli ta' ċertu tul ta' żmien li tkun qattgħet fl-Istat Membru li jeżegwixxi, tkun akkwistat rabtiet ma' dan l-Istat ta' livell simili għal dawk li jirriżultaw minn residenza, rabtiet li l-eżistenza tagħhom għandha tiġi ddeterminata mill-awtorità ġudizzjarja li teżegwixxi permezz ta' evalwazzjoni globali ta' diversi fatturi oġġettivi li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni ta' din persuna, li jinkludu, partikolarment, it-tul, in-natura u l-kundizzjonijiet taż-żmien li l-persuna mfittxija tkun qattgħet fl-Istat Membru li jeżegwixxi kif ukoll ir-rabtiet familjari u ekonomiċi li din il-persuna jkollha mal-Istat Membru li jeżegwixxi. Peress li din id-deċiżjoni qafas hija intiża sabiex tistabbilixxi sistema ta' konsenja bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' persuni kkundannati jew issuspettati għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ta' proċeduri kriminali bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, konsenja li għaliha l-awtorità ġudizzjarja li teżegwixxi tista' topponi biss abbażi ta' waħda mir-raġunijiet previsti fid-Deċiżjoni Qafas, it-termini "toqgħod" u "residenta", li jiddeterminaw il-kamp ta' applikazzjoni tagħha, għandhom jiġu ddefiniti b'mod uniformi peress li jirrigwardaw kunċetti awtonomi tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, fil-liġi nazzjonali tagħhom li tittrasponi d-Deċiżjoni Qafas, l-Istati Membri ma għandhomx id-dritt li jagħtu lil dawn it-termini tifsira aktar wiesgħa minn dik li tirriżulta minn tali interpretazzjoni uniformi.

### *Politika barranija u ta' sigurtà komuni*

Fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (sentenza tal-20 ta' Mejju 2008, C-91/05), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-Deċiżjoni 2004/833 [65] li timplementa l-Azzjoni Konġunta 2002/589 [66] bil-għan ta' kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent fil-qafas ta' moratorju fuq l-armi żgħar u ta' kalibru żgħir. Din id-deċiżjoni tal-Kunsill kienet ġiet adottata fuq il-bażi tat-Trattat UE, fil-kuntest tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni (PBSK), minflok fuq il-bażi tat-Trattat KE, fil-qafas tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm l-għanijiet ta' din il-politika tal-aħħar ma għandhomx jiġu limitati għall-miżuri li jikkonċernaw direttament il-ġlieda kontra l-faqar, sabiex miżura taqa' taħt il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, huwa madankollu meħtieġ li din il-miżura tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' żvilupp ekonomiku u soċjali ta' din il-politika. Ċerti miżuri intiżi sabiex jipprevjenu l-fraġilità tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, inklużi dawk adottati fil-kuntest tal-imsemmi moratorju, jistgħu jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-imsemmija għanijiet. Sabiex miżura konkreta li tirrigwarda l-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi żgħar u ta' kalibru żgħir tkun tista' tiġi adottata mill-Komunità fil-kuntest tal-politika tagħha ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, din il-miżura għandha taqa', kemm minħabba l-għan kif ukoll minħabba l-kontenut tagħha, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi li t-Trattat KE jattribwilha f'dan il-qasam. Il-Qorti

65 Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/833/PESK [PBSK], tat-2 ta' Diċembru 2004, li timplementa l-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK [PBSK] bil-ħsieb ta' kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-ECOWAS fil-qafas tal-Moratorju fuq l-armamenti ħfief [armi żgħar] u ta' kalibru żgħir (ĠU L 359, p. 65).

66 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2002/589/PESK [PBSK], tat-12 ta' Lulju 2002, dwar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid [destabilizzanti] ta' armi żgħar [u ta' kalibru żgħir] (ĠU L 191, p. 1).

tal-Ġustizzja tfakkar il-ġurisprudenza li tipprovdi li fil-każ ta' miżura li ssegwi fl-istess ħin diversi għanijiet jew li jkollha diversi komponenti, mingħajr ma wieħed ikun aċċessorju għall-oħrajn, u fil-każ li bażijiet legali differenti tat-Trattat KE jkunu applikabbli, tali miżura għandha tkun fondata, b'mod eċċezzjonali, fuq il-bażijiet legali korrispondenti differenti. Madankollu, skont l-Artikolu 47 tat-Trattat UE, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali soluzzjoni hija eskluża fir-rigward ta' miżura li, bħad-Deċiżjoni 2004/833, issegwi diversi għanijiet jew ikollha diversi komponenti li jaqgħu, rispettivament, taħt il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp u taħt il-PBSK, mingħajr ma wieħed minnhom ikun aċċessorju fil-konfront tal-oħrajn. Fil-fatt, peress li l-Artikolu 47 tat-Trattat UE jipprekludi l-adozzjoni mill-Unjoni, fuq il-bażi tat-Trattat UE, ta' miżura li setgħet ġiet adottata b'mod validu fuq il-bażi tat-Trattat KE, l-Unjoni ma tistax tirrikorri għal bażi legali li taqa' taħt il-PBSK sabiex tadotta dispożizzjonijiet li jaqgħu wkoll taħt kompetenza attribwita mit-Trattat KE lill-Komunità. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li l-Kunsill, meta adotta d-Deċiżjoni 2004/833 fuq il-bażi tal-PBSK, sa fejn din taqa' wkoll taħt il-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp, kiser l-Artikolu 47 tat-Trattat UE.

# B – Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja



(Ordni Protokollari fis-6 ta' Ottubru 2008)

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin*:

L. Bay Larsen u G. Arestis, Presidenti ta' Awla; M. Poiares Maduro, Avukat Ġenerali Prinċipali; A. Rosas u P. Jann, Presidenti ta' Awla; V. Skouris, President tal-Qorti tal-Ġustizzja; C. W. A. Timmermans, K. Lenaerts, A. Tizzano u U. Lõhmus, Presidenti ta' Awla.

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin*:

E. Juhász u J. Makarczyk, Imħallfin; J. Kokott, Avukat Ġenerali; J. N. Cunha Rodrigues, Imħallef; D. Ruiz-Jarabo Colomer, Avukat Ġenerali; R. Silva de Lapuerta, K. Schiemann, P. Kūris u A. Borg Barthet, Imħallfin.

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

P. Lindh, Imħallef; E. Sharpston, Avukat Ġenerali; E. Levits, J. Malenovský, M. Ilešič, J. Klučka u A. Ó Caoimh, Imħallfin; P. Mengozzi, Avukat Ġenerali.

*Ir-raba' filliera, mix-xellug għal-lemin:*

J.-J. Kasel, A. Arabadjiev u T. von Danwitz, Imħallfin; J. Mazák u Y. Bot, Avukati Ġenerali; J.-C. Bonichot, Imħallef; V. Trstenjak, Avukat Ġenerali; C. Toader, Imħallef; R. Grass, Reġistratur.

# 1. Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja

*(skont l-ordni tad-dħul fil-kariga)*



## Vassilios Skouris

Imwieled fl-1948; iggradwat fil-liġi mill-Freien Universität ta' Berlin (1970); Duttur tad-Dritt Kostituzzjonali u Amministrattiv mill-Università ta' Amburgu (1973); Assistent Professur fl-Università ta' Amburgu (1972-77); Professur tad-Dritt Pubbliku fl-Università ta' Bielefeld (1978); Professur tad-Dritt Pubbliku fl-Università ta' Tessaloniki (1982); Ministru tal-Intern (fl-1989 u fl-1996); Membru tal-Kumitat Amministrattiv tal-Università ta' Kreta (1983-87); Direttur taċ-Ċentru tad-Dritt Ekonomiku Internazzjonali u Ewropew ta' Tessaloniki (mill-1997); President tal-Assoċjazzjoni Ellenika tad-Dritt Ewropew (1992-94); Membru tal-Kumitat Nazzjonali Grieg għar-Riċerka (1993-95); Membru tal-Kumitat Superjuri għas-selezzjoni tal-uffiċjali tas-servizz pubbliku Grieg (1994-96); Membru tal-Kunsill Xjentifiku tal-Akkademja tad-Dritt Ewropew ta' Trier (mill-1995); Membru tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kulleġġ Nazzjonali Grieg tal-Maġistratura (1995-96); Membru tal-Kunsill Xjentifiku tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (1997-99); President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Grieg fl-1998; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ġunju 1999; President tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.



## Peter Jann

Imwieled fl-1953; Duttur tal-liġi mill-Università ta' Vjenna (1957); nomina bħala mħallef u assenjazzjoni lill-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (1961); Imħallef fil-qasam tal-istampa fis-Straf-Bezirksgericht ta' Vjenna (1963-1966); kelliem għall-Ministeru Federali tal-Ġustizzja (1966-1970), wara funzjonijiet fid-diviżjoni internazzjonali tal-istess ministeru; Konsulent għall-Kummissjoni tal-Ġustizzja u kelliem fil-Parlament (1973-1978); nomina bħala Membru tal-Qorti Kostituzzjonali (1978); Imħallef relatur permanenti f'din il-Qorti sal-aħħar tal-1994; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mid-19 ta' Jannar 1995



## Dámaso Ruiz-Jarabo Colomer

| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | 3 | | | | 3 | |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | | 2 | | | 2 | |
| Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | 12 | 26 | | | 38 | |
| Tariffa Doganali Komuni | | 12 | | | 12 | |
| Tassazzjoni | 14 | 35 | | | 49 | |
| Trasport | 12 | 4 | | | 16 | |
| Unjoni doganali | | 8 | 1 | | 9 | |
| **Trattat KE** | 209 | 284 | 68 | 8 | 569 | 2 |
| **Trattat UE** | 1 | 4 | | | 5 | |
| Proċedura | | | | | | 7 |
| Regolamenti tal-Persunal | | | 9 | | 9 | |
| **Diversi** | | | 9 | | 9 | 7 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **210** | **288** | **77** | **8** | **583** | **9** |

[1] Mingħajr ma jiġu kkunsidrati t-talbiet għal miżuri provviżorji.

[2] Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## 5. *Kawżi ġodda* – Rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu (2004-2008)[1 2]



| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | EL | ES | FR | IE | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **2004** | 13 | | | 2 | 14 | | 27 | 11 | 23 | 3 | 27 | | | | 14 | | | 13 | 14 | | 7 | | | | 8 | 5 | 12 | 193[2] |
| **2005** | 8 | | | 3 | 13 | 1 | 18 | 6 | 11 | 9 | 36 | | | | 19 | | | 8 | 9 | | 7 | | | | 10 | 5 | 7 | 170 |
| **2006** | 11 | | 4 | | 11 | 2 | 25 | 19 | 9 | 7 | 25 | | | | 28 | | 2 | 5 | 12 | 3 | 13 | | | 2 | 7 | 4 | 4 | 193 |
| **2007** | 10 | | 6 | | 15 | | 26 | 21 | 14 | 10 | 23 | 1 | | 1 | 20 | 2 | 3 | 8 | 6 | 7 | 23 | | 1 | 1 | 2 | 10 | 2 | 212 |
| **2008** | 17 | | 6 | | 10 | 2 | 19 | 21 | 15 | 10 | 17 | 2 | | 1 | 15 | 3 | 5 | 4 | 10 | 10 | 14 | | 1 | 1 | 5 | 6 | 13 | 207 |

1 Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda). Artikoli 93, 169, 170, 171, 225 tat-Trattat KE (li saru l-Artikoli 88 KE, 226 KE, 227 KE, 228 KE u 298 KE), Artikoli 141 KEEA, 142 KEEA, 143 KEEA u Artikolu 88 KEFA.

2 Li minnhom rikors ibbażat fuq l-Artikolu 170 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 227 KE).

## 6. *Kawżi magħluqa* – Natura tal-proċeduri (2004-2008)[1]




| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 262 | 254 | 266 | 235 | 301 |
| Rikorsi diretti | 299 | 263 | 212 | 241 | 181 |
| Appelli | 89 | 48 | 63 | 88 | 69 |
| Appelli minn deċiżjonijiet dwar talbiet għal miżuri provviżorji u dwar intervent | 5 | 2 | 2 | 2 | 8 |
| Opinjonijiet/Deliberazzjonijiet | 1 | | 1 | | |
| Proċeduri partikolari | 9 | 7 | 2 | 4 | 8 |
| **Total** | **665** | **574** | **546** | **570** | **567** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

# 7. *Kawżi magħluqa* – Sentenzi, digrieti, opinjonijiet (2008)[1]




| | Sentenzi | Digrieti ta' natura ġudizzjarja[2] | Digrieti dwar miżuri provviżorji[3] | Digrieti oħr[4] | Opinjonijiet | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 186 | 30 | | 22 | | 238 |
| Rikorsi diretti | 108 | 2 | | 70 | | 180 |
| Appelli | 39 | 20 | | 2 | | 61 |
| Appelli minn deċiżjonijiet dwar talbiet għal miżuri provviżorji u dwar intervent | | | 7 | 1 | | 8 |
| Proċeduri partikolari | | 5 | | 2 | | 7 |
| **Total** | **333** | **57** | **7** | **97** | | **494** |

1 Iċ-ċifri msemmija (ċifri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

2 Digrieti ta' natura ġudizzjarja li jtemmu istanza (inammissibbiltà, inammissibbiltà manifesta, …)

3 Digrieti mogħtija fuq talba bbażata fuq l-Artikoli 185 jew 186 tat-Trattat KE (li saru l-Artikoli 242 KE u 243 KE) jew fuq l-Artikolu 187 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 244 KE) jew inkella fuq id-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-Trattati KEEA u KEFA jew ukoll fuq appell minn digriet għal miżuri provviżorji jew għal intervent.

4 Digrieti li jtemmu istanza permezz ta' tħassir, minħabba li m'hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew b'rinviju lill-Qorti tal-Prim'Istanza.

## 8. *Kawżi magħluqa* – Kulleġġ ġudikanti (2004-2008)[1]



| | 2004 | | | 2005 | | | 2006 | | | 2007 | | | 2008 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sentenzi/ Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total | Sentenzi/ Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total | Sentenzi/ Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total | Sentenzi/ Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total | Sentenzi/ Opinjonijiet | Digrieti[2] | Total |
| Seduta plenarja/Qorti plenarja | 21 | | 21 | 1 | | 1 | 2 | | 2 | | | | | | |
| Seduta plenarja ridotta [3] | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | | |
| Awla Manja | 31 | 1 | 32 | 59 | | 59 | 55 | | 55 | 51 | | 51 | 66 | | 66 |
| Awli b'ħames imħallfin | 257 | 18 | 275 | 245 | 5 | 250 | 265 | 13 | 278 | 242 | 10 | 252 | 259 | 13 | 272 |
| Awli bi tliet imħallfin | 113 | 61 | 174 | 103 | 51 | 154 | 67 | 41 | 108 | 104 | 48 | 152 | 65 | 59 | 124 |
| President | | 6 | 6 | | 2 | 2 | | 1 | 1 | | 2 | 2 | | 7 | 7 |
| **Total** | **423** | **86** | **509** | **408** | **58** | **466** | **389** | **55** | **444** | **397** | **60** | **457** | **390** | **79** | **469** |

1 Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 Ta' natura ġudizzjarja li ttemm istanza (barra mid-digrieti li jtemmu istanza permezz ta' tħassir, minħabba li m'hemmx lok li tingħata deċiżjoni u b'rinviju lill-Qorti tal-Prim'Istanza).

3 Kulleġġ ġudikanti li kien jeżisti qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Nizza

## 9. *Kawżi magħluqa b'sentenza, opinjoni jew digriet ta' natura ġudizzjarja* – Suġġett tar-rikors (2004-2008)[1]

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | 2 | 1 | | 1 | |
| Agrikoltura | 60 | 63 | 30 | 23 | 54 |
| Ambjent u konsumaturi | 67 | 44 | 40 | 50 | 43 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | 33 | 41 | 19 | 22 | 21 |
| Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u tat-Territorji extra-Ewropej | 1 | 2 | | | |
| Ċittadinanza Ewropea | 1 | 2 | 4 | 2 | 6 |
| Dritt istituzzjonali | 13 | 16 | 15 | 6 | 16 |
| Dritt tal-kumpanniji | 16 | 24 | 10 | 16 | 17 |
| Enerġija | 1 | 3 | 6 | 4 | 4 |
| Għajnuna mill-Istat | 21 | 23 | 23 | 9 | 26 |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | | | 2 | | 1 |
| Kompetizzjoni | 29 | 17 | 30 | 17 | 23 |
| Konvenzjoni ta' Brussell | 7 | 8 | 4 | 2 | 1 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 23 | 11 | 17 | 23 | 8 |
| Libertà ta' stabbiliment | 14 | 5 | 21 | 19 | 29 |
| Moviment liberu tal-kapital | 4 | 5 | 4 | 13 | 9 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 17 | 11 | 8 | 14 | 12 |
| Moviment liberu tal-persuni | 17 | 17 | 20 | 19 | 27 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | | | 4 | 2 |
| Politika Ekonomika u Monetarja | 2 | | | 1 | 1 |
| Politika industrijali | 11 | 11 | | 11 | 12 |
| Politika kummerċjali | | 4 | 1 | 1 | 1 |
| Politika reġjonali | | 5 | | 7 | 1 |
| Politika soċjali | 44 | 29 | 29 | 26 | 25 |
| Politika tas-sajd | 6 | 11 | 7 | 6 | 6 |
| Prinċipji tad-dritt Komunitarju | 4 | 2 | 1 | 4 | 4 |
| Privileġġi u Immunitajiet | | 1 | 1 | 1 | 2 |
| Proprjetà intellettwali | 20 | 5 | 19 | 21 | 22 |
| Relazzjonijiet barranin | 9 | 8 | 11 | 9 | 8 |
| Riċerka, Informazzjoni, edukazzjoni, statistika | | | | | |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | | 2 | 6 | 3 | |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 6 | 10 | 7 | 7 | 5 |
| Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | 2 | 5 | 9 | 17 | 5 |
| Tariffa Doganali Komuni | 4 | 7 | 7 | 10 | 5 |
| Tassazzjoni | 28 | 34 | 55 | 44 | 38 |
| Trasport | 11 | 16 | 9 | 6 | 4 |
| Unjoni doganali | 12 | 9 | 9 | 12 | 8 |
| **Trattat KE** | 485 | 452 | 424 | 430 | 446 |
| **Trattat UE** | | 3 | 3 | 4 | 6 |
| **Trattat KEFA** | 1 | 3 | | 1 | 2 |
| **Trattat KEEA** | 2 | 1 | 4 | 1 | |
| Privileġġi u Immunitajiet | 1 | | | | |
| Proċedura | 8 | 1 | 2 | 3 | 5 |
| Regolamenti tal-Persunal | 12 | 6 | 9 | 17 | 11 |
| **Diversi** | 21 | 7 | 11 | 20 | 16 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **509** | **466** | **442** | **456** | **470** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## 10. *Kawżi magħluqa b'sentenza, opinjoni jew digriet ta' natura ġudizzjarja* – Suġġett tar-rikors (2008)[1]

| | Sentenzi/ Opinjonijiet | Digrieti (2) | Total |
|---|---|---|---|
| Agrikoltura | 40 | 14 | 54 |
| Ambjent u konsumaturi | 38 | 5 | 43 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | 21 | | 21 |
| Ċittadinanza Ewropea | 6 | | 6 |
| Dritt istituzzjonali | 7 | 9 | 16 |
| Dritt tal-kumpanniji | 16 | 1 | 17 |
| Enerġija | 4 | | 4 |
| Għajnuna mill-Istat | 23 | 3 | 26 |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | 1 | | 1 |
| Kompetizzjoni | 21 | 2 | 23 |
| Konvenzjoni ta' Brussell | 1 | | 1 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 7 | 1 | 8 |
| Libertà ta' stabbiliment | 24 | 5 | 29 |
| Moviment liberu tal-kapital | 9 | | 9 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 11 | 1 | 12 |
| Moviment liberu tal-persuni | 23 | 4 | 27 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 2 | | 2 |
| Politika Ekonomika u Monetarja | | 1 | 1 |
| Politika industrijali | 12 | | 12 |
| Politika kummerċjali | 1 | | 1 |
| Politika reġjonali | | 1 | 1 |
| Politika soċjali | 18 | 7 | 25 |
| Politika tas-sajd | 5 | 1 | 6 |
| Prinċipji tad-dritt Komunitarju | 4 | | 4 |
| Privileġġi u Immunitajiet | 2 | | 2 |
| Proprjetà intellettwali | 14 | 8 | 22 |
| Relazzjonijiet barranin | 7 | 1 | 8 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 5 | | 5 |
| Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | 5 | | 5 |
| Tariffa Doganali Komuni | 4 | 1 | 5 |
| Tassazzjoni | 32 | 6 | 38 |
| Trasport | 4 | | 4 |
| Unjoni doganali | 7 | 1 | 8 |
| **Trattat KE** | 374 | 72 | 446 |
| **Trattat UE** | 6 | | 6 |
| **Trattat KEFA** | 2 | | 2 |
| Proċedura | | 5 | 5 |
| Regolamenti tal-Persunal | 9 | 2 | 11 |
| **Diversi** | 9 | 7 | 16 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **391** | **79** | **470** |

1 Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 Ta' natura ġudizzjarja li ttemm istanza (barra mid-digrieti li jtemmu istanza permezz ta' tħassir, minħabba li m'hemmx lok li tingħata deċiżjoni u b'rinviju lill-Qorti tal-Prim'Istanza).

## 11. *Kawżi magħluqa* – Sentenzi dwar nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu: eżitu tad-deċiżjoni (2008)[1]




| | Kundanna | Ċaħda | Total |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 7 | | 7 |
| Il-Bulgarija | | | |
| Ir-Repubblika Ċeka | 2 | | 2 |
| Id-Danimarka | | | |
| Il-Ġermanja | 3 | 3 | 6 |
| L-Estonja | | | |
| Il-Greċja | 8 | 1 | 9 |
| Spanja | 15 | 1 | 16 |
| Franza | 9 | 1 | 10 |
| L-Irlanda | 4 | | 4 |
| L-Italja | 14 | 1 | 15 |
| Ċipru | | | |
| Il-Latvja | | | |
| Il-Litwanja | 1 | | 1 |
| Il-Lussemburgu | 12 | | 12 |
| L-Ungerija | | | |
| Malta | | | |
| L-Olanda | 3 | | 3 |
| L-Awstrija | 3 | | 3 |
| Il-Polonja | 2 | | 2 |
| Il-Portugall | 6 | | 6 |
| Ir-Rumanija | | | |
| Is-Slovenja | | | |
| Is-Slovakkja | 1 | | 1 |
| Il-Finlandja | 1 | 1 | 2 |
| L-Iżvezja | 2 | 1 | 3 |
| Ir-Renju Unit | 1 | | 1 |
| **Total** | **94** | **9** | **103** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

## 12. *Kawżi magħluqa* – Tul tal-proċeduri (2004-2008)[1]
(sentenzi u digrieti ta' natura ġudizzjarja)[2]




| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 23,5 | 20,4 | 19,8 | 19,3 | 16,8 |
| Proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari | | | | | 2,1 |
| Proċeduri għal deċiżjoni preliminari mħaffa | | | | | 4,5 |
| Rikorsi diretti | 20,2 | | 20 | 18,2 | 16,9 |
| Rikorsi diretti – proċeduri mħaffa | 5,6 | | | | |
| Appelli | 21,3 | 20,9 | 17,8 | 17,8 | 18,4 |

1 Huma esklużi mill-kalkoli dwar it-tul tal-proċeduri: il-kawżi li jinkludu sentenza interlokutorja jew miżura istruttorja; l-opinjonijiet u d-deliberazzjonijiet; il-proċeduri partikolari (jiġifieri: it-taxxa tal-ispejjeż; il-benefiċċju tal-għajnuna legali bla ħlas; l-oppożizzjoni għal sentenza; l-oppożizzjoni minn terzi; l-interpretazzjoni ta' sentenza; ir-reviżjoni ta' sentenza; ir-rettifika ta' sentenza; il-proċedura ta' qbid u l-kawżi fil-qasam tal-immunità); il-kawżi li jintemmu b'digriet ta' tħassir, minħabba li m'hemmx lok li tingħata deċiżjoni, b'rinviju jew trasferiment lill-Qorti tal-Prim'Istanza; il-proċeduri għal miżuri provviżorji kif ukoll l-appelli minn deċiżjonijiet dwar talbiet għal miżuri provviżorji u dwar intervent.
It-tul ta' żmien huwa espress f'xhur u f'parti minn għaxra ta' xahar.

2 Dawn huma digrieti barra minn dawk li jtemmu istanza permezz ta' tħassir, minħabba li m'hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew b'rinviju lill-Qorti tal-Prim'Istanza.

## 13. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Natura tal-proċeduri (2004-2008)[1]




| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 426 | 393 | 378 | 408 | 395 |
| Rikorsi diretti | 327 | 243 | 232 | 212 | 242 |
| Appelli | 85 | 102 | 120 | 117 | 125 |
| Proċeduri partikolari | 1 | 1 | 1 | 4 | 4 |
| Opinjonijiet/Deliberazzjonijiet | 1 | 1 | | | 1 |
| **Total** | **840** | **740** | **731** | **741** | **767** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## 14. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Kulleġġ ġudikanti (2008)[1]




| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Mhux assenjati | 547 | 437 | 490 | 481 | 523 |
| Seduta plenarja | 2 | 2 | | | |
| Seduta plenarja ridotta [2] | | | | | |
| Awla Manja | 56 | 60 | 44 | 59 | 40 |
| Awli b'ħames imħallfin | 177 | 212 | 171 | 170 | 177 |
| Awli bi tliet imħallfin | 57 | 29 | 26 | 24 | 19 |
| President | 1 | | | 7 | 8 |
| **Total** | **840** | **740** | **731** | **741** | **767** |

1 Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2 Kulleġġ ġudikanti li kien jeżisti qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Nizza

# 15. *Varji* – Proċeduri mħaffa (2004-2008)[1]

| | 2004 | | 2005 | | 2006 | | 2007 | | 2008 | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Ammissjoni | Mingħajr tkomplija | Ammissjoni | Mingħajr tkomplija | Ammissjoni | Mingħajr tkomplija | Ammissjoni | Mingħajr tkomplija | Ammissjoni | Mingħajr tkomplija | |
| Rikorsi diretti | 1 | 2 | | | | | | 1 | | | 4 |
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | | 10 | | 5 | | 5 | | 6 | 2 | 6 | 34 |
| Appelli | | | | | | | | 1 | | | 1 |
| Opinjonijiet | | 1 | | | | | | | | | 1 |
| **Total** | **1** | **13** | | **5** | | **5** | | **8** | **2** | **6** | **40** |

[1] L-ipproċessar ta' kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja permezz tal-proċedura mħaffa huwa possibbli bis-saħħa tal-Artikoli 62a u 104a tar-Regoli tal-Proċedura, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2000.

# 16. *Varji* – Proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari (2008)

| | 2008 | | Total |
|---|---|---|---|
| | Ammissjoni | Mingħajr tkomplija | |
| Proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari | 3 | 3 | **6** |

## 17. *Varji* – Proċeduri għal miżuri provviżorji (2008)[1]

| | Proċeduri għal miżuri provviżorji ġodda | Appelli ġodda minn deċiżjonijiet dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ċaħda | Ftehim | Tħassir jew m'hemmx lok li tingħata deċiżjoni |
| Ambjent u konsumaturi | 1 | 6 | | 1 | 1 |
| Dritt istituzzjonali | 2 | 2 | 2 | | |
| **Total Trattat KE** | 3 | 8 | 2 | 1 | 1 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **3** | **8** | **2** | **1** | **1** |

[1] Iċ-ċifri msemmija (ċifri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

## 18. Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2008) – Kawżi ġodda u sentenzi

| Snin | Kawżi ġodda[1] | | | | | | Sentenzi[2] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rikorsi diretti[3] | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Appelli | Appelli minn deċiżjonijiet dwar talbiet għal miżuri provviżorji u dwar intervent | Total | Talbiet għal miżuri provviżorji | |
| 1953 | 4 | | | | 4 | | |
| 1954 | 10 | | | | 10 | | 2 |
| 1955 | 9 | | | | 9 | 2 | 4 |
| 1956 | 11 | | | | 11 | 2 | 6 |
| 1957 | 19 | | | | 19 | 2 | 4 |
| 1958 | 43 | | | | 43 | | 10 |
| 1959 | 47 | | | | 47 | 5 | 13 |
| 1960 | 23 | | | | 23 | 2 | 18 |
| 1961 | 25 | 1 | | | 26 | 1 | 11 |
| 1962 | 30 | 5 | | | 35 | 2 | 20 |
| 1963 | 99 | 6 | | | 105 | 7 | 17 |
| 1964 | 49 | 6 | | | 55 | 4 | 31 |
| 1965 | 55 | 7 | | | 62 | 4 | 52 |
| 1966 | 30 | 1 | | | 31 | 2 | 24 |
| 1967 | 14 | 23 | | | 37 | | 24 |
| 1968 | 24 | 9 | | | 33 | 1 | 27 |
| 1969 | 60 | 17 | | | 77 | 2 | 30 |
| 1970 | 47 | 32 | | | 79 | | 64 |
| 1971 | 59 | 37 | | | 96 | 1 | 60 |
| 1972 | 42 | 40 | | | 82 | 2 | 61 |
| 1973 | 131 | 61 | | | 192 | 6 | 80 |
| 1974 | 63 | 39 | | | 102 | 8 | 63 |
| 1975 | 62 | 69 | | | 131 | 5 | 78 |
| 1976 | 52 | 75 | | | 127 | 6 | 88 |
| 1977 | 74 | 84 | | | 158 | 6 | 100 |
| 1978 | 147 | 123 | | | 270 | 7 | 97 |
| 1979 | 1 218 | 106 | | | 1 324 | 6 | 138 |
| 1980 | 180 | 99 | | | 279 | 14 | 132 |
| 1981 | 214 | 108 | | | 322 | 17 | 128 |
| 1982 | 217 | 129 | | | 346 | 16 | 185 |
| 1983 | 199 | 98 | | | 297 | 11 | 151 |
| 1984 | 183 | 129 | | | 312 | 17 | 165 |
| 1985 | 294 | 139 | | | 433 | 23 | 211 |

>>>

| Snin | Kawżi ġodda[1] | | | | | | Sentenzi[2] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rikorsi diretti[3] | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Appelli | Appelli minn deċiżjonijiet dwar talbiet għal miżuri provviżorji u dwar intervent | Total | Talbiet għal miżuri provviżorji | |
| 1986 | 238 | 91 | | | 329 | 23 | 174 |
| 1987 | 251 | 144 | | | 395 | 21 | 208 |
| 1988 | 193 | 179 | | | 372 | 17 | 238 |
| 1989 | 244 | 139 | | | 383 | 19 | 188 |
| 1990[4] | 221 | 141 | 15 | 1 | 378 | 12 | 193 |
| 1991 | 142 | 186 | 13 | 1 | 342 | 9 | 204 |
| 1992 | 253 | 162 | 24 | 1 | 440 | 5 | 210 |
| 1993 | 265 | 204 | 17 | | 486 | 13 | 203 |
| 1994 | 128 | 203 | 12 | 1 | 344 | 4 | 188 |
| 1995 | 109 | 251 | 46 | 2 | 408 | 3 | 172 |
| 1996 | 132 | 256 | 25 | 3 | 416 | 4 | 193 |
| 1997 | 169 | 239 | 30 | 5 | 443 | 1 | 242 |
| 1998 | 147 | 264 | 66 | 4 | 481 | 2 | 254 |
| 1999 | 214 | 255 | 68 | 4 | 541 | 4 | 235 |
| 2000 | 199 | 224 | 66 | 13 | 502 | 4 | 273 |
| 2001 | 187 | 237 | 72 | 7 | 503 | 6 | 244 |
| 2002 | 204 | 216 | 46 | 4 | 470 | 1 | 269 |
| 2003 | 278 | 210 | 63 | 5 | 556 | 7 | 308 |
| 2004 | 220 | 249 | 52 | 6 | 527 | 3 | 375 |
| 2005 | 179 | 221 | 66 | 1 | 467 | 2 | 362 |
| 2006 | 201 | 251 | 80 | 3 | 535 | 1 | 351 |
| 2007 | 221 | 265 | 79 | 8 | 573 | 3 | 379 |
| 2008 | 211 | 288 | 77 | 8 | 584 | 3 | 333 |
| **Total** | **8 340** | **6 318** | **917** | **77** | **15 652** | **348** | **7 890** |

1 Ċifri grossi; proċeduri partikolari esklużi.

2 Ċifri netti.

3 Inklużi l-opinjonijiet

4 Mill-1990, l-appelli ta' uffiċjali jiġu ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

## 19. *Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2008)* – Rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa (skont l-Istat Membru u skont is-sena)[1]

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | EL | ES | FR | IE | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Il-Benelux[2] | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1961 | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | 1 |
| 1962 | | | | | | | | | | | | | | | | | | 5 | | | | | | | | | | | 5 |
| 1963 | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | 5 | | | | | | | | | | | 6 |
| 1964 | | | | | | | | | | | 2 | | | | | | | 4 | | | | | | | | | | | 6 |
| 1965 | | | | | 4 | | | | 2 | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | 7 |
| 1966 | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | 1 |
| 1967 | 5 | | | | 11 | | | | 3 | | | | | | 1 | | | 3 | | | | | | | | | | | 23 |
| 1968 | 1 | | | | 4 | | | | 1 | | 1 | | | | | | | 2 | | | | | | | | | | | 9 |
| 1969 | 4 | | | | 11 | | | | 1 | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | 17 |
| 1970 | 4 | | | | 21 | | | | 2 | | 2 | | | | | | | 3 | | | | | | | | | | | 32 |
| 1971 | 1 | | | | 18 | | | | 6 | | 5 | | | | 1 | | | 6 | | | | | | | | | | | 37 |
| 1972 | 5 | | | | 20 | | | | 1 | | 4 | | | | | | | 10 | | | | | | | | | | | 40 |
| 1973 | 8 | | | | 37 | | | | 4 | | 5 | | | | 1 | | | 6 | | | | | | | | | | | 61 |
| 1974 | 5 | | | | 15 | | | | 6 | | 5 | | | | | | | 7 | | | | | | | | | 1 | | 39 |
| 1975 | 7 | | | 1 | 26 | | | | 15 | | 14 | | | | 1 | | | 4 | | | | | | | | | 1 | | 69 |
| 1976 | 11 | | | | 28 | | | | 8 | 1 | 12 | | | | | | | 14 | | | | | | | | | 1 | | 75 |
| 1977 | 16 | | | 1 | 30 | | | | 14 | 2 | 7 | | | | | | | 9 | | | | | | | | | 5 | | 84 |
| 1978 | 7 | | | 3 | 46 | | | | 12 | 1 | 11 | | | | | | | 38 | | | | | | | | | 5 | | 123 |
| 1979 | 13 | | | 1 | 33 | | | | 18 | 2 | 19 | | | | 1 | | | 11 | | | | | | | | | 8 | | 106 |
| 1980 | 14 | | | 2 | 24 | | | | 14 | 3 | 19 | | | | | | | 17 | | | | | | | | | 6 | | 99 |
| 1981 | 12 | | | 1 | 41 | | | | 17 | | 11 | | | | 4 | | | 17 | | | | | | | | | 5 | | 108 |
| 1982 | 10 | | | 1 | 36 | | | | 39 | | 18 | | | | | | | 21 | | | | | | | | | 4 | | 129 |
| 1983 | 9 | | | 4 | 36 | | | | 15 | 2 | 7 | | | | | | | 19 | | | | | | | | | 6 | | 98 |

>>>

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | EL | ES | FR | IE | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Il-Benelux[2] | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1984 | 13 | | | 2 | 38 | | | | 34 | 1 | 10 | | | | | | | 22 | | | | | | | | | 9 | | 129 |
| 1985 | 13 | | | | 40 | | | | 45 | 2 | 11 | | | | 6 | | | 14 | | | | | | | | | 8 | | 139 |
| 1986 | 13 | | | 4 | 18 | | 2 | 1 | 19 | 4 | 5 | | | | 1 | | | 16 | | | | | | | | | 8 | | 91 |
| 1987 | 15 | | | 5 | 32 | | 17 | 1 | 36 | 2 | 5 | | | | 3 | | | 19 | | | | | | | | | 9 | | 144 |
| 1988 | 30 | | | 4 | 34 | | | 1 | 38 | | 28 | | | | 2 | | | 26 | | | | | | | | | 16 | | 179 |
| 1989 | 13 | | | 2 | 47 | | 2 | 2 | 28 | 1 | 10 | | | | 1 | | | 18 | | | 1 | | | | | | 14 | | 139 |
| 1990 | 17 | | | 5 | 34 | | 2 | 6 | 21 | 4 | 25 | | | | 4 | | | 9 | | | 2 | | | | | | 12 | | 141 |
| 1991 | 19 | | | 2 | 54 | | 3 | 5 | 29 | 2 | 36 | | | | 2 | | | 17 | | | 3 | | | | | | 14 | | 186 |
| 1992 | 16 | | | 3 | 62 | | 1 | 5 | 15 | | 22 | | | | 1 | | | 18 | | | 1 | | | | | | 18 | | 162 |
| 1993 | 22 | | | 7 | 57 | | 5 | 7 | 22 | 1 | 24 | | | | 1 | | | 43 | | | 3 | | | | | | 12 | | 204 |
| 1994 | 19 | | | 4 | 44 | | | 13 | 36 | 2 | 46 | | | | 1 | | | 13 | | | 1 | | | | | | 24 | | 203 |
| 1995 | 14 | | | 8 | 51 | | 10 | 10 | 43 | 3 | 58 | | | | 2 | | | 19 | 2 | | 5 | | | | | 6 | 20 | | 251 |
| 1996 | 30 | | | 4 | 66 | | 4 | 6 | 24 | | 70 | | | | 2 | | | 10 | 6 | | 6 | | | | 3 | 4 | 21 | | 256 |
| 1997 | 19 | | | 7 | 46 | | 2 | 9 | 10 | 1 | 50 | | | | 3 | | | 24 | 35 | | 2 | | | | 6 | 7 | 18 | | 239 |
| 1998 | 12 | | | 7 | 49 | | 5 | 55 | 16 | 3 | 39 | | | | 2 | | | 21 | 16 | | 7 | | | | 2 | 6 | 24 | | 264 |
| 1999 | 13 | | | 3 | 49 | | 3 | 4 | 17 | 2 | 43 | | | | 4 | | | 23 | 56 | | 7 | | | | 4 | 5 | 22 | | 255 |
| 2000 | 15 | | | 3 | 47 | | 3 | 5 | 12 | 2 | 50 | | | | | | | 12 | 31 | | 8 | | | | 5 | 4 | 26 | 1 | 224 |
| 2001 | 10 | | | 5 | 53 | | 4 | 4 | 15 | 1 | 40 | | | | 2 | | | 14 | 57 | | 4 | | | | 3 | 4 | 21 | | 237 |
| 2002 | 18 | | | 8 | 59 | | 7 | 3 | 8 | | 37 | | | | 4 | | | 12 | 31 | | 3 | | | | 7 | 5 | 14 | | 216 |
| 2003 | 18 | | | 3 | 43 | | 4 | 8 | 9 | 2 | 45 | | | | 4 | | | 28 | 15 | | 1 | | | | 4 | 4 | 22 | | 210 |
| 2004 | 24 | | | 4 | 50 | | 18 | 8 | 21 | 1 | 48 | | | | 1 | 2 | | 28 | 12 | | 1 | | | | 4 | 5 | 22 | | 249 |
| 2005 | 21 | | 1 | 4 | 51 | | 11 | 10 | 17 | 2 | 18 | | | | 2 | 3 | | 36 | 15 | 1 | 2 | | | | 4 | 11 | 12 | | 221 |
| 2006 | 17 | | 3 | 3 | 77 | | 14 | 17 | 24 | 1 | 34 | | | 1 | 1 | 4 | | 20 | 12 | 2 | 3 | | | 1 | 5 | 2 | 10 | | 251 |
| 2007 | 22 | 1 | 2 | 5 | 59 | 2 | 8 | 14 | 26 | 2 | 43 | | | 1 | | 2 | | 19 | 20 | 7 | 3 | 1 | | 1 | 5 | 6 | 16 | | 265 |
| 2008 | 24 | | 1 | 6 | 71 | 2 | 9 | 17 | 12 | 1 | 39 | 1 | 3 | 3 | 4 | 6 | | 34 | 25 | 4 | 1 | | | | 4 | 7 | 14 | | 288 |
| **Total** | **579** | **1** | **7** | **122** | **1 672** | **4** | **134** | **211** | **755** | **51** | **978** | **1** | **3** | **5** | **64** | **17** | | **719** | **333** | **14** | **64** | **1** | | **2** | **56** | **76** | **448** | **1** | **6 318** |

[1] Artikoli 177 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 234 KE), 35(1) UE, 41 KEFA, 150 EA, protokoll tal-1971.

[2] Kawża C-265/00, Campina Melkunie.

## 20. *Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2008) –* Rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa (skont l-Istat Membru u skont il-qorti)

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| **Il-Belġju** | Cour constitutionnelle | 71 | |
| | Cour de cassation | 12 | |
| | Conseil d'État | 43 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 453 | 579 |
| **Il-Bulgarija** | Софийски ґрадски съд Търґовско отделение | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | | 1 |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | Nejvyššího soudu | | |
| | Nejvyšší správní soud | 1 | |
| | Ústavní soud | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 6 | 7 |
| **Id-Danimarka** | Højesteret | 22 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 100 | 122 |
| **Il-Ġermanja** | Bundesgerichtshof | 120 | |
| | Bundesverwaltungsgericht | 88 | |
| | Bundesfinanzhof | 250 | |
| | Bundesarbeitsgericht | 17 | |
| | Bundessozialgericht | 73 | |
| | Staatsgerichtshof des Landes Hessen | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1123 | 1672 |
| **L-Estonja** | Riigikohus | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 3 | 4 |
| **Il-Greċja** | Άρειος Πάγος | 9 | |
| | Συμβούλιο της Επικρατείας | 31 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 94 | 134 |
| **Spanja** | Tribunal Supremo | 22 | |
| | Audiencia Nacional | 1 | |
| | Juzgado Central de lo Penal | 7 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 181 | 211 |
| **Franza** | Cour de cassation | 83 | |
| | Conseil d'État | 42 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 630 | 755 |
| **L-Irlanda** | Supreme Court | 17 | |
| | High Court | 15 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 19 | 51 |

>>>

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| **L-Italja** | Corte suprema di Cassazione | 101 | |
| | Corte Costituzionale | 1 | |
| | Consiglio di Stato | 62 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 814 | 978 |
| **Ċipru** | Ανώτατο Δικαστήριο | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 | 1 |
| **Il-Latvja** | Augstākā tiesa | | |
| | Satversmes tiesa | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 3 | 3 |
| **Il-Litwanja** | Konstitucinis Teismas | 1 | |
| | Lietuvos Aukšciausiasis | 1 | |
| | Lietuvos vyriausiasis administracinis Teismas | 2 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 | 5 |
| **Il-Lussemburgu** | Cour supérieure de justice | 10 | |
| | Cour de cassation | 2 | |
| | Conseil d'État | 13 | |
| | Cour administrative | 7 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 32 | 64 |
| **L-Ungerija** | Legfelsőbb Bíróság | 1 | |
| | Fővárosi Ítélőtábla | 1 | |
| | Szegedi Ítélötáblá | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 14 | 17 |
| **Malta** | Qrati jew tribunali oħra | | |
| **L-Olanda** | Raad van State | 59 | |
| | Hoge Raad der Nederlanden | 177 | |
| | Centrale Raad van Beroep | 46 | |
| | College van Beroep voor het Bedrijfsleven | 137 | |
| | Tariefcommissie | 34 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 266 | 719 |
| **L-Awstrija** | Verfassungsgerichtshof | 4 | |
| | Oberster Gerichtshof | 71 | |
| | Oberster Patent- und Markensenat | 3 | |
| | Bundesvergabeamt | 24 | |
| | Verwaltungsgerichtshof | 57 | |
| | Vergabekontrollsenat | 4 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 170 | 333 |
| **Il-Polonja** | Sąd Najwyższy | | |
| | Naczelny Sąd Administracyjny | 3 | |

>>>

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| | Trybunał Konstytucyjny | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 11 | 14 |
| **Il-Portugall** | Supremo Tribunal de Justiça | 1 | |
| | Supremo Tribunal Administrativo | 36 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 27 | 64 |
| **Ir-Rumanija** | Tribunal Dâmbovița | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | | 1 |
| **Is-Slovenja** | Vrhovno sodišče | | |
| | Ustavno sodišče | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | | |
| **Is-Slovakkja** | Ústavný Súd | | |
| | Najvyšší súd | 1 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 | 2 |
| **Il-Finlandja** | Korkein hallinto-oikeus | 23 | |
| | Korkein oikeus | 10 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 23 | 56 |
| **L-Iżvezja** | Högsta Domstolen | 12 | |
| | Marknadsdomstolen | 4 | |
| | Regeringsrätten | 21 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 39 | 76 |
| **Ir-Renju Unit** | House of Lords | 38 | |
| | Court of Appeal | 45 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 365 | 448 |
| **Il-Benelux** | Cour de justice/Gerechtshof[1] | 1 | 1 |
| **Total** | | | **6 318** |

1 Kawża C-265/00, Campina Melkunie.

## 21. *Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2008)* Rikorsi ġodda għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu[1]

**2008**




| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | EL | ES | FR | IE | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2008 | 17 | | 6 | | 10 | 2 | 19 | 21 | 15 | 10 | 17 | 2 | | 1 | 15 | 3 | 5 | 4 | 10 | 10 | 14 | | 1 | 1 | 5 | 6 | 13 | **207** |
| 1952-2008 | 340 | | 16 | 34 | 253 | 5 | 353 | 208 | 381 | 186 | 599 | 3 | | 2 | 245 | 5 | 10 | 129 | 114 | 20 | 155 | | 2 | 4 | 47 | 45 | 122 | **3278** |

Fost il-kawżi mressqa kontra Spanja hemm rikors ibbażat fuq l-Artikolu 170 tat-Trattat KE (li issa huwa l-Artikolu 227 KE), imressaq mill-Belġju.

Fost il-kawżi mressqa kontra Franza hemm rikors ibbażat fuq l-Artikolu 170 tat-Trattat KE (li sar l-Artikolu 227 KE), imressaq mill-Irlanda.

Fost il-kawżi mressqa kontra r-Renju Unit hemm tliet rikorsi bbażati fuq l-Artikolu 170 tat-Trattat KE (li issa sar l-Artikolu 227 KE), li minnhom wieħed imressaq minn Franza u tnejn imressqa minn Spanja.

[1] Artikoli 93, 169, 170, 171, 225 tat-Trattat KE (li saru l-Artikoli 88 KE, 226 KE, 227 KE, 228 KE u 298 KE), Artikoli 141 KEEA, 142 KEEA, 143 KEEA u Artikolu 88 KEFA.




# Kapitolu II

## Il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej

## A – Attività tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-2008

Mill-President Marc Jaeger

Wara d-diversi tibdiliet li saru fl-2007 kemm minħabba s-sostituzzjoni parzjali tal-Membri tal-Qorti tal-Prim'Istanza kif ukoll minħabba l-adeżjonijiet, il-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza baqgħet iktar stabbli fl-2008. Madankollu, din is-sena rat it-tluq ta' John D. Cooke, li kien ilu Mħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza għal kważi tlettax-il sena, u s-sostituzzjoni tiegħu minn Kevin O'Higgins.

Min-naħa l-oħra, huwa fil-metodi u r-riżultati tal-Qorti tal-Prim'Istanza li seħħ tibdil kunsiderevoli.

Fid-dawl taż-żieda kostanti fil-kawżi u, b'riżultat ta' dan, fl-ammont ta' kawżi pendenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet riforma tal-metodi li taħdem bihom, tal-organizzazzjoni u tal-operat tagħha. L-istadji differenti tal-andament tal-proċessi kif ukoll il-proċess ta' tħejjija u tfassil tad-deċiżjonijiet ukoll ġew analizzati fid-dettall, sabiex tittejjeb l-effikaċja tal-Qorti tal-Prim'Istanza, filwaqt li ġie żgurat li l-kwalità tad-deċiżjonijiet mogħtija ma tiġix ippreġudikata. Ġiet żviluppata wkoll sensiela ta' għodda ta' statistika jew ta' ġestjoni. Barra minn hekk, ir-Regoli tal-Proċedura ġew emendati sabiex il-Qorti tal-Prim'Istanza tkun tista' tagħti deċiżjoni fuq rikors li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' proprjetà intellettwali mingħajr fażi orali tal-proċedura, sakemm waħda mill-partijiet ma tippreżentax talba li fiha tindika r-raġunijiet li għalihom hija tixtieq tinstema'.

Il-miżuri kollha adottati u, b'mod ġenerali, it-tiftix kontinwu tal-effikaċja ppermettew li jinsilet l-ikbar vantaġġ mix-xogħol kunsiderevoli tal-Membri u l-persunal tal-Qorti tal-Prim'Istanza. 605 kawżi b'hekk setgħu jiġu deċiżi matul is-sena li għaddiet, ċifra li tirrappreżenta żieda ta' 52 % fil-konfront tas-sena ta' qabel, filwaqt li n-numru ta' seduti li nżammu fl-2008 rdoppja (341 kontra 172 fl-2007). It-tul medju tal-proċeduri naqas b'mod kunsiderevoli (24.5 xhur kontra 27.7 xhur fl-2007), anki jekk għad irid jintlaħaq ċertu progress.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza ser ikollha tkompli għaddejja bl-isforzi tagħha f'din id-direzzjoni matul is-sena 2009 u bi ħsiebha tapprofitta ruħha iktar mit-tħaddim sħiħ tar-riformi introdotti. Fil-fatt, għalkemm din is-sena kienet eċċezzjonali f'termini ta' kawżi deċiżi, kienet eċċezzjonali wkoll f'termini ta' kawżi mressqa (432 fl-2006, 522 fl-2007 u 629 fl-2008). In-numru ta' kawżi pendenti żdied ftit (1,178 kontra 1,154 fl-2007). Dan joħloq ir-riskju li jittawlu l-proċeduri. Fid-dawl tal-iżvilupp sistematiku tal-kawżi, ikun tajjeb li ssir riflessjoni iktar approfondita fuq ir-rimedji u l-mezzi, b'mod partikolari strutturali, li jippermettu lill-Qorti tal-Prim'Istanza tiżgura, fl-interess tal-partijiet, li jingħata trattament ta' kwalità lill-kawżi filwaqt li jitnaqqas iż-żmien li jieħdu l-proċeduri.

Il-kawżi ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza huma xhieda, anki din is-sena, tal-varjetà dejjem tikber kemm tal-kwistjonijiet legali mqajma kif ukoll tas-suġġetti ttrattati (kompetizzjoni, għajnuna mill-Istat, ambjent, politika reġjonali, politika kummerċjali, politika barranija u ta' sigurtà komuni, dritt istituzzjonali, proprjetà intellettwali, kuntratti pubbliċi, eċċ). Jidher ukoll li t-tendenza, li diġà kienet ġiet ikkonstatata s-sena l-oħra, li jiżdied in-numru ta' proċeduri għal miżuri provviżorji ġiet tabilħaqq ikkonfermata, bi

58 talba għal miżuri provviżjori mressqa fl-2008 u 57 proċedura għal miżuri provviżorji magħluqa. Fil-paġni li ġejjin, ser jiġu esposti fil-qosor l-iżviluppi prinċipali fil-ġurisprudenza. Ser jiġu ttrattati waħda wara l-oħra l-kawżi dwar il-legalità (I), dawk dwar il-kumpens għad-danni (II), l-appelli (III) u l-proċeduri għal miżuri provviżorji (IV).

## I. Kawżi dwar il-legalità

### *Ammissibbiltà tar-rikorsi mressqa taħt l-Artikolu 230 KE*

### L-awtur tal-att

L-Artikolu 230 KE jipprovdi li l-qrati Komunitarji għandhom jistħarrġu l-legalità tal-atti adottati flimkien mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, tal-atti tal-Kunsill, tal-Kummissjoni u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-atti tal-Parlament Ewropew maħsuba li joħolqu effetti legali fir-rigward ta' terzi. L-aġenziji Komunitarji b'hekk mhumiex formalment inklużi fost l-awturi li kontra l-atti tagħhom jista' jsir rikors għal annullament quddiem il-qorti Komunitarja.

Il-kwistjoni tal-kapaċità ta' dawn l-entitajiet li jittieħdu proċeduri kontrihom ġiet ittrattata mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-kawża *Sogelma vs AER* (sentenza tat-8 ta' Ottubru 2008, T-411/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), li kellha bħala suġġett talba għall-annullament ta' deċiżjonijiet tal-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (iktar 'il quddiem l-"AER") fir-rigward ta' kuntratti pubbliċi, meħuda b'applikazzjoni ta' programm ta' azzjoni Komunitarja. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li l-fatt li l-AER mhijiex inkluża fost l-istituzzjonijiet elenkati fl-Artikolu 230 KE u li r-regolament li stabbilixxa lil din l-aġenzija ma jipprovdix li l-qrati Komunitarji għandhom ġurisdizzjoni jiddeċiedu fuq talbiet għall-annullament ta' deċiżjonijiet oħra minbarra dawk relattivi għal talbiet għal aċċess għal dokumenti ma jipprekludux li, skont l-Artikolu 230 KE, hija tistħarreġ il-legalità tal-atti ta' din l-aġenzija.

Fil-fatt, billi bbażat ruħha fuq is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 1986, *Les Verts vs Il-Parlament* [1], li stabbilixxiet il-kapaċità tal-Parlament li jittieħdu proċeduri kontrih, il-Qorti tal-Prim'Istanza stabbilixxiet il-prinċipju ġenerali li l-atti kollha ta' korp Komunitarju intiżi biex joħolqu effetti legali fil-konfront ta' terzi għandhom ikunu jistgħu jiġu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju. B'hekk, is-sempliċi fatt li l-Kummissjoni tiddelega xi kompetenzi deċiżjonali lill-AER ma jistax itellef lil deċiżjonijiet hekk adottati mill-kwalità tagħhom ta' att li jista' jiġi kkontestat, għax inkella tinħoloq lakuna ġuridika. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat li l-AER għandha personalità ġuridika kif ukoll kompetenza sabiex timplementa hija stess il-programmi ta' assistenza Komunitarja u li l-Kummissjoni ma pparteċipatx fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni. Bħala awtriċi tad-deċiżjoni kkontestata, tista' għalhekk tiġi mħarrka personalment quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tiddefendi l-imsemmija deċiżjoni.

[1] 294/83, Ġabra p. 1339.

## 2. Atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors

Il-miżuri li jipproduċu effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent, billi jibdlu b'mod kunsiderevoli l-pożizzjoni legali tiegħu, jikkostitwixxu atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament skont l-Artikolu 230 KE [2].

Fil-kawża *L-Italja vs Il-Kummissjoni* (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-20 ta' Novembru 2008, T-185/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), ir-Repubblika Taljana talbet l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li kienet tistipula li l-pubblikazzjonijiet esterni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ta' avviżi ta' pożizzjonijiet vakanti għall-pożizzjonijiet ta' amministraturi għolja kienu ser isiru, sal-1 ta' Jannar 2007, bil-Ġermaniż, bl-Ingliż u bil-Franċiż.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li miżura meħuda minn istituzzjoni li tirrifletti biss l-intenzjoni tagħha li ssegwi, f'qasam partikolari, ċerta linja ta' aġir, ma tikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat. Madankollu, peress li istituzzjoni ma tistax tinjora r-regoli proċedurali dwar ir-reklutaġġ li tkun stabbilixxiet hija stess u li jikkostitwixxu parti mill-qafas legali li hija għandha strettament tirrispetta fl-eżerċizzju tal-poter diskrezzjonali tagħha, tali regoli għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jipproduċu effetti legali vinkolanti. Rikorrent privileġġat, bħalma huwa Stat Membru, jista' jikkontesta immedjatament, permezz ta' rikors għal annullament, il-legalità ta' dawn ir-regoli mingħajr ma jistenna l-implementazzjoni tagħhom fil-każ konkret. Billi kkonstatat li d-deċiżjoni relattiva għal-lingwi tal-pubblikazzjoni hija miktuba f'termini ċari u mhux ekwivoċi u tiffissa, b'mod definittiv, aspett tal-proċeduri ta' reklutaġġ ta' natura vinkolanti, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li r-rikors kien ammissibbli.

Fis-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2008, *Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni* (T-141/05, li mhux ippubblikata u qegħda taħt appell), il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fil-kuntest ta' rikors għall-annullament ta' ittra li informat lir-rikorrenti li l-Kummissjoni ma kellhiex l-intenzjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni tagħha dokumenti differenti minn dawk li kienet diġà bagħtitilha f'deċiżjoni preċedenti, li, skont il-ġurisprudenza [3], il-konklużjonijiet tal-Ombudsman Ewropew relattivi għall-ilment tar-rikorrenti kontra l-imsemmija deċiżjoni ma jikkostitwixxux elementi ġodda li jippermettu li l-att ikkontestat jista' jiġi distint minn din id-deċiżjoni. Il-fatt li l-Ombudsman ikkonkluda li l-istituzzjoni kkonċernata kkommettiet att ta' amministrazzjoni ħażina ma jippermettix li jitqajmu dubji dwar din il-konklużjoni. Fil-fatt, b'tali raġunament ikun qed jiġi ammess li rikorrent li ma jkunx ippreżenta fit-terminu mogħti, rikors għall-annullament ta' deċiżjoni inizjali jkun jista', billi sempliċiment jadixxi lill-Ombudsman, u fil-każ li dan jikkonstata każ ta' amministrazzjoni ħażina, jevita dan it-terminu.

2 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Novembru 1981, *IBM vs Il-Kummissjoni*, 60/81, Ġabra p. 2639, punt 9.

3 Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Ottubru 2003, *Internationaler Hilfsfonds vs Il-Kummissjoni*, T-372/02, Ġabra p. II-4389, punt 40.

## 3. *Locus standi*

### a) Interess individwali

Skont ġurisprudenza stabbilita, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi li mhumiex id-destinatarji ta' deċiżjoni ma jistgħux jallegaw li huma kkonċernati individwalment ħlief jekk din id-deċiżjoni tolqothom minħabba ċerti kwalitajiet partikolari għalihom jew minħabba ċirkustanzi li jiddistingwuhom mill-persuni l-oħra kollha, u li minħabba dan il-fatt, jindividwawhom bl-istess mod kif kien ikun individwat id-destinarju tad-deċiżjoni [4].

Il-Qorti tal-Prim'Istanza tat xi spjegazzjonijiet f'dan ir-rigward fis-sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, *Região autónoma dos Açores vs Il-Kunsill* (T-37/04, li mhux ippubblikata u li qegħda taħt appell), fuq il-*locus standi* tal-entitajiet infrastatali. Ir-rikorrent kien qed jippretendi li kien ikkonċernat individwalment mir-Regolament (KE) Nru 1954/2003 [5], għar-raġuni, minn naħa waħda, li jibbenefika, bħala entità ultraperiferika tal-Unjoni, minn protezzjoni speċifika, b'mod partikolari ambjentali u ekonomika, skont l-Artikolu 299(2) KE, li r-regolament ikkontestat jippreġudika, u, min-naħa l-oħra, li l-imsemmi regolament jaffettwa s-setgħat leġiżlattivi u eżekuttivi tiegħu fil-qasam tas-sajd.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat, qabel kollox, li l-interess ġenerali li jista' jkollu reġjun sabiex jikseb riżultat li jiffavorixxi l-prosperità tiegħu ma jistax, waħdu, ikun biżżejjed sabiex huwa jiġi kkunsidrat bħala li huwa kkonċernat, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE. Fil-fatt, jirriżulta mill-ġurisprudenza li s-sistema stabbilita mit-Trattati tirriżerva lill-Istati Membri u mhux lill-awtoritajiet reġjonali d-dritt li jiddefendu l-interess ġenerali fit-territorji tagħhom. Imbagħad, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li, anki jekk jitqies li l-Artikolu 299(2) KE jista' jiġi interpretat mhux biss bħala li jippermetti lill-Kunsill jadotta miżuri derogatorji speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi, iżda wkoll bħala li jipprekludih milli jadotta miżuri li jaggravaw l-iżvantaġġi li jbatu dawn ir-reġjuni, il-protezzjoni li jagħti dan l-artikolu mhuwiex biżżejjed sabiex jagħtih *locus standi*, b'mod konformi mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Novembru 2001, *Nederlandse Antillen vs Il-Kunsill* (C-452/98, Ġabra p. I-8973). Il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat ukoll li, fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent ma ppreżentax argumenti li jippermettu li jiġi kkunsidrat li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ser ikollhom effetti dannużi għall-istokkijiet tal-ħut u għall-ambjent marittimu fl-Azores u, konsegwentement, għas-sopravivenza tas-settur tas-sajd fir-reġjun.

Barra minn hekk, b'risposta għall-argument tar-rikorrent dwar il-preżervazzjoni tas-setgħat tiegħu, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li, għalkemm il-qorti Komunitarja ċertament irrikonoxxiet id-dritt tal-awtoritajiet reġjonali li jikkontestaw l-atti Komunitarji li, jew jipprekluduhom milli jadottaw atti li huma jistgħu jadottaw leġittimament fin-nuqqas ta' intervent Komunitarju jew jobbligawhom jirtiraw l-imsemmija atti u jieħdu ċerta

[4] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 1963, *Plaumann vs Il-Kummissjoni*, 25/62, Ġabra p. 197, 223.

[5] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003, tal-4 ta' Novembru 2003, dwar l-immaniġġjar tal-isforz għas-sajd li jirrigwarda ċerti żoni u riżorsi tas-sajd tal-Komunità u li jimmodifika r-Regolament (KE) Nru 2847/93 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 685/95 u (KE) Nru 2027/95 (ĠU L 289, p. 1).

azzjoni [6], f'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet ikkontestati tar-regolament inkwistjoni ma kinux jirrigwardaw l-atti leġiżlattivi jew regolamentari adottati mir-rikorrent u b'ebda mod ma tqajmu dubji dwar il-legalità tagħhom jew ma ġiet affettwata l-legalità tagħhom.

Fl-aħħar nett, meta kienet qed teżamina argument ibbażat fuq il-fatt li l-Konvenzjoni ta' Aarhus tipprovdi li l-partijiet għall-Konvenzjoni għandhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku jkunu jistgħu jibdew proċeduri sabiex jikkontestaw l-atti tal-awtoritajiet pubbliċi li jiksru d-dritt nazzjonali dwar l-ambjent, il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat li l-leġiżlatur Komunitarju adotta, sabiex jiffaċilita l-aċċess għall-qorti Komunitarja fil-qasam tal-ambjent, ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 [7]. Dan ir-regolament jipprovdi fit-Titolu IV tiegħu għal proċedura li wara li tintemm, ċerti organizzazzjonijiet mhux governattivi jistgħu jadixxu lill-qorti Komunitarja b'rikors għal annullament, skont l-Artikolu 230 KE. Madankollu, peress li l-kundizzjonijiet tal-imsemmi Titolu IV ma kinux sodisfatti f'dan il-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kinitx kompetenti tissostitwixxi lilha nfisha għal-leġiżlatur u taċċetta, billi tibbaża ruħha fuq il-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-ammissibbiltà ta' rikors li ma kienx jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 230 KE.

Fil-kawża *Denka International vs Il-Kummissjoni* (digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Ġunju 2008, T-30/07, mhux ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li l-fatt li persuna tintervjeni fil-proċeduri li jwasslu għall-adozzjoni ta' att Komunitarju huwa ta' tali natura li jindividwaha fil-konfront tal-att inkwistjoni biss meta l-leġiżlazzjoni Komunitarja tagħtiha ċerti garanziji proċedurali. Peress li la l-proċess ta' tfassil tal-atti ta' portata ġenerali u lanqas in-natura tagħhom ma jeżiġu l-parteċipazzjoni tal-persuni affettwati, billi huwa preżunt li l-interessi tagħhom huma rrappreżentati mill-awtoritajiet politiċi inkarigati mill-adozzjoni ta' dawn l-atti, li kieku kull individwu jkun awtorizzat jippreżenta rikors kontra att ta' natura leġiżlattiva għax ikun ipparteċipa fit-tħejjija tiegħu, dan imur kontra l-ispirtu u l-kliem tal-Artikolu 230 KE. La d-direttiva kkontestata u lanqas dik li fuqha hija bbażata ma jipprovdu garanziji proċedurali favur l-impriżi li jipproduċu jew jiddistribwixxu sustanzi attivi. Barra minn hekk, fl-aħħar nett ir-rikorrenti sostniet li hija kienet il-proprjetarja ta' trade marka irreġistrata għas-sustanza attiva inkwistjoni li l-użu tagħha kien affettwat mid-direttiva kkontestata, ħaġa li individwatha fil-konfront ta' kwalunkwe persuna oħra, skont is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 1994, *Codorníu vs Il-Kunsill* [8]. Il-Qorti tal-Prim'Istanza tenfasizza madankollu li din il-protezzjoni legali marbuta ma' trade mark mhijiex ta' tali natura li tiddistingwi lir-rikorrenti mill-produtturi u d-distributuri l-oħra, li, bl-istess mod, ilkoll jistgħu jinvokaw l-eżistenza ta' trade mark favur tagħhom. Id-direttiva mhijiex intiża biex tirriżerva dritt intellettwali preċiż għal ċerti operaturi, b'mod li kwalunkwe impatt eventwali fuq id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tar-rikorrenti jkun dovut biss għall-fatt, li mhuwiex speċifiku għaliha, li hija tipproduċi sustanzi attivi.

6 Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Ottubru 2005, *Land Oberösterreich u L-Awstrija vs Il-Kummissjoni*, T-366/03 u T-235/04, Ġabra p. II-4005, punt 28.

7 Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Settembru 2006, dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, p. 13).

8 C-309/89, Ġabra p. I-1853, punti 21 u 22.

Il-kawża *Apple Computer International vs Il-Kummissjoni* (digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Frar 2008, T-82/06, li għadu ma ġiex ippubblikat) tat lok għal ċerti spjegazzjonijiet dwar l-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati kontra r-regolamenti ta' klassifikazzjoni tariffarja. Skont il-ġurisprudenza, tali atti, minkejja l-apparenza konkreta tad-deskrizzjonijiet li fihom, huma ta' applikazzjoni ġenerali. Fil-fatt jikkonċernaw il-prodotti kollha li jikkorrispondu għat-tip deskritt u jipproduċu l-effetti tagħhom għall-awtoritajiet kollha doganali tal-Komunità fir-rigward tal-importaturi kollha [9].

Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li l-fatt li l-klassifikazzjoni partikolari fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda ġiet mibdija minħabba talba għal informazzjoni li torbot dwar it-tariffa mingħand ir-rikorrenti, li l-ebda prodott ieħor simili ma kien is-suġġett ta' dimostrazzjoni quddiem il-Kumitat tan-Nomenklatura u li, abbażi tad-dimostrazzjoni dwar kif jaħdem il-prodott inkwistjoni, fl-Istati Membri kien tqassam abbozz ta' regolament ta' klassifikazzjoni tariffarja li kien jirreferi għall-monitors inkwistjoni, ma jindividwawx lir-rikorrenti b'tali mod li jrendu r-rikors ammissibbli. Fil-fatt, il-parteċipazzjoni ta' operatur fil-proċedura ta' adozzjoni ta' att ma tindividwahx fir-rigward ta' dak l-att ħlief meta l-leġiżlazzjoni Komunitarja applikabbli tagħtih ċerti garanziji proċedurali.

Għalkemm ċirkustanzi simili ttieħdu inkunsiderazzjoni fis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Settembru 2003, *Sony Computer Entertainment Europe vs Il-Kummissjoni* [10] (iktar 'il quddiem is-"sentenza Sony") sabiex rikors jiġi ddikjarat ammissibbli, dawn ma setgħux ikunu l-fattur determinanti għal dan. Huwa biss fid-dawl taċ-ċirkustanzi eċċezzjonali ta' dan il-każ li, f'din il-kawża, ir-rikorrenti ġiet irrikonoxxuta bħala individwalment ikkonċernata. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li, għalkemm jirriżulta wkoll minn din is-sentenza li l-fatt li r-rikorrenti tkun l-unika importatriċi awtorizzata tal-prodott ikkonċernat huwa fattur rilevanti, dan mhuwiex biżżejjed, fih innifsu, sabiex juri l-interess individwali tagħha. Fl-aħħar nett, peress li d-deskrizzjoni pjuttost ġenerali, fir-regolament ikkontestat, tal-merkanzija kkonċernata kif ukoll in-nuqqas ta' fattur viżiv jew ta' kitba li jagħmel riferiment ċar għal operatur ekonomiku konkret kienu jeskludu kull interess individwali, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li ma kienx hemm lok li jiġi kkunsidrat li f'dan il-każ kien hemm ċirkustanzi eċċezzjonali, fis-sens tas-sentenza Sony, li kienu jagħtu *locus standi* lir-rikorrenti [11].

## b) Interess dirett

Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex jikkonċerna direttament lil individwu, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE, l-att Komunitarju inkwistjoni għandu jipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tal-individwu u l-implementazzjoni

9 Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Frar 1985, *Casteels vs Il-Kummissjoni*, 40/84, Ġabra p. 667, punt 11.

10 T-243/01, Ġabra p. II-4189.

11 F'dan ir-rigward, għandu jissemma' wkoll id-digriet tat-3 ta' Diċembru 2008, *RSA Security Ireland vs Il-Kummissjoni* (T-227/06, li għadu ma ġiex ippubblikat, punt 87), li fih il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li r-rikorrenti ma stabbilixxietx l-eżistenza ta' ċirkustanzi eċċezzjonali fis-sens tas-sentenza Sony, billi rrilevat li l-eżistenza ta' ritratt tal-prodott li fuqu kien jidher il-logo tal-apparat tal-vidjo games ta' Sony b'mod ċar, kienet ta' importanza kunsiderevoli fl-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tar-rikors.

tiegħu għandha tkun ta' natura purament awtomatika u tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, mingħajr l-applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra [12].

Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fid-digriet tal-14 ta' Mejju 2008, *Icuna.com vs Il-Parlament* (T-383/06 u T-71/07, li għadu ma ġiex ippubblikat), li deċiżjoni tal-Parlament li tannulla l-proċedura ta' sejħa għal offerti għall-għoti ta' kuntratt pubbliku tipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika ta' impriża offerenti meta, fir-rigward tal-annullament tat-totalità tal-proċedura, l-imsemmija deċiżjoni tirriżulta fl-annullament mhux biss ta' deċiżjoni preċedenti li tirrifjuta l-offerta tagħha, iżda wkoll fl-annullament ta' deċiżjoni li tannulla deċiżjoni li tagħti l-kuntratt lil din l-impriża u ta' deċiżjoni li tagħtiha l-kuntratt.

## *Regoli ta' kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi*

### 1. Kummenti ġenerali

#### a) *Res judicata*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-1 ta' Lulju 2008, *Compagnie maritime belge vs Il-Kummissjoni* (T-276/04, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li meta l-qorti Komunitarja, minħabba difett proċedurali, tkun annullat parzjalment deċiżjoni tal-Kummissjoni li kkonstatat ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni u li imponiet multa, il-Kummissjoni tista', ġustament, tadotta deċiżjoni ġdida intiża biex tikkoreġi d-difetti proċedurali kkonstatati mill-qorti u timponi multa ġdida abbażi tal-partijiet tal-ewwel deċiżjoni li ma ġewx annullati. Barra minn hekk, wara li jkunu ntużaw il-mezzi kollha disponibbli għal appell jew wara li jkun skada t-terminu previst għal appell il-partijiet tal-ewwel deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma ġewx annullati jsiru *res judicata* b'mod li, fil-kuntest ta' rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni l-ġdida l-impriża sanzjonata ma tistax tikkontesta l-fatt tal-ksur peress li dan ġie kkonstatat b'mod definittiv fl-ewwel deċiżjoni.

#### b) Terminu raġonevoli

F'din l-istess sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza, filwaqt li fakkret li r-Regolament (KEE) Nru 2988/74 [13] istitwixxa leġiżlazzjoni kompleta li tirregola fid-dettall it-termini li fihom il-Kummissjoni għandha dritt, mingħajr ma jkun hemm ksur tar-rekwiżit fundamentali ta' ċertezza legali, timponi multi, iddeċidiet li kull kunsiderazzjoni marbuta mal-obbligu tal-Kummissjoni li teżerċita s-setgħa tagħha li timponi multi f'terminu raġonevoli għandha tiġi mwarrba. Ma jistgħux jitqajmu dubji dwar din il-konklużjoni billi jiġi invokat allegat ksur tad-dritttijiet tad-difiża peress li, sakemm ma tkunx għalqet il-preskrizzjoni prevista minn dan ir-regolament, kull impriża li tkun is-suġġett ta' investigazzjoni skont ir-Regolament

[12] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Mejju 1998, *Dreyfus vs Il-Kummissjoni*, C-386/96 P, Ġabra p. I-2309, punt 43.

[13] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2988/74, tas-26 ta' Novembru 1974, li jikkonċerna l-perjodi ta' limitazzjoni fil-proċedimenti u l-infurzar tas-sanzjonijiet taħt ir-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea dwar it-trasport u l-kompetizzjoni (ĠU L 319, p. 1).

Nru 17 [14] tibqa' inċerta dwar il-konklużjoni ta' din il-proċedura u dwar l-impożizzjoni eventwali ta' penalitajiet jew ta' multi. Għalhekk, id-dewmien ta' din l-inċertezza huwa inerenti fil-proċeduri skont ir-Regolament Nru 17 u ma jikkostitwixxix, fih innifsu, preġudizzju għad-drittijiet tad-difiża. Rigward l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni, l-iskadenza ta' terminu raġonevoli tista' tikkostitwixxi motiv ta' annullament fil-każ biss ta' deċiżjoni li tikkonstata ksur, meta jiġi stabbilit li dan il-ksur jikser id-drittijiet tad-difiża tal-impriżi kkonċernati.

## 2. Żviluppi fil-qasam tal-Artikolu 81 KE

### a) Applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) KE

Fis-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, *AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni* (T-99/04, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-fatt li impriża ma tkunx attiva fis-suq li fih ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni għandha effett ma jeskludix ir-responsabbiltà tagħha fir-rigward tal-parteċipazzjoni fl-implementazzjoni ta' akkordju. F'dan il-każ, ir-rikorrenti, impriża ta' konsulenza, kienet ipprovdiet diversi servizzi lil tliet produtturi ta' perossidi organiċi u kellha rwol essenzjali fil-kuntest tal-akkordju bejn dawn il-produtturi billi organizzat laqgħat u billi ħbiet provi tal-ksur.

### b) Drittijiet tad-difiża u dritt għal smigħ xieraq

F'din l-istess sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, meta tittieħed l-ewwel miżura ta' investigazzjoni fil-konfront ta' impriża, bħal talba għal informazzjoni, il-Kummissjoni hija obbligata tinformaha bil-preżunzjonijiet ta' ksur li kienu s-suġġett tal-investigazzjoni mwettqa u bil-fatt li hija jista' jkollha tressaq oġġezzjonijiet kontra din l-impriża. Madankollu, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset li l-ommissjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward ma tistax twassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata peress li din l-irregolarità ma ppreġudikatx l-effikaċja tad-difiża tar-rikorrenti.

### c) Multi

Il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat, fis-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2008, *Hoechst vs Il-Kummissjoni* (T-410/03, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha taħt żewġ aspetti. Fl-ewwel lok, hija kkunsidrat li l-Kummissjoni kisret il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' trattament ugwali. Fil-fatt, għalkemm kienet uriet ċarament l-intenzjoni tagħha li ma tiżvelax lill-impriżi li kkooperaw, b'mod partikolari lil Hoechst, il-fatt li impriżi oħra kienu ħadu passi sabiex jiksbu immunità minn multa, hija, fl-istess ħin, żgurat lil impriża oħra li tingħatalha "twissija leali" jekk impriża oħra tipprova tgħaddiha fir-rigward ta' kooperazzjoni. F'dan il-każ, fid-dawl tal-importanza tal-osservanza mill-Kummissjoni tal-

[14] Regolament Nru 17 tal-Kunsill, tas-6 ta' Frar 1962, L-ewwel Regolament li jimplementa l-Artikoli [81 KE] u [82 KE] (ĠU 1962, p. 204).

prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' trattament ugwali, il-Qorti tal-Prim'Istanza naqqset l-ammont tal-multa imposta fuq Hoechst b'10 %.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li l-Kummissjoni wettqet żball meta applikat iċ-ċirkustanza aggravanti ta' mexxej tal-akkordju kontra Hoechst, mingħajr madankollu ma ddeskriviet b'mod ċar u preċiż biżżejjed, fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-fatti allegati kontriha. Barra minn hekk, ċerti elementi ta' fatt identifikati mill-Kummissjoni ma jippermettux li jiġi konkluż, b'mod preċiż biżżejjed, li l-allegazzjoni ta' mexxej kienet ser tiġi stabbilita fil-konfront ta' Hoechst. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet minn dan li Hoechst ma kinitx f'pożizzjoni li tiddefendi ruħha b'mod effikaċi.

Fis-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, *BPB vs Il-Kummissjoni* (T-53/03, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li t-tnaqqis tal-multa mogħti mill-Kummissjoni għall-kooperazzjoni ta' BPB ma kienx biżżejjed inkwantu din tal-aħħar kienet l-ewwel parteċipant fil-prattika antikompetittiva li kkomunikat, wara talba għal informazzjoni, iżda b'mod li marret lil hinn minn dak li talbitha l-Kummissjoni, informazzjoni kumplimentari li kkonfermat l-eżistenza tal-akkordju. Konsegwentement, din l-informazzjoni setgħet issaħħaħ, b'mod sostanzjali, l-argument tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-eżistenza ta' pjan globali u, għalhekk, ippermettiet li jiżdied b'mod sostanzjali l-ammont tal-multi minħabba l-gravità tal-ksur. Il-Qorti tal-Prim'Istanza b'hekk akkordat lil BPB tnaqqis supplimentari ta' 10 % tal-ammont tal-multa.

Fis-sentenzi tat-8 ta' Ottubru 2008, *Schunk u Schunk Kohlenstoff-Technik vs Il-Kummissjoni* (T-69/04, li għadha ma ġietx ippubblikata) u *Carbone Lorraine vs Il-Kummissjoni* (T-73/04, li għadha ma ġietx ippubblikata u li qegħda taħt appell), il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li fir-rigward ta' akkordju fuq il-prezzijiet, il-Kummissjoni tista' leġittimament tiddeduċi li l-ksur kellu effetti, u dan abbażi tal-fatt li l-membri tal-akkordju kienu ħadu miżuri sabiex japplikaw il-prezzijiet miftiehma. Fil-fatt, sabiex jiġi konkluż li kien hemm impatt fuq is-suq, huwa biżżejjed li l-prezzijiet miftiehma jkunu servew ta' bażi għall-iffissar tal-prezzijiet ta' tranżazzjonijiet individwali, billi b'hekk illimitaw il-marġni ta' negozjati tal-klijenti. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li ladarba tkun ġiet stabbilita l-implementazzjoni ta' akkordju, il-Kummissjoni ma tistax tiġi obbligata sistematikament turi li, fil-fatt il-ftehim ippermettew li l-impriżi kkonċernati jilħqu livell ta' prezz ta' tranżazzjoni ogħla minn dak li kien jipprevali fin-nuqqas ta' akkordju. Li kieku kellha tintalab tali prova, ikun meħtieġ li jintużaw riżorsi kunsiderevoli fid-dawl tal-fatt li din tirrikjedi l-użu ta' kalkoli ipotetiċi bbażati fuq mudelli ekonomiċi li l-eżattezza tagħhom tkun diffiċli li tiġi vverifikata mill-qorti u fejn mhemm l-ebda prova tan-natura infallibbli tagħhom. Fil-fatt, sabiex tiġi evalwata l-gravità tal-ksur, il-punt deċiżiv huwa li jiġi stabbilit li l-membri tal-akkordju kienu għamlu dak kollu li setgħu jagħmlu sabiex jagħtu effett konkret lill-intenzjonijiet tagħhom. Dak li seħħ sussegwentement, fuq livell tal-prezzijiet tas-suq effettivament miksuba, seta' ġie influwenzat minn fatturi oħra, barra mill-kontroll tal-membri tal-akkordju. Dawn ma jistgħux jinvokaw favur tagħhom fatturi esterni li pattew għall-isforzi tagħhom, billi jsostnu li dawn huma elementi li jiġġustifikaw tnaqqis tal-multa

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li għalkemm, fir-rikors, Schunk ikkontestat għall-ewwel darba quddiemha fatti li ġew allegati fil-konfront tagħha fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u li fuqhom kienet ibbażata l-konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 81 KE, m'għandux jitneħħa t-tnaqqis minimu ta' 10 % mogħti lil Schunk abbażi

tal-komunikazzjoni fuq il-kooperazzjoni [15] kif talbet il-Kummissjoni. Il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-fatt irrilevat li l-kontestazzjonijiet inkwistjoni ġew miċħuda skont il-ġurisprudenza li tipprovdi li huma kkunsidrati stabbiliti l-fatti li impriża espliċitament irrikonoxxiet fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva, peress li din ma tkunx iktar libera li tiżviluppa l-argumenti intiżi li jikkontestawhom fil-kuntest tal-proċedura kontenzjuża.

### d) Kunċett ta' grupp u ffissar tal-limitu ta' 10 % tal-ammont tal-multa

Fis-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, *Knauf Gips vs Il-Kummissjoni* (T-52/03, li mhux ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat li, sabiex jiġi kkalkolat il-limitu ta' 10 % tal-ammont tal-multa, imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, il-Kummissjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni d-dħul mill-bejgħ tal-entitajiet kollha li jikkostitwixxu unità ekonomika fis-sens tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, għalkemm huwa minnu li l-fatt li l-kapital azzjonarju ta' kumpanniji kummerċjali distinti jappartjeni lill-istess persuna jew lill-istess familja m'huwiex biżżejjed, fih innifsu, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza, bejn dawn il-kumpanniji, ta' unità ekonomika li għandha l-konsegwenza li l-aġir ta' kumpannija waħda jista' jiġi imputat lill-oħra u li waħda tista' tiġi obbligata tħallas multa tal-oħra, jista' jiġi konkluż li teżisti unità ekonomika abbażi ta' sensiela ta' elementi. Il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret ukoll b'mod partikolari li l-kunċett ta' impriża għandu jinftiehem li jfisser unità ekonomika mill-perspettiva tas-suġġett tal-akkordju inkwistjoni anki jekk, mill-perspettiva ġuridika, din l-unità ekonomika hija magħmula minn diversi persuni fiżiċi jew ġuridiċi

### e) Responsabbiltà għall-aġir illegali

Matul is-sena 2008, il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat il-ġurisprudenza tagħha fuq ir-responsabbiltà għall-aġir illegali fis-sentenza *Knauf Gips vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq. Hija fakkret f'dan ir-rigward li huwa possibbli li jiġi imputat lil kumpannija l-aġir kollu ta' grupp, jekk din il-kumpannija tkun identifikata bħala l-persuna ġuridika li, bħala l-kap tal-grupp, tkun responsabili mill-koordinazzjoni tiegħu.

## 3. Żviluppi fil-qasam tal-Artikolu 82 KE

Fis-sentenza tal-10 ta' April 2008, *Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni* (T-271/03, li għadha ma ġietx ippubblikata u li qegħda taħt appell), il-Qorti tal-Prim'Istanza tat deċiżjoni fuq il-legalità ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tippenalizza abbuż minn Deutsche Telekom tal-pożizzjoni dominanti tagħha li kien jikkonsisti fil-fatt li kienet iġġiegħel lill-kompetituri tagħha jħallsu prezz għall-aċċess għan-netwerk ("servizzi intermedjarji") ogħla mill-prezzijiet bl-imnut mitluba mill-abbonati ta' Deutsche Telekom. Dawn it-tariffi, fil-forma ta' "pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet", kienu jobbligaw lill-kompetituri jiffatturaw lill-abbonati tagħhom prezzijiet ogħla minn dawk li Deutsche Telecom kienet tiffattura lill-

[15] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-non-impożizzjoni ta' multi jew it-tnaqqis tal-ammont tagħhom fil-kawżi li jirrigwardaw akkordji (ĠU 1996, C 207, p. 4).

abbonati tagħha stess. Għaldaqstant, il-Kummissjoni imponiet multa ta' EUR 12.6 miljun fuq Deutsche Telekom.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li l-Kummissjoni setgħet ġustament tikkonstata li Deutsche Telekom, filwaqt li tirrispetta l-limitu tal-prezzijiet impost mill-awtorità regolatorja tat-telekomunikazzjonijiet u tal-posta Ġermaniża (iktar 'il quddiem ir-"RegTP") kellha, mill-bidu tal-1998 sa tmiem l-2001 kif ukoll mill-2002 sad-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni, marġni ta' flessibbiltà suffiċjenti sabiex telimina jew tnaqqas il-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet. Il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat, barra minn hekk, li l-fatt li t-tariffi ta' Deutsche Telekom kellhom jiġu approvati mir-RegTP ma jeliminax ir-responsabbiltà tagħha taħt id-dritt tal-kompetizzjoni. Bħala impriża li tokkupa pożizzjoni dominanti, Deutsche Telekom kienet obbligata tressaq talbiet għall-aġġustament tat-tariffi tagħha meta dawn kellhom l-effett li jippreġudikaw kompetizzjoni effettiva u mingħajr distorsjoni fis-suq komuni.

Fir-rigward tal-metodu użat mill-Kummissjoni sabiex tikkonstata l-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li n-natura abbużiva tal-imġiba ta' Deutsche Telekom kienet marbuta mad-differenza bejn il-prezzijiet tagħha għas-servizzi intermedjarji u l-prezzijiet bl-imnut tagħha. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tipprova li l-prezzijiet bl-imnut tar-rikorrenti kienu abbużivi fihom infushom.

Il-Kummissjoni ġustament ukoll ibbażat l-analiżi tagħha dwar in-natura abbużiva tal-prattika tat-tariffi biss b'riferiment għat-tariffi u għall-ispejjeż ta' Deutsche Telekom mingħajr ma ttieħdet inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni speċifika tal-kompetituri fis-suq. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li, li kieku l-legalità tal-prattika tat-tariffi ta' impriża dominanti kienet tiddependi mis-sitwazzjoni speċifika tal-impriżi kompetituri, u b'mod partikolari mill-istruttura tal-ispejjeż ta' dawn tal-aħħar, li hija informazzjoni li mhijiex ġeneralment magħrufa mill-impriża dominanti, din tal-aħħar ma tkunx kapaċi tevalwa l-legalità tal-imġiba tagħha.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li l-prerogattivi tal-awtoritajiet nazzjonali taħt id-dritt Komunitarju tat-telekomunikazzjonijiet b'ebda mod ma jaffettwaw il-kompetenza li l-Kummissjoni għandha sabiex tikkonstata ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni. Għaldaqstant, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata talli tinvolvi regolazzjoni doppja tat-tariffi pprattikati minn Deutsche Telekom billi tippenalizza lil din tal-aħħar għax ma użatx il-marġni ta' flessibbiltà tagħha sabiex telimina l-pressjoni fuq il-marġni tal-prezzijiet.

### *Għajnuna mill-Istat*

#### 1. Ammissibbiltà

Il-ġurisprudenza ta' din is-sena kkjarifikat b'mod partikolari l-kunċetti, l-ewwel nett, ta' persuna kkonċernata individwalment minn deċiżjoni tal-Kummissjoni relattiva għal skema ta' għajnuna, it-tieni nett, ta' att li jipproduċi effetti legali vinkolanti u, it-tielet nett, ta' interess ġuridiku.

Fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Novembru 2008, *Hotel Cipriani et vs Il-Kummissjoni* (T-254/00, T-270/00 u T-277/00, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat ammissibbli r-rikorsi, ippreżentati minn ċerti benefiċjarji ta' tnaqqis u/jew eżenzjonijiet ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali mogħtija lil impriżi stabbiliti fit-territorju insulari ta' Venezja u ta' Chioggia, kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni li kkunsidrat dawn il-miżuri bħala skema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li eżiġiet li r-Repubblika Taljana tirkupra mill-benefiċjarji l-għajnuna mħallsa. Fil-fatt, għalkemm deċiżjoni dwar skema ta' għajnuna għandha portata ġenerali, il-fatt li wieħed ikun jifforma parti mill-grupp magħluq ta' benefiċjarji effettivi ta' din l-iskema ta' għajnuna, faċilment identifikabbli u speċjalment milquta mill-obbligu li l-għajnuna tingħata lura lill-Istat, huwa biżżejjed sabiex jikkaratterizza lil kull wieħed minnhom fil-konfront ta' kull persuna oħra. Li kieku, kif kienet qed issostni l-Kummissjoni, il-*locus standi* ta' benefiċjarju effettiv ta' skema ta' għajnuna kien suġġett għall-eżami tas-sitwazzjoni individwali tiegħu fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-inkompatibbiltà tal-iskema inkwistjoni, dan il-*locus standi* kien jiddependi mill-għażla tal-imsemmija istituzzjoni li tipproċedi jew le għal tali eżami individwali, abbażi tal-informazzjoni li ġiet trażmessa lilha matul il-proċedura amministrattiva. Din is-soluzzjoni toħloq inċertezza legali, peress li l-għarfien, min-naħa tal-Kummissjoni, tas-sitwazzjonijiet individwali konkreti sikwit huwa kwistjoni ta' koinċidenzi.

Għal dak li jirrigwarda l-kunċett ta' att li jipproduċi effetti legali vinkolanti, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fis-sentenza tal-10 ta' April 2008, *L-Olanda vs Il-Kummissjoni* (T-233/04, li għadha ma ġietx ippubblikata u li qegħda taħt appell), li tirrigwarda deċiżjoni tal-Kummissjoni li ddikjarat skema ta' kummerċ ta' kwoti ta' emissjonijiet għan-nitrogen oxides, innotifikata mir-Renju tal-Olanda, bħala għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq komuni, iddeċidiet li kien ammissibbli għal dan l-Istat Membru, li kien talab lill-Kummissjoni tiddikjara li l-imsemmija skema ma tikkostitwixxix għajnuna, biex jikkontesta d-deċiżjoni inkwistjoni. Bħala rikorrent privileġġjat, ma kellux jistabbilixxi interess ġuridiku, iżda biss il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata tipproduċi effetti legali. Dan kien il-każ hawnhekk, peress li l-kwalifika tal-imsemmija skema bħala għajnuna mill-Istat, minn naħa, kellha l-effett li ppermettiet lill-Kummissjoni teżamina l-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mas-suq komuni u barra minn hekk involviet l-applikazzjoni tal-proċedura prevista għall-iskemi ta' għajnuna eżistenti u, min-naħa l-oħra, jista' jkollha effett ukoll fuq l-għoti ta' għajnuna ġdida abbażi tar-regoli dwar il-kumulu ta' għajnuna ta' oriġini differenti, previsti b'mod partikolari fil-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna tal-Istat għall-ħarsien tal-ambjent [16].

Fir-rigward tal-interess ġuridiku, il-Qorti tal-Prim'Istanza speċifikat, fis-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008, *Alitalia vs Il-Kummissjoni* (T-301/01, li għadha ma ġietx ippubblikata), li Alitalia, impriża li bbenefikat minn għoti ta' kapital ikkunsidrat mill-Kummissjoni bħala għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq komuni sakemm jiġu rrispettati ċerti kundizzjonijiet, kien għad għandha interess personali fl-annullament tagħha, u dan anki wara li hija kisbet, wara deċiżjoni oħra tal-Kummissjoni, il-ħlas kollu ta' din l-għajnuna. Fil-fatt, peress li d-deċiżjoni kkontestata sservi bħala bażi legali għal dik li tawtorizza l-ħlas tal-aħħar parti tal-għajnuna, it-tieni deċiżjoni kienet tispiċċa mingħajr bażi legali li kieku l-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni kkontestata sa fejn hija kkwalifikat il-miżura inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, f'din l-istess sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, għalkemm

16 ĠU 2001, C 37, p. 3.

id-deċiżjoni kkontestata ttieħdet bil-kundizzjoni li jiġu rrispettati ċerti kundizzjonijiet li l-awtoritajiet Taljani kienu impenjaw ruħhom li josservaw, huwa ammissibbli li Alitalia tqajjem motiv kontra dawn il-kundizzjonijiet, peress li dawn tal-aħħar huma attribwibbli lill-Kummissjoni, li għandha kompetenza esklużiva fir-rigward tal-konstatazzjoni tal-inkompatibbiltà eventwali ta' għajnuna mas-suq komuni .

Fir-rigward tal-interess ġuridiku tal-benefiċjarju ta' għajnuna ddikjarata mill-Kummissjoni bħala parzjalment kompatibbli mas-suq komuni, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fis-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2008, *TV 2/Danmark et vs Il-Kummissjoni* (T-309/04, T-317/04, T-329/04 u T-336/04, li għadha ma ġietx ippubblikata), li l-kundizzjonijiet li fihom il-Kummissjoni evalwat il-kompatibbiltà tal-għajnuna inkwistjoni jipprojbixxu li l-ammissibbiltà tar-rikors tiġi eżaminata billi d-deċiżjoni kkontestata tinqasam f'żewġ partijiet, waħda tikklassifika l-miżuri kkontestati bħala għajnuna mill-Istat parzjalment inkompatibbli mas-suq komuni u l-oħra tikklassifikahom bħala għajnuna mill-Istat parzjalment kompatibbli. Fil-fatt, il-Kummissjoni vverifikat jekk il-miżuri kollha ta' finanzjament mill-Istat ikkonċernati kinux jirrappreżentaw somma li kienet teċċedi l-ispejjeż netti ta' servizz ta' importanza ekonomika ġenerali.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li l-interess ġuridiku jista' jiġi dedott mill-eżistenza ta' "riskju" reali li s-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti tintlaqat minn azzjonijiet ġudizzjarji, jew mill-fatt li r-"riskju" ta' azzjonijiet ġudizzjarji huwa eżistenti u attwali fid-data meta jitressaq ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza. TV 2 kienet is-suġġett ta' azzjoni ġudizzjarja fuq livell nazzjonali mressqa minn kompetitur u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-danni li dan allegatament sofra minħabba li l-għajnuna mill-Istat mogħtija lil TV 2 ppermettiet lil din tal-aħħar tuża, għall-bejgħ tal-ispazji għar-reklamar tagħha, strateġija ta' prezzijiet baxxi. Il-Qorti tal-Prim'Istanza, filwaqt li kkonstatat li TV 2 ippreżentat rikors qabel ma l-kompetitur ressaq din l-azzjoni, qieset li n-natura eżistenti u attwali tar-riskju ta' azzjoni ġudizzjarja fil-ġurnata li fiha tressaq ir-rikors ta' TV 2 ġiet ampjament ipprovata mill-fatt li r-riskju mmaterjalizza konkretament fil-forma ta' azzjoni ġudizzjarja li tinsab pendenti quddiem il-qorti nazzjonali.

## 2. Regoli sostantivi

### a) Għoti ta' vantaġġ ekonomiku

Fil-kawża *SIC vs Il-Kummissjoni* (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' Ġunju 2008, T-442/03, li għadha ma ġietx ippubblikata), li għandha bħala suġġett rikors kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara b'mod partikolari li ċerti miżuri adottati mir-Repubblika Portugiża favur ir-Radiotelevisão Portuguesa (iktar 'il quddiem ir-"RTP"), kumpannija inkarigata mis-servizz pubbliku tat-televiżjoni Portugiża ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat u li l-miżuri l-oħrajn huma kompatibbli mas-suq komuni, ir-rikorrenti sostniet b'mod partikolari li, fiż-żmien meta nħarġu xi bonds, ir-RTP kienet gawdiet minn garanzija impliċita tal-Istat, li kienet tispjega kif hija setgħet toħroġ dawn il-bonds fis-suq minkejja s-sitwazzjoni finanzjarja ħażina tagħha. Wara li kkonstatat, minn naħa, li r-RTP kienet kumpannija b'responsabbiltà limitata u li r-Repubblika Portugiża, li kienet 100 % proprjetarja tagħha, ma kinitx suġġetta għall-obbligu li tħallas lura mingħajr limitu d-dejn

ta' din il-kumpannija u, min-naħa l-oħra, il-*prospectus* tal-ħruġ ta' bonds inkwistjoni ma kien jipprovdi l-ebda garanzija min-naħa tal-Istat, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-fatt li s-suq aċċetta li jissottoskrivi l-ħruġ ta' bonds tal-1994 minħabba li ġie meqjus li l-Istat *de facto* iggarantixxa l-ħlas lura tagħhom, ma jippermettix li jiġi konkluż li teżisti għajnuna mill-Istat. Huma biss konstatazzjonijiet oġġettivi li jwasslu għall-konklużjoni li l-Istat huwa legalment marbut iħallas lura dawn il-bonds fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas min-naħa tal-RTP li jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' garanzija mill-Istat.

Fis-sentenza *Hotel Cipriani et vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, l-impriżi li bbenefikaw minn eżenzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali sostnew li dawn l-eżenzjonijiet ma kienu jagħtuhom l-ebda vantaġġ ekonomiku peress li kienu jikkumpensaw għall-ispejjeż żejda kkawżati mill-iżvantaġġi strutturali fiż-żona tal-laguna li fiha kienu stabbiliti. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li l-impriżi ma tawx prova tal-eżistenza ta' rabta diretta bejn l-ispejjeż supplimentari effettivament imħallsa u l-ammont tal-għajnuna mogħtija. Il-fatt biss li l-impriżi stabbiliti fil-laguna huma esposti għal spejjeż ogħla minn dawk inkorsi fuq l-art ma jippermettix li jiġi dedott li l-iskema ma tagħtihom l-ebda benefiċċju u li ma tintroduċix diskriminazzjoni fir-rigward tal-kompetituri tagħhom fl-Italja jew fi Stati Membri oħra.

## b) Natura selettiva ta' għajnuna

Fis-sentenza *L-Olanda vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza stabbilixxiet li l-iskema ta' kummerċ ta' kwoti ta' emissjonijiet għan-nitrogen oxides ($NO_x$) adottata mir-Renju tal-Olanda ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Fil-fatt, minn naħa, l-installazzjonijiet industrijali kollha tal-Olanda li l-kapaċità termika totali tagħhom taqbeż limitu partikolari, mingħajr ebda kunsiderazzjoni ġeografika jew settorjali, huma suġġetti għal-limitu massimu ta' emissjonijiet ta' $NO_x$ iffissat mill-miżura inkwistjoni u jistgħu jibbenefikaw mill-vantaġġ li toffri n-negozzjabbiltà tal-kwoti ta' emissjonijiet prevista minn din il-miżura. Safejn il-miżura inkwistjoni tirrigwarda l-impriżi li jniġġsu iktar, l-iskema inkwistjoni tapplika kriterju oġġettiv u li huwa konformi mal-għan li jiġi protett l-ambjent. Min-naħa l-oħra, huma biss l-impriżi li jaqgħu taħt din l-iskema li huma suġġetti, taħt piena ta' multa, għal standard ta' emissjonijiet jew rata standard ta' eżekuzzjoni stretta. Għalhekk, is-sitwazzjoni fattwali u ġuridika tal-impriżi suġġetti għal dan il-limitu massimu ta' emissjonijiet ta' $NO_x$ ma tistax titqies li hija paragunabbli ma' dik tal-impriżi li għalihom dan il-limitu massimu ma japplikax. F'kull każ, anke li kieku kellu jitqies li l-miżura inkwistjoni tintroduċi trattament differenzjat bejn l-impriżi u hija, għaldaqstant, selettiva *a priori*, dan it-trattament differenzjat jirriżulta min-natura jew mill-istruttura tal-iskema li minnha jagħmel parti u għalhekk ma jissodisfax is-soluzzjoni ta' selettività. Fil-fatt, kunsiderazzjonijiet ta' natura ekoloġika jiġġustifikaw li ssir distinzjoni bejn l-impriżi li jemettu kwantitajiet qawwija ta' $NO_x$ u l-impriżi l-oħra.

Min-naħa l-oħra, fis-sentenza *SIC vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-Kummissjoni ma tatx prova suffiċjenti skont il-liġi li wħud mill-vantaġġi li bbenefikat minnhom ir-RTP (eżenzjoni mill-ispejjeż notarili, mill-ispejjeż ta' reġistrazzjoni kif ukoll mill-ispejjeż ta' pubblikazzjoni relatati mat-trasformazzjoni ta' din l-impriża f'kumpannija b'responsabbiltà limitata permezz ta' liġi) ma jissodisfawx il-

kundizzjoni ta' selettività għar-raġuni li huma ġustifikati min-natura jew mill-istruttura ġenerali tas-sistema li jifformaw parti minnha. Fil-fatt, minn naħa, il-Kummissjoni ma eżaminatx il-kwistjoni jekk l-użu tal-istrument leġiżlattiv, li kien jinvolvi l-eżenzjoni mill-ispejjeż notarili, ma kienx sar bil-għan li l-impriżi pubbliċi jiġu eżentati minn spejjeż, iżda kien sempliċement parti mil-loġika tas-sistema legali Portugiża. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni jmissha stabbilixxiet jekk kienx konsistenti mal-loġika tas-sistema legali Portugiża li t-trasformazzjoni tal-RTP f'kumpannija b'responsabbiltà limitata ssir mhux bil-metodu li normalment huwa previst għall-kumpanniji privati, jiġifieri b'att notarili (bil-konsegwenzi kollha ta' dritt ordinarju li jirriżultaw minnu, fir-rigward tal-formalitajiet ta' reġistrazzjoni u ta' pubblikazzjoni), iżda b'liġi.

Il-kawża *Il-Gvern ta' Ġibiltà u Ir-Renju Unit vs Il-Kummissjoni* (sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, T-211/04 u T-215/04, li għadha ma ġietx ippubblikata) ippermettiet lill-Qorti tal-Prim'Istanza tagħti kjarifiki ġodda fir-rigward tal-kundizzjoni ta' selettività.

F'Awwissu tas-sena 2002, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni r-riforma li l-Gvern ta' Ġibiltà kien bi ħsiebu jadotta fir-rigward tat-taxxa fuq il-kumpanniji, li kienet tinkludi l-introduzzjoni ta' tliet taxxi: taxxa ta' reġistrazzjoni, taxxa fuq in-numru ta' impjegati u taxxa fuq l-okkupazzjoni ta' proprjetà tan-negozju (business property occupation tax, iktar 'il quddem il-"BPOT"). L-issuġġettar għaż-żewġ taxxi msemmija l-aħħar kellu jkun limitat għal 15 % tal-profitti. Il-Kummissjoni kkunsidrat li din ir-riforma kienet selettiva fuq livell reġjonali, inkwantu din kienet tipprevedi li l-kumpanniji stabbiliti f'Ġibiltà kellhom jiġu ntaxxati b'rata iktar baxxa minn dawk stabbilit fir-Renju Unit. Barra minn hekk, hija kkunsidrat li tliet aspetti tar-riforma fiskali kienu selettivi fuq livell materjali: l-ewwel nett, il-kundizzjoni li kumpannija għandha tagħmel profitt qabel ma tkun suġġetta għat-taxxa fuq in-numru ta' impjegati u għall-BPOT, peress li din il-kundizzjoni tiffavorixxi lill-impriżi li ma jagħmlux profitt; it-tieni nett, il-limitu ta' 15 % tal-profitti applikat għall-issuġġettar għat-taxxa fuq in-numru ta' impjegati u għall-BPOT, peress li dan il-limitu jiffavorixxi lill-impriżi li, għas-sena fiskali inkwistjoni, ikollhom profitti mhux għolja ħafna meta mqabbla man-numru ta' impjegati tagħhom u mal-okkupazzjoni ta' proprjetà tan-negozju; it-tielet nett, it-taxxa fuq in-numru ta' impjegati u l-BPOT, peress li dawn iż-żewġ taxxi jiffavorixxu, min-natura tagħhom, lill-impriżi li ma jkollhomx preżenza fiżika reali f'Ġibiltà.

Billi applikat il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat mogħtija mill-entitajiet infrastatali [17], il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-kuntest ta' referenza biex tiġi evalwata s-selettività reġjonali tar-riforma fiskali inkwistjoni jikkorrispondi esklużivament għat-territorju ta' Ġibiltà u li, għaldaqstant, ebda paragun ma jista' jsir mas-sistema applikabbli fir-Renju Unit.

Għal dak li jirrigwarda s-selettività materjali, il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat li l-kwalifika ta' miżura fiskali bħala selettiva tissoponi analiżi fi tliet stadji. Fl-ewwel stadju, il-Kummissjoni għandha tidentifika u teżamina l-iskema "normali" tas-sistema fiskali applikabbli fiż-żona ġeografika li tikkostitwixxi l-kuntest ta' referenza rilevanti. Huwa fir-rigward ta' din l-iskema fiskali "normali" li l-Kummissjoni għandha, fit-tieni stadju, tistabbilixxi n-natura selettiva eventwali tal-vantaġġ mogħti mill-miżura fiskali inkwistjoni. Jekk il-Kummissjoni

[17] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2006, Il-*Portugall vs Il-Kummissjoni*, C-88/03, Ġabra p. I-7115, punt 67.

turi l-eżistenza ta' derogi mill-iskema fiskali "normali" li għandha bħala konsegwenza differenzjazzjoni bejn impriżi, l-Istat Membru kkonċernat jista' jagħti prova tal-fatt li din id-differenzjazzjoni hija ġustifikata min-natura u mill-iskema ġenerali tas-sistema fiskali tiegħu. F'dan il-każ, fit-tielet stadju, il-Kummissjoni għandha tivverifika li dan ikun effettivament il-każ. F'dan i-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza żiedet li, fil-każ li l-Kummissjoni tonqos milli ssegwi l-ewwel u t-tieni stadji msemmija, hija ma tistax tibda t-tielet stadju għaliex inkella tmur lil hinn mil-limiti tal-istħarriġ tagħha. Fil-fatt, tali approċċ jista', minn naħa, jippermetti lill-Kummissjoni tassumi r-rwol tal-Istat Membru għal dik li jikkonċerna d-determinazzjoni tas-sistema fiskali tiegħu u tas-sistema "normali" tiegħu u, min-naħa l-oħra, ipoġġi b'hekk lill-Istat Membru fl-impossibbiltà li jiġġustifika d-differenzjazzjonijiet inkwistjoni abbażi tan-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema fiskali nnotifikata.

Filwaqt li kkonstatat li l-Kummissjoni la identifikat preliminarjament l-iskema "normali" tas-sistema fiskali nnotifikata u lanqas ikkontestat il-kwalifika magħmula f'dan ir-rigward mill-awtoritajiet ta' Ġibiltà, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li kien impossibbli għal din l-istituzzjoni li tistabbilixxi li wħud mill-elementi tas-sistema fiskali nnotifikata kienu ta' natura derogatorja, u għalhekk *a priori* selettivi, fir-rigward tal-iskema "normali" tagħha. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Prim'istanza kkunsidrat li kien impossibbli għall-Kummissjoni li tevalwa korrettament jekk differenzjazzjonijiet eventwali bejn impriżi setgħux ikunu ġġustifikati min-natura jew mill-iskema tas-sistema fiskali nnotifikata.

### c) Kriterju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq

Fis-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2008, *Ryanair vs Il-Kummissjoni* (T-196/04, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni eżaminat separatament żewġ ftehim konklużi mill-kumpannija tal-ajru Ryanair, rispettivament, mar-Reġjun tal-Vallonja, proprjetarju tal-ajruport ta' Charleroi, u ma' Brussels South Charleroi Airport (iktar 'il quddiem "BSCA"), impriża pubblika kkontrollata mir-Reġjun tal-Vallonja li tiġġestixxi u tuża dan l-ajruport. Skont id-deċiżjoni kkontestata, dawn iż-żewġ ftehim kienu jinvolvu għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni. Il-Kummissjoni kkonstatat, b'mod partikolari, li r-Reġjun tal-Vallonja kien ikkonkluda l-ewwel ftehim ma' Ryanair bħala awtorità pubblika, u li, għaldaqstant, ir-rwol tiegħu f'dan il-ftehim ma setax jiġi eżaminat skont il-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq. Il-Qorti tal-Prim'istanza rrilevat, fl-ewwel lok, li peress li BSCA kienet entità ekonomikament dipendenti mir-Reġjun tal-Vallonja, il-Kummissjoni jmissha kkunsidrathom bħala entità waħda. Sussegwentement, hija kkonstatat li, meta kkonkluda l-ftehim tiegħu ma' Ryanair, ir-Reġjun tal-Vallonja eżerċita attività ta' natura ekonomika. Fil-fatt, is-sempliċi fatt li din l-attività tiġi eżegwita fis-settur pubbliku ma jfissirx li hija kienet taqa' taħt l-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' awtorità pubblika. Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li r-Reġjun tal-Vallonja għandu poteri ta' natura regolamentari fil-qasam tal-iffissar tat-tariffi tal-ajruport ma jeskludix li l-eżami ta' sistema ta' skonti fuq l-imsemmija tariffi għandu jsir fid-dawl tal-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq.

## d) Applikazzjoni *ratione temporis* tad-derogi għall-projbizzjoni tal-għajnuna mill-Istat

Fil-kawża *SIDE vs Il-Kummissjoni* (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' April 2008, T-348/04, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Kummissjoni kienet applikat id-deroga relattiva għall-miżuri intiżi għall-promozzjoni tal-kultura u għall-preservazzjoni tal-patrimonju, prevista mill-Artikolu 87(3)(d) KE, dispożizzjoni li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1993, għal għajnuna mogħtija minn Franza qabel din id-data. Wara li fakkret li r-regoli sostantivi Komunitarji, bħala regola, ma japplikawx għas-sitwazzjonijiet preżenti qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom u speċifikat li din il-konklużjoni tapplika indipendentement mill-effetti favorevoli jew sfavorevoli li dawn ir-regoli jista' jkollhom fuq il-persuna kkonċernata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, minn naħa, li kull għajnuna mill-Istat ġdida hija neċessarjament inkompatibbli mas-suq komuni jekk setgħet tfixkel il-kompetizzjoni matul il-perijodu li fih ingħatat, u jekk din ma kinitx taqa' taħt ebda deroga u, min-naħa l-oħra, li ladarba tkun ipproduċiet l-effetti tagħha, l-għajnuna kkontestata ssir definittivament kompatibbli jew inkompatibbli mas-suq komuni. Għaldaqstant, peress li l-analiżi tal-kompatibbiltà ta' għajnuna mas-suq komuni ma teżiġix biss li jiġi evalwat jekk, fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni rilevanti, l-interess Komunitarju kienx jitlob li l-għajnuna tingħata lura jew le, il-Kummissjoni għandha wkoll tivverifika jekk, matul il-perijodu li fih ingħatat, l-għajnuna inkwistjoni setgħetx tfixkel il-kompetizzjoni. Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li l-Kummissjoni, billi applikat id-deroga msemmija iktar 'il fuq għall-perijodu ta' qabel l-1 ta' Novembru 1993, wettqet żball ta' liġi.

## e) Servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali

Il-kawża *BUPA et vs Il-Kummissjoni* (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Frar 2008, T-289/03, li għadha ma ġietx ippubblikata) ippermettiet lill-Qorti tal-Prim'Istanza tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha fir-rigward tal-kwistjoni jekk il-kumpens li impriża tirċievi bħala korrispettiv għal servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali (iktar 'il quddiem SIEĠ") li hija tagħti jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat jew le. Il-kawża kienet tirrigwarda l-organizzazzjoni tal-iskema ta' assigurazzjoni kontra l-mard privata (iktar 'il quddiem "APKM") fl-Irlanda, li kienet, bejn l-1994 u l-1996 ġiet liberalizzata. Fil-kuntest ta' din il-liberalizzazzjoni, il-Voluntary Health Insurance Board (VHI) kellha tikkompeti ma' operaturi oħra, fosthom ir-rikorrenti. Fil-kuntest ta' din il-liberalizzazzjoni, kien ġie previst it-twaqqif ta' skema li tirrendi r-riskji ekwivalenti (iktar 'il quddiem "RES"), ġestita mill-Health Insurance Authority (iktar 'il quddiem l-"HIA"). Essenzjalment, ir-RES tikkostitwixxi mekkaniżmu li jipprovdi, minn naħa, il-ħlas ta' miżata lill-HIA mill-assiguraturi APKM li jkollhom profil ta' riskju iktar baxx mill-profil ta' riskju medju tas-suq u, min-naħa l-oħra, il-ħlas korrispondenti mill-HIA lill-assiguraturi APKM li jkollhom profil ta' riskju ogħla mill-profil ta' riskju medju. Il-mekkaniżmu jispeċifika l-livelli differenti tal-attivazzjoni tal-ħlasijiet RES. Wara li l-Kummissjoni rċeviet ilment magħmul minn BUPA u n-notifika tar-RES mill-Irlanda, hija ddeċidiet li l-ħlasijiet li kienu jirriżultaw mir-RES kienu jikkostitwixxu kumpens intiż sabiex jingħata ħlas għal obbligi ta' SIEĠ, jiġifieri obbligi intiżi sabiex jiżguraw lil kull persuna li tgħix fl-Irlanda livell minimu ta' servizzi APKM għall-istess prezz, indipendentement mill-istat ta' saħħa tagħhom, mill-età tagħhom jew mis-sess tagħhom (iltar 'il quddiem l-"obbligi APKM") [18].

[18] Deċiżjoni C (2003) 1322 finali, tat-13 ta' Mejju 2003 (għajnuna mill-Istat N 46/2003-Irlanda).

Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, għalkemm, fi żmien l-analiżi tal-Kummissjoni, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg* [19] (iktar 'il quddiem is-"sentenza Altmark"), ma kinitx għadha ngħatat, kien fid-dawl tal-erba' kundizzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja stipulat f'dik is-sentenza (iktar 'il quddiem il-"kundizzjonijiet Altmark") li kellha tiġi eżaminata l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja ma llimitatx fiż-żmien il-portata tal-prinċipji tas-sentenza Altmark u, min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti ta' dispożizzjoni Komunitarja sempliċement tiċċara u tippreċiża t-tifsira u l-portata tagħha, kif kellha tinftiehem u tiġi applikata, inkluż mill-istituzzjonijiet Komunitarji, minn meta daħlet fis-seħħ. Il-Qorti tal-Prim'Istanza speċifikat li, f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet Altmark, li barra minn hekk għandhom portata li għandha ħafna fatturi komuni ma' dik tal-kriterji tal-Artikolu 86(2) KE, għandhom jiġu applikati skont l-ispirtu u l-finalità li kienu preżenti meta ġew stabbiliti, iżda b'mod adattat għall-fatti partikolari ta' dan il-każ.

Fil-kuntest tal-ewwel kundizzjoni Altmark li tistipula li l-impriża benefiċjarja tal-kumpens għandha tkun effettivament inkarigata mill-eżekuzzjoni ta' obbligi tas-servizz pubbliku ddefiniti b'mod ċar, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li d-dritt Komunitarju ma jagħti la definizzjoni leġiżlattiva ċara u preċiża tal-kunċett ta' funzjoni ta' SIEĠ, u lanqas kunċett ġuridiku stabbilit li jiffissa, b'mod definittiv, il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex Stat Membru jkun jista' validament jinvoka l-eżistenza u l-protezzjoni ta' funzjoni ta' SIEĠ. B'hekk, l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tad-definizzjoni ta' dak li huma jikkunsidraw bħala SIEĠ u din id-definizjoni tista' tiġi kkontestata mill-Kummissjoni biss fil-każ ta' żball manifest. Din is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa madankollu ma tfissirx li Stat Membru huwa ddispensat mill-obbligu li jara li l-funzjoni ta' SIEĠ li jinvoka tissodisfa ċerti kriterji minimi (b'mod partikolari, il-preżenza ta' att ta' awtorità pubblika li tagħti l-funzjoni lill-operaturi inkwistjoni kif ukoll in-natura universali u obbligatorja ta' din il-funzjoni) komuni għal kull funzjoni ta' SIEĠ fis-sens tat-Trattat KE, u li juri li dawn il-kriterji huma sodisfatti fil-każ inkwistjoni. In-nuqqas ta' prova mill-Istat Membru li dawn il-kriterji huma sodisfatti jista' jikkostitwixxi żball manifest ta' evalwazzjoni, li l-Kummissjoni hija marbuta tippenalizza. Barra minn hekk, l-Istat Membru għandu jindika r-raġunijiet li għalihom huwa jqis li s-servizz inkwistjoni jixraqlu, minħabba n-natura speċifika tiegħu, li jiġi kkwalifikat bħala SIEĠ. Fil-fatt, mingħajr din il-motivazzjoni, stħarriġ, anki jekk marġinali, min-naħa tal-istituzzjonijiet Komunitarji, mhuwiex possibbli. Il-Qorti tal-Prim'Istanza speċifikat ukoll li l-attribuzzjoni ta' funzjoni ta' SIEĠ ma tippreżumix neċessarjament l-għoti lill-operatur inkarigat minnha ta' dritt esklużiv jew speċjali sabiex din il-funzjoni tinkiseb u li din l-attribuzzjoni tista' tikkostitwixxi wkoll obbligu impost fuq maġġoranza, jew saħansitra fuq l-operaturi kollha attivi fl-istess suq. Min-naħa l-oħra, il-karatteristiċi indispensabbli sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' funzjoni ta' SIEĠ huma n-natura obbligatorja u universali tagħha: għalkemm l-ewwel waħda timplika li min jipprovdi s-servizz ikun obbligat jidħol f'kuntratt, b'kundizzjonijiet kostanti, mingħajr ma jkun jista' jirrifjuta l-parti kontraenti l-oħra, it-tieni waħda ma timplikax li s-servizz inkwistjoni għandu bilfors jingħata lill-popolazzjoni kollha ta' Stat Membru, sakemm jiġi propost b'rati uniformi u mhux diskriminatorji u b'kundizzjonijiet ta' kwalità simili għall-klijenti kollha. Billi applikat dawn il-kriterji għall-każ inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-RES tissodisfa l-ewwel kundizzjoni Altmark.

19 C-280/00, Ġabra p. I-7747.

Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni Altmark, li tipprovdi li l-parametri li fuqhom jiġi kkalkolat il-kumpens għall-eżerċizzju tal-funzjoni ta' SIEĠ għandhom jiġu ddefiniti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li din ukoll kienet sodisfatta f'dan il-każ. Fil-fatt, l-eventwali setgħa diskrezzjonali tal-awtoritajiet Irlandiżi fil-kalkolu tal-ħlasijiet RES, fiha nfisha mhijiex inkompatibbli mal-eżistenza ta' parametri oġġettivi u trasparenti. Barra minn hekk, is-sempliċi kumplessità tal-formuli ekonomiċi u matematiċi li jirregolaw il-kalkoli li għandhom isiru ma taffettwax in-natura preċiża u kjarament iddeterminata tal-parametri rilevanti.

Fil-kuntest tal-eżami tat-tielet kundizzjoni Altmark, li tistipula li l-kumpens għandu jkun neċessarju u proporzjonat meta mqabbel mal-ispejjeż li jirriżultaw mill-eżekuzzjoni tal-funzjoni tal-SIEĠ, il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat li l-ħlasijiet RES mhumiex intiżi sabiex jikkumpensaw spejjeż jew spejjeż eċċessivi eventwali marbutin ma' provvista preċiża ta' ċerti servizzi APKM, iżda biss sabiex issir ekwivalenza tal-ispejjeż supplimentari li huma meqjusa li jirriżultaw minn differenza negattiva fil-profil ta' riskju ta' assiguratur APKM meta mqabbel ma' profil ta' riskju medju tas-suq. Madankollu, dan ma jinvolvix ksur tal-kundizzjoni inkwistjoni. Fil-fatt, peress li l-iskema ta' kumpens imsemmija f'dan il-każ hija radikalment differenti b'mod partkolari minn dik eżaminata fis-sentenza Altmark, hija ma tistax tissodisfa strettament it-tielet kundizzjoni Altmark, li teżiġi li jkunu jistgħu jiġu ddeterminati l-ispejjeż li jirriżultaw mill-eżekuzzjoni ta' obbligu ta' SIEĠ. Madankollu, il-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż eċċessivi bħala mezz sabiex isir paragun bejn il-profil ta' riskju reali ta' assiguratur APKM u profil ta' riskju medju tas-suq fid-dawl tal-ammonti mħallsa lura mill-assiguraturi APKM suġġetti għar-RES hija konformi mal-għan u l-ispirtu tal-imsemmija kundizzjoni, peress li l-kalkolu tal-kumpens huwa bbażat fuq elementi oġġettivi konkreti, kjarament identifikabbli u li jistgħu jiġu kkontrollati.

Fir-rigward tar-raba' kundizzjoni Altmark, li teżiġi li l-ispejjeż inkorsi sabiex tiġi eżegwita l-funzjoni ta' SIEĠ jikkorrispondu għal dawk ta' impriża effiċjenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet validament tqis li, f'dan il-każ, paragun bejn il-benefiċjarji potenzjali tal-ħlasijiet RES u operatur effiċjenti ma kienx neċessarju. Għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-imsemmija kundizzjoni mhijiex applikabbli, strettament, għall-iskema RES, minħabba ż-żewġ speċifiċitajiet li ġejjin: in-newtralità tal-iskema ta' kumpens ikkostitwita mir-RES fir-rigward tad-dħul u l-benefiċċji tal-assiguraturi APKM u l-partikolarità tal-ispejjeż eċċessivi marbutin ma' profil ta' riskju negattiv tal-imsemmija assiguraturi [20].

Sentenzi oħrajn ippermettew lill-Qorti tal-Prim'Istanza tikkompleta fl-2008 l-analiżi applikabbli għall-kumpens relattiv għat-twettiq ta' funzjoni ta' SIEĠ.

Fis-sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, *Deutsche Post vs Il-Kummissjoni* (T-266/02, li għadha ma ġietx ippubblikata u li qegħda taħt appell), il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat qabel kollox li, meta riżorsi ta' Stat ikunu ngħataw bħala kumpens għal spejjeż addizzjonali marbuta mat-twettiq ta' SIEĠ filwaqt li jiġu osservati l-kundizzjonijiet Altmark, il-Kummissjoni ma tistax, mingħajr ma ċċaħħad l-Artikolu 86(2) KE mill-effettività tiegħu, tikklassifika bħala għajnuna mill-Istat ir-riżorsi pubbliċi mogħtija jekk l-ammont totali tagħhom jibqa' inqas

[20] Fis-sentenza *Hotel Cipriani et vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonfermat li, għal dak li jirrigwarda d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni qabel is-sentenza Altmark, għandu jiġi eżaminat jekk l-approċċ globali segwit huwiex kompatibbli mas-sustanza tal-kundizzjonijiet Altmark.

mill-ispejjeż addizzjonali ġġenerati mit-twettiq ta' din il-missjoni ta' SIEĠ. B'hekk, għalkemm il-Kummissjoni naqset milli tivverifika jekk l-ammont tal-kumpens qabiżx l-ispejjeż addizzjonali netti marbutin ma' SIEĠ, il-Kummissjoni ma ppruvatx suffiċjentement skont il-liġi li dan il-kumpens ta vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE u li b'hekk jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, billi l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda eżami jew evalwazzjoni f'dan ir-rigward, il-qorti Komunitarja m'għandhiex tissostitwixxi ruħha għall-imsemmija istituzzjoni billi twettaq minflokha eżami li hija fl-ebda mument ma wettqet, billi tissostitwixxi l-konklużjonijiet li għalihom kienet tasal fi tmiem dan l-eżami.

Fis-sentenza *SIC vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat li r-Repubblika Portugiża ma kinitx marbuta torganizza sejħa għal offerti qabel l-għoti tas-SIEĠ tat-televiżjoni lill-RTP. Fil-fatt, l-ispeċifiċità tax-xandir ta' servizz pubbliku, b'mod partikolari r-rabta tiegħu mal-ħtiġijiet demokratiċi, soċjali u kulturali ta' kull soċjetà, tispjega u tiġġustifika l-fatt li Stat Membru mhuwiex marbut jirrikorri għal sejħa għal offerti għall-għoti tas-SIEĠ tax-xandir, għall-inqas meta jiddeċiedi jiżgura huwa stess dan is-servizz pubbliku permezz ta' kumpannija pubblika, bħal f'dan il-każ.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li l-Istati Membri huma kompetenti biex jiddefinixxu s-SIEĠ tax-xandir b'tali mod li jkun jinkludi x-xandir ta' varjetà wiesgħa ta' programmi, filwaqt li jawtorizzaw lill-operatur inkarigat minn dan is-SIEĠ li jeżerċita attivitajiet kummerċjali, bħall-bejgħ ta' spazju għal reklamar. Li kieku dan ma kienx il-każ, id-definizzjoni nfisha tas-SIEĠ tax-xandir tkun dipendenti fuq il-metodu ta' finanzjament ta' dan is-servizz, filwaqt li SIEĠ huwa ddefinit, *ex hypothesi*, skont l-interess ġenerali li għandu l-intenzjoni li jissodisfa u mhux skont il-mezzi li jiżguraw il-provvista tiegħu.

Fir-rigward tal-kontroll tal-osservanza min-naħa tar-RTP tal-mandat tiegħu ta' servizz pubbliku, il-Qorti tal-Prim'Istanza speċifikat li huwa biss l-Istat Membru li seta' jevalwa l-osservanza, min-naħa tax-xandar ta' servizz pubbliku, tar-regoli ta' kwalità ddefiniti fil-mandat tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tillimita ruħha għall-konstatazzjoni tal-eżistenza, fuq livell nazzjonali, ta' mekkaniżmu ta' kontroll indipendenti, ħaġa li kienet il-każ hawnhekk. Għal dak li jirrigwarda l-proporzjonalità tal-finanzjamenti mal-ispejjeż tas-servizz pubbliku, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li, billi ma talbitx lir-Repubblika Portugiża tikkomunikalha ċerti rapporti tal-awdituri tar-RTP, il-Kummissjoni kisret l-obbligu tagħha li tinvestiga. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma tistax tonqos milli titlob il-komunikazzjoni ta' elementi ta' informazzjoni meta jidher li huma ta' natura tali li jikkonfermaw jew jinnegaw elementi ta' informazzjoni oħra rilevanti għall-eżami tal-miżura inkwistjoni, iżda li l-affidabbiltà tagħhom ma tistax tiġi kkunsidrata li ġiet stabbilita biżżejjed.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza speċifikat, barra minn hekk, fis-sentenza *TV 2/Danmark et vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, li s-SIEĠ tax-xandir m'għandux neċessarjament ikun limitat għax-xandir ta' trażmissjonijiet li ma jħallux profitt. L-allegazzjoni li l-impriża TV 2 responsabbli mis-SIEĠ (TV 2) inevitabbilment ikollha tissussidja l-attività kummerċjali tagħha permezz tal-finanzjament mill-Istat tas-servizz pubbliku, ġiet ikkunsidrata mill-Qorti tal-Prim'Istanza bħala li l-iktar l-iktar tirreferi għal riskju li l-Istati Membri għandhom jimpedixxu u l-Kummissjoni, jekk ikun il-każ, għandha tissanzjona. Barra minn hekk, fir-rigward tal-libertà mogħtija mill-awtoritajiet Daniżi lil TV 2 fid-definizzjoni konkreta tal-ippjanar tal-programmi tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li xejn mhuwa anomalu

li xandar ta' servizz pubbliku jgawdi, bil-kundizzjoni li josserva r-rekwiżiti kwalitattivi, indipendenza editorjali mis-setgħa politika fl-għażla tal-programmi.

### f) Għajnuna intiża biex tirrimedja għall-ħsara kkawżata minn avvenimenti straordinarji

Skont l-Artikolu 87(2)(b) KE, l-għajnuna mogħtija sabiex tirrimedja għall-ħsara kkawżata minn avvenimenti straordinarji għandha tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq komuni.

Wara l-attentati tal-11 ta' Settembru 2001, il-Kummissjoni adottat, fl-10 ta' Ottubru 2001, komunikazzjoni [21] li fiha qieset li din id-dispożizzjoni setgħet tawtorizza l-kumpens, b'mod partikolari, tal-ispejjeż sostnuti minħabba l-għeluq tal-ispazju tal-ajru Amerikan mill-11 sal-14 ta' Settembru 2001. Fis-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2008, *Olympiaki Aeroporia Ypiresies vs Il-Kummissjoni* (T-268/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat parzjalment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ddikjarat inkompatibbli mas-suq komuni l-parti tal-għajnuna mogħtija mir-Repubblika Ellenika sabiex jiġi rrimedjat it-telf dovut għall-annullament tat-titjiriet previsti barra mill-perijodu kopert mill-imsemmija komunikazzjoni. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, għalkemm l-Artikolu 87(2)(b) jippermetti li tiġi kkumpensata biss ħsara ekonomika kkawżata direttament minn avvenimenti straordinarji, l-eżistenza ta' rabta diretta tista' tiġi rrikonoxxuta anke jekk id-dannu nibet ftit wara l-perijodu msemmi, bħal f'dan il-każ.

## 3. Regoli proċedurali

Fl-aħħar nett, il-ġurisprudenza tal-2008 ppermettiet li jiġu kkjarifikati l-obbligi imposti fuq il-Kummissjoni meta tadotta deċiżjoni oħra relattiva għal għajnuna mill-Istat li kienet is-suġġet ta' deċiżjoni annullata mill-Qorti tal-Prim'Istanza. Fis-sentenza *Alitalia vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-Kummissjoni m'għandha ebda obbligu terġa' tiftaħ, f'każ bħal dan, il-proċedura formali ta' eżami, peress li l-illegalitajiet issanzjonati mill-Qorti tal-Prim'Istanza ma kinux imorru lura għaż-żmien meta nfetħet il-proċedura. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tagħti mill-ġdid lil terzi kkonċernati, li d-dritt tagħhom li jesponu l-osservazzjonijiet tagħhom kien ġie żgurat, fil-kuntest tal-ewwel deċiżjoni, permezz tal-pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali dwar id-deċiżjoni tagħha li tiftaħ proċedura formali ta' eżami, din l-istess possibbiltà fil-kuntest tal-adozzjoni tat-tieni deċiżjoni.

### *Trade mark Komunitarja*

Id-deċiżjonijiet relattivi għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [22] komplew jirrappreżentaw fl-2008 numru sinjifikattiv (171) tal-kawżi magħluqa mill-Qorti tal-

[21] COM (2001) 574 finali.

[22] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1).

Prim'Istanza, għalkemm jikkostitwixxu perċentwali min-numru ta' kawżi magħluqa iktar baxxa minn dik tal-2007.

## 1. Raġunijiet assoluti għal rifjut ta' reġistrazzjoni

Għall-ewwel darba, fis-sentenza tat-12 ta' Novembru 2008, *Lego Juris vs UASI – Mega Brands (Brikk Lego)* (T-270/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet dwar il-portata tar-raġuni assoluta għal rifjut prevista fl-Artikolu 7(1)(e)(ii) tar-Regolament Nru 40/94, li jistipula li ma jistgħux jiġu rreġistrati s-sinjali li jikkonsistu esklużivament minn forma ta' merkanzija li hija neċessarja sabiex jinkiseb riżultat tekniku. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-imsemmija dispożizzjoni tipprojbixxi r-reġistrazzjoni ta' kull forma kkostitwita esklużivament, fil-karatteristiċi essenzjali tagħha, mill-forma tal-prodott teknikament kawżali u suffiċjenti sabiex jinkiseb ir-riżultat tekniku previst, anki jekk dan ir-riżultat jista' jintlaħaq permezz ta' forom oħrajn li jużaw l-istess prinċipju tekniku jew prinċipju tekniku ieħor. Dawn il-karatteristiċi għandhom jiġu ddeterminati b'mod oġġettiv, mir-rappreżentazzjoni grafika tal-forma inkwistjoni u mill-eventwali deskrizzjonijiet ippreżentati waqt l-applikazzjoni għal trade mark, u mhux abbażi tal-perċezzjoni tal-konsumatur li għalih huwa mmirat il-prodott.

F'kawża oħra li kienet tinvolvi proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fis-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2008, *Powerserv Personalservice vs UASI – Manpower (MANPOWER)* (T-405/05, li għadha ma ġietx ippubblikata u li qegħda taħt appell), speċifikat fuq liema firxa ġeografika l-pubbliku kkonċernat jista' jipperċepixxi s-sinjal ikkostitwit mill-kelma Ingliża "manpower" bħala deskrittiva. F'dan ir-rigward, hija ddeċidiet li dan jista' jkun il-każ anki fl-Istati Membri li fihom mhux mitkellem l-Ingliż, sakemm, fl-ewwel lok, din il-kelma Ingliża tkun daħlet fil-lingwa tal-pajjiż inkwistjoni u tista' tintuża biex tissostitwixxi terminu f'din il-lingwa li jfisser "provvista ta' xogħol" jew "ħaddiema", jew fit-tieni lok, fil-kuntest li taħtu jaqgħu l-prodotti u s-servizzi protetti mit-trade mark MANPOWER, l-Ingliż jintuża, anki jekk f'alternanza mal-lingwa nazzjonali, biex jiġu indirizzati l-membri tal-pubbliku rilevanti. Billi applikat dawn il-prinċipji, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-Bord tal-Appell, ġustament, qies li s-sinjal inkwistjoni kien deskrittiv fil-Ġermanja u fl-Awstrija, iżda kellu żball meta kkunsidra li l-istess japplika fl-Olanda, fl-Iżvezja u fid-Danimarka. Żviluppi oħrajn fir-rigward tar-rwol tal-konoxxenza tal-lingwi mill-pubbliku rilevanti saru fis-sentenza tas-26 ta' Novembru 2008, *New Look vs UASI (NEW LOOK)* (T-435/07, li mhux ippubblikata), li fiha l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, peress li huwa fatt magħruf li l-pubbliku ġenerali tal-pajjiżi Skandinavi, tal-Olanda u tal-Finlandja għandu konoxxenza bażika tal-Ingliż, il-Bord tal-Appell seta' ġustament jikkunsidra li s-sinjal NEW LOOK, espressjoni banali li tagħmel parti mill-Ingliż użat kuljum u li ma tinvolvi ebda diffikultà lingwistika, mhuwiex ta' karattru distintiv f'dawn il-pajjiżi.

Żvilupp ieħor sinjifikattiv li tat il-ġurisprudenza ta' din is-sena f'dan il-qasam jirrigwarda l-portata tar-riferiment li l-Artikolu 7(1)(h) tar-Regolament Nru 40/94 jagħmel għar-raġunijiet assoluti għal rifjut koperti mill-Artikolu 6 *ter* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi [23]. Fil-

[23] Konvenzjoni ta' Pariġi għall-protezzjoni tal-proprjetà industrijali, tal-20 ta' Marzu 1883, kif riveduta u emendata (Ġabra tat-trattati tan-Nazzjonijiet Magħquda, vol. 828, Nru 11847, p. 108).

kawża li tat lok għas-sentenza tat-28 ta' Frar 2008, *American Clothing Associates vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' werqa tal-aġġru)* (T-215/06, li għadha ma ġietx ippubblikata u li qegħda taħt appell), li nbdiet permezz ta' rikors ippreżentat minn impriża li fir-rigward tagħha kienet ġiet irrifjutata mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) ir-reġistrazzjoni ta' sinjal ikkostitwit b'mod partikolari minn werqa tal-aġġru għar-raġuni li din tinsab fuq il-bandiera tal-Kanada, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, minħabba d-distinzjoni li l-imsemmija konvenzjoni tagħmel bejn it-"trade marks ta' ditta jew ta' negozju" u t-"trade marks għal servizzi", l-Artikolu 6 *ter*(a) tagħha, li jimponi li għandha tiġi rrifjutata, b'mod partikolari, ir-reġistrazzjoni ta' bnadar u ta' emblemi oħra tal-Istat, mhuwiex applikabbli għat-"trade marks għal servizzi". Fil-fatt, li kieku l-leġiżlatur Komunitarju kellu l-intenzjoni jestendi din il-projbizzjoni għat-trade marks fir-rigward tas-servizzi, ma kienx jillimita ruħu sempliċement għal riferiment għall-Artikolu 6 *ter* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi, iżda kien isemmi din il-projbizzjoni fit-test stess tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 40/94. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza stabbilixxiet li, b'differenza minn dak li huwa previst għall-evalwazzjoni tal-karattru distintiv ta' trade mark kumplessa, meta jiġi applikat l-Artikolu 6 *ter* tal-Konvenzjoni ta' Pariġi, għandu jiġi analizzat kull wieħed mill-elementi tal-imsemmija trade mark u huwa suffiċjenti li wieħed minnhom jikkostitwixxi emblema tal-Istat jew imitazzjoni tagħha sabiex tiġi ostakolata r-reġistrazzjoni tat-trade mark ikkonċernata, indipendentement mill-perċezzjoni ġenerali tagħha. Fl-aħħar nett, l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 *ter* (1)(a) tal-Konvenzjoni ta' Pariġi mhijiex suġġetta għall-kundizzjoni tal-eżistenza ta' possibbiltà ta' żball tal-pubbliku kkonċernat, fir-rigward tal-oriġini tal-prodotti koperti mit-trade mark li saret applikazzjoni għaliha jew tal-eżistenza ta' rabta bejn il-proprjetarju ta' din it-trade mark u l-Istat li l-emblema tiegħu tidher fit-trade mark imsemmija.

Fis-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008, *Hartmann vs UASI (E)* (T-302/06, li mhux ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet kjarifika sinjifikattiva tal-ġurisprudenza u stipulat li l-UASI jista' jibbaża l-analiżi tiegħu fuq fatti li jirriżultaw mill-esperjenza prattika ġeneralment miksuba mill-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ta' konsum ġenerali, mingħajr ma huwa obbligat jippreżenta eżempji ta' tali esperjenza prattika. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li peress li l-prodotti koperti mit-trade mark li għaliha saret applikazzjoni kienu ġew iddefiniti mid-dipartimenti tal-UASI bħala li mhumiex intiżi għal konsum ġenerali, iżda għal pubbliku speċjalizzat, ma jistax jiġi aċċettat li dawn id-dipartimenti jibbażaw l-analiżi tagħhom fuq fatti konkreti li jista' jkun jaf bihom kulħadd.

Sensiela ta' sentenzi ppermettew lill-Qorti tal-Prim'Istanza tikkjarifika r-rabta li għandha teżisti bejn trade mark u l-prodotti jew is-servizzi koperti sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata bħala deskrittiva, b'mod partikolari s-sentenzi tat-2 ta' April 2008, *Eurocopter vs UASI (STEADYCONTROL)* (T-181/07, li mhux ippubblikata), tal-24 ta' Settembru 2008, *HUP Uslugi Polska vs UASI – Manpower (I.T.@MANPOWER)* (T-248/05, li mhux ippubblikata u li qegħda taħt appell), tal-15 ta' Ottubru 2008, *REWE-Zentral vs UASI (Port Louis)* (T-230/06, li mhux ippubblikata), tal-25 ta' Novembru 2008, *CFCMCEE vs UASI (SURFCARD)* (T-325/07), li mhux ippubblikata, u tat-2 ta' Diċembru 2008, *Ford Motor vs UASI (FUN)* (T-67/07, li għadha ma ġietx ippubblikata). B'mod partikolari, fis-sentenza msemmija l-aħħar, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li r-relazzjoni bejn it-tifsira tal-kelma "fun", minn naħa waħda, u l-vetturi tal-art bil-mutur kif ukoll il-partijiet u l-komponenti tagħhom, min-naħa l-oħra, mhijiex diretta u konkreta biżżejjed sabiex tiġi rrifjutata r-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni, għall-kuntrarju ta' dak li ddeċieda l-Bord tal-Appell.

Fl-aħħar lok, fis-sentenza tat-12 ta' Marzu 2008, *Compagnie générale de diététique vs UASI (GARUM)* (T-341/06, li mhux ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza speċifikat li l-analiżi tal-karattru distintiv ta' sinjal għandha tirreferi għal esperjenza tas-suq konkreta u attwali jew, għall-inqas, probabbli ħafna u suffiċjentement reċenti. Min-naħa l-oħra, żvilupp preżunt, jew saħansitra ipotetiku, mingħajr ebda relazzjoni ma' elementi konkreti u verifikabbli, ma jistax, bħala regola, ikun biżżejjed.

## 2. Raġunijiet relattivi għal rifjut ta' reġistrazzjoni

Il-proċeduri kontenzjużi bejn il-kumpannija Ċeka Budějovický Budvar u l-kumpannija Amerikana Anheuser-Busch, bħal fis-sena 2007, wasslu lill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex, fis-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, *Budějovický Budvar vs UASI – Anheuser-Busch (BUD)* (T-225/06, T-255/06, T-257/06 u T-309/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), tinterpreta l-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 40/94, li jippermetti li ssir oppożizzjoni kontra r-reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja billi jiġi invokat sinjal preċedenti li ma jkunx trade mark. Qabel kollox, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li l-UASI għandu jieħu inkunsiderazzjoni d-drittijiet preċedenti protetti fl-Istat Membri, mingħajr ma jista' jqajjem dubji dwar il-klassifikazzjoni tagħhom. B'hekk, sakemm il-protezzjoni mogħtija fl-Awstrija u fi Franza lid-denominazzjoni ta' oriġini "bud" hija valida skont il-liġijiet nazzjonali ta' dawn l-Istati, l-UASI għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-effetti ta' din il-protezzjoni. Imbagħad, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li l-UASI, minflok ma applika b'analoġija l-Artikolu 43 tar-Regolament Nru 40/94 u eżiġa li Budějovický Budvar turi l-użu "ġenwin" tad-denominazzjonijiet "bud", imissu vverifika jekk is-sinjali inkwistjoni kinux intużaw fil-kuntest ta' attività kummerċjali intiża li jkollha gwadann ekonomiku u mhux fil-qasam privat, u dan indipendentement mit-territorju kkonċernat minn dan l-użu. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li l-kumpannija Ċeka rnexxielha tagħti prova tal-fatt li d-denominazzjonijiet inkwistjoni jintużaw fil-kummerċ. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li l-UASI wettaq żball meta ma kkunsidrax l-elementi fattwali u legali rilevanti kollha sabiex jiddetermina jekk il-liġijiet nazzjonali kkonċernati jagħtux id-dritt lil Budějovický Budvar li tipprekludi l-użu ta' trade mark iktar reċenti.

Wieħed mill-iżviluppi prinċipali l-oħra tal-ġurisprudenza tal-2008 f'dan il-qasam jikkonċerna l-kwistjoni tax-xebh bejn il-prodotti u/jew is-servizzi koperti mit-trade mark preċedenti u t-trade mark li għaliha tkun saret applikazzjoni sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni. Fis-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2008, *Coca-Cola vs UASI – San Polo (MEZZOPANE)* (T-175/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li jeżisti biss xebh żgħir bejn l-inbid u l-birra. Għalkemm l-inbid u l-birra jistgħu, parzjalment, jissodisfaw l-istess bżonn, jiġifieri l-iggustar ta' xarba waqt l-ikel jew bħala aperittiv, il-konsumatur rilevanti jipperċepihom bħala żewġ prodotti distinti. Barra minn hekk, ma jeżisti ebda element li jwassal għall-konklużjoni li x-xerrej ta' wieħed minn dawn il-prodotti jitħajjar jixtri l-ieħor u li għalhekk huma kumplimentari. Min-naħa l-oħra, filwaqt li ttieħdet inkunsiderazzjoni d-differenza fil-prezz, l-inbid u l-birra huma, sa ċertu punt, kompetituri.

Fis-sentenza tal-4 ta' Novembru 2008, *Group Lottuss vs UASI – Ugly (COYOTE UGLY)* (T-161/07, li mhux ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat l-eżistenza ta' kumplimentarjetà kbira bejn il-"birer", minn naħa waħda, u s-"servizzi ta' cocktail bars" kif ukoll is-"servizzi

ta' divertiment, servizzi ta' diskoteki, night clubs", min-naħa l-oħra. Fil-fatt, il-birer jiġu kkunsmati biex jinqata' l-għatx jew għall-pjaċir, filwaqt li dawn is-servizzi jkopru l-attività li tikkonsisti fil-preparazzjoni u l-fatt li jiġu servuti xarbiet alkoħoliċi f'post fejn in-nies imorru biex jieħdu gost. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li l-UASI seta' għalhekk ġustament jikkonstata l-eżistenza ta' livell baxx ta' xebh bejn dawn il-prodotti u dawn is-servizzi. Dan ma japplikax għax-xebh bejn il-birer u l-"attivitajiet kulturali", peress li dawn tal-aħħar għandhom livell ħafna iktar baxx ta' kumplimentarjetà mal-birra mis-servizzi msemmija iktar 'il fuq.

Il-kumplimentarjetà bejn prodotti u servizzi kienet ukoll is-suġġett ta' żewġ sentenzi oħra, mogħtija fir-rigward ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità. Fis-sentenza tal-24 ta' Settembru 2008, *Oakley vs UASI – Venticinque (O STORE)* (T-116/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza stabbilixxiet li r-relazzjoni bejn is-servizzi pprovduti fil-kuntest tal-kummerċ bl-imnut ta' ċerti oġġetti ta' lbies u l-oġġetti ta' lbies infushom hija kkaratterizzata minn rabta stretta, fis-sens li l-prodotti huma importanti, jew saħansitra indispensabbli għall-għoti ta' dawn is-servizzi. Fil-fatt, dawn tal-aħħar jiġu pprovduti meta l-imsemmija prodotti jinbiegħu u l-kummerċ bl-imnut jinkludi kull attività magħmula min-negozjant bl-iskop li jinkoraġġixxi l-konklużjoni tal-att tal-bejgħ. Min-naħa l-oħra, din ir-rabta ma teżistix meta s-servizzi ta' bejgħ koperti minn trade mark jikkonċernaw aċċessorji u t-trade mark l-oħra tkopri oġġetti ta' lbies u prodotti tal-ġilda.

Fis-sentenza tat-12 ta' Novembru 2008, *Weiler vs UASI – IQNet Association – The International Certification Network (Q2WEB)* (T-242/07, li mhux ippubblikata), sabiex timmotiva l-konstatazzjoni tagħha li l-prodotti u s-servizzi inkwistjoni koperti mit-trade mark Q2WEB jistgħu lkoll jintużaw u/jew jiġu pprovduti flimkien jew b'mod konsekuttiv sabiex jiġu pprovduti lill-konsumaturi s-servizzi inkwistjoni koperti mit-trade mark QWEB Certified Site, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li min jipprovdi s-servizzi ta' telekomunikazzjoni, b'mod partikolari s-servizzi ta' telekomunikazzjoni permezz tal-Internet, bħal dawk koperti mit-trade mark QWEB Certified Site, ġeneralment jipprovdi softwer għall-klijenti tiegħu kif ukoll servizz ta' manutenzjoni u aġġornament ta' dan is-softwer, li, għaldaqstant, huwa minnu nnifsu importanti għall-użu tas-servizz ta' telekomunikazzjoni pprovdut, u li tali softwer u servizzi jagħmlu parti mill-prodotti u s-servizzi koperti mit-trade mark Q2WEB.

Il-ġurisprudenza ta' din is-sena fiha, barra minn hekk, żviluppi relattivi għall-paragun kunċettwali bejn is-sinjali konfliġġenti fil-kuntest ta' proċedimenti *inter partes*. Meta ntalbet tiddeċiedi fuq ix-xebh bejn is-sinjali verbali EL TIEMPO u TELETIEMPO, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fis-sentenza tat-22 ta' April 2008, *Casa Editorial el Tiempo vs UASI – Instituto Nacional de Meteorología (EL TIEMPO)* (T-233/06, li mhux ippubblikata), li xejn fil-kliem tad-deskrizzjoni tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni ma kien jippermetti li jiġi kkunsidrat li l-kelma "tiempo" ser tiġi neċessarjament interpretata skont it-tifsira kronoloġika tagħha fir-rigward tat-trade mark u skont it-tifsira meteoroloġika fir-rigward tat-trade marks preċedenti.

Barra minn hekk, fis-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2008, *Harman International Industries vs UASI – Becker (Barbara Becker)* (T-212/07, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, meta trade mark verbali tkun komposta minn żewġ elementi li wieħed minnhom huwa komuni għall-uniku element li jikkostitwixxi trade mark verbali oħra, mhuwiex meħtieġ, sabiex tiġi kkonstatata probabbiltà ta' konfużjoni, li l-element

komuni għat-trade marks konfliġġenti jikkostitwixxi l-element dominanti fl-impressjoni sħiħa mogħtija mit-trade mark komposta. Fil-fatt, li kieku tali kundizzjoni kienet meħtieġa, minkejja li l-element komuni jkollu pożizzjoni distintiva awtonoma fit-trade mark komposta, il-proprjetarju tat-trade mark preċedenti jiġi mċaħħad mid-dritt esklużiv mogħti minn din it-trade mark.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza speċifikat x'inhu l-livell ta' attenzjoni tal-konsumatur medju meta jixtri biċċa għamara rħisa. Peress li dan il-konsumatur jaġixxi abbażi ta' sensiela ta' kunsiderazzjonijiet funzjonali u estetiċi, sabiex tinħoloq armonija mal-bqija tal-għamara li jkollu diġà, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fis-sentenza tas-16 ta' Jannar 2008, *Inter-IKEA/OHMI – Waibel (idea)* (T-112/06, li mhux ippubblikata), iddeċidiet li, għalkemm l-att ta' xiri fih innifsu jista' jsir malajr fil-każ ta' ċerti biċċiet ta' għamara, il-proċess tal-paragun u ta' riflessjoni li jippreċedi l-għażla jirrikjedi, minnu nnifsu, livell għoli ta' attenzjoni.

## 3. Kwistjonijiet ta' forma u ta' proċedura

### a) Prova tal-użu ġenwin tat-trade mark preċedenti

Fis-sentenza tal-10 ta' Settembru 2008, *Boston Scientific vs UASI – Terumo (CAPIO)* (T-325/06, li mhux ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-valur probatorju tal-figuri li jinsabu fil-lista tal-bejgħ tal-prodotti koperti mit-trade mark preċedenti, ippreżentata lill-UASI mill-proprjetarju tagħha, jista' jiġi stabbilit permezz ta' mezzi differenti mill-att notarili jew id-dikjarazzjoni li jsir riferiment għalihom fl-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 40/94 u fir-regola 22 tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 [24]. Il-fatt li ċerti elementi tal-fatturi li jikkorrispondu għal dan il-bejgħ jinsabu fil-lista huwa xhieda tal-koerenza u l-veraċità tagħha. Barra minn hekk, il-fatt li tħejjiet fattura juri li t-trade mark preċedenti ntużat pubblikament u esternament, u mhux biss fi ħdan l-impriża proprjetarja jew fi ħdan netwerk ta' distribuzzjoni miżmum jew ikkontrollat minnha.

Fis-sentenza tas-26 ta' Novembru 2008, *Rajani vs UASI – Artoz-Papier (ATOZ)* (T-100/06, li mhux ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat il-kwistjoni tad-data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-*dies a quo* sabiex jiġi kkalkolat il-perijodu ta' ħames snin li matulu trade mark preċedenti ma tistax tiġi suġġetta għall-prova tal-użu ġenwin, meta fir-rigward ta' din it-trade mark tkun saret talba għar-reġistrazzjoni internazzjonali tagħha mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO), ippreżentata f'ċerta data, iżda tkun ġiet ammessa sabiex tingħata protezzjoni fi Stat Membru f'data sussegwenti. Wara li kkonstatat li l-kwistjoni taqa' taħt id-dritt nazzjonali kkonċernat, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, jekk, skont l-imsemmi dritt, il-protezzjoni tiġi rrifjutata parzjalment fir-rigward ta' trade mark internazzjonali rreġistrata, iżda tingħata sussegwentement, ir-reġistrazzjoni titqies li tkun saret fid-data meta tiġi riċevuta mill-WIPO n-notifika finali relattiva għall-għoti tal-protezzjoni.

### b) Kontinwità funzjonali

Il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Marzu 2007, *UASI vs Kaul* [25] billi speċifikat, fis-sentenza tas-17 ta' Ġunju 2008, *El Corte Inglés vs UASI – Abril Sánchez u Ricote Saugar (BOOMERANG$^{TV}$)* (T-420/03, li għadha ma ġietx ippubblikata), li, għalkemm il-Bord tal-Appell mhuwiex marbut jieħu inkunsiderazzjoni l-fatti u l-provi ppreżentati għall-ewwel darba quddiemu, għandu madankollu jiġi vverifikat jekk bir-rifjut tiegħu, huwa jiksirx l-Artikolu 74(2) tar-Regolament Nru 40/94, billi jqis li ma jkollu ebda marġni ta' diskrezzjoni. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li n-natura tal-fatti u tal-provi inkwistjoni hija biss wieħed mill-elementi li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżerċizzju mill-UASI tas-setgħa diskrezzjonali li għandu jeżerċita. Peress li l-Bord tal-Appell ibbaża ruħu fuq il-fatt li r-rikorrenti kellha l-possibbiltà li tipproduċi d-dokumenti inkwistjoni quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, huwa kkunsidra impliċitament li ċ-ċirkustanzi tal-każ kienu jipprekludu li dawn jiġu kkunsidrati. B'hekk, il-Bord tal-Appell

[24] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplementa r-Regolament Nru 40/94 (ĠU L 303, p. 1).

[25] C-29/05 P, Ġabra p. I-2213.

ma kkunsidrax bħala regola li d-dokumenti ppreżentati għall-ewwel darba quddiemu mir-rikorrenti kienu inammissibbli, imma mmotiva d-deċiżjoni tiegħu rigward dan il-punt.

### c) Interess ġuridiku u proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Fis-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, *Lancôme vs UASI – CMS Hasche Sigle (COLOR EDITION)* (T-160/07, li għadha ma ġietx ippubblikata u li qegħda taħt appell), il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li jirriżulta mill-istruttura tal-Artikolu 55(1) tar-Regolamernt Nru 40/94 li l-leġiżlatur ried li kull persuna fiżika jew ġuridika u kull grupp li għandu *locus standi* jkun jista' jippreżenta talbiet għal dikjarazzjoni ta' invalidità bbażati fuq raġunijiet ta' invalidità assoluta, mingħajr ma jkun neċessarju li tintwera l-eżistenza ta' interess ġuridiku, filwaqt li, f'dak li jikkonċerna t-talbiet għal dikjarazzjoni ta' invalidità bbażati fuq raġunijiet ta' invalidità relattiva, huwa espliċitament illimita n-numru ta' persuni li jistgħu jagħmlu talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità għall-proprjetarji ta' trade marks jew ta' drittijiet preċedenti kif ukoll għal dawk li jkollhom liċenzja.

### d) Obbligi tal-Bordijiet tal-Appell

Billi bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza stabbilita fir-rigward tal-obbligu ta' motivazzjoni [26], il-Qorti tal-Prim'Istanza affermat, fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Lulju 2008, *Reber vs UASI Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli (Mozart)* (T-304/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), li l-Bord tal-Appell mhuwiex marbut, bħala regola ġenerali, jipprovdi, fid-deċiżjoni tiegħu, risposta speċifika għal kull argument li huwa bbażat fuq l-eżistenza ta' deċiżjonijiet f'sens partikolari tad-dipartimenti tiegħu stess jew dipartimenti u qrati nazzjonali f'kawżi oħra simili, jekk il-motivazzjoni tad-deċiżjoni adottata minnu f'kawża partikolari tirreferi, għall-inqas impliċitament imma b'mod ċar u mhux ekwivoku, għar-raġunijiet li għalihom dawn id-deċiżjonijiet l-oħra mhumiex rilevanti u ma jittiħdux inkunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni tagħha.

Fis-sentenza *COYOTE UGLY*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li għalkemm il-Bord tal-Appell għandu d-dritt, meta jidentifika xebh, anki jekk biss parzjali, bejn il-prodotti u s-servizzi inkwistjoni fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni, li jissepara *ex officio* s-servizzi koperti mit-trade mark li għaliha tkun saret applikazzjoni billi jindika b'mod preċiż is-subkategoriji kompatibbli mat-trade mark preċedenti, huwa mhuwiex marbut jagħmel dan.

### *Drittijiet tal-varjetajiet ta' pjanti*

Ir-Regolament (KE) Nru 2100/94 [27] stabbilixxa sistema ta' protezzjoni Komunitarja għall-varjetajiet ta' pjanti li tippermetti li jingħataw drittijiet ta' proprjetà intellettwali għall-

[26] Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Jannar 2004, *Aalborg Portland et .vs Il-Kummissjoni*, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, Ġabra p. I-123, u tat-8 ta' Frar 2007, *Groupe Danone vs Il-Kummissjoni*, C-3/06 P, Ġabra p. I-1331.

[27] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94, tas-27 ta' Lulju 1994, dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità (ĠU L 227, p. 1).

varjetajiet tal-pjanti, applikabbli fit-territorju kollu tal-Komunità. L-implementazzjoni u l-applikazzjoni ta' din is-sistema Komunitarja huma f'idejn l-Uffiċċju tal-Komunità għall-Varjetajiet ta' Pjanti, iktar 'il quddiem is-"CPVO", aġenzija deċentralizzata tal-Komunità, li għandha s-sede tagħha f'Angers (Franza) u li ilha topera mis-27 ta' April 1995. Fi ħdan is-CPVO, ġie stabbilit Bord tal-Appell kompetenti biex jiddeċiedi l-appelli ppreżentati kontra ċerti tipi ta' deċiżjonijiet meħudin minnu. Skont l-Artikolu 73 tal-imsemmi regolament, id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell tas-CPVO jistgħu jiġu appellati quddiem il-qorti Komunitarja.

Matul is-sena 2008, il-Qorti tal-Prim'Istanza tat żewġ sentenzi għall-ewwel darba dwar id-deċiżjonijiet adottati mill-Bord tal-Appell tas-CPVO. Wara li kellha l-opportunità tiddeċiedi prinċipalment fuq l-ammissibbiltà, fis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2008, *Federación de Cooperativas Agrarias de la Comunidad Valenciana vs CPVO – Nador Cott Protection (Nadorcott)* (T-95/06, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza ddefiniet il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju li hija twettaq f'dan il-qasam fis-sentenza tad-19 ta' Novembru 2008, *Schräder vs CPVO (SUMCOL 01)* (T-187/06, li għadha ma ġietx ippubblikata). F'dan ir-rigward, hija fakkret li, meta qorti Komunitarja tagħti deċiżjoni fuq deċiżjonijiet mogħtija minn awtorità amministrattiva Komunitarja abbażi ta' evalwazzjonijeit tekniċi kumplessi, hija, bħala regola, teżerċita stħarriġ limitat u ma tistax tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-elementi ta' fatt għal dik tal-imsemmija awtorità, mingħajr madankollu ma għandha toqgħod lura milli tistħarreġ l-interpretazzjoni, mill-amministrazzjoni, tal-informazzjoni teknika. Dan l-approċċ jista' jiġi traspost għall-każijiet fejn id-deċiżjoni amministrattiva tkun ir-riżultat ta' evalwazzjonijiet kumplessi li jifformaw parti minn oqsma xjentifiċi oħra, bħall-botanika jew il-ġenetika. F'dan il-każ, l-evalwazzjoni tal-karattru distintiv ta' varjetà ta' pjanti, fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 2100/94, tippreżenta kumplessità xjentifika u teknika li tista' tiġġustifika limitazzjoni tal-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju. Fil-fatt, dawn il-kriterji jeżiġu li jiġi vverifikat jekk il-varjetà li tkun saret applikazzjoni għaliha tiddistingwix ruħha b'mod ċar, b'riferenza għall-espressjoni tal-karatteristiċi li jirriżultaw minn ġenotip jew min taħlita ta' ġenotipi partikolari, minn kull varjetà oħra. Min-naħa l-oħra, l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' varjetà oħra magħrufa sew, fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 7(2) tal-imsemmi regolament, ma teżiġix esperjenza jew għarfien tekniku speċifiku u ma tippreżenta l-ebda kumplessità li tista' tiġġustifika limitazzjoni tal-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju. Fil-fatt, dawn il-kriterji jeżiġu sempliċiment li jiġi vverifikat, pereżempju, jekk, fid-data meta saret l-applikazzjoni għall-privattiva tal-varjetà li saret applikazzjoni għaliha, varjetà oħra kinitx is-suġġett ta' privattiva jew jekk kinitx imniżżla f'reġistru uffiċjali tal-varjetajiet.

### *Aċċess għal dokumenti*

Fis-sentenza tad-9 ta' Settembru 2008, *MyTravel vs Il-Kummissjoni* (T-403/05, li għadha ma ġietx ippubblikata u li qegħda taħt appell), il-Qorti tal-Prim'Istanza speċifikat il-portata tad-dritt ta' aċċess, previst mir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 [28], għal ċerti dokumenti li jinsabu fil-fajlijiet tal-Kummissjoni, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta'

[28] Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, p. 43).

konċentrazzjoni mas-suq komuni, kif ukoll għal dokumenti mfasslin mis-servizzi tal-Kummissjoni wara l-annullament ta' waħda mid-deċiżjonijiet tagħha mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

Din is-sentenza tirrigwarda l-konċentrazzjoni bejn l-impriżi Airtours u First Choice, li kienet ġiet iddikjarata inkompatibbli mas-suq komuni mill-Kummissjoni. Peress li din id-deċiżjoni kienet ġiet annullata mill-Qorti tal-Prim'Istanza, fis-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2002, Airtours vs Il-Kummissjoni (T-342/99, Ġabra p. II-2585), il-Kummissjoni stabbilixxiet grupp ta' ħidma li għaqqad xi uffiċjali tad-Direttorat Ġenerali (DĠ) "Kompetizzjoni" tagħha u tas-servizz legali tagħha sabiex jeżminaw jekk kienx opportun li jiġi ppreżentat appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza u sabiex jevalwaw il-konsegwenzi tagħha fuq il-proċedura applikabbli għall-kontroll ta' konċentrazzjonijiet jew għal setturi oħra. MyTravel, suċċessur ta' Airtours, talbet lill-Kummissjoni tagħtiha aċċess għal żewġ tipi ta' dokumenti: id-dokumenti preparatorji u r-rapport imfassal mill-grupp ta' ħidma, minn naħa waħda, u d-dokumenti li jinsabu fil-proċess tal-kawża Airtours vs First Choice li fuqhom kien ibbażat ir-rapport, min-naħa l-oħra. Il-Kummissjoni rrifjutat l-aċċess għall-parti l-kbira ta' dawn id-dokumenti abbażi ta' tliet eċċezzjonijiet previsti mir-Regolament Nru 1049/2001.

Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-eċċezzjoni dwar il-ħarsien tal-proċess deċiżjonali, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li r-rapport imfassal mill-grupp ta' ħidma jaqa' fil-kuntest ta' funzjonijiet purament amministrattivi u mhux leġiżlattivi tal-Kummissjoni. L-interess tal-pubbliku biex jikseb il-komunikazzjoni ta' dokument skont il-prinċipju ta' trasparenza m'għandux l-istess piż fil-każ ta' dokument imfassal fi ħdan proċedura amministrattiva li hija intiża biex tapplika regoli tad-dritt tal-kompetizzjoni bħal fil-każ ta' dokument relattiv għal proċedura leġiżlattiva. Filwaqt li rrilevat li jeżisti l-periklu li l-iżvelar lill-pubbliku tar-rapport jesponi l-opinjoni, possibbilment kritika, ta' uffiċjali tal-Kummissjoni, u jippermetti li jsir paragun bejn il-kontenut tar-rapport u d-deċiżjoni finalment meħuda mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-Kummissjoni ġustament irrifjutat l-aċċess għalih billi kkunsidrat li l-iżvelar tiegħu lill-pubbliku jdgħajjef serjament il-possibbiltà għal wieħed mill-membri tagħha biex jiddisponi minn opinjoni libera u kompleta tas-servizzi tiegħu. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat, għal dak li jirrigwarda d-dokumenti interni relattivi għall-konċentrazzjoni Airtours-First Choice, li l-Kummissjoni sostniet ġustament li l-iżvelar ta' dawn id-dokumenti kien inaqqas il-kapaċità tas-servizzi tagħha li jesprimu l-perspettiva tagħhom u kien idgħajjef serjament il-proċess deċiżjonali tagħha fil-kuntest tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, peress li dawn id-dokumenti jistgħu jindikaw l-opinjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni, li jista' jkun li ma jibqgħux jidhru fil-verżjoni finali tad-deċiżjoni. Tali żvelar iħeġġeġ l-awtoċensura u jkun ta' dannu għall-komunikazzjoni libera u kompleta bejn is-servizzi. Barra minn hekk, dan ir-riskju huwa raġonevolment prevedibbli, peress li huwa probabbli li tali dokumenti jistgħu jintużaw biex jinfluwenzaw il-pożizzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni li għandha tibqa' libera u indipendenti minn kull pressjoni esterna.

Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-eċċezzjoni dwar il-ħarsien tal-proċedimenti fil-qrati u tal-pariri legali, li r-rikorrenti kienet qed tippretendi li ma kinitx applikabbli għan-noti ta' risposta mibgħuta mis-servizz legali lid-DĠ "Kompetizzjoni" fil-kuntest tat-tfassil tad-deċiżjoni Airtours, il-Qorti tal-Prim'Istanza indikat li l-iżvelar tal-imsemmija noti jista' jwassal lis-servizz legali biex juża kawtela u prudenza fil-futur, sabiex ma jaffettwax il-kapaċità ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fl-oqsma fejn hija tintervjeni fil-kapaċità amministrattiva tagħha. Hija żiedet li jeżisti l-periklu li l-iżvelar ta' dawn il-pariri jqiegħed lill-Kummissjoni

f'sitwazzjoni delikata fejn is-servizz legali tagħha jista' jiġi obbligat jiddefendi quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza pożizzjoni li mhijiex dik li sostna matul il-proċedura interna. Tali oppożizzjoni tista' taffettwa b'mod kunsiderevoli l-libertà tas-servizz legali li jesprimi opinjoni u l-possibbiltà tiegħu li jiddefendi b'mod effikaċi quddiem il-qorti Komunitarja, fuq livell ekwu mar-rappreżentanti l-oħra tal-partijiet, il-pożizzjoni definittiva tal-Kummissjoni.

Madankollu, fir-rigward, fit-tielet lok, tal-eċċezzjoni dwar il-ħarsien tal-attivitajiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifika, il-Qorti tal-Prim'Istanza, wara li kkonstatat li, fir-rigward ta' wieħed mid-dokumenti mitluba, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni kien fiha biss kunsiderazzjonijiet vagi u ġenerali li ma kinux jippermettu li jinftiehem kif l-attivitajiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifika setgħu jiġu ppreġudikati, annullat l-imsemmija deċiżjoni sa fejn din irrifjutat l-aċċess għal dan id-dokument.

Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-18 ta' Diċembru 2008, *Muñiz vs Il-Kummissjoni* (T-144/05, li mhux ippubblikata), ukoll ittrattat il-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-eċċezzjoni dwar il-ħarsien tal-proċess deċiżjonali, fil-kuntest ta' talba għal aċċess għal dokumenti preparatorji ppreżentati minn grupp ta' ħidma lill-kumitat tan-nomenklatura, li jintervjeni fil-proċedura leġiżlattiva ta' adozzjoni tal-miżuri ta' klassifikazzjoni tal-merkanzija meħudin mill-Kummissjoni, meta l-klassifikazzjoni ta' prodott partikolari tkun tista' tqajjem diffikulatjiet. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li, għalkemm il-ħarsien tal-proċess deċiżjonali minn pressjoni esterna jista' jkun ta' tali natura li jikkostitwixxi motiv leġittimu sabiex jiġi ristrett l-aċċess għal xi dokumenti, ir-realtà ta' tali pressjoni għandha madankollu tiġi stabbilita b'ċertezza u n-natura previdibbli tar-riskju li d-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni tkun sostanzjalment affettwata minnu għandha tintwera. Barra minn hekk, għalkemm għandha tittieħed inkunsiderazzjoni x-xewqa tal-Kummissjoni li l-persunal u l-esperti jibqgħu jkunu jistgħu jesprimu l-opinjonijiet tagħhom liberament, għandu madankollu jiġi evalwat jekk dawn il-preokkupazzjonijiet humiex oġġettivament ġustifikati. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li dan ma kienx il-każ hawnhekk, peress li l-Kummissjoni ma kkorroborat l-allegazzjonijiet tagħha b'ebda prova u annullat id-deċiżjoni kkontestata.

L-eċċezzjoni relattiva għall-ħarsien ta' interessi kummerċjali ġiet ittrattata fis-sentenza tat-30 ta' Jannar 2008, *Terezakis vs Il-Kummissjoni* (T-380/04, li mhux ippubblikata). Il-Kummissjoni kienet b'mod partikolari rrifjutat li tagħti lir-rikorrent aċċess għal kuntratt konkluż bejn Athens International Airport u l-konsorzju Hochtief, dwar il-bini tal-ajruport il-ġdid ta' Ateni fi Spata, għar-raġuni li l-iżvelar tiegħu kien jippreġudika serjament l-interessi kummerċjali tal-partijiet fil-kuntratt. Il-Qorti tal-Prim'Istanza indikat li, minnu nnifsu, tali dokument seta' jinkludi informazzjoni kunfidenzjali kemm dwar il-kumpanniji inkwistjoni kif ukoll dwar ir-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom u li, bħala regola, l-informazzjoni preċiża relattiva għall-istruttura tal-ispejjeż ta' impriża tikkostitwixxi sigriet tan-negozju li l-iżvelar tiegħu lil terzi jista' jippreġudika l-interessi kummerċjali tagħha. Għalkemm ċerti siltiet mill-kuntratt kienu jinkludu informazzjoni relattiva għall-partijiet kontraenti u għar-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom, l-eżami li għamlet il-Kummissjoni ma kienx jippermetti li jiġi evalwat b'mod konkret jekk l-eċċezzjoni invokata kinitx effettivament applikabbli għall-informazzjoni kollha li kienet tinsab fil-kuntratt. Peress li ma kienx jidher impossibbli, għall-Kummissjoni, li tindika r-raġunijiet li kienu jiġġustifikaw il-kunfidenzjalità fir-rigward tal-kuntratt prinċipali kollu mingħajr ma tiżvela l-kontenut tiegħu u, b'hekk, mingħajr ma tippriva l-eċċezzjoni mill-għan essenzjali tagħha, u peress li l-Qorti tal-Prim'Istanza mhijiex

kompetenti biex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni, hija annullat id-deċiżjoni kkontestata inkwantu din tirrifjuta l-aċċess, għall-inqas parzjalment, għall-kuntratt.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Settembru 2008, *Williams vs Il-Kummissjoni* (T-42/05, li mhux ippubblikata), qamet il-kwistjoni jekk deċiżjoni li tirrifjuta parzjalment li jingħata aċċess għal ċerti dokumenti li hija tidentifika tistax tiġi interpretata bħala li tinkludi rifjut impliċitu ta' aċċess għal ċerti tipi ta' dokumenti oħra, bħal memoranda u posta elettronika skambjati meta kienu qed jitħejjew it-travaux préparatoires tad-Direttiva 2001/18/KE [29] fuq l-OMĠ, li mhumiex identifikati fiha, iżda li anki fir-rigward tagħhom saret talba għal aċċess. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Prim'Istanza mxiet fi tliet stadji. Fl-ewwel lok, ikkonstatat li l-Kummissjoni kellha f'idejha numru kbir mid-dokumenti preparatorji li kienu differenti minn dawk imsemmijin fid-deċiżjoni kkontestata u li, fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-Kummissjoni f'dan is-sens, ma kienx hemm raġuni għalfejn kellu jiġi preżunt li d-dokumenti inkwistjoni ma kinux jeżistu. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Prim'Istanza vverifikat jekk it-talba għal aċċess kinitx preċiża biżżejjed sabiex tippermetti lill-Kummissjoni tifhem li hija kienet tirrigwarda tali dokumenti. Meta eżaminat iċ-ċirkustanzi tal-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li dan kien il-każ u ddeduċiet minn dan li l-fatt li l-Kummissjoni ma identifikatx, fid-deċiżjoni kkontestata, id-dokumenti interni kollha relattivi għall-kuntest tal-adozzjoni tad-Direttiva 2001/18 jammonta, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 1049/2001, għal rifjut impliċitu ta' aċċess, li jista' jiġi kkontestat quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza. Fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat jekk il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata ma kkontemplatx l-iżvelar tal-imsemmija dokumenti setax jiġi ġġustifikat minħabba xi ċirkustanzi partikolari ta' dan il-każ, b'mod partikolari għar-raġuni li t-talba għal aċċess kienet, pereżempju, wiesgħa u impreċiża. Filwaqt li fakkret li l-possibbiltà, għal istituzzjoni, li twieżen l-interess tal-aċċess pubbliku għal dokumenti u l-volum ta' xogħol li jirriżulta minn dan tibqa' eċċezzjonali u hija limitata għall-każijiet fejn l-eżami konkret u individwali tad-dokumenti jinvolvi għaliha kompitu amministrattiv li mhuwiex xieraq, u filwaqt li kkonstatat li l-Kummissjoni ma invokatx formalment tali eċċezzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li l-Kummissjoni ma ġġustifikatx ir-rifjut impliċitu tal-aċċess għad-dokumenti li ma ġewx identifikati fid-deċiżjoni kkontestata. Minnu nnifsu, dan ir-rifjut jikkostitwixxi nuqqas assolut ta' motivazzjoni li l-Kummissjoni ma tistax tirrimedja għalih permezz ta' kunsiderazzjonijiet ippreżentati quddiem il-qorti Komunitarja, u jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata fuq dan il-punt.

### *Politika barranija u ta' sigurtà komuni – il-ġlieda kontra t-terroriżmu*

Is-sena 2008 reġgħet rat lill-Qorti tal-Prim'Istanza tiddeċiedi kawżi fir-rigward tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, f'żewġ sentenzi, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2008, *People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill* (T-256/07, li għadha ma ġietx ippubblikata u li qegħda taħt appell), u s-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2008, *People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill* (T-284/08, li għadha ma ġietx ippubblikata). L-istess rikorrenti kienet diġà rebħet

[29] Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, p. 1).

parzjalment fl-2006 [30]. Fl-ewwel sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza spjegat li meta l-Kunsill ikollu l-kompitu jevalwa jekk l-iffriżar ta' fondi ta' persuna, ta' grupp jew ta' entità huwiex jew għadux ġustifikat, huwa għandu qabel kollox jevalwa r-riskju li, fin-nuqqas ta' tali miżura, dawn il-fondi jistgħu jintużaw għall-finanzjament jew għall-preparazzjoni ta' atti ta' terroriżmu. Dwar ir-rwol tal-Qorti tal-Prim'Istanza, is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandha tiġi rrikonoxxuta favur il-Kunsill ma tfissirx li hija għandha toqgħod lura milli tistħarreġ l-interpretazzjoni, minn din l-istituzzjoni, tal-informazzjoni rilevanti. Fil-fatt, il-qorti Komunitarja għandha b'mod partikolari mhux biss tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà u l-koerenza tagħhom, iżda għandha tistħarreġ ukoll jekk dawn il-provi jikkostitwixxux l-informazzjoni rilevanti kollha li għandha titqies għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni u jekk dawn humiex ta' natura li jissostanzjaw il-konklużjonijiet misluta minnhom. Madankollu, fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ, ma huwiex il-kompitu tagħha li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-miżuri magħmula mill-Kunsill bl-evalwazzjoni tagħha. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat li, fil-każijiet fejn istituzzjoni Komunitarja jkollha setgħa diskrezzjonali wiesgħa, l-istħarriġ tal-osservanza ta' ċerti garanziji proċedurali jassumi importanza fundmentali. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li stħarriġ fuq il-kwistjoni jekk il-Kunsill kellux motivi raġonevoli sabiex iżomm fis-seħħ l-iffriżar tal-fondi tar-rikorrenti jibqa' b'mod inkontestabbli fil-limiti tal-istħarriġ ġudizzjarju li l-qorti Komunitarja tista' teżerċita, inkwantu jikkorrispondi, essenzjalment, għall-istħarriġ tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni.

Wara li wettqet tali stħarriġ, il-Qorti tal-Prim'istanza annullat waħda mid-deċiżjonijiet ikkontestati għar-raġuni li l-Kunsill ma mmotivax biżżejjed ir-raġunijiet għalfejn ma ħax inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni mogħtija minn awtorità ġudizzjarja tar-Renju Unit, il-Proscribed Organisations Appeals Commission (iktar 'il quddiem il-"POAC"), li ordnat li r-rikorrenti titneħħa mil-lista tal-organizzazzjonijiet terroristiċi f'dan il-pajjiż. Il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret li huwa importanti ħafna, għall-finijiet tal-adozzjoni ta' miżuri Komunitarji ta' ffriżar ta' fondi, li l-Kunsill jiżgura ruħu mill-eżistenza ta' deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja nazzjonali kompetenti kif ukoll ta' azzjonijiet sussegwenti għal din id-deċiżjoni fil-livell nazzjonali. Permezz tad-deċiżjoni tagħha, il-POAC kienet b'mod partikolari ddeskriviet l-evalwazzjoni tal-Home Secretary (il-Ministru tal-Intern) tar-Renju Unit, li r-rikorrenti kienet għadha organizzazzjoni involuta fit-terroriżmu, bħala mhux raġonevoli.

Fit-tieni waħda mill-imsemmija sentenzi, mogħtija fil-kuntest ta' proċedura mħaffa l-għada tas-seduta, il-Qorti tal-Prim'Istanza, filwaqt li enfasizzat il-ħtieġa li jiġi ggarantit bilanċ ġust bejn ir-rekwiżiti tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, iddeċidiet li peress li l-limitazzjonijiet imposti mill-Kunsill fuq id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet ikkonċernati għandhom ikunu kontrobilanċjati minn stħarriġ ġudizzjarju strett li huwa indipendenti u imparzjali, il-qorti Komunitarja għandha tkun fil-pożizzjoni li tistħarreġ il-legalità u l-fondatezza tal-miżuri ta' ffriżar tal-fondi, mingħajr ma jkunu jistgħu jiġu invokati kontriha s-segretezza jew il-kunfidenzjalità tal-provi u ta' informazzjoni użati mill-Kunsill. Il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni kkontestata għar-raġuni, b'mod partikolari, li l-Kunsill ma jistax jibbaża d-deċiżjoni tiegħu ta' ffriżar tal-fondi fuq informazzjoni jew fuq elementi fil-proċess ikkomunikati minn Stat Membru, jekk dan l-Istat Membru mhux lest li jawtorizza l-komunikazzjoni tagħhom lill-qorti Komunitarja.

[30] Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Diċembru 2006, *Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill*, T-228/02, Ġabra p. II-4665 (ara r-Rapport Annwali 2006).

### *Privileġġi u immunitajiet*

Fis-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2008, *Mote vs Il-Parlament* (T-345/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza ppronunzjat ruħha dwar deċiżjoni tal-Parlament li neħħiet l-immunità ta' wieħed mill-membri tagħha. F'dan il-każ, kienu tressqu xi proċeduri kriminali kontra A. Mote, ċittadin tar-Renju Unit, għar-raġuni li kien irċieva xi għajnuna pubblika fuq il-bażi ta' dikjarazzjonijiet qarrieqa. Wara li ġie elett fil-Parlament Ewropew, A. Mote talab is-sospensjoni tal-proċeduri kriminali pendenti kontrih billi invoka l-privileġġi u l-immunitajiet tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew. Is-sospensjoni ġiet iddikjarata mill-qorti nazzjonali kompetenti, li kkunsidrat li s-sistema ta' libertà suġġetta għal ċerti kundizzjonijiet li taħtha tqiegħed A. Mote kienet tikkostitwixxi ostakolu għal-libertà ta' moviment tal-Membri tal-Parlament u konsegwentement kienet tikser l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej [31]. Fuq talba tar-Renju Unit, is-sessjoni plenarja tal-Parlament iddeċidiet li tneħħi l-immunità ta' A. Mote, li għalhekk talab lill-Qorti tal-Prim'Istanza tannulla din id-deċiżjoni.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li mill-aħħar paragrafu tal-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, li jipprovdi li l-immunità ma tistax tipprekludi lill-Parlament Ewropew milli jneħħi l-immunità ta' wieħed mill-Membri tiegħu, jirriżulta li l-Parlament huwa kompetenti sabiex jiddeċiedi fuq talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Membru tal-Parlament Ewropew. Għall-kuntrarju, ma teżisti ebda regola li tistabilixxi lill-Parlament bħala awtorità kompetenti sabiex jikkonstata l-eżistenza tal-privileġġ previst mill-Artikolu 8 tal-Protokoll. Barra minn hekk, l-Artikoli 8 u 10 tal-Protokoll m'għandhomx l-istess kamp ta' applikazzjoni, peress li l-Artikolu 10 huwa intiż sabiex jiżgura l-indipendenza tal-Membri tal-Parlament billi jipprojbixxi li xi pressjoni, fil-forma tar-riskju ta' arrest jew ta' proċeduri legali, tkun eżerċitata fuqhom waqt il-perijodu tas-sessjonijiet tal-Parlament, u l-funzjoni tal-Artikolu 8 hija li jipproteġi lill-Membri tal-Parlament mir-restrizzjonijiet, barra dawk ġudizzjarji, fuq il-libertà ta' moviment tagħhom. Filwaqt li rrilevat li A. Mote invoka biss restrizzjonijiet ta' natura ġudizzjarja, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li l-Parlament ma wettaq ebda żball ta' liġi meta ddeċieda li jneħħi l-immunità ta' A. Mote mingħajr ma ħa pożizzjoni dwar il-privileġġ mogħti lilu fil-kwalità tiegħu ta' Membru tal-Parlament.

## II. Kawżi dwar il-kumpens għad-danni

L-iżviluppi prinċipali tal-ġurisprudenza din is-sena f'dan il-qasam jirrigwardaw il-kundizzjonijiet li taħthom jista' jingħata lok għar-responsabbiltà tal-Komunità minħabba, minn naħa, l-iżvelar minn istituzzjoni jew korp Komunitarju ta' informazzjoni relattiva għal individwi u, min-naħa l-oħra, żbalji mwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-analiżi ekonomika li abbażi tagħha ttieħdet deċiżjoni li ddikjarat konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq komuni.

[31] Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 ta' April 1965, anness mat-Trattat li jistabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU 1967, 152, p. 13).

### *Relazzjoni mal-proċeduri nazzjonali*

Fis-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, *Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni* (T-48/05, li għadha ma ġietx ippubblikata), il-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 [32], li jirregola l-ispezzjonijiet, kontrolli u miżuri oħra meħuda mill-impjegati tal-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF), korp responsabbli għat-twettiq ta' investigazzjonijiet amministrattivi fi ħdan l-istituzzjonijiet maħsuba sabiex jinvestigaw fatti serji li jistgħu jikkostitwixxu ksur tal-obbligi tal-uffiċjali u impjegati tal-Komunitajiet, li jistgħu jwasslu għal proċeduri dixxiplinari u, jekk ikun il-każ, għal proċeduri kriminali. Dan ir-regolament jipprovdi li l-imsemmija investigazzjonijiet għandhom jitmexxew skont it-Trattat, b'mod partikolari, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, kif ukoll għad-dritt tal-persuni involuti li jesprimu l-opinjoni tagħhom dwar il-fatti li jikkonċernawhom. F'dan il-każ, peress li bosta verifiki interni tal-Uffiċcju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Eurostat) urew numru ta' irregolaritajiet fit-tmexxija finanzjarja, l-OLAF fetaħ xi investigazzjonijiet dwar, b'mod partikolari, il-kuntratti konklużi mill-Eurostat ma' diversi kumpanniji. Fl-2002 u l-2003, l-OLAF ikkomunika lill-awtoritajiet ġudizzjarji Lussemburgiżi u Franċiżi xi fajlijiet dwar l-investigazzjonijiet li kienu jirrigwardaw dawn l-irregolaritajiet u li kienu jimplikaw lil Y. Franchet u D. Byk, rispettivament, l-ex Direttur Ġenerali u l-ex Direttur tal-Eurostat. Dawn tal-aħħar ippreżentaw rikors għad-danni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza li fih invokaw l-eżistenza ta' żbalji mwettqa kemm mill-OLAF kif ukoll mill-Kummissjoni, matul l-imsemmija investigazzjonijiet.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet l-argument tal-Kummissjoni li r-rikors għad-danni kien parzjalment prematur għar-raġuni li l-proċeduri nazzjonali kienu għadhom għaddejja. Fil-fatt, fil-kuntest tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, ma kienx inkwistjoni l-punt jekk il-fatti allegati kinux stabbiliti jew le, iżda li jiġi eżaminat il-metodu li bih l-OLAF mexxa u kkonkluda investigazzjoni li tindika b'isimhom lil Y. Franchet u D. Byk u tattribwilhom ir-responsabbiltà għall-irregolaritajiet ikkonstatati pubblikament qabel deċiżjoni finali, kif ukoll il-mod kif ġabet ruħha l-Kummissjoni fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni. Jekk ir-rikorrenti kellhom jiġu kkunsidrati mill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali bħala li m'għandhomx tort, dan effettivament ma jirrimedjax neċessarjament id-dannu eventwali li dawn kienu xorta waħda sofrew. Għalhekk, billi l-allegat dannu invokat quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza kien distint minn dak li tista' turi dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' tort min-naħa tar-rikorrenti mill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali, it-talbiet għad-danni tar-rikorrenti ma setgħux jiġu miċħuda bħala prematuri.

### *Ksur suffiċjentement serju ta' regola li tagħti drittijiet lill-individwi*

Fir-rigward tal-mertu, fis-sentenza *Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, l-ewwel nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li l-OLAF imissu informa lil Y. Franchet u D. Byk minn qabel bil-fatt li kienu ntbagħtu xi fajlijiet li kienu jikkonċernawhom lill-awtoritajiet ġudizzjarji Lussemburgiżi u Franċiżi u li r-regola li tipprovdi għal tali obbligu tagħti drittijiet lill-individwi. Għalkemm l-OLAF għandu marġini ta' diskrezzjoni f'każijiet li jeħtieġu li

[32] Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Mejju 1999, dwar investigazzjonijiet immexxija mill-OLAF (ĠU L 136, p. 1).

tinżamm segretezza assoluta għall-finijiet tal-investigazzjoni, dan ma japplikax fir-rigward tal-metodi ta' adozzjoni tad-deċiżjoni li n-notifika lill-uffiċjali kkonċernati tiġi differita. B'hekk, in-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-obbligu li tingħata informazzjoni minn qabel jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li, bi ksur tar-Regolament Nru 1073/1999, il-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF ma kienx ġie kkonsultat qabel ma l-informazzjoni dwar ir-rikorrenti ntbagħtet lill-awtoritajiet nazzjonali. Peress li dan il-kumitat għandu jipproteġi d-drittijiet tal-persuni li huma s-suġġett ta' investigazzjonijiet tal-OLAF u jeżisti obbligu inkundizzjonat li jiġi kkonsultat, l-OLAF b'hekk wettaq ksur suffiċjentement serju ta' regola li tagħti drittijiet lill-individwi.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-fatt li l-OLAF indika pubblikament lill-partijiet bħala ħatja ta' reati – inkluż billi żvela informazzjoni lill-istampa – jikkostitwixxi ksur tal-prinċipji tal-preżunzjoni tal-innoċenza, tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet u ta' amministrazzjoni tajba. Fir-rigward tal-iżvelar ta' informazzjoni, hija kkunsidrat li, fin-nuqqas ta' kwalunkwe prova prodotta mill-Kummissjoni li setgħet turi li dan l-iżvelar seta' oriġina minn sors ieħor, l-OLAF kellu jinżamm responsabbli. Il-prinċipji msemmija iktar 'il fuq jagħtu drittijiet lill-individwi u l-ksur tagħhom mill-OLAF kien suffiċjentement serju peress li huwa għandu jissorvelja li tali żvelar ma jseħħx u peress li ma jiddisponi minn ebda marġini ta' diskrezzjoni fir-rigward tar-rispett ta' dan l-obbligu.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat jekk il-Kummissjoni adottatx imġiba illegali meta żvelat informazzjoni differenti fil-kuntest tal-investigazzjonijiet inkwistjoni, b'mod partikolari permezz ta' komunikat stampa li assoċja b'mod ċar l-ismijiet tar-rikorrenti mal-allegazzjonijiet dwar il-każ Eurostat. Filwaqt li fakkret li l-istituzzjonijiet ma jistgħux ikunu ostakolati milli jinformaw lill-pubbliku fuq investigazzjonijiet li huma għaddejjin, il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset li, f'dan il-każ, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni ħadet dan il-pass bid-diskrezzjoni u bir-riżervatezza mitluba u billi rrispettat il-bilanċ ġust bejn l-interessi ta' Y. Franchet u D. Byk u dawk tal-istituzzjoni. Peress li l-Kummissjoni ma tiddisponi minn ebda marġini ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-obbligu li jiġi osservat il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, hija wettqet ksur suffiċjentement serju ta' dan il-prinċipju.

Il-kwistjoni tal-indikazzjoni tal-isem ta' uffiċjal f'dokumenti relattivi għal każ ta' amministrazzjoni ħażina ċċirkulati minn istituzzjoni jew korp Komunitarju wkoll ġiet eżaminata mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza tal-24 ta' Settemrbu 2008, *M vs L-Ombudsman* (T-412/05, li mhux ippubblikata). Ir-rikorrent, uffiċjal tal-Kummissjoni, talab kumpens għad-danni li allega li sofra minħabba li ssemma' b'ismu f'deċiżjoni tal-Ombudsman dwar ilment dwar allegat każ ta' amministrazzjoni ħażina min-naħa tad-dipartiment tal-Kummissjoni li kien ġie assenjat lilu u b'mod partikolari dwar il-bini ta' impjant għat-trattament tad-dranaġġ li kellu effetti ħżiena fuq l-ambjent.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji biss, u mhux l-individwi, jistgħu jkunu s-suġġett ta' investigazzjoni tal-Ombudsman. Billi applikat b'analoġija l-ġurisprudenza stabbilita mis-sentenza tal-15 ta' Ġunju 1999, *Ismeri Europa vs*

*Il-Qorti tal-Awdituri* [33], hija rrilevat madankollu li l-preokuppazzjoni li jwettaq xogħlu sew tista' twassal lill-Ombudsman sabiex, b'mod eċċezzjonali, jirrapporta l-fatti kkonstatati b'mod komplet, u b'hekk li jindika b'mod partikolari l-persuni implikati. Fil-fatt, ċirkustanzi partikolari li jistgħu jkunu marbutin mas-serjetà tal-fatti jew mar-riskju ta' konfużjoni li jistgħu jippreġudikaw l-interessi ta' terzi huma ta' tali natura li jippermettu lill-Ombudsman jindika b'isimhom, fid-deċiżjonijiet tiegħu, lil persuni li bħala regola mhumiex suġġetti għall-istħarriġ tiegħu, sakemm dawn il-persuni jingħataw id-dritt li jinstemgħu. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat, minn naħa, li l-fatt li r-rikorrent issemma' b'ismu ma kien indispensabbli sabiex jintlaħaq l-għan ta' lment dwar każ ta' amministrazzjoni ħażina, u lanqas ma kien neċessarju sabiex jiġi evitat riskju ta' konfużjoni ma' uffiċjali partikolari oħra li ma kellhom ebda responsabbiltà fis-sitwazzjoni rrappurtata u, min-naħa l-oħra, li l-Ombudsman ma kienx sema' lir-rikorrent qabel ma adotta d-deċiżjoni tiegħu.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li l-ksur imwettaq mill-Ombudsman kien suffiċjentement serju sabiex jagħti lok għal responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità peress li, anki jekk dan il-korp għandu diskrezzjoni wiesgħa fir-rigward tal-fondatezza tal-ilmenti u tal-azzjoni li għandha tittieħed minħabba fihom, dan ma japplikax għal dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tal-kwistjoni jekk hemmx lok li, fil-każ konkret, tiġi injorata r-regola tal-kunfidenzjalità.

Il-kwistjoni l-oħra partikolarment importanti li l-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat din is-sena f'dan il-qasam hija l-possibbiltà li jingħata lok għar-responsabbiltà tal-Komunità minħabba żbalji li jkunu saru mill-Kummissjoni meta ddikjarat konċentrazzjoni li ġiet innotifikata lilha inkompatibbli mas-suq komuni. Il-kawża *MyTravel vs Il-Kummissjoni* (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-9 ta' Settembru 2008, T-212/03, li għadha ma ġietx ippubblikata) oriġinat minn rikors ippreżentat minn kumpannija tal-ivvjaġġar Ingliża MyTravel, li preċedentement kienet magħrufa bħala Airtours, li l-Kummissjoni rrifjutatilha l-possibbiltà li takkwista l-kapital kollu ta' waħda mill-kompetituri tagħha fir-Renju Unit. Sabiex tikkontesta l-analiżi tal-Kummissjoni, Airtours kienet ippreżentat rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u kienet kisbet mingħandha, fis-sentenza *Airtours vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata għar-raġuni li l-Kummissjoni ma kinitx uriet b'mod suffiċjenti l-effetti negattivi tal-konċentrazzjoni.

Wara din is-sentenza, MyTravel ippreżentat rikors għad-danni sabiex tikseb kumpens għad-danni li allegat li sofriet minħabba l-illegalitajiet li vvizzjaw il-proċedura ta' stħarriġ imwettqa mill-Kummissjoni.

Permezz ta' approċċ simili għal dak adottat fis-sentenza tal-11 ta' Lulju 2007, *Schneider Electric vs Il-Kummissjoni* [34], il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li bħala regola ma jistax jiġi eskluż li difetti manifesti u gravi li jaffettwaw l-analiżi ekonomika tal-Kummissjoni, li tkun il-bażi għal deċiżjoni li tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq komuni jistgħu jikkostitwixxu ksur suffiċjentement serju sabiex jagħti lok għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Komunità. Madankollu, hija speċifikat li, fil-kuntest tal-analiżi

[33] T-277/97, Ġabra p. II-1825. Sentenza kkonfermata fl-appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 2001, *Ismeri Europa vs Il-Qorti tal-Awdituri* (C-315/99 P, Ġabra p. I-5281).

[34] T-351/03, Ġabra p. II-2237, li bħalissa qed tiġi appellata.

tagħha tar-rikors għad-danni, hija għandha neċessarjament tikkunsidra l-kontinġenzi u d-diffikultajiet inerenti fil-kontroll ta' konċentrazzjonijiet b'mod ġenerali u b'mod partikolari l-istrutturi ta' oligopolji kumplessi. Dan l-eżerċizzju huwa fih innifsu iktar eżiġenti minn dak li huwa impost fil-kuntest tal-eżami ta' rikors għal annullament, fejn kulma għandha tagħmel il-Qorti tal-Prim'Istanza huwa li, fil-limiti tal-argumenti ppreżentati mir-rikorrenti, teżamina l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata sabiex tiżgura ruħha li l-Kummissjoni evalwat korrettament l-elementi differenti li jippermettulha tiddikjara l-konċentrazzjoni notifikata inkompatibbli mas-suq komuni. Konsegwentement, sempliċi żbalji ta' evalwazzjoni u n-nuqqas ta' produzzjoni tal-provi rilevanti fil-kuntest tas-sentenza Airtours vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, ma jistgħux ikunu suffiċjenti fihom infushom sabiex jagħtu lok għal ksur manifest u gravi tal-limiti li huma imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet u fil-preżenza ta' sitwazzjoni ta' oligopolju kumpless. Fil-fatt, minkejja l-iżbalji tagħha, il-Kummissjoni kienet tiddisponi f'dan il-każ minn provi fil-fajl amministrattiv li setgħu raġonevolment isostnu l-konstatazzjonijiet tagħha. L-illegalitajiet ikkonstatati mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza Airtours vs Il-Kummissjoni ma jfissrux li l-Kummissjoni wettqet ksur manifest u gravi tas-setgħa diskrezzjonali tagħha fil-qasam tal-kontroll ta' konċentrazzjonijiet, billi, bħal f'dan il-każ, hija kapaċi tispjega r-raġunijiet għalfejn setgħet raġonevolment taħseb li l-evalwazzjoni tagħha kienet fondata. Barra minn hekk, għalkemm ir-raġunament espost mill-Kummissjoni fir-rigward tat-trasparenza tas-suq ma kkonvinċiex lill-Qorti tal-Prim'Istanza, billi dan ir-raġunament ma kienx suffiċjentement sostnut minn provi jew ġie spjegat ħażin, jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni tat id-deċiżjoni tagħha wara eżami bir-reqqa tal-informazzjoni fornuta fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Prim'istanza kkonstatat li l-impenji ppreżentati minn Airtours sabiex tirrimedja għall-problemi relattivi għall-effetti negattivi potenzjali tal-konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni, identifikati mill-Kummissjoni, kienu ġew eżaminati sew minnha u ma kinux tali li jirrispondu b'mod ċar għall-oġġezzjonijiet tagħha.

Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqitx ksur suffiċjentement serju ta' regola li tagħti drittijiet lill-individwi.

## III. Appelli

Matul is-sena 2008, il-Qorti tal-Prim'Istanza ġiet adita b'37 appell minn deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. B'kollox, 21 minn dawn il-kawżi ngħalqu mill-Awla tal-Appelli, komposta minn ħames Imħallfin, jiġifieri l-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza u erba' Presidenti ta' Awla skont sistema ta' rotazzjoni. Permezz ta' 6 sentenzi, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat parzjalment id-deċiżjonijiet ikkontestati, u tlieta minn dawn il-kawżi ġew irrinvijati quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku [35].

[35] Sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-1 ta' Lulju 2008, *Il-Kummissjoni vs D*, T-262/06 P; tad-19 ta' Settembru 2008, *Chassagne vs Il-Kummissjoni*, T-253/06 P, u tat-13 ta' Ottubru 2008, *Neophytou vs Il-Kummissjoni*, T-43/07 P, li għadhom ma ġewx ippubblikati. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Prim'Istanza tat deċiżjoni finali fis-sentenzi tat-22 ta' Mejju 2008, *Ott et vs Il-Kummissjoni*, T-250/06 P; tat-8 ta' Lulju 2008, *Il-Kummissjoni vs Economidis*, T-56/07 P, kif ukoll tat-18 ta' Diċembru 2008, *Il-Belġju u Il-Kummissjoni vs Genette*, T-90/07 P u T-99/07 P, li għadhom ma ġewx ippubblikati.

Waħda mid-deċiżjonijiet mogħtija f'dan il-qasam fl-2008 (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Marzu 2008, *Combescot vs Il-Kummissjoni*, T-414/06 P, li għadha ma ġietx ippubblikata) kienet is-suġġett ta' proposta ta' eżami mill-ġdid magħmula mill-Avukat Ġenerali Ewlieni tal-Qorti tal-Ġustizzja, abbażi tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 225(2) KE u tal-Artikolu 62 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, din il-proposta ma ġietx segwita [36].

Fuq livell ta' organizzazzjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li, fir-rigward tal-kawżi ppreżentati bejn l-1 ta' Ottubru 2008 u t-30 ta' Settembru 2009, l-Awla tal-Appelli kellha tkun komposta minn tliet Imħallfin biss, jiġifieri l-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza u, skont sistema ta' rotazzjoni, żewġ Presidenti ta' Awla, bil-possibbiltà li l-kawża tiġi rrinvijata għal kulleġġ ġudikanti estiż ta' ħames Imħallfin (deċiżjoni tat-8 ta' Lulju 2008, ĠU C 197, p. 17).

## IV. *Talbiet għal miżuri provviżorji*

Din is-sena l-Qorti tal-Prim'Istanza ġiet adita b'58 talba għal miżuri provviżorji, numru li jirrappreżenta żieda kunsiderevoli meta mqabbel man-numru ta' talbiet imressqa fl-2007 (34), li diġà kien jaqbeż sew dak tas-sena preċedenti. Fl-2008, l-Imħallef għal miżuri provviżorji ddeċieda 57 talba għal miżuri provviżorji, kontra 41 fl-2007. Huwa laqa' talba waħda biss għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, fid-digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Ottubru 2008, *Franza vs Il-Kummissjoni* (T-257/07 RII, li ma ġiex ippubblikat).

Fir-rigward tal-kawża li tat lok għall-imsemmi digriet *Franza vs Il-Kummissjoni*, għandu jiġi mfakkar li l-Imħallef għal miżuri provviżorji kien diġà, permezz ta' digriet tat-28 ta' Settembru 2007, *Franza vs Il-Kummissjoni* (T-257/07 R, Ġabra p. II-4153), issospenda, fid-dawl tan-natura serja tal-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' prekawzjoni, l-applikazzjoni tar-regoli ta' tnaqqis tal-miżuri sanitarji applikabbli għall-enċefalopatiji sponġiformi li jinxterdu li l-Kummissjoni kienet adottat fl-2007 billi bbażat ruħha fuq l-iżvilupp tal-għarfien xjentifiku. L-imsemmi digriet tat-28 ta' Settembru 2007 ma ġiex appellat quddiem il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ħassret dawn ir-regoli ta' tnaqqis u adottat leġiżlazzjoni ġdida li d-dispożizzjonijiet tagħha kienu prattikament identiċi għal dawk tar-regoli mħassra. Kienet biss il-motivazzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida li kienet differenti, billi tat spjegazzjonijiet xjentifiċi u tekniċi sabiex tiġi kkompletata l-motivazzjoni tar-regoli preċedenti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Repubblika Franċiża ppreżentat talba ġdida għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida [37].

Il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidra li, fid-dawl tal-fatt li l-leġiżlazzjoni l-ġdida kienet kważi identika għar-regoli preċedenti, fil-kuntest tal-eżami tal-kundizzjoni relattiva għall-*fumus boni juris*, seta' jillimita ruħu sabiex jivverifika jekk il-motivazzjoni l-ġdida kinitx tinkludi elementi li kienu ta' tali natura li jiġġustifikaw evalwazzjoni differenti minn dik li

[36] Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' April 2008, C-216/08 RX, li mhux ippubblikata.

[37] Fil-kawża prinċipali (T-257/07), ir-Repubblika Franċiża ġiet awtorizzata testendi t-talbiet u l-motivi tagħha għar-regolamentazzjoni l-ġdida.

kienet saret fl-imsemmi digriet tat-28 ta' Settembru 2007, fir-rigward tar-regoli preċedenti. Dan l-eżami selettiv wassal lill-President sabiex jikkonkludi li ma kinux jeżistu tali elementi fir-rigward tal-evalwazzjoni u l-amministrazzjoni tar-riskju, kif kienu saru fir-rigward tal-motivazzjoni l-ġdida. Għaldaqstant, il-President iddeċieda li, *prima facie*, ma kienx jidher li l-allegazzjonijiet tar-Repubblika Franċiża fis-sens li l-leġiżlazzjoni l-ġdida kienet tali li tikser il-prinċipju ta' prekawzjoni, kienu irrilevanti u huma kienu jiġġustifikaw eżami approfondit li kellu jsir mill-Imħallef li kellu jiddeċiedi fuq il-mertu. Għal dak li jirrigwarda l-kundizzjoni ta' urġenza, il-President ikkonkluda li kien jeżisti riskju serju ta' dannu gravi u irreparabbli għas-saħħa tal-bniedem fil-każ li ma tiġix akkordata s-sospensjoni ta' eżekuzzjoni mitluba. Fir-rigward tal-bilanċ bejn l-interessi inkwstjoni, huwa enfasizza li, f'dan il-każ, kellu jiġi rrikonoxxut favur ir-rekwiżiti marbuta mal-ħarsien tas-saħħa pubblika li dawn kellhom jipprevalu fuq il-kunsiderazzjonijiet magħmula biex jiġi ġġustifikat it-tnaqqis tal-miżuri sanitarji applikabbli f'dan ir-rigward.

It-talbiet l-oħra għal miżuri provviżorji lkoll ġew miċħuda, il-maġġoranza fosthom minħabba nuqqas ta' urġenza, peress li r-rikorrenti ma rnexxilhomx juru l-imminenza ta' preġudizzju gravi u irreparabbli. Għandhom jissemew, b'mod partikolari, tliet gruppi ta' kawżi prinċipali [38].

L-ewwel grupp jirrigwarda tmien talbiet għal miżuri provviżorji ppreżentati mir-Repubblika ta' Ċipru sabiex tinkiseb is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' avviżi ta' sejħiet għal offerti maħruġa mill-Kummissjoni u intiżi sabiex jitħeġġeġ l-iżvilupp ekonomiku fit-Tramuntana tal-gżira ta' Ċipru. Ir-Repubblika ta' Ċipru sostniet li, f'dawn l-avviżi, il-Komunità ttrattat il-komunità Ċiprijotta Torka bħallikieku kienet entità statali awtonoma u bħallikieku l-eżistenza tar-"Repubblika Torka ta' Ċipru ta' Fuq" kienet rikonoxxuta. Hija kkunsidrat li dawn l-avviżi kienu jikkostitwixxu periklu gravi għas-sovranità, l-indipendenza, l-integrità territorjali u l-unità tagħha.

Fi tliet digrieti *Ċipru vs Il-Kummissjoni* [39], il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza, wara li fakkar li r-Repubblika ta' Ċipru hija l-unika entità statali tal-gżira rikonoxxuta fuq livell internazzjonali u li t-Tramuntana tal-gżira tagħmel parti mit-territorju tagħha u taqa' taħt is-sovranità esklużiva tagħha, ammetta li l-argumentazzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru tista' tidher rilevanti biżżejjed biex tikkostitwixxi *fumus boni juris*. Madankollu, il-President ikkonkluda li ma kienx seħħ ksur manifest u gravi tad-dritt internazzjonli u tad-dritt Komunitarju, b'mod li d-dannu allegat ma setax jiġi kkunsidrat bħala gravi. Fil-fatt, l-avviżi inkwistjoni ma kellhom ebda għan politiku intrinsiku u, b'mod partikolari, ma kinux intiżi

[38] Grupp ieħor jirrigwarda 19-il talba għal miżuri provviżorji mressqa minn impriżi Taljani stabbiliti fir-Reġjun ta' Venezja u li kienu bbenefikaw minn għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni. Fid-digriet tal-president tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Lulju 2008, *Fondazione Opera S. Maria della Carità et vs Il-Kummissjoni* (T-234/00 R, T-235/00 R u T-283/00 R, li ma ġiex ippubblikat), tlieta minn dawn it-talbiet ġew miċħuda bħala inammissibbli, peress li r-rikorrenti llimitaw ruħhom biex isemmu r-rikorsi prinċipali tagħhom u l-emendi fil-leġiżlazzjoni Taljana fir-rigward tal-miżuri provviżorji, mingħajr madankollu ma esponew l-elementi ta' fatt u ta' dritt li kienu jippermettu lill-Imħallef għal miżuri provviżorji jeżamina l-kundizzjonijiet ta' *fumus boni juris* u tal-urġenza. Ġew irrinunzjati l-atti fir-rigward tas-sittax-il talba l-oħra.

[39] Digrieti tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' April 2008, *Ċipru vs Il-Kummissjoni*, T-54/08 R, T-87/08 R, T-88/08 R u T-91/08 R sa T-93/08 R; tal-11 ta' April 2008, *Ċipru vs Il-Kummissjoni*, T-119/08 R, u *Ċipru vs Il-Kummissjoni*, T-122/08 R, li ma ġewx ippubblikati. Wara li t-tmien talbiet għal miżuri provviżorji ġew miċħuda, ir-Repubblika ta' Ċipru rrinunzjat għall-atti tar-rikorsi kollha fil-kawżi prinċipali.

biex jittrattaw il-problema tal-eventwali reunifikazzjoni tal-gżira ta' Ċipru. Dawn huma testi ta' natura teknika intiżi biex jagħtu lill-offerenti informazzjoni utli li tippermettilhom jiddeċiedu jekk iridux jipparteċipaw fil-proċedura tal-offerti u jippreparaw l-offerta tagħhom. Skont il-President, id-danni allegati, li kienu esklużivament ta' natura morali, lanqas ma kienu jidhru li huma irreparabbli, peress li l-eventwali annullament tal-avviżi kkontestati fi tmiem il-proċeduri prinċipali jikkostitwixxi kumpens biżżejjed għalihom.

It-tieni grupp ta' kawżi jikkonċerna l-miżuri ta' ffriżar ta' fondi li l-Kunsill ħa kontra l-bank Iranjan Bank Melli Iran (iktar 'il quddiem il-BMI") u l-bank sussidjarju tiegħu f'Londra, il-Melli Bank, fil-kuntest ta' sistema ta' sanzjonijiet stabbilita sabiex issir pressjoni fuq ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran biex din tal-aħħar tagħti tmiem għal ċerti aspetti tal-programm nukleari tagħha.

Din it-talba ġiet miċħuda permezz tad-digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Awwissu 2008, *Melli Bank vs Il-Kunsill* (T-246/08 R, li ma ġiex ippubblikat). Fir-rigward tal-allegati danni finanzjarji, il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċieda li, fin-nuqqas ta' informazzjoni konkreta fit-talba għal miżuri provviżorji fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-BMI, li kien propretarju tal-ishma kollha tar-rikorrent, kien impossibbli għalih li jeżamina jekk l-inkapaċità tar-rikorrent biex iwettaq operazzjonijiet bankarji li kienet tirriżulta mill-fatt li kien jappartjeni għall-grupp BMI, kinitx tikkawżalu, fid-dawl tad-dħul mill-bejgħ totali ta' dan il-grupp, telf li seta' jiġi kkunsidrat bħala dannu finanzjarju gravi. Huwa żied li kien jidher pjuttost realistiku li wieħed jippretendi li r-rikorrent kellu l-fondi minimi neċessarji sabiex jissopravvivi sa meta tingħata s-sentenza prinċipali u li l-grupp BMI kien kapaċi jiflaħ, matul dan l-istess perijodu, għad-dannu finanzjarju kkawżat lill-bank sussidjarju tiegħu f'Londra. Għal dak li jirrigwarda l-allegat dannu għar-reputazzjoni tar-rikorrent, il-President ikkunsidra li, anki jekk jitqies li dan ġie stabbilit, id-dannu kien diġà ġie kkawżat mid-deċiżjoni kkontestata. Skont il-President, l-għan tal-proċeduri għal miżuri provviżorji mhuwiex li jiġi kkumpensat dannu li diġà seħħ, iżda li tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tas-sentenza fuq il-mertu. Fi kwalunkwe każ, annullament tad-deċiżjoni kkontestata fi tmiem il-proċeduri prinċipali jikkostitwixxi kumpens biżżejjed tad-danni morali allegati.

Fis-17 ta' Settembru 2008, Melli Bank ippreżenta rikors ieħor għall-annullament tal-istess deċiżjoni [40]. It-talba għal miżuri provviżorji, li kien fiha dan it-tieni rikors, ġiet miċħuda mid-digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Settembru 2008, *Melli Bank vs Il-Kunsill* (T-332/08 R, li ma ġiex ippubblikat), għall-istess raġunijiet bħal dawk li ġġustifikaw iċ-ċaħda tal-ewwel talba. Fl-aħħar nett, id-digriet tal-15 ta' Ottubru 2008, *Bank Melli Iran vs Il-Kunsill* (T-390/08 R, li ma ġiex ippubblikat), ċaħad għall-istess raġunijiet it-talba għal miżuri provviżorji li kienet inkluża fir-rikors ippreżentat mill-BMI, il-kumpannija parent tar-rikorrent u li fih kien intalab l-annullament tal-istess deċiżjoni.

It-tielet grupp ta' kawżi huwa marbut mad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni, mingħajr ma imponiet multi, ordnat lil 24 kumpannija li jamministraw id-drittijiet tal-awtur stabbiliti fiż-Żona Ekonomika Ewropea u membri tal-Konfederazzjoni Internazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet ta' Awturi u Kompożituri (CISAC), b'mod partikolari jirrevedu l-ftehim ta'

[40] Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ rikorsi, il-kundizzjonijiet għal-*lis alibi pendens* ma kinux sodisfatti, peress li t-tieni wieħed ġie ppreżentat fit-terminu tal-ħames paragrafu tal-Artikolu 230 KE u kien ibbażat fuq motivi awtonomi minn dawk imqajma fil-kuntest tal-ewwel rikors.

rappreżentanza reċiproka li lkoll kienu kkonkludew b'mod bilaterali sabiex jiġu amministrati d-drittijiet ta' eżibizzjoni pubblika li għandhom l-awturi (kompożituri u kittieba) fuq ix-xogħlijiet mużikali tagħhom [41]. Skont il-Kummissjoni, dan in-netwerk ta' ftehim bilaterali kien ibbażat fuq prattika miftiehma pprojbita mill-Artikoli 81 KE u 53 tal-Ftehim ŻEE. Iċ-CISAC u 20 kumpannija ta' amministrazzjoni oħra ppreżentaw rikorsi għall-annullament ta' din id-deċiżjoni. Disa' kumpanniji ta' amministrazzjoni – jiġifieri l-kumpannija Ġermaniża, dik Taljana, dik Franċiża, dik Pollakka, dik Finlandiża, dik Ungeriża, dik Daniża, dik Griega u dik Norveġiża – inkludew fir-rikors tagħhom talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

Il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza, permezz tad-digrieti tal-14 ta' Novembru 2008, *Stowarzyszenie Autorów, ZAiKS vs Il-Kummissjoni* (T-398/08 R, li ma ġiex ippubblikat), *Säveltäjäin Tekijänoikeustoimisto Teosto vs Il-Kummissjoni* (T-401/08 R, li ma ġiex ippubblikat), *GEMA vs Il-Kummissjoni* (T-410/08 R, li ma ġiex ippubblikat), *Artisjus vs Il-Kummissjoni* (T-411/08 R, li ma ġiex ippubblikat), *Sacem vs Il-Kummissjoni* (T-422/08 R, li ma ġiex ippubblikat), tal-20 ta' Novembru 2008, *SIAE vs Il-Kummissjoni* (T-433/08 R, li ma ġiex ippubblikat), u tal-5 ta' Diċembru 2008, *KODA vs Il-Kummissjoni* (T-425/08 R, li ma ġiex ippubblikat), kif ukoll l-Imħallef għal miżuri provviżorji (S. Papasavvas), permezz tad-digriet tad-19 ta' Novembru 2008, *AEPI vs Il-Kummissjoni* (T-392/08 R, li ma ġiex ippubblikat), ċaħdu tmienja minn dawn it-talbiet għal miżuri provviżorji minħabba nuqqas ta' urġenza, peress li r-rikorrenti ma wrewx l-imminenza ta' dannu gravi u irreparabbli fil-każ ta' eżekuzzjoni immedjata tad-deċiżjoni kkontestata. F'dawn id-digrieti, ġie mfakkar b'mod partikolari li d-deċiżjoni kkontestata, b'ebda mod ma tikkonċerna l-qasam tal-attivitajiet magħrufa bħala "off-line" tar-rikorrenti (kunċerti, radju, diskoteki, bars eċċ.), iżda tikkonċerna l-użu msejjaħ "on-line" tad-drittijiet tal-awtur (permezz tal-Internet, is-satellita u t-trażmissjoni bil-kejbil), li fir-rigward tagħhom l-ebda waħda mir-rikorrenti ma wriet li jirrappreżenta parti kunsiderevoli mid-dħul tagħha. Barra minn hekk, skont id-digrieti ċċitati iktar 'il fuq, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma tipprojbixxix is-sistema nfisha tal-ftehim ta' rappreżentanza reċiproka u lanqas ma tostakola lir-rikorrenti milli japplikaw fil-prattika ċerti definizzjonijiet territorjali, iżda sempliċement tikkritika n-natura koordinata tal-approċċ adottat għal dan il-għan mill-kumpanniji ta' amministrazzjoni kollha. Fl-aħħar nett, sa fejn ir-rikorrenti kienu qed jibżgħu li d-deċiżjoni kkontestata tista', minħabba n-nuqqas ta' ċertezza legali li hija toħloq fir-rigward tal-validità u l-kontenut tal-akkordji ta' rappreżentanza reċiproka futuri, tesponihom għar-riskju li jiġu ppenalizzati mill-Kummissjoni minħabba l-ksur tal-obbligu tagħhom ta' reviżjoni, ġie kkunsidrat li r-riskju invokat huwa ta' natura purament ipotetika u li jkun f'idejn il-Kummissjoni li turi li l-aġir futur tar-rikorrenti jikkostitwixxi ksur, jekk ikollha l-intenzjoni timponi sanzjoni fuqhom, u dawn bl-edba mod ma huma ostakolati milli jadixxu lill-qorti Komunitarja sabiex jiksbu dikjarazzjoni li s-sanzjonijiet imposti huma illegali, billi jinvokaw l-ambigwità tal-obbligu ta' reviżjoni impost fid-deċiżjoni kkontestata.

Fl-aħħar nett, għandu jissemma' d-digriet tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-18 ta' Marzu 2008, *Aer Lingus Group vs Il-Kummissjoni* (T-411/07 R, li għadu ma ġiex ippubblikat), minħabba l-kjarifiki importanti fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-talbiet għal miżuri provviżorji. F'dan id-digriet ġie ddikjarat li l-Imħallef għal miżuri provviżorji ma jistax,

[41] Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2008) 3435 finali, tas-16 ta' Lulju 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/C2/38.698 – CISAC).

bħala regola, jadotta miżura provviżorja li tikkostitwixxi ndħil fl-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' istituzzjoni oħra. Għaldaqstant, għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli talba għal miżuri provviżjorji intiża sabiex il-Kummissjoni tiġi ordnata tapplika b'mod partikolari l-Artikoli 8(4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 [42], billi tadotta ċerti miżuri fil-konfront tal-parti l-oħra f'konċentrazzjoni pprojbita. Fil-fatt, li kieku fid-deċiżjoni fil-kawża prinċipali kellu jiġi deċiż li l-Kummissjoni għandha l-kompetenza tordna l-miżuri previsti fl-Artikoli 8(4) u (5) tar-Regolament, hija l-Kummissjoni, jekk tikkunsidra li huwa neċessarju fil-kuntest tal-poteri ta' kontroll ikkonferiti fuqha fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet, li għandha tadotta l-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mas-sentenza, skont l-Artikolu 233 KE.

Barra minn hekk, ġie enfasizzat li t-termini wiesgħa tal-Artikolu 243 KE huma intiżi b'mod evidenti sabiex jagħtu ġurisdizzjoni suffiċjenti lill-Imħallef għal miżuri provviżorji sabiex jordna kull miżura li huwa jqis bħala neċessarja sabiex tiġi ggarantita l-effettività tad-deċiżjoni definittiva fil-futur, sabiex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda lakuna fil-protezzjoni legali mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja. Ma jistax jiġi eskluż għalhekk li l-Imħallef għal miżuri provviżorji jista' jimponi miżuri direttament fuq partijiet terzi, jekk dan ikun neċessarju, filwaqt, madankollu, li jittieħdu inkunsiderazzjoni, minn naħa, id-drittijiet proċedurali, u b'mod partikolari d-drittijiet tad-difiża, tad-destinatarji tal-miżuri provviżorji u ta' dawk milquta direttament minnhom u, min-naħa l-oħra, is-saħħa tal-kawża *prima facie* kif ukoll l-imminenza ta' dannu gravi u irreparabbli fil-kawża speċifika. Anki fejn parti terza ma kellhiex l-opportunità tinstema' fil-kuntest tal-proċeduri għal miżuri provviżorji, ma jistax jiġi eskluż li miżuri provviżorji jistgħu jiġu imposti fuqha, f'ċirkustanzi eċċezzjonali u fid-dawl tan-natura temporanja tal-miżuri provviżorji, jekk jidher li, mingħajr tali miżuri, ir-rikorrenti tiġi esposta għal sitwazzjoni li tqiegħed fil-perikolu l-eżistenza tagħha stess. L-Imħallef għal miżuri provviżorji jwettaq dawn l-evalwazzjonijiet meta jibbilanċja d-diversi interessi inkwistjoni.

42 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU L 24, p. 1).

## B – Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza



*(Ordni Protokollari fil-31 ta' Diċembru 2008)*

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallef F. Dehousse; Il-Presidenti ta' Awla O. Czúcz, N. J. Forwood, A. W. H. Meij u V. Tiili; Il-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza M. Jaeger; Il-Presidenti ta' Awla J. Azizi, M. Vilaras, M. E. Martins Ribeiro u I. Pelikánová.

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin E. Moavero Milanesi, I. Labucka, V. Vadapalas, I. Wiszniewska-Białecka, E. Cremona, D. Šváby, K. Jürimäe, S. Papasavvas u N. Wahl.

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin O'Higgins, L. Truchot, A. Dittrich, T. Tchipev, M. Prek, V. Ciucă, S. Soldevila Fragoso, u S. Frimodt Nielsen; Ir-Reġistratur E. Coulon.

# 1. Membri tal-Qorti tal-Prim'Istanza

*(skont l-ordni tad-dħul fil-kariga)*



### Marc Jaeger

Imwieled fl-1954; Avukat; attaché de justice, delegat mal-Prokuratur Ġenerali; Imħallef, Viċi-president tat-Tribunal d'arrondissement tal-Lussemburgu; Għalliem fiċ-Ċentru Universitarju tal-Lussemburgu; Magistrat detaché, Référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-1986; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-11 ta' Lulju 1996; President tal-Qorti tal-Prim'Istanza mis-17 ta' Settembru 2007.



### Virpi Tiili

Imwielda fl-1942; gradwata fid-Dritt mill-Università ta' Helsinki; assistenta fid-dritt ċivili u fid-dritt kummerċjali fl-Universita' ta' Helsinki; Direttur għal Affarijiet Ġuridiċi u tal-Politika Kummerċjali tal-Kamra Ċentrali tal-Kummerċ tal-Finlandja; direttur ġenerali mal-Amministrazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumaturi tal-Finlandja; membru ta' diversi kumitati governattivi u delegazzjonijiet, fosthom, president tal-Kunsill ta' Sorveljanza tar-Reklamar ta' Mediċini (1988-1990), membru tal-Kunsill għall-Affarijiet tal-Konsumatur (1990-1994), membru tal-Kunsill għall-Kompetizzjoni (1991-1994) u membru tal-Kumitat Editorjali tan-Nordic Intellectual Property Law Review (1982-1990); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-18 ta' Jannar 1995.



### Josef Azizi

Imwieled fl-1948; Duttur tal-Liġi u ggradwat fix-xjenzi soċjali u ekonomiċi mill-Università ta' Vjenna; inkarigat mill-korsijiet u għalliem fl-Università tax-Xjenzi Ekonomici ta' Vjenna u fil-Fakulta' tal-Liġi fl-Università ta' Vjenna u f'diversi universitajiet oħra; Ministerialrat u Kap tad-Diviżjoni tal-Kanċellerija Federali; membru tal-Kumitat ta' tmexxija għall-kooperazzjoni ġuridika fil-Kunsill tal-Ewropa (CDCJ); mandatarju *ad litem* quddiem il-Verfassungsgerichtshof (Qorti Kostituzzjonali) fil-proċeduri ġudizzjarji għall-eżami tal-kostituzzjonalità tal-liġijiet federali; koordinatur responsabbli għall-adattazzjoni tad-dritt federali Awstrijak mad-dritt Komunitarju; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-18 ta' Jannar 1995.



## John D. Cooke

Imwieled fl-1944; membru tal-Avukatura tal-Irlanda mill-1966; membru wkoll tal-Avukatura tal-Ingilterra u ta' Wales, l-Irlanda ta' Fuq u ta' New Wales t'Isfel; Barrister prattikanti bejn l-1966 u l-1996; membru tal-Inner Bar fl-Irlanda (Senior Counsel) mill-1980 u ta' New Wales t'Isfel mill-1991; President tal-Kunsill tal-Avukatura tal-Komunita' Ewropea (CCBE) bejn l-1985 u l-1986; visiting professor fil-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Dublin; membru taċ-Chartered Institute of Arbitrators; President tar-Royal Zoological Society tal-Irlanda bejn l-1987 u l-1990; Bencher tal-Honorable Society of Kings Inns, Dublin; Honorary bencher tal-Lincoln's Inn, Londra; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-10 ta' Jannar 1996 sal-15 ta' Settembru 2008.



## Arjen W. H. Meij

Imwieled fl-1944; Konsulent fil-Qorti Suprema tal-Olanda (1996); Konsulent u Viċi-president tal-College van Beroep voor het bedrijfsleven (Qorti Amministrattiva tal-Kummerċ u l-Industrija) (1986); Konsulent *ad interim* tal-Qorti tal-Appell tas-Sigurtà Soċjali u mal-Kummissjoni Ġudizzjarja dwar id-dazji tad-dwana; Référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (1980); Għalliem tad-dritt Ewropew mal-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Groningen u assistent riċerkatur mal-University of Michigan Law School; membru tas-Segretarjat Internazzjonali tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Amsterdam (1970); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-17 ta' Settembru 1998.



## Mihalis Vilaras

Imwieled fl-1950; Avukat (1974-1980); espert nazzjonali mas-Servizz Ġuridiku tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, imbagħad amministratur prinċipali mad-Direttorat Ġenerali V (xogħol, relazzjonijiet industrijali, affarijiet soċjali); uffiċjal subaltern, membru subaltern tal-Kunsill tal-Istat u mill-1999 membru; membru assoċjat tal-Qorti Suprema Speċjali tal-Greċja; membru tal-Kumitat Ċentrali għall-Abbozzar tal-Liġijiet tal-Greċja (1996-1998); Direttur tas-Servizz Ġuridiku mas-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern Grieg; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-17 ta' Settembru 1998.



## Nicholas James Forwood

Imwieled fl-1948; iggradwa mill-Università ta' Cambridge (B.A. fl-1969, M.A. fl-1973) (fix-xjenzi mekkaniċi u fil-liġi); membru tal-Avukatura tal-Ingilterra mill-1970, u wara eżerċita l-professjoni ta' avukat f'Londra (1971-1999) kif ukoll fi Brussell (1979-1999); membru tal-Avukatura tal-Irlanda mill-1981; nominat bħala Queen's Counsel fl-1987; bencher tal-Middle Temple fl-1998; rappreżentant tal-Avukatura tal-Ingilterra u ta' Wales mal-Kunsill tal-Avukaturi tal-Unjoni Ewropea (CCBE) u Chairman tad-Delegazzjoni Permanenti tas-CCBE fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja (1995–1999); membru tal-Bord tal-World Trade Law Association u tal-European Maritime Law Organization (1993-2002); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-15 ta' Diċembru 1999.



## Maria Eugénia Martins de Nazaré Ribeiro

Imwielda fl-1956; studjat f'Liżbona, fi Brussell u fi Strasburgu; Advogada fil-Portugall u fi Brussell; ricerkatriċi indipendenti fl-Institut d'études européennes tal-Université Libre ta' Brussell; Référendaire mal-Imħallef Portugiż tal-Qorti tal-Ġustizzja, Moitinho de Almeida (1986-2000), u wara mal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza, B. Vesterdorf (2000-2003); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-31 ta' Marzu 2003.



## Franklin Dehousse

Imwieled fl-1959; gradwat fil-liġi (Università ta' Liege, 1981); research fellow (Fonds national de la recherche scientifique, 1985-1989); Konsulent legali mal-Kamra tar-Rappreżentanti (1981-1990); Duttur tal-Liġi (Università ta' Strasburgu, 1990); Professur (Universitajiet ta' Liège u ta' Strasburgu, Collège d'Europe, Institut Royal Supérieur de Défense, Université Montesquieu ta' Bordeaux; College Michel Servet des Universités de Paris; Fakultajiet Notre-Dame de la Paix f'Namur); rappreżentant speċjali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1995-1999); Direttur tal-Istudji Ewropej tal-Institut Royal des Relations Internationales (1998-2003); assessur mal-Kunsill tal-Istat (2001-2003); Konsulent mal-Kummissjoni Ewropea (1990-2003); Membru tal-Observatoire Internet (2001-2003); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-7 ta' Ottubru 2003.



## Ena Cremona

Imwielda fl-1936; gradwata (B.A.) fil-lingwi mir-Royal University of Malta (1955); Duttur tal-Liġi (LL.D) mir-Royal University of Malta (1958); avukat Membru tal-Avukatura Maltija mill-1959; Konsulent Legali mal-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa (1964 - 1979); membru tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku (1987-1989); membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Lombard Bank (Malta) Ltd., bħala rappreżentanta tal-Azzjonijiet tal-Gvern (1987-1993); membru tal-Kummissjoni Elettorali mill-1993; membru tal-bord tat-teżijiet fil-Fakultà tar-Royal University of Malta; membru tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) (2003-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



## Ottó Czúcz

Imwieled fl-1946; Duttur tal-Liġi mill-Università ta' Szeged (1971); amministratur mal-Ministeru tax-Xogħol (1971-1974); lecturer u professur (1974-1989), dekan tal-Fakultà tal-Liġi (1989-1990), Viċi-rettur (1992-1997) tal-Università ta' Szeged; avukat; membru tal-Presidium għall-Assigurazzjoni Nazzjonali dwar l-Irtirar; Viċi-president tal-Istitut Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (1998-2002); membru tal-kunsill tekniku tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Sigurtà Soċjali; Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (1998-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



## Irena Wiszniewska-Białecka

Imwielda fl-1947; gradwata fil-liġi mill-Università ta' Varsavja (1965-1969); Riċerkatriċi (Assistenta, għalliema universitarja, Professur) mal-Istitut għax-Xjenzi Ġuridiċi fl-Akkademja Pollakka għax-Xjenzi (1969-2004); riċerkatriċi assoċjata fl-Istitut Max Planck tad-dritt barrani u internazzjonali dwar il-privattivi industrijali, id-drittijiet tal-awtur u d-dritt dwar il-kompetizzjoni f'München (borża tal-Fondazzjoni AvH – 1985-1986); avukat (1992-2000); Imħallef fil-Qorti Suprema Amministrattiva (2001-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



**Irena Pelikánová**

Imwielda fl-1949; Duttur tal-Liġi, lecturer tad-dritt ekonomiku (qabel l-1989); wara Duttur tax-Xjenzi, professur tad-dritt kummerċjali (mill-1993) fil-Fakultà tal-Liġi taċ-Charles University fi Praga; Membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Kummissjoni dwar is-Sigurtà (1999-2002); avukat; membru tal-Kunsill Leġiżlattiv tal-Gvern Ċek (1998-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



**Daniel Šváby**

Imwieled fl-1951; Duttur tal-Liġi (Università ta' Bratislava); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Bratislava; Imħallef fil-Qorti tal-Appell responsabbli għall-każijiet ta' dritt ċivili u Viċi-President tal-Qorti tal-Appell ta' Bratislava; membru tas-sezzjoni tad-dritt ċivili u tal-familja mal-Istitut tad-Dritt tal-Ministeru tal-Ġustizzja; Imħallef *ad interim* tal-Qorti Suprema responsabbli għall-każijiet ta' dritt kummerċjali; Membru tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Strasburgu); Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (2000-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



**Vilenas Vadapalas**

Imwieled fl-1954; Duttur tal-Liġi (Università ta' Moska); Duttur awtorizzat jgħallem il-liġi (Università ta' Varsavja); professur fl-Università ta' Vilnius: dritt internazzjonali (mill-1981), drittijiet tal-bniedem (mill-1991) u dritt Komunitarju (mill-2000); konsulent mal-Gvern għall-affarijiet barranin (1991-1993); membru tal-grupp ta' koordinazzjoni tad-delegazzjoni għan-negozjati għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tad-Dritt Ewropew tal-Gvern (1997-2004); professur tad-dritt Ewropew fl-Università ta' Vilnius u titulari tal-Katedra Jean Monnet; President tal-Assoċjazzjoni Litwana għall-Istudji fuq l-Unjoni Ewropea; Relatur tal-grupp ta' xogħol parlamentari għar-riforma kostituzzjonali dwar l-adeżjoni tal-Litwanja; Membru tal-Kummissjoni Internazzjonali tal-Ġuristi (April 2003); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



**Küllike Jürimäe**

Imwielda fl-1962; gradwata fil-liġi mill-Università ta' Tartu (1981-1986); Assistent tal-Prosekutur Pubbliku tar-Repubblika f'Talinn (1986-1991); gradwata mill-Iskola tad-Diplomazija tal-Estonja (1991-1992); Konsulent Legali (1991-1993) u Konsulent ġenerali tal-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija (1992-1993); Imħallef tal-Qorti tal-Appell ta'Talinn (1993-2004); Masters Ewropew fid-Drittijiet tal-Bniedem u fid-Demokratizzazzjoni, Universitajiet ta' Padova u ta' Nottingham (2002-2003); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



**Ingrida Labucka**

Imwielda fl-1963; gradwata fil-liġi mill-Università tal-Latvja (1986); Investigatur għall-Ministeru tal-Intern għar-Reġjun ta' Kirov u tal-Belt ta' Riga (1986-1989); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Riga (1990-1994); avukat (1994-1998 u Lulju 1999 - Mejju 2000); Ministru tal-Ġustizzja (Novembru 1998 - Lulju 1999 u Mejju 2000 - Ottubru 2002); Membru tal-Qorti Permanenti tal-Arbitraġġ tal-Aja (2001-2004); Membru Parlamentari (2002-2004); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



**Savvas S. Papasavvas**

Imwieled fl-1969; studji fl-Università ta' Ateni (Ptychion fl-1991); DEA fid-dritt pubbliku mill-Università ta' Pariġi II (1992) u dottorat fil-liġi mill-Università ta' Aix-Marseille III (1995); ammess fl-Avukatura ta' Ċipru, Membru tal-Avukatura ta' Nikosija mill-1993; lecturer fl-Università ta' Ċipru (1997-2002), lecturer tad-dritt kostituzzjonali minn Settembru 2002; Riċerkatur fiċ-Ċentru Ewropew għad-Dritt Pubbliku (2001-2002); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Mejju 2004.



## Enzo Moavero Milanesi

Imwieled fl-1954; Duttur tal-Liġi (Università La Sapienza, Ruma); studji fid-dritt Komunitarju (Collège d'Europe, Bruges); ammess fl-Avukatura, eżerċita l-professjoni ta' avukat (1978-1983); lecturer tad-Dritt Komunitarju fl-Universitajiet La Sapienza, Ruma (1993-1996), Luiss, Ruma (1993-1996 u 2002-2006) u Bocconi (Milan) (1996-2000); Konsulent għall-kwistjonijiet Komunitarji mal-Prim Ministru Taljan (1993-1995); Uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea: konsulent legali u sussegwentement kap tal-Uffiċċju tal-Viċi-President (1989-1992), Kap ta' Kabinett tal-Kummissarju responsabbli għas-'Suq Intern' (1995-1999) u l-"Kompetizzjoni" (1999), direttur mad-Direttorat Ġenerali tal-Kompetizzjoni (2000-2002), Assistent Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea (2002-2005), Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju tal-Kunsilliera Politiċi (2006); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-3 ta' Mejju 2006.



## Nils Wahl

Imwieled fl-1961; Masters fil-liġi, Università ta' Stokkolma (1987); Duttur tal-Liġi, Università ta' Stokkolma (1995); Professur assoċjat (għalliem) u titulari tal-Katedra Jean Monnet tad-dritt Ewropew (1995); Professur tad-Dritt Ewropew, Università ta' Stokkolma (2001); Prattika privata ta' avukat (1987-1989); Direttur Amministrattiv ta' Fondazzjoni Edukattiva (1993-2004); President tal-Assoċjazzjoni Żvediża għall-istudji ta' dritt Komunitarju (Nätverket för europarättslig forskning) (2001-2006); Membru tal-Kunsill għad-dritt dwar il-kompetizzjoni (Rådet för konkurrensfrågor) (2001-2006); Assistent imħallef tal-Qorti tal-Appell għal Skåne u Blekinge (Hovrätten över Skåne och Blekinge) (2005); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-7 ta' Ottubru 2006.



## Miro Prek

Imwieled fl-1965; gradwat fil-liġi (1989); ammess fl-Avukatura (1994); diversi xogħlijiet u karigi fl-amministrazzjoni pubblika, prinċipalment fi ħdan l-uffiċċju governattiv responsabbli għal-leġiżlazzjoni (Assistent Segretarju tal-Istat u Viċi-Direttur, Kap tad-Dipartiment tad-Dritt Ewropew u d-Dritt Komparattiv) u l-uffiċċju għall-affarijiet Ewropej (Sottosegretarju tal-Istat); membru tad-delegazzjoni tan-negozjaturi għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni (1994-1996) u għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea (1998-2003), responsabbli mill-kwistjonijiet legali; avukat; reponsabbli mill-proġetti għall-adattament għal-leġiżlazzjoni Ewropea u għall-integrazzjoni Ewropea, prinċipalment fil-punent tal-Balkani; Kap ta' diviżjoni fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (2004-2006); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-7 ta' Ottubru 2006.



**Teodor Tchipev**

Imwieled fl-1940; gradwat fil-liġi mill-Università St Kliment Ohridski ta' Sofia (1961); Dottorat fil-liġi (1977); avukat (1963-1964); Konsulent legali fi ħdan l-impriża tal-Istat għat-trasport bit-triq internazzjonali (1964-1973); lecturer fl-Istitut ta' Dritt ta l-Akkademja tax-Xjenzi Bulgara (1973-1988); lecturer tal-proċedura ċivili fil-fakultà tad-dritt tal-Università St Kliment Ohridski ta' Sofia (1988-1991); arbitru fil-Qorti ta' Arbitraġġ tal-Kamra tal-Kummerċ u tal-Industrija (1988-2006); Imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali (1991-1994); professur assoċjat fl-Università Paissiy Hilendarski ta' Plovdiv (Frar 2001-2006); Ministru tal-Ġustizzja (1994-1995); lecturer tal-proċedura ċivili fl-Università Ġdida Bulgara ta' Sofia (1995-2006); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Jannar 2007.



**Valeriu M. Ciucă**

Imwieled fl-1960; gradwat fil-liġi (1984), Dottorat fil-liġi (1997) (Università Alexandre Jean Cuza ta' Iaşi); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Suceava (1984-1989); Imħallef militari fil-Qorti Militari ta' Iaşi (1989-1990); professur fl-Università Alexandre Jean Cuza ta' Iaşi (1990-2006); borża ta' studju ta' speċjalizzazzjoni fid-dritt privat fl-Università ta' Rennes (1991-1992); għalliem uniersitarju fl-Università Petre Andrei ta' Iaşi (1999-2002); professur assoċjat fl-Università tal-Littoral Côte d'Opale (LAB. RII) (2006); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mit-12 ta' Jannar 2007.



**Alfred Dittrich**

Imwieled fl-1950; studja l-liġi fl-Università ta' Erlangen-Nuremberg (1970-1975); Rechtsreferendar fil-qorti reġjonali superjuri ta' Nuremberg (1975-1978); Amministratur fil-Ministeru federali tal-Ekonomija (1978-1982); Amministratur fir-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja mal-Komunitajiet Ewropej (1982); Amministratur fil-Ministeru Federali tal-Ekonomija, inkarigat bi kwistjonijiet ta' dritt Komunitarju u ta' kompetizzjoni (1983-1992); Kap tad-dipartiment "Dritt tal-Unjoni Ewropea" (1992-2007) fil-Ministeru tal-Ġustizzja; kap tad-delegazzjoni Ġermaniża tal-grupp ta' xogħol "Qorti tal-Ġustizzja" tal-Kunsill; Aġent tal-Gvern Federali f'numru kbir ta' kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej; Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-17 ta' Settembru 2007.



## Santiago Soldevila Fragoso

Imwieled fl-1960; gradwat fil-liġi mill-Università awtonoma ta' Barċellona (1983); Imħallef (1985); mill-1992 Maġistrat speċjalizzat fil-qasam amministrattiv, fejn serva fil-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja tal-gżejjer tal-Kanarja, f'Santa Cruz ta' Tenerife (1992 u 1993), u fl-Audiencia Nacional (Madrid, Mejju 1998 sa Awwissu 2007), fejn iddeċieda kawżi fil-qasam fiskali (VAT), u r-rikorsi diretti kontra d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi ġenerali tal-Ministru tal-Ekonomija u d-deċiżjonijiet tiegħu fuq għajnuna mill-Istat jew ir-responsabbiltà patrimonjali tal-amministrazzjoni; kif ukoll dawk imressqa kontra l-ftehim kollha tar-regolaturi ekonomiċi ċentrali fil-qasam bankarju, tal-borża, tal-enerġija, tal-assigurazzjoni, u tal-kompetizzjoni; Maġistrat fil-Qorti Kostituzzjonali (1993-1998); Imħallef fil-Qorti fil-Prim'Istanza mis-17 ta' Settembru 2007.



## Laurent Truchot

Imwieled fl-1962; gradwat mill-Institut d'études politiques ta' Pariġi (1984); gradwat mill-École nationale de la magistrature (1986-1988); Imħallef tat-tribunal de grande instance de Marseille (Jannar 1988 – Jannar 1990); Maġistrat fid-Direttorat tal-Affarijiet Ċivili tal-Ministeru tal-Ġustizzja (Jannar 1990 – Ġunju 1992); Assistent kap ta' diviżjoni, imbagħad kap ta' diviżjoni fid-Direttorat Ġenerali tal-kompetizzjoni, tal-konsum u tal-eliminazzjoni tal-frodi fil-Ministeru tal-Ekonomija, tal-Finanzi u tal-Industrija (Ġunju 1992 – Settembru 1994); Konsulent tekniku tal-Ministru tal-Ġustizzja (Settembru 1994 – Mejju 1995); Imħallef tat-tribunal de grande instance de Nîmes (Mejju 1995 – Mejju 1996); *Référendaire* fil-Qorti tal-Ġustizzja mal-Avukat Ġenerali Léger (Mejju 1996 – Diċembru 2001); *Référendaire* konsulent għall-Cour de cassation (Diċembru 2001 – Awwissu 2007); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-17 ta' Settembru 2007.



## Sten Frimodt Nielsen

Imwieled fl-1963; gradwat fil-liġi, Università ta' Kopenħagen (1988); Uffiċjal mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1988-1991); lecturer tad-dritt internazzjonali u tad-dritt Ewropew fl-Università ta' Kopenħagen (1988-1991); Segretarju ta' ambaxxata mar-Rappreżentanza Permanenti tad-Danimarka għan-Nazzjonijiet Uniti f'New York (1991-1994); Uffiċjal fid-dipartiment legali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1994-1995); professur assoċjat mal-Università ta' Kopenħagen (1995); konsulent, imbagħad konsulent prinċipali fl-uffiċċju tal-Prim Ministru (1995-1998); Ministru konsulent mar-Rappreżentanza Permanenti tad-Danimarka għall-Unjoni Ewropea (1998-2001); konsulent speċjali fl-uffiċċju tal-Prim Ministru għal kwistjonijiet legali (2001-2002); Kap ta' dipartiment u konsulent legali fl-uffiċċju tal-Prim'Ministru (Marzu 2002 - Lulju 2004); Sottosegretarju tal-Istat u konsulent legali fl-uffiċċju tal-Prim'Ministru (Awwissu 2004 - Awwissu 2007); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mis-17 ta' Settembru 2007.



## Kevin O'Higgins

Imwieled fl-1946; studja fil-Crescent College ta' Limerick, fil-Clongowes Wood College, fil-University College Dublin (B.A. degree u Diploma fid-dritt Ewropew) u fil-Kings Inns; sar membru tal-avukatura tal-Irlanda fl-1968; barrister (1968-1982); Senior Counsel (Inner Bar of Ireland, 1982-1986) ; Imħallef tas-Circuit court (1986-1997); Imħallef tal-High Court tal-Irlanda (1997-2008); Bencher of King's Inns; rappreżentat Irlandiż fil-Kunsill konsultattiv tal-qrati Ewropej (2000-2008); Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza mill-15 ta' Settembru 2008.



## Emmanuel Coulon

Imwieled fl-1968; studji fil-liġi (Università Pathéon-Assas, f'Pariġi); studji tal-maniġment (Università Paris-Dauphine); Collège d'Europe (1992); eżami għad-dħul fis-centre régional de formation à la profession d'avocat ta' Pariġi; warrant ta' Avukat mill-avukatura ta' Brussell; eżerċizzju tal-professjoni ta' Avukat fi Brussell; għadda minn eżami ġenerali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej; Référendaire mal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (Uffiċċju tal-President Saggio, 1996-1998; Uffiċċju tal-President Vesterdorf, 1998-2002); Kap tal-Uffiċċju tal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza (2003-2005); Reġistratur tal-Qorti tal-Prim'Istanza mis-6 ta' Ottubru 2005.

## 2. Tibdiliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-2008

*Udjenza solenni tal-15 ta' Settembru 2008*

Permezz ta' deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej tat-22 ta' Lulju 2008, Kevin O'Higgins ġie nnominat Imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej sal-31 ta' Awwissu 2013.

Kevin O'Higgins issostitwixxa lil John D. Cooke li kien ilu fil-kariga ta' Imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza mill-10 Jannar 1996.

# 3. Ordnijiet protokollari

## mill-1 ta' Jannar sal-14 ta' Settembru 2008

M. JAEGER, President tal-Qorti tal-Prim'Istanza
V. TIILI, President ta' Awla
J. AZIZI, President ta' Awla
A. W. H. MEIJ, President ta' Awla
M. VILARAS, President ta' Awla
N. J. FORWOOD, President ta' Awla
M. E. MARTINS RIBEIRO, President ta' Awla
O. CZÚCZ, President ta' Awla
I. PELIKÁNOVÁ, President ta' Awla
J. D. COOKE, Imħallef
F. DEHOUSSE, Imħallef
E. CREMONA, Imħallef
I. WISZNIEWSKA-BIAŁECKA, Imħallef
D. ŠVÁBY, Imħallef
V. VADAPALAS, Imħallef
K. JÜRIMÄE, Imħallef
I. LABUCKA, Imħallef
S. PAPASAVVAS, Imħallef
E. MOAVERO MILANESI, Imħallef
N. WAHL, Imħallef
M. PREK, Imħallef
T. TCHIPEV, Imħallef
V. CIUCĂ, Imħallef
A. DITTRICH, Imħallef
S. SOLDEVILA FRAGOSO, Imħallef
L. TRUCHOT, Imħallef
S. FRIMODT NIELSEN, Imħallef

M. E. COULON, Reġistratur

## mill-15 ta' Settembru tal-31 ta' Diċembru 2008

M. JAEGER, President tal-Qorti tal-Prim'Istanza
V. TIILI, President ta' Awla
J. AZIZI, President ta' Awla
A. W. H. MEIJ, President ta' Awla
M. VILARAS, President ta' Awla
N. J. FORWOOD, President ta' Awla
M. E. MARTINS RIBEIRO, President ta' Awla
O. CZÚCZ, President ta' Awla
I. PELIKÁNOVÁ, President ta' Awla
F. DEHOUSSE, Imħallef
E. CREMONA, Imħallef
I. WISZNIEWSKA-BIAŁECKA, Imħallef
D. ŠVÁBY, Imħallef
V. VADAPALAS, Imħallef
K. JÜRIMÄE, Imħallef
I. LABUCKA, Imħallef
S. PAPASAVVAS, Imħallef
E. MOAVERO MILANESI, Imħallef
N. WAHL, Imħallef
M. PREK, Imħallef
T. TCHIPEV, Imħallef
V. CIUCĂ, Imħallef
A. DITTRICH, Imħallef
S. SOLDEVILA FRAGOSO, Imħallef
L. TRUCHOT, Imħallef
S. FRIMODT NIELSEN, Imħallef
K. O'HIGGINS, Imħallef

M. E. COULON, Reġistratur

# 4. Membri preċedenti tal-Qorti tal-Prim'Istanza

Da Cruz Vilaça José Luis (1989-1995), President mill-1989 sal-1995
Barrington Donal Patrick Michael (1989-1996)
Saggio Antonio (1989-1998), President mill-1995 sal-1998
Edward David Alexander Ogilvy (1989-1992)
Kirschner Heinrich (1989-1997)
Yeraris Christos (1989-1992)
Schintgen Romain Alphonse (1989-1996)
Briët Cornelis Paulus (1989-1998)
Biancarelli Jacques (1989-1995)
Lenaerts Koen (1989-2003)
Bellamy Christopher William (1992-1999)
Kalogeropoulos Andreas (1992-1998)
Lindh Pernilla (1995-2006)
Potocki André (1995-2001)
Gens de Moura Ramos Rui Manuel (1995-2003)
Mengozzi Paolo (1998-2006)
Trstenjak Verica (2004-2006)
Pirrung Jörg (1997-2007)
García-Valdecasas y Fernández Rafael (1989-2007)
Legal Hubert (2001-2007)

## Presidenti

Da Cruz Vilaça José Luis (1989-1995)
Saggio Antonio (1995-1998)
Vesterdorf Bo (1998-2007)

## Reġistratur

Jung Hans (1989-2005)

# C – Statistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Prim'Istanza

### *Attività ġenerali tal-Qorti tal-Prim'Istanza*

1. Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2004-2008)

### *Kawżi ġodda*

2. Natura tal-proċeduri (2004-2008)
3. Natura tar-rikors (2004-2008)
4. Suġġett tar-rikors (2004-2008)

### *Kawżi magħluqa*

5. Natura tal-proċeduri (2004-2008)
6. Suġġett tar-rikors (2008)
7. Suġġett tar-rikors (2004-2008) (sentenzi u digrieti)
8. Kulleġġ ġudikanti (2004-2008)
9. Tul tal-proċeduri f'xhur (2004-2008) (sentenzi u digrieti)

### *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru*

10. Natura tal-proċeduri (2004-2008)
11. Suġġett tar-rikors (2004-2008)
12. Kulleġġ ġudikanti (2004-2008)

### *Varji*

13. Proċeduri għal miżuri provviżorji (2004-2008)
14. Proċeduri mħaffa (2004-2008)
15. Deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza li minnhom sar appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (1989-2008)
16. Tqassim tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont in-natura tal-proċeduri (2004-2008)
17. Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2008) (sentenzi u digrieti)
18. Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2004-2008)
19. Żvilupp ġenerali (1989-2008) (kawżi ġodda, magħluqa, pendenti)

# 1. *Attività Ġenerali tal-Qorti tal-Prim'Istanza –* Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2004-2008)[1]




| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi ġodda | 536 | 469 | 432 | 522 | 629 |
| Kawżi magħluqa | 361 | 610 | 436 | 397 | 605 |
| Kawżi pendenti | 1174 | 1033 | 1029 | 1154 | 1178 |

1 Sakemm mhuwiex indikat mod ieħor, din it-tabella u t-tabelli fil-paġni li ġejjin jieħdu inkunsiderazzjoni l-proċeduri partikolari.

Qed jiġu kkunsidrati bħala "proċeduri partikolari": l-oppożizzjoni għal sentenza (Artikolu 41 tal-Istatut KE; Artikolu 122 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza); l-oppożizzjoni minn terzi (Artikolu 42 tal-Istatut KE; Artikolu 123 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza); ir-reviżjoni ta' sentenza (Artikolu 44 tal-Istatut KE; Artikolu 125 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza); l-interpretazzjoni ta' sentenza (Artikolu 43 tal-Istatut KE; Artikolu 129 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza); it-tassazzjoni fuq l-ispejjeż (Artikolu 92 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza); il-benefiċċju tal-għajnuna legali bla ħlas (Artikolu 96 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza); u r-rettifika ta' sentenza (Artikolu 84 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza).

## 2. *Kawżi ġodda* – Natura tal-proċeduri (2004-2008)[1]




| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi oħrajn | 240 | 193 | 244 | 296 | 305 |
| Proprjetà intellettwali | 110 | 98 | 143 | 168 | 198 |
| Servizz pubbliku | 146 | 151 | 1 | 2 | 2 |
| Appelli | | | 10 | 27 | 37 |
| Proċeduri partikolari | 40 | 27 | 34 | 29 | 87 |
| **Total** | **536** | **469** | **432** | **522** | **629** |

[1] F'din it-tabella u fit-tabelli fil-paġni li ġejjin, ir-referenza "rikorsi oħrajn" tindika r-rikorsi diretti barra mir-rikorsi tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u r-rikorsi dwar proprjetà intellettwali.

## 3. *Kawżi ġodda* – Natura tar-rikors (2004-2008)

**Tqassim fl-2008**




| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi għal annullament | 199 | 160 | 223 | 249 | 269 |
| Rikorsi għal nuqqas li tittieħed azzjoni | 15 | 9 | 4 | 12 | 9 |
| Rikorsi għad-danni | 18 | 16 | 8 | 27 | 15 |
| Rikorsi fil-każ ta' klawżoli ta' arbitraġġ | 8 | 8 | 9 | 8 | 12 |
| Proprjetà intellettwali | 110 | 98 | 143 | 168 | 198 |
| Servizz pubbliku | 146 | 151 | 1 | 2 | 2 |
| Appelli | | | 10 | 27 | 37 |
| Proċeduri partikolari | 40 | 27 | 34 | 29 | 87 |
| **Total** | **536** | **469** | **432** | **522** | **629** |

# 4. *Kawżi ġodda* – Suġġett tar-rikors (2004-2008)

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | 1 | | | | |
| Agrikoltura | 25 | 21 | 18 | 34 | 14 |
| Ambjent u konsumaturi | 30 | 18 | 21 | 41 | 14 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | 1 | | | 1 | |
| Baġit tal-Komunitajiet | | | | 2 | |
| Dritt Istituzzjonali | 33 | 28 | 15 | 28 | 43 |
| Dritt tal-kumpanniji | 6 | 12 | 11 | 10 | 30 |
| Enerġija | | | 1 | | |
| Għajnuna mill-Istat | 46 | 25 | 28 | 37 | 55 |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | | 1 | | 3 | 3 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | | 2 | 3 | 1 | 12 |
| Kompetizzjoni | 36 | 40 | 81 | 62 | 71 |
| Kultura | | | 3 | 1 | 2 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | | 1 | | 3 |
| Libertà ta' stabbiliment | 1 | | | | 1 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 1 | | | 1 | 1 |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | 2 | 4 | 4 | 1 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 4 | | 5 | 12 | 6 |
| Politika ekonomika u monetarja | | 1 | 2 | | |
| Politika kummerċjali | 12 | 5 | 18 | 9 | 10 |
| Politika reġjonali | 10 | 12 | 16 | 18 | 7 |
| Politika soċjali | 5 | 9 | 3 | 5 | 3 |
| Politika tas-sajd | 3 | 2 | | 5 | 23 |
| Proprjetà intellettwali | 110 | 98 | 145 | 168 | 198 |
| Relazzjonijiet barranin | 3 | 2 | 2 | 1 | 2 |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistika | 6 | 9 | 5 | 10 | 1 |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | | 2 | | | |
| Tariffa doganali komuni | 1 | | 2 | 1 | |
| Tassazzjoni | | | 1 | 2 | |
| Trasport | 3 | | 1 | 4 | 1 |
| Unjoni doganali | 11 | 2 | | 4 | 1 |
| **Total Trattat KE** | **349** | **291** | **386** | **464** | **502** |
| **Total Trattat KEFA** | | | | | **1** |
| **Total Trattat KEEA** | **1** | | **1** | | |
| Regolamenti tal-Persunal | 146 | 151 | 11 | 29 | 39 |
| Proċeduri partikolari | 40 | 27 | 34 | 29 | 87 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **536** | **469** | **432** | **522** | **629** |

## 5. *Kawżi magħluqa* – Natura tal-proċeduri (2004-2008)




| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi oħrajn | 159 | 237 | 241 | 185 | 297 |
| Proprjetà intellettwali | 76 | 94 | 90 | 128 | 171 |
| Servizz pubbliku | 101 | 236 | 71 | 51 | 33 |
| Appelli | | | | 7 | 21 |
| Proċeduri partikolari | 25 | 43 | 34 | 26 | 83 |
| **Total** | **361** | **610** | **436** | **397** | **605** |

## 6. *Kawżi magħluqa* – Suġġett tar-rikors (2008)

| | Sentenzi | Digrieti | Total |
|---|---|---|---|
| Agrikoltura | 17 | 21 | 38 |
| Ambjent u konsumaturi | 1 | 27 | 28 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | 1 | 1 |
| Dritt Istituzzjonali | 11 | 25 | 36 |
| Dritt tal-kumpanniji | 10 | 14 | 24 |
| Għajnuna mill-Istat | 23 | 14 | 37 |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | | 1 | 1 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 1 | 2 | 3 |
| Kompetizzjoni | 14 | 17 | 31 |
| Kultura | 1 | 1 | 2 |
| Libertà ta' stabbiliment | | 1 | 1 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | | 2 | 2 |
| Moviment liberu tal-persuni | | 2 | 2 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 4 | 2 | 6 |
| Politika ekonomika u monetarja | | 1 | 1 |
| Politika kummerċjali | 6 | 6 | 12 |
| Politika reġjonali | 7 | 35 | 42 |
| Politika soċjali | 3 | | 3 |
| Politika tas-sajd | 1 | 3 | 4 |
| Proprjetà intellettwali | 121 | 50 | 171 |
| Relazzjonijiet barranin | 1 | 1 | 2 |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistika | 3 | 7 | 10 |
| Tariffa doganali komuni | | 3 | 3 |
| Tassazzjoni | | 2 | 2 |
| Trasport | | 3 | 3 |
| Unjoni doganali | 2 | 1 | 3 |
| **Total Trattat KE** | **226** | **242** | **468** |
| Regolamenti tal-Persunal | 33 | 21 | 54 |
| Proċeduri partikolari | | 83 | 83 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **259** | **346** | **605** |

# 7. *Kawżi magħluqa* – Suġġett tar-rikors (2004-2008) (sentenzi u digrieti)

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | | 1 | | |
| Agrikoltura | 15 | 34 | 25 | 11 | 38 |
| Ambjent u konsumaturi | 4 | 19 | 19 | 15 | 28 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | 3 | | | 1 | 1 |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u tat-territorji extra-Ewropej | | 4 | 2 | | |
| Baġit tal-Komunitajiet | | | | 1 | |
| Dritt Istituzzjonali | 16 | 35 | 14 | 17 | 36 |
| Dritt tal-kumpanniji | 2 | 6 | 6 | 6 | 24 |
| Enerġija | | | 3 | 1 | |
| Għajnuna mill-Istat | 54 | 53 | 54 | 36 | 37 |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | | 1 | | 2 | 1 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 2 | 1 | | 1 | 3 |
| Kompetizzjoni | 26 | 35 | 42 | 38 | 31 |
| Kultura | | | | | 2 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | | | 1 | |
| Libertà ta' stabbiliment | | 1 | | | 1 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 1 | 1 | | | 2 |
| Moviment liberu tal-persuni | 2 | 1 | 4 | 4 | 2 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 2 | 5 | 4 | 3 | 6 |
| Politika ekonomika u monetarja | | | 1 | 1 | 1 |
| Politika kummerċjali | 1 | 7 | 13 | 4 | 12 |
| Politika reġjonali | 4 | 4 | 7 | 6 | 42 |
| Politika soċjali | 4 | 6 | 5 | 3 | 3 |
| Politika tas-sajd | 6 | 2 | 24 | 4 | 4 |
| Proprjetà intellettwali | 76 | 94 | 91 | 129 | 171 |
| Relazzjonijiet barranin | 7 | 11 | 5 | 4 | 2 |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistika | | 1 | 3 | 10 | 10 |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | | | 2 | | |
| Tariffa doganali komuni | | | | 1 | 3 |
| Tassazzjoni | 1 | | 1 | | 2 |
| Trasport | 1 | 1 | 2 | 1 | 3 |
| Unjoni doganali | 3 | 7 | 2 | 2 | 3 |
| **Total Trattat KE** | **230** | **329** | **330** | **302** | **468** |
| **Total Trattat KEFA** | **5** | **1** | **1** | **10** | |
| **Total Trattat KEEA** | | **1** | | **1** | |
| Regolamenti tal-Persunal | 101 | 236 | 71 | 58 | 54 |
| Proċeduri partikolari | 25 | 43 | 34 | 26 | 83 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **361** | **610** | **436** | **397** | **605** |

# 8. *Kawżi magħluqa* – Kulleġġ ġudikanti (2004-2008)

## Tqassim fl-2008




| | 2004 | | | 2005 | | | 2006 | | | 2007 | | | 2008 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total |
| Awla Manja | | | | 6 | | 6 | | | | 2 | | 2 | | | |
| Awla tal-Appell | | | | | | | | | | 3 | 4 | 7 | 16 | 10 | 26 |
| President tal-Qorti tal-Prim'Istanza | | 7 | 7 | | 25 | 25 | | 19 | 19 | | 16 | 16 | | 52 | 52 |
| Awli b'ħames Imħallfin | 18 | 46 | 64 | 28 | 34 | 62 | 22 | 33 | 55 | 44 | 8 | 52 | 15 | 2 | 17 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 141 | 135 | 276 | 181 | 329 | 510 | 198 | 157 | 355 | 196 | 122 | 318 | 228 | 282 | 510 |
| Imħallef uniku | 13 | 1 | 14 | 7 | | 7 | 7 | | 7 | 2 | | 2 | | | |
| **Total** | **172** | **189** | **361** | **222** | **388** | **610** | **227** | **209** | **436** | **247** | **150** | **397** | **259** | **346** | **605** |

## 9. *Kawżi magħluqa* – Tul tal-proċeduri f'xhur (2004-2008)[1] (sentenzi u digrieti)




| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi oħrajn | 22,6 | 25,6 | 27,8 | 29,5 | 26,0 |
| Proprjetà intellettwali | 17,3 | 21,1 | 21,8 | 24,5 | 20,4 |
| Servizz pubbliku | 19,2 | 19,2 | 24,8 | 32,7 | 38,6 |
| Appelli | | | | 7,1 | 16,1 |

[1] Il-kalkolu tat-tul medju tal-proċeduri ma jiħux inkunsiderazzjoni: il-kawżi li fihom id-deċiżjoni tittieħed permezz ta' sentenza interlokutorja; il-proċeduri partikolari; il-kawżi rrinvijati mill-Qorti tal-Ġustizzja wara l-bidla tat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim'Istanza; il-kawżi rrinvijati mill-Qorti tal-Prim'Istanza wara li beda jiffunzjona t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

It-tul tal-proċeduri huwa espress f'termini ta' xhur u ta' wieħed minn kull għaxra ta' xahar.

## 10. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Natura tal-proċeduri (2004-2008)




| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi oħrajn | 714 | 670 | 673 | 784 | 792 |
| Proprjetà intellettwali | 192 | 196 | 249 | 289 | 316 |
| Servizz pubbliku | 237 | 152 | 82 | 33 | 2 |
| Appelli | | | 10 | 30 | 46 |
| Proċeduri partikolari | 31 | 15 | 15 | 18 | 22 |
| **Total** | **1174** | **1033** | **1029** | **1154** | **1178** |

## 11. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Suġġett tar-rikors (2004-2008)

| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | 1 | 1 | | | |
| Agrikoltura | 95 | 82 | 74 | 97 | 73 |
| Ambjent u konsumaturi | 44 | 43 | 44 | 70 | 56 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | 1 | 1 | 1 | 1 | |
| Assoċjazzjoni tal-pajjiżi u tat-territorji extra-Ewropej | 6 | 2 | | | |
| Baġit tal-Komunitajiet | | | | 1 | 1 |
| Dritt Istituzzjonali | 49 | 42 | 43 | 54 | 61 |
| Dritt tal-kumpanniji | 10 | 16 | 23 | 27 | 33 |
| Enerġija | 4 | 4 | 2 | 1 | 1 |
| Għajnuna mill-Istat | 218 | 190 | 164 | 165 | 184 |
| Ġustizzja u Affarijiet Interni | | | | 1 | 3 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | | 1 | 3 | 3 | 12 |
| Kompetizzjoni | 129 | 134 | 173 | 197 | 236 |
| Kultura | | | 3 | 4 | 4 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | | 1 | | 3 |
| Libertà ta' stabbiliment | 1 | | | | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 1 | | | 1 | |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | 2 | 3 | 3 | 2 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 13 | 8 | 9 | 18 | 18 |
| Politika ekonomika u monetarja | | 1 | 2 | 1 | |
| Politika kummerċjali | 25 | 23 | 28 | 33 | 31 |
| Politika reġjonali | 19 | 27 | 36 | 48 | 13 |
| Politika soċjali | 6 | 9 | 7 | 9 | 9 |
| Politika tas-sajd | 28 | 28 | 4 | 5 | 24 |
| Proprjetà intellettwali | 193 | 197 | 251 | 290 | 317 |
| Relazzjonijiet barranin | 18 | 9 | 6 | 3 | 3 |
| Riċerka, informazzjoni, edukazzjoni, statistika | 8 | 16 | 18 | 18 | 9 |
| Riżorsi proprji tal-Komunitajiet | | 2 | | | |
| Tariffa doganali komuni | 1 | 1 | 3 | 3 | |
| Tassazzjoni | | | | 2 | |
| Trasport | 3 | 2 | 1 | 4 | 2 |
| Unjoni doganali | 18 | 13 | 11 | 13 | 11 |
| **Total Trattat KE** | **892** | **854** | **910** | **1072** | **1106** |
| **Total Trattat KEFA** | **12** | **11** | **10** | | **1** |
| **Total Trattat KEEA** | **2** | **1** | **2** | **1** | **1** |
| Regolamenti tal-Persunal | 237 | 152 | 92 | 63 | 48 |
| Proċeduri partikolari | 31 | 15 | 15 | 18 | 22 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **1174** | **1033** | **1029** | **1154** | **1178** |

## 12. *Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru* – Kulleġġ ġudikanti (2004-2008)

### Tqassim fl-2008




| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Awla Manja | 6 | 1 | 2 | | |
| Awla tal-Appell | | | 10 | 30 | 46 |
| President tal-Qorti tal-Prim'Istanza | | | 1 | | |
| Awli b'ħames Imħallfin | 187 | 146 | 117 | 75 | 67 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 914 | 846 | 825 | 971 | 975 |
| Imħallef uniku | 1 | 4 | 2 | | |
| Mhux assenjati | 66 | 36 | 72 | 78 | 90 |
| **Total** | **1174** | **1033** | **1029** | **1154** | **1178** |

## 13. *Varji* – Proċeduri għal miżuri provviżorji (2004-2008)




### Tqassim fl-2008

| | Proċeduri għal miżuri provviżorji ġodda | Proċeduri għal miżuri provviżorji magħluqa | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Irrifjutati | Ftehim | Tħassir/ m'hemmx lok li tingħata deċiżjoni |
| Agrikoltura | 1 | 1 | | 1 | |
| Ambjent u konsumaturi | 1 | 2 | 2 | | |
| Dritt Istituzzjonali | 1 | 2 | 1 | | 1 |
| Dritt tal-kumpanniji | 13 | 12 | 12 | | |
| Għajnuna mill-Istat | 22 | 22 | 6 | | 16 |
| Kompetizzjoni | 13 | 10 | 10 | | |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 3 | 3 | 3 | | |
| Politika soċjali | 2 | 2 | 2 | | |
| Politika tas-sajd | 1 | 1 | | | 1 |
| Proprjetà intellettwali | | 1 | 1 | | |
| Trasport | 1 | 1 | 1 | | |
| **Total Trattat KE** | **58** | **57** | **38** | **1** | **18** |
| **TOTAL ĠENERALI** | **58** | **57** | **38** | **1** | **18** |

## 14. *Varji* – Proċeduri mħaffa (2004-2008)



| | 2004 | | | | 2005 | | | | 2006 | | | | 2007 | | | | 2008 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
| | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija |
| Agrikoltura | | | | | 2 | | | | 2 | 1 | 3 | | | | | | 1 | | | |
| Ambjent u konsumaturi | | | | | | | | | 1 | | | | 1 | | 2 | | 1 | | 1 | |
| Dritt Istituzzjonali | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | 1 |
| Dritt tal-kumpanniji | 3 | | | | 2 | 3 | 2 | | 4 | 2 | 2 | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | |
| Għajnuna mill-Istat | 4 | 1 | 2 | | 3 | 2 | 1 | 1 | | | | | 1 | | | | 3 | 1 | 3 | |
| Kompetizzjoni | 1 | | 2 | | 1 | | 1 | | | | | | 1 | | 1 | | 3 | | 2 | 1 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 1 | | 1 | | 2 | 1 | | 1 | 3 | 1 | 1 | | 7 | 1 | 7 | | | | | |
| Politika soċjali | 1 | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Politika tas-sajd | | | | | | | | | | | | | 2 | 1 | | | | 1 | | |
| Proprjetà intellettwali | 1 | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Trasport | | | | | | | | | | | | | 3 | 2 | 1 | | 4 | 4 | | |
| Total Trattat KE | | | | | | | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | |
| TOTAL ĠENERALI | | | | | 2 | | | | | | | 2 | | | | | | | | |
| Statut des fonctionnaires | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | |
| Transports | 1 | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Total** | **13** | 2 | 6 | 2 | **12** | 6 | 4 | 2 | **10** | 4 | 6 | 2 | **17** | 4 | 13 | 0 | **15** | 6 | 7 | 2 |

"It-trattazzjoni ta' kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza permezz tal-proċedura mħaffa tista' tiġi awtorizzata abbażi tal-Artikolu 76a tar-Regoli tal-Proċedura. Din id-dispożizzjoni ilha applikabbli mill-1 ta' Frar 2001.

Il-każijiet segwenti jaqgħu taħt il-kategorija "mingħajr tkomplija": l-irtirar tat-talba, ir-rinunzja għall-atti u l-kawżi li fihom ir-rikors jiġi deċiż permezz ta' digriet anki qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq it-talba għal proċedura mħaffa."

# 15. *Varji* – Deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza li minnhom sar appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (1989-2008)




| | Numru ta' deċiżjonijiet li minnhom sar appell | Total tad-deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati[1] | Perċentwali ta' deċiżjonijiet li minnhom sar appell |
|---|---|---|---|
| **1989** | | | |
| **1990** | 16 | 46 | 35 % |
| **1991** | 13 | 62 | 21 % |
| **1992** | 24 | 86 | 28 % |
| **1993** | 17 | 73 | 23 % |
| **1994** | 12 | 105 | 11 % |
| **1995** | 47 | 142 | 33 % |
| **1996** | 27 | 133 | 20 % |
| **1997** | 35 | 139 | 25 % |
| **1998** | 67 | 214 | 31 % |
| **1999** | 60 | 178 | 34 % |
| **2000** | 68 | 215 | 32 % |
| **2001** | 69 | 214 | 32 % |
| **2002** | 47 | 212 | 22 % |
| **2003** | 67 | 254 | 26 % |
| **2004** | 53 | 241 | 22 % |
| **2005** | 64 | 272 | 24 % |
| **2006** | 77 | 265 | 29 % |
| **2007** | 76 | 272 | 28 % |
| **2008** | 83 | 321 | 26 % |

[1] Total ta' deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati – sentenzi u digrieti ta' inammissibbiltà, għal miżuri provviżorji, ta' proċeduri konklużi għax ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni u ta' ċaħda ta' intervent – li t-terminu għall-appell tagħhom skada jew li tressaq appell kontrihom.

## 16. *Varji* – Tqassim tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont in-natura tal-proċeduri (2004-2008)

| | 2004 | | | 2005 | | | 2006 | | | 2007 | | | 2008 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Appelli | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** |
| Rikorsi oħrajn | 41 | 114 | 36 % | 37 | 120 | 31 % | 46 | 146 | 32 % | 52 | 163 | 32 % | 51 | 190 | 27 % |
| Proprjetà intellettwali | 7 | 45 | 16 % | 16 | 71 | 23 % | 18 | 59 | 31 % | 14 | 63 | 22 % | 23 | 100 | 23 % |
| Servizz pubbliku | 5 | 82 | 6 % | 11 | 81 | 14 % | 13 | 60 | 22 % | 10 | 46 | 22 % | 9 | 31 | 29 % |
| **Total** | 53 | 241 | 22 % | 64 | 272 | 24 % | 77 | 265 | 29 % | 76 | 272 | 28 % | 83 | 321 | 26 % |

## 17. *Varji* – Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2008) (sentenzi u digrieti)

| | Appell miċħud | Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | Annullament totali jew parzjali b'rinviju | Tħassir/ m'hemmx lok li tingħata deċiżjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Agrikoltura | 1 | 1 | | | 2 |
| Ambjent u konsumaturi | 5 | 2 | 5 | | 12 |
| Dritt Istituzzjonali | 4 | | 1 | | 5 |
| Għajnuna mill-Istat | 7 | 2 | 1 | | 10 |
| Kompetizzjoni | 4 | 1 | | 1 | 6 |
| Moviment liberu tal-kapital | | 1 | | | 1 |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | | | | 1 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | 3 | | | 3 |
| Politika ekonomika u monetarja | 1 | | | | 1 |
| Politika reġjonali | | 1 | | | 1 |
| Politika tas-sajd | 1 | | | | 1 |
| Proprjetà intellettwali | 13 | 2 | | 2 | 17 |
| Regolamenti tal-Persunal | 4 | | | | 4 |
| Relazzjonijiet barranin | 8 | 2 | | | 10 |
| Tariffa doganali komuni | 1 | | | | 1 |
| Unjoni doganali | 1 | 1 | | | 2 |
| **Total** | **51** | **16** | **7** | **3** | **77** |

## 18. *Varji* – Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2004-2008) (sentenzi u digrieti)




| | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 |
|---|---|---|---|---|---|
| Appell miċħud | 73 | 41 | 51 | 72 | 51 |
| Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | 14 | 7 | 8 | 8 | 16 |
| Annullament totali jew parzjali b'rinviju | 1 | | 1 | 6 | 7 |
| Tħassir/ m'hemmx lok li tingħata deċiżjoni | 6 | 2 | 5 | 4 | 3 |
| **Total** | **94** | **50** | **65** | **90** | **77** |

## 19. *Varji* – Żvilupp Ġenerali (1989-2008)
Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti

| | Kawżi ġodda[1] | Kawżi magħluqa[2] | Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru |
|---|---|---|---|
| **1989** | 169 | 1 | 168 |
| **1990** | 59 | 82 | 145 |
| **1991** | 95 | 67 | 173 |
| **1992** | 123 | 125 | 171 |
| **1993** | 596 | 106 | 661 |
| **1994** | 409 | 442 | 628 |
| **1995** | 253 | 265 | 616 |
| **1996** | 229 | 186 | 659 |
| **1997** | 644 | 186 | 1 117 |
| **1998** | 238 | 348 | 1 007 |
| **1999** | 384 | 659 | 732 |
| **2000** | 398 | 343 | 787 |
| **2001** | 345 | 340 | 792 |
| **2002** | 411 | 331 | 872 |
| **2003** | 466 | 339 | 999 |
| **2004** | 536 | 361 | 1 174 |
| **2005** | 469 | 610 | 1 033 |
| **2006** | 432 | 436 | 1 029 |
| **2007** | 522 | 397 | 1 154 |
| **2008** | 629 | 605 | 1 178 |
| **Total** | **7 407** | **6 229** | |

1 "1989: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 153 kawża lill-Qorti tal-Prim'Istanza, li kienet għadha kemm ġiet stabbilita.

1993: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 451 kawża minħabba l-ewwel żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

1994: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 14-il kawża minħabba t-tieni żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

2004-2005: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 25 kawża minħabba t-tielet żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza."

2 2005-2006: il-Qorti tal-Prim'Istanza rrinvijat 118-il kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li kien għadu kemm ġie stabbilit.



# Kapitolu III

## It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea

## A – Attività tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2008

Mill-President Paul Mahoney

**1.** Is-sena 2008 kienet ikkaratterizzata mill-ewwel tiġdid trijennali parzjali tat-Tribunal. Fil-fatt, b'deroga mill-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tal-Anness tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kariga ta' tlieta mill-membri tat-Tribunal kellha tintemm wara l-ewwel tliet snin tal-ħatra tagħhom, jiġifieri fit-30 ta' Settembru 2008. Permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Ġunju 2008, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ġedded il-kariga tat-tliet imħallfin ikkonċernati. Fl-24 ta' Settembru 2008 P. Mahoney reġa' ġie elett President tat-Tribunal, filwaqt li H. Kanninen u S. Gervasoni ġew rispettivament eletti bħala Presidenti tat-Tieni Awla u tal-Ewwel Awla.

**2.** Mill-1998 'l hawn, in-numru ta' rikorsi ppreżentati ta' kull sena fil-qasam tas-servizz pubbliku baqa' kostantement jiżdied (ħlief għal żmien ta' stabblità fl-2001 u fl-2002). Fl-2008, b'111-il rikors ġdid, in-numru ta' rikorsi ppreżentati huwa ħafna inqas minn dak tas-sena ta' qabel (157 fl-2007), u dan għall ewwel darba f'għaxar snin. Għalkemm għadu evidentement kmieni li wieħed jikkonkludi li hemm inverżjoni tat-tendenza ta' żieda ta' kawżi fil-qasam tas-servizz pubbliku Komunitarju li kkaratterizzat dawn l-aħħar snin, jista' jkun madankollu li r-regola, li tipprovdi li min jitlef għandu jiġi kkundannat għall-ispejjeż, li daħlet fis-seħħ flimkien mar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-1 ta' Novembru 2007, ikkontribwixxiet għal dan l-iżvilupp.

Fl-2008 t-Tribunal għalaq 129 kawża. Għaldaqstant id-differenza bejn il-kawżi magħluqa u dawk imressqa hija fil-pożittiv, bil-konsegwenza li, għall-ewwel darba wara l-ħolqien tat-Tribunal, in-numru ta' kawżi pendenti naqas kemmxejn (217 fl-2008 meta mqabbel ma 235 fl-2007).

Fl-2008, 53 % tal-kawżi ngħalqu permezz ta' sentenza u 47 % permezz ta' digriet. It-tul medju tal-proċeduri huwa ta' 19.7 xhur fil-każ tas-sentenzi u ta' 14-il xahar fil-każ tad-digrieti, u dan jirrappreżenta żieda żgħira fit-tul medju tal-kawżi meta mqabbel mas-sena l-oħra. Fl-istess perijodu ġew ippreżentati 37 appell mis-sentenzi mogħtija mit-Tribunal quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza. Dan l-ammont jirrappreżenta 37 % tas-sentenzi li jistgħu jiġu kkontestati u 35 % tat-total tal-kawżi magħluqa, bla ħsara għal każijiet fejn waħda mill-partijiet unilateralment tirrinunzja għall-appell. Il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat 7 deċiżjonijiet tat-Tribunal.

**3.** Matul din is-sena t-Tribunal kompla bl-isforzi tiegħu sabiex jagħti widen għall-istedina tal-leġiżlatur u jiffaċilità ftehim bonarju għall-kontroversji f'kull fażi tal-proċedura. B'dan il-mod, 7 kawżi setgħu jingħalqu wara li ntlaħaq ftehim fuq inizjattiva tat-Tribunal, normalment waqt laqgħa informali organizzata mill-Imħallef Relatur jew matul seduta[1].

**4.** Fl-aħħar nett, fl-2008, permezz tad-dħul fis-seħħ tal-istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet, it-Tribunal lesta kompletament il-firxa sħiħa ta' għodda proċedurali tiegħu. Dawn

[1] Bħala eżempju ta' ftehim bonarju li ntlaħaq matul is-seduta fuq inizjattiva tat-Tribunal, ara d-digriet tal-4 ta' Settembru 2008, Duyster vs Il-Kummissjoni, F-81/06; li fiha bħala rikonoxximent għall-fastidju li r-rikorrenti kienet sofriet minħabba ċerti eventi li kienu s-suġġett tal-proċedura, il-konvenuta impenjat ruħha li tħallas lill-persuna kkonċernata s-somma kumulattiva ta' EUR 2 000, u kif ukoll li tiffirma, iddaħħal fil-fajl personali tagħha u tibgħatilha ittra mħejjija fil-konfront tagħha.

l-istruzzjonijiet b'mod partikolari jinkludu kemm formola obbligatorja li għandha tintuża sabiex titressaq kull talba għal għajnuna legali kif ukoll gwida għal min jagħmel it-talba għall-għajnuna legali.

**5.** Fis-segwenti espożizzjoni ser jiġu indikati l-iktar kontribuzzjonijiet ġurisprudenzjali importanti għal din is-sena u dan billi jiġu ttrattati, suċċessivament: (I) il-kawżi dwar il-legalità u l-kumpens, (II) il-kawżi dwar proċeduri għal miżuri provviżorji u (III) it-talbiet għal għajnuna legali.

## I. Kawżi dwar il-legalità u l-kumpens

F'din is-sezzjoni ser jiġu eżaminati l-iktar deċiżjonijiet importanti fil-qasam proċedurali, fuq il-mertu u f'dak li jirrigwarda l-ispejjeż.

### *Aspetti proċedurali*

### 1. Ġurisdizzjoni tat-Tribunal

Fil-kawża *Domínguez González vs Il-Kummissjoni* (digriet tat-12 ta' Novembru 2008, F-88/07), it-Tribunal kellu quddiemu kwistjoni li rriżultat mill-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' impjieg suġġett għal-liġi Belġjana u li kien jinkludi klawżola ta' ġurisdizzjoni favur il-qrati ta' Brussell, u li s-suġġett tiegħu kienet il-provvista ta' assistenza teknika fil-kuntest tal-għajnuna umanitarja lill-pajjiżi terzi. It-Tribunal, wara li kkonstata li l-imsemmi kuntratt kien ġie suġġett għal liġi nazzjonali, u mhux għall-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem ir-"RAA"), minħabba interess leġittimu tal-konvenuta u l-fatt li dan l-issuġġetar ma kienx jikkostitwixxi abbuż tal-proċedura, iddeċieda li ma kellux ġurisdizzjoni sabiex jieħu konjizzjoni tal-kwistjoni li rriżultat mill-eżekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt.

### 2. Kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà

Fis-sentenza tal-21 ta' Frar 2008, *Skoulidi vs Il-Kummissjoni,* F-4/07, it-Tribunal indika, minn naħa, li, fil-każ ta' att li jikkawża preġudizzju, l-aġir tal-istituzzjoni marbut ma' dan l-att jista' jservi bħala bażi għal rikors għad-danni, li l-proċedura prekontenzjuża tiegħu tibda permezz ta' talba abbażi tal-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), biss jekk l-aġir inkwistjoni jista' jiġi distint mill-att li jikkawża preġudizzju, u min-naħa l-oħra u fuq kollox, li uffiċjal jista', fil-kuntest ta' azzjoni li tkun ta' natura purament kumpensatorja, jitlob kumpens għall-konsegwenzi dannużi li huwa sofra minħabba l-att li kkawżalu preġudizzju mingħajr ma jipprova jikseb l-annullament tal-imsemmi att, sakemm huwa jkun beda l-proċedura prekontenzjuża permezz ta' lment, hekk kif ipprovdut fl-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, kontra l-imsemmi att, u dan peress li t-terminu ta' tliet xhur impost minn din id-dispożizzjoni huwa sabiex jiġi rrispettat id-dritt li r-rikorrenti għandu sabiex jipprova jikseb kumpens għad-dannu materjali jew, bħal f'dan il-każ, morali.

Fis-sentenzi tat-23 ta' April 2008, *Pickering vs Il-Kummissjoni* (F-103/05) u *Bain et vs Il-Kummissjoni* (F-112/05), it-Tribunal indika li, għalkemm huwa minnu li d-dikjarazzjonijiet tas-salarju jistgħu jiġu normalment ikkunsidrati bħala atti li jikkawżaw preġudizzju sa fejn dawn juru li d-drittijiet finanzjarji ta' uffiċjal ġew negattivament affettwati, madankollu, fil-verità, l-att li effettivament jikkawża preġudizzju huwa d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra (iktar 'il quddiem l-"Awtorità") li tnaqqas jew tħassar ħlas li kien preċedentement jirċievi l-uffiċjal u li kien indikat fid-dikjarazzjonijiet tas-salarju tiegħu.

Fis-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2008, *Collote vs Il-Kummissjoni,* F-58/07, it-Tribunal iddeċieda li, fil-każ fejn żewġ ilmenti suċċessivi, li jkunu ġew ippreżentati fit-terminu previst għall-ilmenti, ikunu s-suġġett ta' żewġ deċiżjonijiet suċċessivi tal-Awtorità, jekk it-tieni lment ikun jinvolvi elementi ġodda meta mqabbel mal-ewwel ilment, hemm lok li d-deċiżjoni ta' rifjut tat-tieni lment tiġi kkunsidrata bħala deċiżjoni ġdida li tkun ġiet adottata wara l-eżami mill-ġdid, fid-dawl tat-tieni lment, tad-deċiżjoni ta' rifjut tal-ewwel ilment. Għaldaqstant, it-terminu ta' dekadenza għall-preżentata tar-rikors jibda jiddekorri b'effett mid-data tan-notifika tar-risposta għat-tieni lment.

## 3. Kwistjonijiet proċedurali

### a) Eċċezzjoni ta' inammissibbiltà

Fil-kawża *Domínguez González vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, wara eċċezzjoni ta' inammissibbiltà u ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni mqajma mill-konvenuta, it-Tribunal, għall-ewwel darba, iddeċieda permezz ta' digriet fuq il-ġurisdizzjoni tiegħu u dan wara li organizza seduta, abbażi tad-dispożizzjonijiet ipprovduti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 78(2) tar-Regoli tal-Proċedura, li jipprovdu li l-proċeduri dwar it-talba għal deċiżjoni fuq kwistjoni proċedurali għandhom jitkomplew oralment sakemm it-Tribunal ma jiddeċidix mod ieħor.

### b) Talba għal tneħħija ta' dokumenti

Fis-sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, *Suvikas vs Il-Kunsill,* F-6/07, it-Tribunal ordna li dokumenti mfassla minn membru tal-Kumitat Konsultattiv ta' Għażla, fil-kuntest ta' proċedura tal-għażla, jitneħħew mill-proċess peress li r-rikorrent kien irċeva dawn id-dokumenti mingħand terz li min naħa tiegħu kien ukoll kisibhom b'mod illegali.

## 4. Kawża għal annullament: motiv ibbażat fuq il-ksur tal-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi mqajjem *ex officio*

Fis-sentenza tal-21 ta' Frar 2008, *Putterie-De-Beukelaer vs Il-Kummissjoni,* F-31/07* (li hija s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza), it-Tribunal ikkwalifika l-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi bħala motiv ta' ordni pubbliku. Fil-fatt

* Is-sentenzi mmarkati bi stilla huma tradotti fil-lingwi Uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea

it-Tribunal qies li kien jonqos mill-funzjoni tiegħu ta' garanti tal-legalità jekk ma jirrilevax, anki fin-nuqqas ta' kontestazzjoni mill-partijiet fuq dan il-punt, li d-deċiżjoni kkontestata quddiemu ttieħdet abbażi ta' regola li ma tistax tiġi applikata għall-każ inkwistjoni u jekk, sussegwentement, kellu jiddeċiedi l-kawża quddiemu billi japplika huwa stess tali regola.

*Fuq il-mertu*

Ser jiġu eżaminati l-iktar kontribuzzjonijiet ġurisprudenzjali importanti ta' din is-sena f'dak li jirrigwarda l-prinċipji ġenerali. Wara, skont l-ordni tat-taqsimiet tar-Regolamenti tal-Persunal, id-drittijiet u l-obbligi tal-uffiċjal, il-karriera tal-uffiċjal, l-emolumenti u l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali tal-uffiċjal u, fl-aħħar nett, l-interpretazzjoni tar-RAA.

## 1. Prinċipji ġenerali

### a) Irtirar ta' att amministrattiv illegali

Fis-sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, *Bui Van vs Il-Kummissjoni*, F-51/07* (li hija s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza), it-Tribunal, meta ġie mistoqsi jiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-legalitá tal-irtirar ta' att amministrattiv illegali, speċifika li l-irtirar ta' tali att għandu jseħħ f'terminu raġonevoli, li għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi individwali ta' kull każ, fosthom l-importanza tal-każ għall-persuna kkonċernata, il-kumplessità tal-każ, l-aġir tal-partijiet ikkonċernati, jekk l-att inkwistjoni joħloqx drittijiet suġġettivi jew le kif ukoll il-bilanċ tal-interessi. Bħala regola ġenerali, għandu jiġi kkunsidrat li terminu għall-irtirar li jikkorrispondi għat-terminu ta' tliet xhur biex jintalab rimedju, kif previst mill-Artikolu 91(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, huwa raġonevoli. Meta dan it-terminu japplika għall-amministrazzjoni nfisha, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, bħala l-punt ta' tluq, id-data tal-adozzjoni tal-att li din tal-aħħar bi ħsiebha tirtira.

Barra minn dan, it-Tribunal iddeċieda li d-deċiżjoni ta' rtirar tal-att illegali għandha tittieħed fir-rispett tad-drittijiet tad-difiża tal-uffiċjal ikkonċernat. F'din il-kawża t-Tribunal ikkunsidra li l-ksur tad-dritt għal smiegħ tar-rikorrenti ma setax jaffettwa l-kontenut tal-att ikkontestat u dan sa fejn l-osservazzjonijiet li r-rikorrent ressaq quddiem it-Tribunal ma kienu jinkludu l-ebda informazzjoni addizzjonali meta mqabbla mal-informazzjoni li l-Kummissjoni diġà kellha. Min-naħa l-oħra t-Tribunal iddeċieda li billi kisret id-dritt għal smiegħ tar-rikorrenti, il-Kummissjoni kkommettiet illegalità li tikkostitwixxi żball amministrattiv li jista' jiġġustifika l-attribuzzjoni tar-responsabbiltá.

### b) Eżekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti Komunitarja

Fis-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2008, *Andres et vs BĊE*, F-15/05*, it-Tribunal, fl-Assemblea Plenarja, iddeċieda li meta jkun hemm diffikultajiet partikolari għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' annullament, l-istituzzjoni kkonċernata tista' tieħu kull deċiżjoni li tkun ta' natura tali li tikkumpensa b'mod ekwu l-iżvantaġġi li jkunu esposti għalihom il-persuni kkonċernati mid-deċiżjoni annullata. F'dan il-kuntest, l-amministrazzjoni tista' tibda

diskussjonijiet mal-persuni kkonċernati sabiex tipprova tasal għal ftehim li joffrilhom kumpens ekwu għall-illegalità li tagħha huma kienu vittmi. F'dak li jirrigwarda l-eżekuzzjoni ta' sentenza li kienet iddikjarat li l-aġġustament tas-salarji tal-persunal tal-Bank Ċentrali Ewropew għal sena partikolari kien illegali minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni regolari u b'mod xieraq tal-Kumitat tal-Persunal, it-Tribunal qies bħala soluzzjoni ekwa u raġonevoli l-adozzjoni ta' kompromess li kien jipprovdi, minn naħa, li l-konsultazzjoni tiġi estiża sabiex tkopri wkoll is-snin sussegwenti fejn il-Bank Ċentrali Ewropew kien ukoll naqas mill-obbligu ta' konsultazzjoni tiegħu u kif ukoll li ċerta data aġġornata u kkorreġuta tittieħed inkunsiderazzjoni sa fejn din tkun ta' benefiċċju għall-persunal u, min-naħa l-oħra, li ż-żidiet fis-salarju li jirriżultaw mill-imsemmija konsultazzjoni jiġu estiżi għall-persunal kollu u mhux biss għar-rikorrenti involuti fl-imsemmija kawża, anke jekk diffikultajiet partikolari jipprekludu li l-imsemmija żidiet jingħataw effett retroattiv.

### c) Prinċipju ta' proporzjonalitá

Fis-sentenza tad-9 ta' Settembru 2008, *Smadja vs Il-Kummissjoni*, F-135/07 (li hija s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza), it-Tribunal fakkar li l-effett retroattiv ta' att amministrattiv jista' jikkostitwixxi miżura neċessarja sabiex tiġi ggarantita l-osservanza ta' prinċipju fundamentali, bħal ma huwa l-prinċipju ta' proporzjonalitá. F'din id-deċiżjoni, it-Tribunal ikkonstata li billi ma pprovdietx, mingħajr raġuni valida, li d-deċiżjoni tal-ħatra tar-rikorrenti, li ġiet adottata wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda, għandha tingħata effett retroattiv b'effett mid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ħatra inizjali, li kienet ġiet adottata taħt ir-Regolamenti tal-Persunal il-qodma u annullata permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, u dan sabiex jiġi ggarantit li r-rikorrenti żżomm il-klassifikazzjoni, għola, li hija kellha fil-ġurnata ta' meta ġiet adottata l-imsemmija sentenza, jew inkella billi rrifjutat li, flimkien mad-deċiżjoni kkontestata, tadotta miżuri oħra li setgħu jirrikonċiljaw l-interessi tas-servizz u l-interessi leġittimi tar-rikorrenti, il-Kummissjoni kienet kisret il-prinċipju ta' proporzjonalitá u l-obbligu ta' premura tagħha.

### d) Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba

Fis-sentenza tal-11 ta' Lulju 2008, *Kuchta vs BĊE, F-89/07,* dwar il-legalitá ta' deċiżjoni individwali ta' aġġustament tar-remunerazzjoni ta' membru tal-persunal tal-BĊE, it-Tribunal fakkar li r-regoli ta' amministrazzjoni tajba fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-persunal jeżiġu b'mod partikolari li t-tqassim tal-kompetenzi fi ħdan kull korp jew istituzzjoni Komunitarja għandu jiġi ddefinit b'mod ċar u debitament ippubblikat. It-Tribunal annulla d-deċiżjoni kkontestata wara li kkonstata li ma kienx f'pożizzjoni li jiddetermina la l-awtur tagħha u lanqas l-awtorità li kienet ġiet iddelegata mill-Bord Eżekuttiv sabiex tieħu tali deċiżjoni.

## 2. Drittijiet u obbligi tal-uffiċjal

Fis-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2008, *Q vs Il-Kummissjoni,* F-52/05[*], it-Tribunal interpreta għall-ewwel darba l-Artikolu 12a(3) tar-Regolamenti tal-Persunal li jiddefinixxi l-fastidju psikoloġiku bħala kull imġiba mhux xierqa li ssir tul perijodu, hija ripetittiva jew sistematika u tinvolvi

atteġġamenti, kliem, azzjonijiet u kitbiet li huma intenzjonati u li jistgħu joffendu l-personalità, id-dinjità, jew l-integrità fiżika jew psikoloġika ta' persuna. It-Tribunal ikkunsidra li sabiex jiġi kkonstatat li kien hemm fastidju psikoloġiku fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, mhuwiex meħtieġ li l-imsemmija atteġġamenti, kliem, azzjonijiet jew kitbiet ikunu twettqu bl-intenzjoni li joffendu l-personalità, id-dinjità, jew l-integrità fiżika jew psikoloġika tal-persuna kkonċernata. Huwa biżżejjed li l-imsemmija mġiba tkun wasslet, oġġettivament, għal tali konsegwenzi.

## 3. Karriera tal-uffiċjal

### a) Reklutaġġ

It-Tribunal kellu l-opportunità jispeċifika l-portata ta' diversi regoli li japplikaw fil-qasam tal-kompetizzjonijiet.

Fis-sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, *Pascual-Garcia vs Il-Kummissjoni,* F-145/06, it-Tribunal speċifika li l-fatt li attivitajiet ta' riċerka setgħu kienu ta' natura li jiżviluppaw il-formazzjoni tal-kandidat u ta' natura li jippermettulu jikseb, sussegwentement, it-titolu ta' duttur, ma jistax, bħala tali, jipprekludi l-klassifikazzjoni tagħhom bħala esperjenza professjonali fis-sens tal-avviż ta' kompetizzjoni.

Fis-sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, *Coto Moreno vs Il-Kummissjoni,* F-127/07, it-Tribunal iddeċieda li l-evalwazzjonijiet li jagħmel bord tal-għażla meta jevalwa l-konoxxenzi u l-idoneità tal-kandidati mhumiex suġġetti għall-istħarriġ ġudizzjarju. Dan ma japplikax għall-konkordanza tal-marka mal-evalwazzjonijiet litterali tal-bord tal-għażla. Fil-fatt, din il-konkordanza, li tiggarantixxi t-trattament ugwali tal-kandidati, hija waħda mir-regoli li jirregolaw ix-xogħol tal-bord tal-għażla u li l-qorti għandha tivverifika jekk ikunux ġew osservati. Barra minn hekk, il-konkordanza tal-marka u tal-evalwazzjoni litterali tista' tkun is-suġġett ta' stħarriġ min-naħa tal-qorti Komunitarja li jkun indipendenti minn dak tal-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-kandidati magħmula mill-bord tal-għażla, li l-qorti Komunitarja tirrifjuta li teżerċita, bil-kundizzjoni li l-istħarriġ tal-konkordanza jkun limitat għall-verifika tan-nuqqas ta' inkoerenza manifesta.

Fis-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2008, *Meierhofer vs Il-Kummissjoni,* F-74/07*, it-Tribunal speċifika, fir-rigward tal-obbligu ta' motivazzjoni ta' deċiżjoni ta' bord tal-għażla dwar eżami orali, li l-fatt li lill-kandidat tintbagħat biss nota individwali ta' eliminazzjoni mhux dejjem jikkostitwixxi, indipendentement miċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ inkwistjoni, motivazzjoni suffiċjenti. F'din il-kawża t-Tribunal osserva li r-rifjut tal-konvenuta li tosserva ċerti miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura kellu bħala konsegwenza li huwa ma setax jeżerċita l-istħarriġ tiegħu b'mod sħiħ.

### b) Evalwazzjoni

Fis-sentenza tas-6 ta' Marzu 2008, *Skareby vs Il-Kummissjoni,* F-46/06 (li hija s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza), it-Tribunal fakkar li mir-raba' paragrafu tal-Artikolu 8(5) tad-dispożizzjonijiet ġenerali għall-implementazzjoni tal-Artikolu 43 tar-Regolamenti

tal-Personal adottati mill-Kummissjoni jirriżulta li l-amministrazzjoni hija obbligata li tiffissa, fil-konfront ta' persuna impjegata, objettivi u kriterji ta' evalwazzjoni. Skont din id-dispożizzjoni, id-diskussjoni formali li tinżamm bejn l-evalwatur u l-persuna impjegata fil-bidu ta' kull proċedura ta' evalwazzjoni għandha tkun tirrigwarda mhux biss l-evalwazzjoni tar-rendiment tal-imsemmija persuna impjegata matul il-perijodu ta' referenza, iżda għandha wkoll tittratta l-iffissar tal-objettivi għas-sena ta' wara l-perijodu ta' referenza. Dawn l-objettivi jikkostitwixxu l-bażi ta' referenza għall-evalwazzjoni tar-rendiment.

## c) Promozzjoni

Permezz ta' erba' sentenzi tal-31 ta' Jannar 2008 *(Buendía Sierra vs Il-Kummissjoni,* F-97/05, *Di Bucci vs Il-Kummissjoni,* F-98/05, *Wilms vs Il-Kummissjoni,* F-99/05, u *Valero Jordana vs Il-Kummissjoni,* F-104/05), it-Tribunal iddeċieda li peress li r-Regolament Nru 723/2004, li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej, ma kienx jipprovdi dispożizzjonijiet li jidderogaw mill-prinċipju li r-regoli l-ġodda għandhom japplikaw immedjatament, l-Artikolu 45(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, kif emendat minn dan ir-regolament, kien japplika immedjatament b'effett mid-dħul fis-seħħ tal-imsemmi regolament. Konsegwentement, il-Kummissjoni kienet legalment prekluża milli tapplika, f'Novembru tal-2004, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 45(1) tar-Regolamenti tal-Persunal il-qodma, li kienu ġew imħassra minn dan ir-regolament, sabiex tadotta d-deċiżjoni li tiffissa n-numru totali ta' punti ta' mertu ta' uffiċjal abbażi tal-proċedura ta' promozjoni 2004 u d-deċiżjoni li huwa ma jingħatax promozzjoni abbażi ta' din l-aħħar proċedura.

Permezz ta' erba' sentenzi tal-11 ta' Diċembru 2008 fil-kawżi *Collotte vs Il-Kummissjoni,* F-58/07, *Dubus u Leveque vs Il-Kummissjoni,* F-66/07, *Evraets vs Il-Kummissjoni*, F-92/07, u *Acosta Iborra et vs Il-Kummissjoni,* F-93/07, it-Tribunal ikkonstata li l-Artikolu 45(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, li jirrigwarda l-obbligu li l-uffiċjal juri, qabel l-ewwel promozzjoni tiegħu, l-abbiltà li jaħdem bit-tielet lingwa, ma setax jiġi applikat qabel id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet komuni ta' eżekuzzjoni msemmija fl-istess Artikolu 45(2).

## d) Struttura l-ġdida tal-karrieri

### i) Fattur ta' moltiplikazzjoni

Is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2008, *Lafili vs Il-Kummissjoni,* F-22/07 (li hija s-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza), tirrigwarda b'mod partikolari l-interpretazzjoni tar-raba' sentenza tal-Artikolu 7(7) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, fir-rigward tal-effetti li jista' jkun hemm fuq ir-remunerazzjoni tal-uffiċjali rreklutati qabel l-1 ta' Mejju 2004 minħabba l-bdil fl-ismijiet tal-gradi. Din is-sentenza, pjuttost teknika, tiffavorixxi interpretazzjoni konformi mal-prinċipju li r-regoli l-ġodda, f'dan il-każ ir-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal, għandhom japplikaw immedjatament. It-Tribunal iddeċieda, b'mod partikolari, li l-"miżuri ta' tranżizzjoni għandhom, min-natura tagħhom stess, ikollhom bħala għan li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni minn leġiżlazzjoni preċedenti lejn leġiżlazzjoni ġdida, filwaqt li jipproteġu d-drittiiet miksuba, mingħajr ma madankollu

jżommu, favur kategorija ta' uffiċjali, l-effetti tal-leġiżlazzjoni l-qadima fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li għandhom jinħolqu fil-futur, bħal pereżempju l-avvanzament għal skala għola fil-kuntest tal-istruttura l-ġdida tal-karrieri". It-Tribunal ikkunsidra wkoll li "fil-każ ta' dispożizzjonijiet li l-artikolazzjoni tagħhom tkun ekwivoka u li jistgħu jagħtu lok għal iktar minn interpretazzjoni waħda, bħad-dispożizzjonijiet li japplikaw għal din il-kawża, għandha tingħata preferenza għall-interpretazzjoni li tipperemetti li tiġi evitata tali differenza fit-trattament bejn l-uffiċjali".

ii) Proċedura ta' ċertifikazzjoni

Fis-sentenza *Putterie-De-Beukelaer vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, it-Tribunal ikkonstata li l-proċeduri ta' evalwazzjoni u ta' ċertifikazzjoni, iddefiniti rispettivament mid-dispożizzjonijiet ġenerali għall-implementazzjoni tal-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Personal adottati mill-Kummissjoni u mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli għall-implementazzjoni tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni, huma distinti u huma bbażati fuq regoli differenti. F'dan ir-rigward, għalkemm il-validatur għandu l-kompetenza sabiex jadotta r-rapport tal-iżvilupp tal-karriera, sakemm ir-rapport ma jkunx ġie modifikat mill-evalwatur tal-appell, hija l-Awtorità li għandha tiddeċiedi, f'kull stadju tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni, fuq il-kandidaturi għaċ-ċertifikazzjoni. B'mod partikolari, hija l-imsemmija awtorità, u għalhekk awtorità differenti mill-validatur tal-proċedura ta' evalwazzjoni, li għandha tevalwa, abbażi tar-rapporti tal-iżvilupp tal-karriera disponibbli, l-esperjenza u l-mertu tal-kandidati għaċ-ċertifikazzjoni.

Fis-sentenza tal-21 ta' Frar 2008, *Semeraro vs Il-Kummissjoni,* F-19/06, it-Tribunal speċifika li l-punt 1.1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Mejju 2005 dwar il-kriterji ta' klassifikazzjoni fir-rigward tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni 2005, li jipprovdi li sabiex l-isem ta' uffiċjal jiġi inkluż fil-lista tal-uffiċjali ammessi għaċ-ċertifikazzjoni, il-potenzjal tal-uffiċjal inkwistjoni għandu jkun ġie rrikonoxxut fir-rapport tiegħu tal-iżvilupp tal-karriera, jeċċedi l-limiti tal-awtorità mogħtija li tipprovdi li, sabiex jiġu stabbiliti l-listi tal-uffiċjali ammessi għaċ-ċertifikazzjoni, hija l-Awtorità li, fuq parir tal-Kumitat Konġunt għall-proċedura ta' ċertifikazzjoni, għandha tiddeċiedi l-valur tal-kriterji u l-importanza tagħhom.

## 4. Emolumenti u benefiċċji tas-sigurtà soċjali tal-uffiċjal

Fis-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2008, *Baniel-Kubinova et vs Il-Parlament,* F-131/07, it-Tribunal iddeċieda li peress li l-membri tal-persunal temporanju u/jew awżiljarju bbenefikaw mill-allowance ta' kuljum u, iktar tard, parzjalment jew kompletament, mill-allowance ta' installazzjoni (abbażi ta' dikjarazzjonijiet li jiċċertifikaw it-trasferiment tal-post ta' residenza abitwali tagħhom lejn il-post tal-impjieg tagħhom), ma jistgħux, sussegwentement, meta dawn jiġu ingaġġati bħala uffiċjali taħt prova fl-istess post tal-impjieg, jerġgħu jitolbu l-allowance ta' kuljum. Fil-fatt, l-allowance ta' kuljum hija rriżervata għall-uffiċjali u l-membri tal-persunal li jkollhom ibiddlu l-post tar-residenza tagħhom sabiex jissodisfaw l-obbligi imposti mill-Artikolu 20 tar-Regolamenti tal-Persunal, u din hija kundizzjoni li r-rikorrenti

ma kinux jissodisfaw peress li huma kienu diġà biddlu l-post tar-residenza tagħhom, hekk kif kienu ddikjaraw sabiex jibbenefikaw mill-allowance ta' installazzjoni.

## 5. Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej

### a) Klassifikazzjoni fil-grad ta' membru tal-persunal bil-kuntratt

Fis-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2008, *Reali vs Il-Kummissjoni,* F-136/06, it-Tribunal speċifika li d-Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin, m'għandhiex l-effett li tillimita s-setgħa diskrezzjonali li istituzzjoni għandha meta tipparaguna l-valur rispettiv tad-diplomi fil-kuntest tal-politika ta' reklutaġġ tagħha. Fis-sistema pprovduta mid-Direttiva 89/48, il-paragun tad-diplomi jsir sabiex jiġu stabbiliti r-rekwiżiti, meħtieġa mid-diversi Stati Membri, għall-aċċess għal ċerti attivitajiet professjonali regolati. Din l-evalwazzjoni m'għandhiex tiġi mfixkla mal-evalwazzjoni tal-valur universitarju rispettiv tat-titoli miksuba fid-diversi Stati Membri li ssir sabiex jiġi ddeterminat il-grad marbut ma' impjieg fi ħdan istituzzjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

### b) Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2004 dwar it-terminu massimu ta'rikors għall-persunal mhux permanenti fis-servizzi tal-Kummissjoni

Fis-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2008, *Joseph vs Il-Kummissjoni,* F-54/07, it-Tribunal speċifika, fir-rigward tad Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' April 2004 dwar it-terminu massimu tar-rikors għall-persunal mhux permanenti fis-servizzi tal-Kummissjoni, li, billi impona, skont l-Artikolu 85(1) tar-RAA, limitu massimu ta' ħames snin, kemm għall-konklużjoni kif ukoll għat-tiġdid tal-kuntratti ta' membri tal-persunal bil-kuntratt, il-leġiżlatur ma pprojbixxiex lill-istituzzjonijiet milli jikkonkludu jew iġeddu dawn it-tip ta' kuntratti, abbażi tal-Artikolu 3a tal-imsemmija kundizzjonijiet, għal perijodu iqsar, dejjem sakemm jiġi osservat il-perijodu minimu pprovdut fl-Artikolu 85(1) tar-RAA (jiġifieri sitta jew disa' xhur skont il-każ). Madankollu istituzzjoni ma tistax, mingħajr ma tikser din l-aħħar dispożizzjoni, tillimita b'mod ġenerali u impersonali, f'dan il-każ permezz ta' dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni jew permezz ta' deċiżjoni interna ta' portata ġenerali, il-perijodu massimu possibbli ta' ingaġġ tal-membri tal-persunal bil-kuntratt, hekk kif ġie stabbilit mil-leġiżlatur innifsu.

## *Fuq l-ispejjeż*

### 1. Kawżi mressqa qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal

F'diversi okkażjonijiet it-Tribunal applika l-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza li, skont l-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/752/KE, Euratom, tat-2 ta' Novembru 2004, li tistabbilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 333, p. 7), huwa applikabbli mutatis mutandis sakemm jidħlu fis-seħħ ir-Regoli

tal-Proċedura tat-Tribunal. Għaldaqstant, fis-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2008, *Islamaj vs Il-Kummissjoni,* F-84/07, it-Tribunal iddeċieda li jaqsam l-ispejjeż bejn il-partijiet minħabba raġunijiet eċċezzjonali, filwaqt li fis-sentenzi *Bui Van vs Il-Kummissjoni* u *Lafili vs Il-Kummissjoni,* iċċitati iktar 'il fuq, it-Tribunal iddeċieda li jaqsam l-ispejjeż bejn il-partijiet minħabba li l-partijiet kienu telliefa rispettivament fuq kap jew iktar tat-talbiet tagħhom.

Għandu wkoll jiġi osservat li, f'kawża fejn it-Tribunal ikkonstata li ma kienx hemm lok għal deċiżjoni dwar il-kawża, ċirkustanza fejn l-imħallef jista' jiddeċiedi liberament dwar l-ispejjeż, skont l-Artikolu 87(6) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li japplika *mutatis mutandis,* il-konvenuta ġiet ikkundannata għall-ispejjeż kollha sostnuti mir-rikorrenti (Digriet tal-1 ta' Frar 2008, *Labate vs Il-Kummissjoni,* F-77/07). Fil-fatt, it-Tribunal ħa inkunsiderazzjoni, minn naħa, iċ-ċirkustanza li l-Kummissjoni ma kinitx wieġbet għall-ilment magħmul mir-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, il-fatt li, billi rtirat id-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kienet impliċitament irrikonoxxiet li l-proċedura ta' adozzjoni ta' din id-deċiżjoni ma kinitx lil hinn mill-kritika, u b'dan il-mod ikkontribwixxiet sabiex il-kwistjoni titressaq quddiem il-qorti Komunitarja.

## 2. Kawżi mressqa wara d-dħul fis-seħħ tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal

Waħda min-novitajiet importanti li ġab miegħu d-dħul fis-seħħ tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal, fl-1 ta' Novembru 2007, tirrigwarda s-sistema tal-ispejjeż. Skont l-Artikolu 87(1) ta' dawn ir-regoli tal-proċedura, il-parti telliefa għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Skont l-Artikolu 87(2) tal-istess Regoli, jekk ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' ekwità, it-Tribunal jista' jiddeċiedi li parti telliefa għandha tiġi kkundannata tbati biss parti mill-ispejjeż, jew saħansitra li hija ma jkollhiex tiġi kkundannata f'dan ir-rigward.

Fis-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2008, *Blais vs BĊE,* F-6/08, it-Tribunal applika għall-ewwel darba d-dispożizzjoni relatata mal-ekwità, ipprovduta fl-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal, billi ddeċieda li, minkejja li r-rikorrenti kienet telliefa, kien hemm lok li hija tbati biss, minbarra l-ispejjeż tagħha, nofs l-ispejjeż sostnuti mill-konvenut. It-Tribunal qies li ma kienx ikun ekwu li r-rikorrenti tbati l-ispejjeż kollha sostnuti mill-konvenut minħabba, l-ewwel nett, iċ-ċirkustanza li seta' jiġi meqjus li kien parzjalment minħabba l-aġir tal-konvenut li kienet tressqet il-kawża, it-tieni nett, l-importanza ekonomika tal-kawża għar-rikorrenti, it-tielet nett, il-fatt li l-argumenti tar-rikorrenti ma kinux invalidi, ir-raba' nett, is-sitwazzjoni personali tar-rikorrenti u, fl-aħħar nett, iċ-ċirkustanza li l-ammont tal-ispejjeż li jistgħu jiġu imposti fuq ir-rikorrenti kien għola minn dak tal-parti l-kbira tal-kawżi mressqa quddiem it-Tribunal u dan minħabba l-fatt li l-konvenut kien għażel li mhux biss ikun irrappreżentat mill-membri tal-persunal tiegħu iżda wkoll minn avukat.

Fid-digriet tal-10 ta' Lulju 2008, *Maniscalco vs Il-Kummissjoni,* F-141/07, it-Tribunal speċifika li talba intiża sabiex l-ispejjeż jiġu deċiżi skont il-liġi ma tistax tiġi kkunsidrata bħala talba intiża sabiex il-parti telliefa tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

Fl-aħħar nett, ta' min isemmi li fid-Digriet tal-25 ta' Novembru 2008, *Iordanova vs Il-Kummissjoni,* F-53/07, it-Tribunal applika l-Artikolu 98(4) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal, li jipprovdi li meta l-parti li tibbenefika mill-għajnuna legali titlef, it-Tribunal jista', jekk dan huwa meħtieġ għal raġunijiet ta' ekwità, fid-deċiżjoni dwar l-ispejjeż meta

jaqta' l-kawża, jordna li waħda jew iktar mill-partijiet l-oħra jbatu l-ispejjeż tagħhom jew li l-ispejjeż kollha jew parti minnhom jitħallsu mill-Kaxxier tat-Tribunal bħala għajnuna legali

## II. Talbiet għal miżuri provviżorji

Fl-2008 ġew miċħuda erba' talbiet għal miżuri provviżorji u dan minħabba n-nuqqas ta' urġenza tal-miżuri mitluba, li huma ddefiniti minn ġurisprudenza kostanti bħala miżuri li għandhom jinħarġu u jipproduċu l-effetti tagħhom qabel id-deċiżjoni prinċipali sabiex jiġi evitat dannu gravi u irreparabbli għall-interessi tar-rikorrenti (digrieti tal-President tat-Tribunal tat-30 ta' Jannar 2008, *S vs Il-Parlament,* F-64/07 R, tal-25 ta' April 2008, *Bennett et vs UASI,* F-19/08 R, tat-3 ta' Lulju 2008, *Plasa vs Il-Kummissjoni,* F-52/08 R, u tas-17 ta' Diċembru 2008, *Wenig vs Il-Kummissjoni,* F-80/08 R).

Fid-digriet *Wenig vs Il-Kummissjoni,* iċċitat iktar 'il fuq, ġie b'mod partikolari mfakkar li l-miżuri għandhom ikunu ta' natura provviżorja fis-sens li dawn m'għandhomx ikunu ta' preġudizzju għad-deċiżjoni fuq il-mertu. Fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-interessi inkwistjoni, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura irreversibbli ta' eventwali sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u t-talba tar-rikorrenti għandha tintlaqa' biss jekk l-urġenza tal-miżura mitluba tkun inkontestabbli.

## III. Talbiet għal għajnuna legali

Wara d-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Mejju 2008, tal-istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet, kull talba għal għajnuna legali għandha titressaq permezz ta' formola obbligatorja li tinkludi linji gwida li min iressaq it-talba għandu jsegwi.

Matul l-2008 ġew adottati seba' digrieti li jiddeċiedu dwar talbiet għal għajnuna legali. Ħlief għat-talba mressqa fil-kawża *Kaminska vs Il-Kumitat tar-Reġjuni,* F-142/07 AJ, fejn it-talba għal għajnuna legali ntlaqgħet, it-talbiet l-oħra ġew miċħuda minħabba l-fatt li min ressaq it-talba ma kienx, jew ma weriex li kien, f'pożizzjoni li ma setax, minħabba s-sitwazzjoni ekonomika tiegħu, ikopri totalment jew parzjalment l-ispejjeż konnessi mal-assistenza u mar-rappreżentazzjoni legali.

Fid-digrieti li jiċħdu t-talbiet għal għajnuna legali, ġie b'mod partikolari mfakkar li t-tieni paragrafu l-Artikolu 95(2) tar-Regoli tal-Proċedura jispeċifika li s-sitwazzjoni ekonomika ta' min jagħmel it-talba għandha tiġi evalwata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni elementi oġġettivi bħad-dħul, il-kapital u s-sitwazzjoni familjari. Ġie mfakkar ukoll li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 96(2) tal-imsemmija regoli, flimkien mat-talba għal għajnuna legali għandu jkun hemm l-informazzjoni u d-dokumenti kollha li jippermettu li tiġi evalwata s-sitwazzjoni ekonomika ta' min jagħmel it-talba, bħal ċertifikat mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jagħti prova ta' din is-sitwazzjoni ekonomika.

# B – Kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku



(Ordni protokollari fil-31 ta' Diċembru 2008)

*Mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin H. Tagaras u H. Kreppel; il-President ta' awla H. Kanninen; il-President P. Mahoney; il-President ta' awla S. Gervasoni; l-Imħallfin I. Boruta u S. Van Raepenbusch; ir-Reġistratur W. Hakenberg.

# 1. Membri tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

*(skont id-dħul tagħhom fil-kariga)*



**Paul J. Mahoney**

Imwieled fl-1946; studji fil-liġi (Master of Arts, Università ta' Oxford, 1967; Master of Laws, University College London, 1969); Lecturer, University College London (1967-1973); Barrister (Londra, 1972-1974); Amministratur, Amministratur Prinċipali mal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (1974-1990); Visiting Professor fl-Università ta' Saskatchewan, Saskatoon, Kanada (1988); Kap tal-persunal mal-Kunsill tal-Ewropa (1990-1993); Kap ta' Diviżjoni (1993-1995), Deputat Reġistratur (1995-2001), Reġistratur fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (2001-Settembru 2005); President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005.



**Horstpeter Kreppel**

Imwieled fl-1945; studji universitarji f'Berlin, f'Munich, fi Frankfurt am Main (1966-1972); l-ewwel eżami tal-Istat (1972); Maġistrat trainee fi Frankfurt am Main (1972-1973 u 1974-1975); Collège d'Europe fi Bruges (1973-1974); it-tieni eżami tal-Istat (Frankfurt am Main, 1976); impjegat mal-Uffiċċju Federali dwar l-impjieg u Avukat (1976); Imħallef fit-Tribunal industrijali (Land ta' Hesse, 1977-1993); Lecturer fil-Fachhochschule für Sozialarbeit ta' Frankfurt am Main u fil-Verwaltungsfachhochschule ta' Wiesbaden (1979-1990); espert nazzjonali fis-servizz legali tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1993-1996 u 2001-2005); Attaché għall-affarijiet soċjali fl-Ambaxxata tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja f'Madrid (1996-2001); Imħallef fit-Tribunal Industrijali ta' Frankfurt am Main (Frar-Settembru 2005); Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005.



## Irena Boruta

Imwielda fl-1950; gradwat fil-liġi mill-Università ta' Wrocław (1972), Dottorat fil-liġi (Łodz 1982); Avukat fil-Qrati tar-Repubblika tal-Polonja (mill-1977); Visiting researcher (Università ta' Paris X, 1987-1988; Università ta' Nantes, 1993-1994); esperta ma' "Solidarnosc" (1995-2000); Professur tad-Dritt Industrijali u tad-Dritt Soċjali Ewropew fl-Università ta' Łodz (1997-1998 u 2001-2005), Professur Assoċjat fl-Iskola Superjuri tal-Kummerċ ta' Varsavja (2002), Professur tad-Dritt Industrijali u tad-Dritt tas-Sigurtà Soċjali fl-Università Kardinal Stefan Wyszynski f'Varsavja (2002-2005); Deputat Ministru għax-Xogħol u Affarijiet Soċjali (1998-2001); Membru tal-Kumitat tan-negozjaturi għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Polonja mal-Unjoni Ewropea (1998-2001); Rappreżentanta tal-Gvern Pollakk fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (1998-2001); awtriċi ta' diversi kotba fuq id-Dritt Industrijali u fuq id-Dritt Soċjali Ewropew; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005.



